ISSN 1725-5198

Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

C 257

Volum 51

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

9 ta' Ottubru 2008

Avviż Nru	Werrej	Paġna

III *Atti preparatorji*

KUMITAT TAR-REĠJUNI

75 Sessjoni Plenarja tiegħu li nżammet fit-18 u d-19 ta' Ġunju 2008

2008/C 257/01	Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "l-Inklużjoni attiva"	1
2008/C 257/02	Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Is-sena Ewropea għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali (2010)"	6
2008/C 257/03	Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Ir-Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali (REKT): Impetu ġdid għall-kooperazzjoni territorjali fl-Ewropa"	15
2008/C 257/04	Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Approċċ globali għall-immigrazzjoni: L-iżvilupp ta' politika ewropea dwar l-immigrazzjoni tal-ħaddiema fil-qafas tar-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi"	20
2008/C 257/05	Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Dokument ta' Ħidma 2007-2010 li jikkonċerna l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR)"	26
2008/C 257/06	Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Il-Multilingwiżmu"	30
2008/C 257/07	Opinjoni fuq inizjattiva proprja tal-Kumitat tar-Reġjuni "Għal Green Paper — Lejn politika ta' l-Unjoni Ewropea għar-Reġjuni Muntanjużi: Viżjoni Ewropea għar-Reġjuni Muntanjużi"	36
2008/C 257/08	Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija"	41
2008/C 257/09	Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Is-sena Ewropea tal-kreattività u l-innovazzjoni (2009)"	46
2008/C 257/10	Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Il-Pakkett ta' riformi tat-telekomunikazzjonijiet"	51

MT

Prezz: 18 EUR

(Ikompli fil-paġna ta' wara)

Avviż Nru	Werrej (ikompli)	Paġna
2008/C 257/11	Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Il-Pjan ta' azzjoni dwar it-tagħlim lill-adulti — It-tagħlim dejjem żmienu"	70
2008/C 257/12	Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Il-Clusters u l-Politika tal-Clusters"	76

Nota lill-qarrej (Ara paġna 3 tal-qoxra)

MT

III

(Atti preparatorji)

KUMITAT TAR-REĠJUNI

75 SESSJONI PLENARJA TIEGĦU LI NŻAMMET FIT-18 U D-19 TA' ĠUNJU 2008

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "l-Inklużjoni attiva"

(2008/C 257/01)

Il-KUMITAT TAR-REĠJUNI huwa tal-fehma li:

— għal politika mill-aqwa ta' inklużjoni attiva hemm bżonn ta' raba' pilastru b'ambitu trasversali: il-parteċipazzjoni soċjali;

— l-integrazzjoni attiva (it-tieni pilastru) hija l-iktar element importanti ta' l-inklużjoni attiva. L-inklużjoni attiva tistrieħ fuq il-"Prinċipju ta' Xogħol l-Ewwel": kull ċittadin mingħajr impjieg għandu jiġi integrat fix-xogħol jew fl-edukazzjoni;

— taħlita koerenti ta' politiki għandha għalhekk tiġi żviluppata u mwettqa primarjament fil-livell reġjonali u lokali. L-intrapriżi u l-imsieħba soċjali, bħala atturi ewlenin f'dan il-qasam, jerfgħu l-ikbar responsabilità fl-ambitu tal-ħolqien ta' impjieg, f'kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet lokali u reġjonali;

— it-tifsira ta' dħul suffiċjenti m'hijiex l-istess f'kull pajjiż, reġjun jew komunità lokali. L-appoġġ għad-dħul għandu jitqies bħala biżżejjed jekk jiġi miġġieled il-faqar strutturali. Dan il-livell jista' jiġi definit bħala "suffiċjenti". Huwa impossibbli li tiġi fformulata regola ġenerali dwar il-livell *finanzjarju* li jikkostitwixxi suffiċjenza għall-UE kollha kemm hi. L-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali huma responsabbli kollha flimkien għal politika li toffri appoġġ għad-dħul xieraq. Fil-livell ta' l-UE dan għandu jiġi diskuss fi ħdan il-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni;

— għal reġjuni u bliet fl-Ewropa li huma soċjalment u ekonomikament żvantaġġati, l-implimentazzjoni ta' taħlitiet ta' politiki favur l-aħjar prattika fir-rigward l-inklużjoni attiva għaċ-ċittadini l-iktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol tirrikjedi appoġġ finanzjarju mill-UE. Għaldaqstant, il-baġit tal-Fondi Strutturali għall-awtoritajiet lokali u reġjonali għandu jkun direttament aċċessibbli għal politiki favur l-inklużjoni attiva;

— l-impjieg soċjali, issussidjat jew protett, l-intrapriżi u l-kooperattivi soċjali huma strumenti li jistgħu jaqdu rwol importanti fit-taħlita ta' politiki fil-livell lokali u reġjonali. Dawn l-intrapriżi m'għandhomx jiġu ġġudikati skond ir-regoli normali dwar il-kompetizzjoni fis-suq Ewropew (per eżempju, huma meħtieġa regoli inqas stretti fir-rigward ta' l-akkwist pubbliku u l-għajnuna ta' l-istat).

Rapporteur: Henk KOOL (NL/PSE), Viċi-Sindku ta' Den Haag, l-Olanda

Dokument ta' referenza

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — *L-immodernizzar tal-ħarsien soċjali għal aktar ġustizzja soċjali u koeżjoni ekonomika: titmexxa 'l quddiem l-inklużjoni attiva tan-nies l-iktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol*

COM(2007) 620 finali

RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA

Kummenti ġenerali

1. Fl-2006, fil-25 pajjiż tal-Komunità Ewropea, 80 miljun ruħ (16 fil-mija tal-popolazzjoni) kienu fil-periklu tal-faqar. L-inklużjoni attiva u l-ġlieda kontra l-faqar jiddipendu bil-qawwi mill-integrazzjoni tal-persuni li huma l-iktar 'il bogħod mis-suq tax-xogħol. Il-persistenza ta' għadd kbir ta' nies li qegħdin fir-riskju tal-faqar u esklużi mis-suq tax-xogħol tirrappreżenta sfida li ma nistgħux naħarbu minnha għall-objettiv tal-koeżjoni soċjali fit-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea.

2. Il-Kummissjoni Ewropea ressqet tliet pilastri għat-tisħiħ ta' l-inklużjoni attiva tal-persuni li huma l-iktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol: 1) għajnuna għad-dħul adegwata u suffiċjenti, 2) integrazzjoni attiva, 3) servizzi soċjali ta' kwalità għolja.

3. Għal politika mill-aqwa ta' inklużjoni attiva hemm bżonn ta' raba' pilastru b'ambitu trasversali: il-parteċipazzjoni soċjali.

4. L-inklużjoni attivi titlob għal approċċ integrat u komprensiv lejn l-erba' pilastri.

5. L-integrazzjoni attiva (it-tieni pilastru) hija l-iktar element importanti ta' l-inklużjoni attiva. L-inklużjoni attiva tistrieħ fuq il-"Prinċipju ta' Xogħol l-Ewwel": kull ċittadin mingħajr impjieg għandu jiġi integrat fix-xogħol jew fl-edukazzjoni. L-ewwel (għajnuna għad-dħul adegwata u suffiċjenti) u t-tielet pilastru (servizzi soċjali ta' kwalità għolja) huma elementi ta' appoġġ. Ir-raba' pilastru (il-parteċipazzjoni soċjali) huwa l-għażla aħħarija fil-politika favur l-inklużjoni attiva. Ċittadini li m'humiex kapaċi jaħdmu għandhom jiġu megħjuna bid-dħul u miżuri oħrajn sabiex jipparteċipaw fis-soċjetà. Naqblu mal-Kummissjoni li dawn il-pilastri jsawru approċċ integrat u komprensiv. Għaldaqstant, kull awtorità għandha taħdem għall-aħjar bilanċ bejn l-assistenza soċjali, is-servizzi soċjali, is-servizzi tal-komunità kif ukoll l-inċentivi finanzjarji u mhux finanzjarji tax-xogħol.

6. L-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali u reġjonali tagħhom huma responsabbli primarjament għal strateġija u politika favur l-inklużjoni attiva. Iżda sabiex jiġu stimolati l-iżvilupp u l-iskambju ta' dawn il-politiki, għandhom jiġu ppreżentati prinċipji komuni konformi ma' l-objettiv ta' koeżjoni soċjali ta' l-UE.

7. Il-parteċipanti ewlenin fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki huma l-awtoritajiet lokali u reġjonali. Ir-rwol ta' l-UE huwa wieħed ta' appoġġ. Id-definizzjoni ta' politika komprensiva ta' inklużjoni attiva hija proporzjonali u bbażati fuq il-prinċipju tas-sussidjarjetà.

8. L-erba' pilastri (l-għajnuna għad-dħul, il-politika ta' inklużjoni attiva, l-aċċess għal servizzi soċjali ta' kwalità għolja u l-parteċipazzjoni soċjali) huma kollha marbutin ma' xulxin u għalhekk għandhom isaħħu 'l xulxin. Għal kull reġjun, grupp fil-mira u persuna individwali kkonċernata, hija meħtieġa taħlita mill-aqwa ta' politiki bejn dawn l-erba' pilastri. Il-politiki ta' inklużjoni attiva huma magħmula apposta sabiex jippermettu differenzi bejn il-gruppi fil-mira u persuni individwali. Skond il-mudell ekonomiku nazzjonali, l-importanza relattiva ta' dawn l-erba' pilastri u l-istrumenti ta' politika magħżula f'kull pilastru jistgħu jvarjaw bejn l-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali u reġjonali.

9. Ir-riżultati tal-politiki sabiex jiġu integrati dawk in-nies l-iktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol jinħassu l-iktar mill-gvernijiet reġjonali u lokali. Iġarrbu wkoll il-konsegwenzi tan-nuqqasijiet f'dawn il-politiki fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali jew Ewropew. Taħlita koerenti ta' politiki għandha għalhekk tiġi żviluppata u mwettqa primarjament fil-livell reġjonali u lokali. L-awtoritajiet lokali u reġjonali jafu ċ-ċirkustanzi lokali, il-karatteristiċi tas-suq tax-xogħol u l-entitajiet kollha li jistgħu jaqdu rwol ewlieni fl-implimentazzjoni ta' approċċ komprensiv lejn l-integrazzjoni attiva.

10. Għaldaqstant, l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom joħolqu sħubijiet effettivi ma' awtoritajiet pubbliċi oħrajn, intrapriżi privati, imsieħba soċjali, NGOs u rappreżentanti ta' klijenti oħrajn sabiex tiġi implimentata taħlita ta' politiki li hija koerenti.

11. L-awtoritajiet lokali u reġjonali jeħtieġu ħafna libertà politika sabiex jiżviluppaw u jimplimentaw politiki bħal dawn, li għandhom jitfasslu u jiġu implimentati f'kooperazzjoni ma' korpi pubbliċi u privati oħrajn. Il-politiki Ewropej u nazzjonali (politika fiskali, immigrazzjoni, edukazzjoni, kuntratti tax-xogħol, eċċ.) għandhom jitfasslu apposta u jkunu konsistenti mal-ħtiġijiet ta' l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika lokali u reġjonali.

12. Għandu jiġi eliminat kull tixkil u konġestjoni kkawżati mil-leġislazzjoni u l-prattiki Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali.

Integrazzjoni attiva

13. L-iktar strument importanti għall-inklużjoni attiva huwa t-titjib ta' l-integrazzjoni attiva. Sabiex jiġu inklużi l-individwi kollha, huwa meħtieġ approċċ kompensiv lejn l-integrazzjoni attiva. Għal kull reġjun, grupp u individwu ta' mira hija meħtieġa wkoll taħlita integrata ta' politiki. Il-gvernijiet reġjonali u lokali huma l-parteċipanti ewlenin fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' dawn it-taħlitiet koerenti ta' politika ma' l-imsieħba tagħhom (per eżempju l-gvernijiet nazzjonali, dawk li jħaddmu, awtoritajiet pubbliċi oħrajn, NGOs). L-essenza ta' taħlita komprensiva u integrata ta' politiki hija fl-eliminazzjoni tal-konġestjoni għall-ikbar ammont ta' nies possibbli sabiex jiġu integrati fis-suq tax-xogħol. Dan jista' jsir billi jingħataw parir, gwida u taħriġ għal impjieg imħallas u bil-ħolqien ta' impjiegi għal gruppi protetti. L-impjieg protett ifisser impjieg għal dawk li jkunu għadhom mhux lesti biex jidħlu f'impjieg regolari mill-ewwel.

14. Politika mill-aqwa u approċċ komprensiv favur l-inklużjoni attiva jinkludu l-elementi li ġejjin:

— l-inkoraġġiment taż-żgħażagħ u l-ħolqien ta' opportunitajiet għalihom sabiex jiksbu kwalifika inizjali biex isaħħu l-possibilitajiet tagħhom fis-suq tax-xogħol;

— l-integrazzjoni mill-ġdid ta' persuni mingħajr impjieg fil-post tax-xogħol (prinċipju ta' Xogħol l-Ewwel). Fl-istess waqt, għandhom jiġu pprovduti b'edukazzjoni, taħriġ, pariri, aċċess għal faċilitajiet għall-kura tat-tfal, eċċ.;

— l-użu ta' xogħol issussidjat, soċjali u protett għandu jintuża għal dawk in-nies li huma l-iktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol;

— l-użu ta' strumenti għall-parteċipazzjoni soċjali (per eżempju xogħol volontarju jew attivitajiet sportivi) għal dawk li, minħabba diżabilitajiet psikoloġiċi u/jew fiżiċi m'humiex kapaċi jagħmlu xogħol regolari jew jieħdu impjieg protett. Fl-istess waqt, il-qagħda soċjo-ekonomika ta' dawk li jeħtieġu li jiġu integrati fis-suq tax-xogħol għandha tittejjeb, permezz ta' appoġġ għad-dħul u aċċess għal servizzi soċjali ta' kwalità għolja;

— il-prinċipju ċentrali huwa li kull persuna għandu jkollha l-possibilità li tipparteċipa fis-soċjetà.

15. L-użu ta' pjanijiet ta' azzjoni personalizzati intensivi jgħin fit-titjib ta' l-integrazzjoni attiva.

16. Il-gruppi ta' mira huma element importanti tat-taħlita komprensiva u integrata ta' politiki. Fil-livell lokali, l-awtoritajiet pubbliċi għandhom ifasslu u jimplimentaw politiki li huma effikaċi għall-inklużjoni attiva ta' l-individwi kollha, mingħajr ma titqies l-oriġini u l-istorja tagħhom, u fejn jiġu indirizzati l-ostakoli speċifiċi li huma jiffaċċjaw.

17. L-intrapriżi u l-imsieħba soċjali, bħala atturi ewlenin f'dan il-qasam, jerfgħu l-ikbar responsabilità fl-ambitu tal-ħolqien ta' impjieg, f'kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet lokali u reġjonali. Fil-livell nazzjonali u reġjonali, il-gvern ċentrali għandu responsabilità ta' faċilitar sabiex jipprovdi l-aħjar kundizzjonijiet ekonomiċi, per eżempju edukazzjoni tajba, impjieg effettiv, miżuri fiskali u l-flessigurtà (is-sigurtà soċjali u għażliet ta' xogħol flessibbli). L-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-servizzi soċjali u l-NGOs huma l-aħħar ħolqa fil-katina, partikularment għal dawk l-iktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol. Naturalment, l-individwi wkoll għandhom ir-responsabilitajiet personali tagħhom.

18. Impjegaturi pubbliċi, soċjali u privati għandhom jiġu mħeġġa bil-qawwa sabiex jiżviluppaw l-impjiegi eżistenti u joħolqu impjiegi ġodda ta' kwalità (li joffru livelli ta' dħul suffiċjenti, kundizzjonijiet ta' xogħol tajba u taħriġ/edukazzjoni). Impjiegi prattiċi (li ma jirrikjedux ħiliet avvanzati) huma partikularment meħtieġa. Impjegaturi privati jistgħu jiġu stimolati mill-awtoritajiet nazzjonali, lokali u reġjonali sabiex joħolqu impjiegi billi jottimizzaw il-klima intraprenditorjali għalihom.

19. L-awtoritajiet lokali u reġjonali huma impjegaturi importanti. Bħala impjegaturi għandhom jimplimentaw huma wkoll il-prinċipji stipulati f'dan id-dokument.

20. F'każ fejn il-persuni jkunu mbiegħda ħafna mis-suq tax-xogħol minħabba diżabilità fiżika jew psikoloġika, jista' jkun hemm ukoll il-ħtieġa li jinħoloq u jiġi ffinanzjat xogħol soċjali u sussidjat u xogħol għal gruppi protetti. L-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jaqdu rwol importanti hawnhekk billi jistimolaw intrapriżi soċjali.

21. Il-koeżistenza ta' kull tip ta' impjieg (temporanju, flessibbli, part-time u fulltime, kif ukoll il-possibilità tax-xogħol middar) tista' tgħin lil dawk li huma l-iktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol biex isibu impjieg.

22. Kull tip ta' mezz formali u informali ta' edukazzjoni u taħriġ, skemi ta' taħriġ parzjali, akkreditazzjoni għal tagħlim minn qabel (APL) u enfasi fuq it-tagħlim tul il-ħajja kollha, inkluż it-tagħlim kontinwu, għandhom ikunu parti minn sforz ikkoordinat sabiex jittejbu wkoll il-kwalifiki ta' dawk il-persuni li huma l-iktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol.

23. Huma meħtieġa iktar sforzi mill-gvernijiet nazzjonali, reġjonali u lokali sabiex tittejjeb il-kwalità ta' l-edukazzjoni skond il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. L-awtoritajiet lokali għandu jkollhom politika ta' l-impjieg iktar attiva u l-ħtiġijiet tas-suq lokali għandhom jiġu kkunsidrati sew. Fl-Istati Membri fejn il-politika tas-suq tax-xogħol hija kompetenza lokali, l-awtoritajiet lokali għandhom jitheġġu mill-gvernijiet nazzjonali, bl-għajnuna ta' l-UE, li jimmonitorjaw is-suq tax-xogħol lokali.

24. Taħlita komprensiva u integrata ta' politiki favur l-integrazzjoni attiva għandha tinkludi inċentivi sabiex tiġi ffaċilitata l-intraprenditorija fost dawk il-persuni li huma l-iktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol.

Għajnuna għad-dħul

25. Il-persuni l-iktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol jeħtieġu livell suffiċjenti ta' sostenn għad-dħul u għajnuniet oħra sabiex jgħixu ħajja dinjituża u sabiex iżommu ċertu livell ta' saħħa ħalli jkunu jistgħu jerġgħu jintegraw ruħhom fis-suq tax-xogħol. Huwa korrett li jiġi enfasizzat li dan huwa prinċipju fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea.

26. It-tifsira ta' dħul suffiċjenti m'hijiex l-istess f'kull pajjiż, reġjun jew komunità lokali. Is-suffiċjenza hija influwenzata millivell ta' appoġġ għad-dħul, il-livelli tal-prezzijiet, il-karatteristiċi tal-familja, it-taxxi, it-tul ta' l-esklużjoni, fatturi kulturali, soċjali u storiċi, eċċ. L-appoġġ għad-dħul għandu jitqies bħala biżżejjed jekk jiġi miġġieled. il-faqar strutturali. Dan il-livell jista' jiġi definit bħala "suffiċjenti". Huwa impossibbli li tiġi fformulata regola ġenerali dwar il-livell finanzjarju li jikkostitwixxi suffiċjenza għall-UE kollha kemm hi. L-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali huma responsabbli kollha flimkien għal politika li toffri appoġġ għad-dħul xieraq. Fil-livell ta' l-UE dan għandu jiġi diskuss fi ħdan il-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni.

27. L-awtoritajiet Ewropej jistgħu jifformulaw prinċipju komuni li jiddikjara li d-differenza bejn id-dħul minimu garantit mis-suq tax-xogħol u l-livell ta' għajnuna għad-dħul għandha tkun kbira biżżejjed li tħeġġeġ lill-individwi u l-gruppi fil-mira biex joħorġu jaħdmu. Din id-differenza hija inċentiva finanzjarja importanti fit-taħlita komprensiva ta' politiki. "Ix-xogħol irendi" huwa prinċipju importanti għall-Kummissjoni, għal ħafna Stati Membri u għall-gvernijiet reġjonali u lokali. L-awtoritajiet nazzjonali, lokali u reġjonali għalhekk għandhom iqisu r-riskju tannasba tal-faqar meta jiżviluppaw u japplikaw miżuri għallappoġġ għad-dħul.

28. L-għajnuna għad-dħul għandu jingħata biss lin-nies li m'humiex kapaċi jaqilgħu l-għajxien tagħhom mis-suq taxxogħol jew li huma kapaċi biss jaqilgħu dħul inqas mil-livell ta' sussistenza (per eżempju minħabba l-produttività baxxa tagħhom jew il-bżonn li jaċċettaw impjieg bi dħul baxx). L-awtoritajiet nazzjonali, lokali u reġjonali m'għandhomx ixekklu t-tħaddim tas-suq tax-xogħol u għandhom iwettqu monitoraġġ strett u valutazzjoni serja ta' kull talba, u b'hekk jagħixxu ta' gwardjani għal dawk li qed ifittxu għajnuna għad-dħul. Fl-istess ħin għandhom jeżistu politiki attivi li jilħqu lil dawk li għandhom bżonn ta' assikurazzjoni soċjali, ta' għajnuna għad-dħul u ta' opportunità sabiex jipparteċipaw fis-soċjetà.

29. L-għajnuna għad-dħul tista' tieħu ħafna forom u idealment titfassal għall-kuntest lokali u għal sitwazzjonijiet individwali. Eżempji ta' għajnuna għad-dħul jistgħu jkunu: għajnuna għad-dħul fil-livell ta' sussistenza għal membri tal-forza taxxogħol li la huma impjegati u lanqas jistudjaw, appoġġ *in natura* sabiex jittejbu n-nutrizzjoni, l-ilbies, l-edukazzjoni, id-djar u l-kura tas-saħħa, għajnuna għad-dħul li tissupplimenta d-dħul mix-xgħol (jekk id-dħul ikun imsejjes fuq livelli ta' produttività baxxi), għajnuna għad-dħul sabiex jingħelbu l-ispejjeż ta' mobilità, għajuna għad-dħul sabiex wieħed iżid il-kwalifiki u l-kompetenzi tiegħu, appoġġ sabiex wieħed jibda n-negozju tiegħu stess.

Parteċipazzjoni soċjali

30. Uħud minn dawk l-iktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol ibatu minn żvantaġġi multipli personali u fiżiċi. L-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol u anke impjieg protett m'humiex għażla realistika għalihom. Parti mill-approċċ komprensiv hija li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jieħdu ħsieb dawn iċ-ċittadini wkoll. Jistgħu jintużaw bosta strumenti li jistimolaw il-parteċipazzjoni soċjali tagħhom.

31. L-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jużaw kull tip ta' strument finanzjarju u *in natura* sabiex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni soċjali ta' dawk il-persuni li m'humiex qed jaħdmu. Dawn l-istrumenti jistimolaw l-attività soċjali, kulturali u sportiva u l-attivitajiet ta' benefiċċju soċjali u volontarjat ta' dawk il-persuni li huma fil-periklu li jekk ma jsir xejn jispiċċaw soċjalment iżolati.

Aċċess għal servizzi soċjali ta' kwalità għolja

32. Sabiex l-għajnuna għad-dħul, l-integrazzjoni attiva u l-parteċipazzjoni soċjali jkunu kemm jista' jkun effettivi, hemm bżonn li jitfasslu pjanijiet ta' azzjoni personalizzati. Dawn jiżguraw li l-miżuri ta' appoġġ neċessarji għal klijent individwali jiġu ppjanati fil-ħin u garantiti. L-awtoritajiet lokali u reġjonali jeħtieġu l-mezzi sabiex joħolqu infrastruttura ta' servizzi ta' kwalità u joħolqu pjanijiet ta' azzjoni personalizzati.

33. Fid-dawl tal-ħtieġa għal pjanijiet ta' azzjoni personalizzati u l-karatteristiċi tagħhom, l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandu jkollhom varjetà wiesgħa ta' strumenti għad-dispożizzjoni tagħhom.

34. L-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jistimolaw l-użu ta' strumenti u prattiki ta' ġestjoni li jistgħu jtejbu l-kwalità tas-servizzi soċjali (per eżempju, aċċess universali għall-Internet, uffiċċju għas-servizzi kollha (one stop front office), *lex silentio* u skadenzi xierqa għal meta għandhom jittieħdu deċiżjonijiet dwar l-għajnuna għad-dħul jew għajnuna *in natura*).

Linji gwida li jiffaċilitaw il-proċess

35. Sabiex ikun hemm implimentazzjoni b'suċċess, il-politiki ta' inklużjoni attiva għandhom jinkludu l-politiki lokali, reġjonali, nazzjonali u ta' l-UE. Għandhom jinkludu u jikkombinaw dħul minimu, miżuri attivi fis-suq tax-xogħol, edukazzjoni u servizzi soċjali. Hemm ħafna ostakoli li jistgħu jxekklu l-implimentazzjoni ta' politiki komprensivi u integrati fil-livell lokali u reġjonali. Il-gvernijiet nazzjonali, lokali u reġjonali flimkien għandhom jippromovu l-implimentazzjoni ta' approċċ komprensiv.

36. Ghal reġjuni u bliet fl-Ewropa li huma soċjalment u ekonomikament żvantaġġati, l-implimentazzjoni ta' taħlitiet ta' politiki favur l-aħjar prattika fir-rigward l-inklużjoni attiva għaċ-ċittadini l-iktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol tirrikjedi appoġġ finanzjarju mill-UE. Għaldaqstant, il-baġit tal-Fondi Strutturali għall-awtoritajiet lokali u reġjonali għandu jkun direttament aċċessibbli għal politiki favur l-inklużjoni attiva. Hemm bżonn ukoll ta' baġit Ewropew għall-iffinanzjar tal-parteċipazzjoni soċjali. L-approċċ Interreg huwa eżempju tajjeb ta' appoġġ effettiv mill-Unjoni Ewropea.

37. L-impjieg soċjali, issussidjat jew protett, l-intrapriżi u l-kooperattivi soċjali huma strumenti li jistgħu jaqdu rwol importanti fit-taħlita ta' politiki fil-livell lokali u reġjonali. Dawn l-intrapriżi m'għandhomx jiġu ġġudikati skond ir-regoli normali dwar il-kompetizzjoni fis-suq Ewropew (per eżempju, huma meħtieġa regoli inqas stretti fir-rigward ta' l-akkwist pubbliku u l-għajnuna ta' l-istat).

38. L-approċċ komprensiv jitwettaq l-iktar mill-awtoritajiet lokali u reġjonali għall-popolazzjoni lokali. Għandu jkun possibbli legalment li dawn l-awtoritajiet jiffokaw il-politiki tagħhom għall-inklużjoni attiva fuq il-popolazzjoni lokali.

39. L-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jaqdu rwol ta' tmexxija fl-implimentazzjoni ta' miżuri favur politiki għall-inklużjoni attiva. Skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà ta' l-UE, jista' jiġi fformulat prinċipju komuni ta' l-UE li jiddikjara li l-leġislazzjoni u l-prattiki nazzjonali u ta' l-UE għandhom isegwu l-ħtiġijiet ifformulati fil-livell lokali u reġjonali (taxxi marġinali, strutturi għal benefiċċji, stimoli favur it-tagħlim tul il-ħajja kollha, inċentivi finanzjarji għal dawk li jħaddmu, il-liġi tax-xogħol, il-liġi kontra d-diskriminazzjoni, id-divrenzjar tal-livelli tal-paga minimi, eċċ.).

Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni.

40. Il-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni jipprovdi qafas għal koordinazzjoni politika mingħajr xkiel legali. F'qafas bħal dan l-Istati Membri jaqblu li jidentifikaw u jippromovu l-iktar politiki effettivi tagħhom fil-qasam ta' l-inklużjoni attiva bil-għan li jitgħallmu mill-esperjenzi ta' xulxin. Ir-rakkomandazzjonijiet ta' politika li ġejjin huma fformulati sabiex jissaħħaħ il-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni.

41. Ħafna politiki mmirati lejn it-titjib ta' l-inklużjoni attiva u l-għajnuna għad-dħul għal dawk il-persuni li huma l-iktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol m'humiex effettivi biżżejjed. Huma meħtieġa studji komparattivi u evalwazzjonijiet ta' kwalità għolja dwar il-politiki ta' inklużjoni attiva fil-livell reġjonali u lokali sabiex jittejbu l-effiċjenza u l-effettività ta' dawn il-politiki. Il-Kummissjoni Ewropea tista' tħeġġeġ studji ta' kwalità għolja bħal dawn.

42. Reviżjonijiet minn pari mwettqa mill-awtoritajiet lokali u reġjonali u netwerk ta' osservaturi reġjonali u lokali (Progress) jistgħu jsaħħu l-proċessi ta' tagħlim. Il-kwalità tar-reviżjonijiet u l-kwalità u l-attivitajiet tan-netwerk ta' osservaturi reġjonali u lokali għandhom jiġu definiti b'mod ċar mill-bidu nett.

43. Differenzi fil-provvista u d-domanda ta' xogħol u varjazzjonijiet fil-livelli tal-pagi u fl-għajnuna għad-dħul li jeżistu madwar l-Ewropa joħolqu ċaċliq tal-ħaddiema li jista' jxekkel l-inklużjoni attiva ta' dawk il-persuni lokali l-iktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol. Il-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni jista' jintuża sabiex jiġu diskussi l-influwenza ta' dan iċ-ċaqliq fuq il-kwistjoni ta' l-inklużjoni attiva.

44. L-iżvilupp u t-tkattir ta' l-aħjar prattiki jistgħu jiġu stimolati billi kull sena jintgħażlu l-aħjar awtoritajiet lokali u reġjonali fil-qasam ta' l-inklużjoni attiva u jiġu premjati b'distinzjoni Ewropea. Ikun possibbli li tintuża sistematizzazzjoni ta' eżempji ta' prattiki tajbin permezz ta' ħidma paragunabbli għal dik li tkun twettqet fi ħdan il-gruppi tematiċi tal-Fondi Strutturali.

Brussell, it-18 ta' Ġunju 2008.

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni
Luc VAN DEN BRANDE

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Is-sena Ewropea għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali (2010)"

(2008/C 257/02)

Il-KUMITAT TAR-REĠJUNI

— jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li sabiex din il-kampanja dwar il-faqar u l-esklużjoni soċjali tkun effettiva, jeħtieġ li titqies bħala strateġija fit-tul u li jingħaraf il-bżonn li l-miżuri li jittieħdu fl-2010 jew qabel ikollhom impatt permanenti;

— ifakkar li għandhom jittieħdu azzjonijiet strutturati sabiex ikun hemm bidla deċiżiva fil-ġlieda kontra l-faqar u kontra kull forma ta' esklużjoni soċjali, li t-tnejn li huma joħonqu d-drittijiet tal-bniedem u li huma ta' ħsara għas-soċjetà fiha nnifisha, u jemmen li jkun ferm utli li l-parteċipazzjoni f'din is-Sena Ewropea ma tkunx miftuħa għall-Istati Membri biss iżda anki għall-awtoritajiet lokali u reġjonali jew għar-raggruppamenti tagħhom bħala entitajiet distinti;

— jenfasizza l-bżonn li s-sitwazzjoni tat-tfal tingħata prijorità kbira għax it-tfal li jikbru fil-faqar u l-esklużjoni soċjali jidħlu f'ċirku vizzjuż, li jintiret minn ġenerazzjoni għal oħra, li jħalli konsegwenzi serji, li jisirqilhom iċ-ċans li jiżviluppaw il-kapaċitajiet u l-personalità tagħhom u li jċaħħadhom mill-edukazzjoni u l-benesseri ġenerali tagħhom;

— iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet Komunitarji sabiex jagħtu attenzjoni kbira lid-diversi forom kumplessi li jeżistu tal-faqar u ta' l-esklużjoni soċjali u sabiex jiżviluppaw strateġiji u miżuri ta' prevenzjoni koerenti bbażati fuq il-prinċipju ta' *empowerment* soċjali.

Rapporteur: Linetta SERRI (IT/PSE), Membru tal-Kunsill Muniċipali ta' Armungia (CA)

Dokument ta' referenza

Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Sena Ewropea għall-Ġlieda Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali (2010)

COM(2007) 797 finali

I. **RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Kummenti ġenerali dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni

1. jinnota b'interess kbir l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tiddikjara s-sena 2010 bħala s-Sena Ewropea għall-Ġlieda Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali;

2. għandu l-istess preokkupazzjonijiet li wasslu għall-għażla li l-2010 tiġi ddikjarata s-Sena Ewropea għall-Ġlieda Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali għaliex jemmen li l-faqar u l-esklużjoni soċjali li jgħixu fihom 78 miljun ċittadin Ewropew huma l-ewwel u qabel kollox ir-responsabbiltà ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali;

3. jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li sabiex din il-kampanja dwar il-faqar u l-esklużjoni soċjali tkun effettiva, jeħtieġ li titqies bħala strateġija fit-tul u li jingħaraf il-bżonn li l-miżuri li jittieħdu fl-2010 jew qabel ikollhom impatt permanenti;

4. jisħaq fuq il-fatt li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom rwol partikolari x'jaqdu fil-ħidma għar-rikonoxximent u l-promozzjoni tal-kundizzjonijiet li permezz tagħhom dawk milquta mill-faqar u mill-esklużjoni soċjali jista' jibda jkollhom aċċess veru għas-servizzi soċjali, ekonomiċi u kulturali. L-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali għandhom ir-responsabbiltà fundamentali li jfasslu, jiffinanzjaw u jwettqu l-miżuri politiċi favur l-integrazzjoni tal-persuni mwarrba;

5. isostni li l-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali għandhom ir-responsabbiltà fundamentali li jfasslu, jiffinanzjaw u jwettqu l-miżuri politiċi favur l-integrazzjoni ta' dawk l-aktar esklużi mis-suq tax-xogħol. Dawk li jipprovdu s-servizzi privati, pubbliċi, jew pubbliċi-privati għandhom rwol importanti x'jaqdu fl-implimentazzjoni ta' miżuri politiċi bħal dawn fil-livell lokali;

6. jenfasizza li s-Sena Ewropea għall-Ġlieda Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali għandha ssaħħaħ il-parteċipazzjoni soċjali ta' dawk li jgħixu fil-faqar u l-esklużjoni soċjali u ta' l-organizzazzjonijiet tagħhom. Is-Sena Ewropea għandha ssaħħaħ il-prinċipju ta' soċjetà inklużiva billi toħloq spazju pubbliku għall-parteċipazzjoni ta' dawk li huma esklużi u spazju li jagħti valur lill-kontribut ta' l-organizzazzjonijiet tagħhom;

7. jemmen li l-iskambju ta' l-esperjenza bejn l-Istati Membri, l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-organizzazzjonijiet internazzjonali li huma involuti fil-ġlieda kontra l-faqar, għandu bżonn jissaħħaħ fil-qafas ta' proċess ta' tagħlim reċiproku;

Rakkomandazzjonijiet

8. jappoġġa l-proposta favur it-tisħiħ tal-prinċipju tar-responsabbiltà kollettiva li m'hijiex ir-responsabbiltà ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet politiċi biss, iżda ta' l-atturi pubbliċi u privati wkoll;

9. jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li jinħtieġ impenn ferm u kontinwu għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali fil-livelli kollha tal-gvern u b'mod partikolari impenn politiku sħiħ għall-prevenzjoni ta' fenomeni bħal dawn;

10. ifakkar li għandhom jittieħdu azzjonijiet strutturati sabiex ikun hemm bidla deċiżiva fil-ġlieda kontra l-faqar u kontra kull forma ta' esklużjoni soċjali, li t-tnejn li huma joħonqu d-drittijiet tal-bniedem, u li huma ta' ħsara għas-soċjetà fiha nnifisha;

11. jixtieq jara ħidma aktar determinata favur il-komplementarjetà ma' strumenti u programmi Komunitarji oħra fil-qasam ta' l-integrazzjoni soċjali (bħal per eżempju l-Programm PROGRESS, il-Fondi Strutturali u l-Fond Agrikolu Ewropew), ma' miżuri favur il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, il-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali u l-ugwaljanza bejn is-sessi, kif ukoll mal-miżuri li jittieħdu fl-oqsma ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ, il-kultura u d-djalogu internazzjonali, iż-żgħażagħ, il-kura tat-tfal u ta' l-anzjani, iċ-ċittadinanza, l-immigrazzjoni, l-ażil u r-riċerka.

12. jixtieq li jiġu trattati l-forom kollha ta' diskriminazzjoni li jwasslu għall-faqar u l-esklużjoni soċjali;

13. jemmen li jkun ferm utli li l-parteċipazzjoni f'din is-Sena Ewropea ma tkunx miftuħa għall-Istati Membri biss iżda anki għall-awtoritajiet lokali u reġjonali jew għar-raggruppamenti tagħhom bħala entitajiet distinti;

14. jemmen fil-bżonn li jissaħħaħ il-metodu miftuħ ta' koordinament fl-oqsma tas-sigurtà soċjali, l-integrazzjoni soċjali u l-istrateġija Ewropea tax-xogħol sabiex tiġi assigurata parteċipazzjoni ikbar tal-livelli lokali u reġjonali. L-effiċjenza ta' dan il-metodu tiddependi ħafna mis-sehem li jagħtu l-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-ħidma favur pjanijiet ta' azzjoni reġjonali għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali sabiex jippromovu approċċ globali li jintegra t-tliet oqsma prinċipali ta' l-inklużjoni attiva;

15. fir-rigward tat-titjib fil-qasam ta' l-aċċess għas-servizzi, josserva li fil-maġġoranza ta' l-Istati Membri, huma l-awtoritajiet lokali u reġjonali li jipprovdu s-servizzi soċjali u għalhekk jemmen li dan huwa l-aktar livell adattat li fih għandhom jitwettqu l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tar-regoli l-ġodda tal-ġestjoni tas-servizzi bil-għan li l-aċċess għas-servizzi jsir aktar faċli;

16. jenfasizza l-bżonn li s-sitwazzjoni tat-tfal tingħata prijorità kbira għax it-tfal li jikbru fil-faqar u l-esklużjoni soċjali jidħlu f'ċirku vizzjuż, li jintiret minn ġenerazzjoni għal oħra, li jħalli konsegwenzi serji, li jisirqilhom iċ-ċans li jiżviluppaw il-kapaċitajiet u l-personalità tagħhom u li jċaħħadhom mill-edukazzjoni u l-benesseri ġenerali tagħhom, jeħtieġ li tingħata aktar attenzjoni lill-familji kbar u dawk żgħar fl-età li jinsabu fir-riskju ta' l-esklużjoni soċjali;

17. jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li huwa l-ewwel u qabel kollox l-aċċess għas-servizzi tat-taħriġ li jiggarantixxi l-parteċipazzjoni sħiħa taż-żgħażagħ. Skond l-aħħar studju ta' PISA ta' l-OECD (l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi), teżisti rabta kbira bejn livell baxx ta' kwalifiki u l-esklużjoni soċjali. L-impenn u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini ta' l-UE huma elementi fundamentali għall-koeżjoni soċjali u għall-iżvilupp fl-Ewropa;

18. iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet Komunitarji sabiex jagħtu attenzjoni kbira lid-diversi forom kumplessi li jeżistu tal-faqar u ta' l-esklużjoni soċjali u sabiex jiżviluppaw strateġiji u miżuri ta' prevenzjoni koerenti bbażati fuq il-prinċipju ta' *empowerment* soċjali;

19. ifakkar li għandhom jiġu kkunsidrati l-problemi li jiltaqgħu magħhom l-awtoritajiet lokali u reġjonali, b'mod speċjali dawk li jinsabu fil-fruntieri ta' l-UE, li għandhom x'jaqsmu malwasla ta' dawk li qegħdin jitolbu l-ażil u ta' l-immigranti illegali.

II. **L-EMENDI PROPOSTI**

Emenda 1

Artikolu 2 b)

Il-proposta tal-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Proprjetà — Żieda fil-proprjetà pubblika tal-politiki u l-azzjonijiet ta' l-inklużjoni soċjali, b'enfasi fuq ir-responsabilità ta' kulħadd fit-trattament tal-faqar u l-marġinalizzazzjoni. Is-Sena Ewropea għandha trawwem il-kuxjenza, il-parteċipazzjoni u l-impenn, u toħloq opportunitajiet ġodda għal ċittadini ordinarji biex jagħtu sehemhom.	**Proprjetà** — Żieda fil-proprjetà pubblika tal-politiki u l-azzjonijiet ta' l-inklużjoni soċjali, b'enfasi fuq ir-responsabilità ta' kulħadd fit-trattament tal-faqar u l-marġinalizzazzjoni. Is-Sena Ewropea ~~għandha~~ għandha l-għan li trawwem il-kuxjenza, il-parteċipazzjoni u l-impenn, u li toħloq opportunitajiet ġodda biex iċ-ċittadini ordinarji ta' l-Istati Membri ta' l-UE jagħtu sehemhom.

Raġuni:

Huwa importanti li l-impenn ta' l-UE sabiex tieħu l-miżuri li jġibu bidla attiva fl-attitudni taċ-ċittadini Ewropej lejn il-faqar u l-esklużjoni soċjali jissemma b'mod espliċitu u ċar.

Emenda 2

Artikolu 2 c)

Il-proposta tal-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Koeżjoni — Il-promozzjoni ta' soċjetà iktar koeżiva billi titqajjem kuxjenza pubblika tal-benefiċċji għal kulħadd ta' soċjetà fejn il-faqar huwa eradikat u ħadd ma hu kkundannat jgħix fil-marġini. Is-Sena Ewropea għandha trawwem soċjetà li ssostni u tiżviluppa l-kwalità tal-ħajja, il-benessri soċjali u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd irrispettivament mill-isfond tagħhom, tiżgura l-iżvilupp sostenibbli u s-solidarjetà bejn u fi ħdan il-ġenerazzjonijiet u l-koerenza politika ma' l-azzjoni ta' l-UE madwar id-dinja.	**Koeżjoni** — Il-promozzjoni ta' soċjetà iktar koeżiva billi titqajjem il-kuxjenza taċ-ċittadini kollha għal soċjetà bi drittijiet u opportunitajiet ugwali għal kulħadd, ~~pubblika tal-benefiċċji għal kulħadd ta' soċjetà~~ fejn il-faqar huwa eradikat u ħadd ma hu kkundannat jgħix fil-marġini. Is-Sena Ewropea għandha trawwem soċjetà li ssostni u tiżviluppa l-kwalità tal-ħajja, il-benessri soċjali u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd irrispettivament mill-isfond tagħhom, tiżgura l-iżvilupp sostenibbli u s-solidarjetà bejn u fi ħdan il-ġenerazzjonijiet u l-koerenza politika ma' l-azzjoni ta' l-UE madwar id-dinja.

Raġuni

L-impenn soċjo-politiku ta' l-Unjoni għandu jolqot liċ-ċittadini tagħha kollha. L-Unjoni għandha tagħraf id-dritt taċ-ċittadinanza ta' kulħadd b'mod sħiħ u tippermetti l-parteċipazzjoni ta' kulħadd billi toffri opportunitajiet ugwali lil kulħadd skond Artikolu 5(a) tat-Trattat ta' Lisbona: "Fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politika u l-azzjonijiet tagħha, l-Unjoni għandha tqis il-ħtiġijiet marbuta mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjieg, mal-garanzija ta' protezzjoni soċjali xierqa, mal-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali kif ukoll ma' livell għoli ta' edukazzjoni, taħriġ u protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem".

Emenda 3

Artikolu 2 d)

Il-proposta tal-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Impenn — It-tennija ta' l-impenn politiku qawwi ta' l-UE għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, u l-promozzjoni ta' dan l-impenn fil-livelli kollha ta' governanza. Filwaqt li tkompli tibni fuq il-kisbiet u n-nuqqasijiet possibbli tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinament dwar il-Ħarsien Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali, is-Sena Ewropea għandha ssaħħaħ l-impenn politiku għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali u tagħti spinta għal żvilupp ulterjuri ta' l-azzjoni ta' l-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam.	**Impenn** — It-tennija ta' l-impenn politiku qawwi ta' l-UE ta' l-Istati Membri għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, u l-promozzjoni ta' ~~dan l-impenn fil-livelli kollha ta' governanza.~~ azzjoni vigoruża min-naħa ta' l-awtoritajiet pubbliċi għall-ġlieda kontra l-faqar. Filwaqt li tkompli tibni fuq il-kisbiet u n-nuqqasijiet possibbli tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinament dwar il-Ħarsien Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali, is-Sena Ewropea għandha ssaħħaħ l-impenn politiku għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali u tagħti spinta għal żvilupp ulterjuri ta' l-azzjoni ta' l-Unjoni Ewropea u ta' l-Istati Membri f'dan il-qasam.

Raġuni

Filwaqt li f'Artikolu 2 c) l-enfasi kienet fuq il-prinċipju tar-responsabbiltà maqsuma, Artikolu 2 d) għandu jiġbed l-attenzjoni lejn ir-rwol ta' l-awtoritajiet pubbliċi u lejn il-fatt li l-ġlieda kontra l-faqar għandha tieħu l-forma ta' impenn politiku aktar milli tiġbor fiha miżuri mmirati lejn l-imġiba individwali.

Emenda 4

Artikolu 6(1)

Il-proposta tal-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Kull Stat Membru għandu jaħtar "Korp Implimentattiv Nazzjonali" biex jorganizza l-parteċipazzjoni tiegħu fis-Sena Ewropea u jiżgura koordinament fil-livell nazzjonali. Il-Korp Implimentattiv Nazzjonali għandu jkun responsabbli għad-definizzjoni tal-programm nazzjonali u l-prijoritajiet għas-Sena Ewropea u għall-għażla ta' azzjonijiet individwali biex ikunu proposti għal finanzjament Komunitarju. L-istrateġija u l-prijoritajiet nazzjonali għas-Sena Ewropea għandhom ikunu stabbiliti b'konformità ma' l-għanijiet elenkati fl-Artikolu 2.	Kull Stat Membru għandu jaħtar "Korp Implimentattiv Nazzjonali" biex jorganizza l-parteċipazzjoni tiegħu fis-Sena Ewropea u jiżgura koordinament fil-livell nazzjonali. Il-Korp Implimentattiv Nazzjonali għandu jkun responsabbli għad-definizzjoni tal-prijoritajiet u tal-programm nazzjonali għas-Sena Ewropea fil-livell nazzjonali ~~tal-programm nazzjonali u l-prijoritajiet għas-Sena Ewropea~~ u għall-għażla ta' azzjonijiet individwali biex ikunu proposti għal finanzjament Komunitarju. Jeħtieġ li tingħata prova tal-fatt li dan ikun sar b'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-awtoritajiet reġjonali u lokali. ~~L-istrateġija u~~ Il-prijoritajiet u l-istrateġiji nazzjonali għas-Sena Ewropea għandhom ikunu stabbiliti b'konformità ma' l-għanijiet elenkati fl-Artikolu 2.

Raġuni

Huwa importanti li l-programmi nazzjonali l-ewwel jistabbilixxu l-prijoritajiet nazzjonali bbażati fuq l-ammont ta' faqar fil-pajjiż ikkonċernat. L-ippjanar strateġiku għandu jkun ibbażat biss fuq għarfien profond tal-problema għax il-ġlieda kontra l-faqar hija mifruxa fuq diversi setturi u teħtieġ approċċ ibbażat fuq miżuri mmirati.

Emenda 5

Artikolu 13

Il-proposta tal-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Għall-fini tas-Sena Ewropea, il-Kummissjoni tista' tikkoopera wkoll ma' l-għaqdiet internazzjonali rilevanti, b'mod partikolari l-Kunsill ta' l-Ewropa, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol u n-Nazzjonijiet Uniti.	Għall-fini tas-Sena Ewropea, il-Kummissjoni tista' tikkoopera wkoll ma' l-għaqdiet internazzjonali rilevanti, b'mod partikolari l-Kunsill ta' l-Ewropa, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, ~~u~~ in-Nazzjonijiet Uniti, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa u l-Bank Dinji.

Raġuni

Il-faqar għandu konsegwenzi serji fuq perijodu fit-tul u jżomm lill-bniedem lura milli jikseb il-potenzjal massimu tiegħu filwaqt li jpoġġilu saħħtu u d-dritt għall-iżvilupp personali u l-benesseri ġenerali tiegħu fil-periklu. L-esperjenza tad-WHO tista' sservi sabiex nespandu l-għarfien u l-iskambju tal-prattika tajba. L-esperjenza tal-Bank Dinji hija importanti wkoll għax l-approċċ tiegħu huwa bbażat fuq il-prinċipju ta' *empowerment*.

Emenda 6

Anness

I. **AZZJONIJIET FUQ SKALA KOMUNITARJA**

1. **Laqgħat u avvenimenti**

Il-proposta tal-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
L-organizzazzjoni ta' laqgħat u avvenimenti fil-livell Komunitarju, maħsuba biex iqajmu kuxjenza dwar il-kwistjonijiet relatati mas-Sena Ewropea u dwar il-faqar u l-esklużjoni soċjali u biex jipprovdu forum għall-iskambju ta' l-ideat. Dawn se jiġbru lill-partijiet interessati rilevanti u jkunu ppjanati flimkien ma' nies li qed jesperjenzaw il-faqar u l-għaqdiet tas-soċjetà ċivili li jirrappreżentawhom, biex jipprovdu opportunità tajba biex jiġu indirizzati lakuni fil-politika u problemi ta' kuljum.	L-organizzazzjoni ta' laqgħat u avvenimenti fil-livell Komunitarju, maħsuba biex iqajmu kuxjenza fost iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri ta' l-UE dwar il-kwistjonijiet relatati mas-Sena Ewropea għall-ġlieda kontra ~~u dwar i~~l-faqar u l-esklużjoni soċjali u biex ~~jipprovdu~~ iħeġġu ~~forum għall-i~~skambju ta' l-ideat. Dawn se ~~jiġbru lill-partijiet interessati rilevanti u~~ jkunu ppjanati flimkien ma' nies li qed jesperjenzaw il-faqar u mill-għaqdiet tas-soċjetà ċivili li jirrappreżentawhom~~, biex jipprovdu opportunità tajba biex jiġu indirizzati lakuni fil-politika u problemi ta' kuljum~~. L-għan huwa li nistabbilixxu l-parteċipazzjoni attiva ta' l-imsieħba soċjali permezz ta' miżuri u prattiki bbażati fuq il-prinċipju ta' *empowerment*.

Raġuni

Il-miżuri għandhom ikunu mmirati lejn iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri ta' l-UE sabiex tissaħħaħ ir-responsabbiltà li għandhom fil-ġlieda kontra l-faqar. L-għan tas-Sena Ewropea għall-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali huwa li permezz tagħha jinħolqu l-kundizzjonijiet li jżommu l-inguwaljanzi soċjali milli jkomplu jikbru. Il-miżuri u l-prattiki għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipju ta' *empowerment*.

Emenda 7

Anness

2. **Kampanji ta' informazzjoni u promozzjoni li jinvolvu**

It-tielet inċiż

Il-proposta tal-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Kampanja ta' tagħrif fil-livell Komunitarju b'pożizzjoni fil-livell nazzjonali, ibbażata kemm fuq il-kanali ta' komunikazzjoni tradizzjonali kif ukoll dawk ġodda flimkien ma' teknoloġiji ġodda;	Kampanja ta' tagħrif fil-livell Komunitarju b'pożizzjoni fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, ibbażata kemm fuq il-kanali ta' komunikazzjoni tradizzjonali kif ukoll dawk ġodda flimkien ma' teknoloġiji ġodda bil-għan li jissaħħaħ it-tixrid ta' l-informazzjoni u li jitqajjem l-interess tal-pubbliku;

Raġuni

L-azzjoni fuq livell lokali hija importanti għaliex l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom rwol partikolari x'jaqdu fil-ħidma għar-rikonoxximent u l-promozzjoni tal-kundizzjonijiet li permezz tagħhom dawk milquta mill-faqar u mill-esklużjoni soċjali jista' jibda jkollhom aċċess veru għas-servizzi soċjali, ekonomiċi u kulturali. L-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali għandhom ir-responsabbiltà fundamentali li jfasslu, jiffinanzjaw u jwettqu l-miżuri politiċi favur l-integrazzjoni tal-persuni mwarrba.

Il-kampanji ta' informazzjoni jistgħu jilħqu l-akbar numru possibbli ta' ċittadini jekk jipparteċipaw fihom l-entitajiet pubbliċi fil-livelli kollha u jekk fil-kampanji jintuża lingwaġġ adattat għal pubbliku speċifiku.

Emenda 8

Anness

2. **Kampanji ta' informazzjoni u promozzjoni li jinvolvu**

Ir-raba' inċiż

Il-proposta tal-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Il-produzzjoni ta' għodod ta' komunikazzjoni u ta' xandir disponibbli madwar il-Komunità biex jistimulaw l-interess pubbliku;	~~Il-produzzjoni ta' għodod ta' komunikazzjoni u ta' xandir disponibbli madwar il-Komunità biex jistimulaw l-interess pubbliku;~~

Raġuni

It-test jirrepeti dak li diġà ntqal fit-tielet inċiż.

Emenda 9

Anness

2. **Kampanji ta' informazzjoni u promozzjoni li jinvolvu:**

Il-ħames inċiż

Il-proposta tal-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Miżuri u inizjattivi xierqa biex jixxandru r-riżultati u jogħla l-profil tal-programmi, l-azzjonijiet u l-inizjattivi Komunitarji li jikkontribwixxu għall-għanijiet tas-Sena Ewropea;	Miżuri u inizjattivi xierqa ~~biex jixxandru r-riżultati u jogħla l-profil tal-programmi, l-azzjonijiet u l-inizjattivi~~ biex jogħla l-profil tal-programmi u biex jixxandru l-azzjonijiet, l-inizjattivi Komunitarji u r-riżultati, li jikkontribwixxu għall-għanijiet tas-Sena Ewropea;

Raġuni

Ir-raġuni hija evidenti mit-test.

Emenda 10

Anness

2. **Kampanji ta' informazzjoni u promozzjoni li jinvolvu**

Is-sitt inċiż

Il-proposta tal-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Inizjattivi xierqa minn istituzzjonijiet edukattivi biex ixerrdu t-tagħrif dwar is-Sena Ewropea;	Inizjattivi xierqa minn istituzzjonijiet edukattivi ~~biex ixerrdu t-tagħrif dwar is-Sena Ewropea~~ biex titrawwem kuxjenza fost iż-żgħażagħ u biex jixxerdu l-prinċipji fundamentali tal-ġlieda kontra l-faqar;

Raġuni

Il-prinċipju tar-responsabbiltà konġunta jissaħħaħ minn miżuri favur parteċipazzjoni ikbar tas-setturi kollha tas-soċjetà, b'mod speċjali taż-żgħażagħ, fl-implimentazzjoni tat-Trattat ta' Lisbona. Artikolu 149 tat-Trattat stess jistieden "l-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni ta' żgħażagħ f'ħajja demokratika fl-Ewropa."

Emenda 11

Anness

3. **Azzjonijiet oħrajn**

L-ewwel inċiż

Il-proposta tal-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Stħarriġiet u studji madwar il-Komunità għall-istima u r-rappurtar tat-tħejjija, l-effettività, l-impatt u l-monitoraġġ fit-tul tas-Sena Ewropea. Biex jiġi ffaċilitat kunsens ġdid madwar is-soluzzjonijiet politiċi, stħarriġ ta' din ix-xorta se jinkludi wkoll sensiela ta' mistoqsijiet biex titkejjel l-opinjoni pubblika dwar il-politika dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, inklużi sistemi ta' ħarsien soċjali, u r-rwol potenzjali ta' l-Unjoni fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni. Dan se jsir fl-2009 biex ir-riżultati tiegħu jkunu jistgħu jiġu ppreżentati fil-Konferenza Miftuħa tas-Sena Ewropea.	Stħarriġiet u studji madwar il-Komunità għall-istima u r-rappurtar tat-tħejjija, l-effettività, l-impatt u l-monitoraġġ fit-tul tas-Sena Ewropea. Biex ~~jiġi ffaċilitat~~ jinħoloq kunsens aktar miftuħ ~~ġdid~~ madwar is-soluzzjonijiet politiċi, stħarriġ ta' din ix-xorta se jinkludi wkoll sensiela ta' mistoqsijiet biex titkejjel l-opinjoni pubblika dwar il-politika dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, inklużi sistemi ta' ħarsien soċjali, u r-rwol potenzjali ~~ta'~~ li l-Unjoni qiegħda tippjana li taqdi fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni. Dan se jsir fl-2009 biex ir-riżultati tiegħu jkunu jistgħu jiġu ppreżentati fil-Konferenza Miftuħa tas-Sena Ewropea.

Raġuni

Huwa importanti li l-impenn ta' l-UE li tiegħu l-miżuri li jġibu bidla attiva fl-attitudni taċ-ċittadini Ewropej lejn il-faqar u l-esklużjoni soċjali jissemma b'mod espliċitu u ċar.

Emenda 12

Anness

3. **Azzjonijiet oħrajn**

It-tieni inċiż

Il-proposta tal-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Kooperazzjoni mas-settur privat, ix-xandara u l-mezzi l-oħrajn ta' komunikazzjoni bħala sħab fit-tqassim tat-tagħrif dwar is-Sena Ewropea kif ukoll fl-azzjonijiet immirati għal djalogu għat-tul dwar kwistjonijiet soċjali.	Kooperazzjoni mas-settur privat, ix-xandara u l-mezzi l-oħrajn ta' komunikazzjoni bħala sħab fit-tqassim tat-tagħrif dwar is-Sena Ewropea kif ukoll fl-azzjonijiet immirati għall-iżvilupp ta' djalogu għat-tul dwar kwistjonijiet soċjali.

Raġuni

Ir-raġuni hija evidenti mit-test.

Emenda 13

Anness

II. **IL-KOFINANZJAMENT TA' AZZJONIJIET FIL-LIVELL NAZZJONALI**

Punt 7f)

Il-proposta tal-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Opportunitajiet ta' taħriġ għall-ħaddiema taċ-ċivil, l-imsieħba soċjali, il-mezzi tax-xandir, ir-rappreżentanti ta' l-NGOs u atturi oħrajn biex iżidu l-għarfien tagħhom dwar il-fenomenu tal-faqar u l-esklużjoni soċjali, dwar il-politiki Ewropej u nazzjonali dwar l-esklużjoni soċjali u ta' l-għodod politiċi differenti disponibbli, biex tiżdied il-kapaċità tagħhom meta jittrattaw kwistjonijiet relatati mal-faqar, u biex jitħeġġew jieħdu sehem attiv fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali;	~~Opportunitajiet ta' t~~Taħriġ għall-ħaddiema taċ-ċivil fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali, l-imsieħba soċjali, il-mezzi tax-xandir, ir-rappreżentanti ta' l-NGOs u atturi oħrajn biex iżidu l-għarfien tagħhom dwar il-fenomenu tal-faqar u l-esklużjoni soċjali, dwar il-politiki Ewropej u nazzjonali dwar l-esklużjoni soċjali u ta' l-għodod politiċi differenti disponibbli, biex tiżdied il-kapaċità tagħhom meta jittrattaw kwistjonijiet relatati mal-faqar, u biex jitħeġġew jieħdu sehem attiv fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali;

Raġuni

L-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali għandhom ir-responsabbiltà fundamentali li jfasslu, jiffinanzjaw u jwettqu l-miżuri politiċi favur l-integrazzjoni tal-persuni mwarrba; għalhekk huwa importanti li l-uffiċjali tal-gvern jitħarrġu għal ħidma bħal din.

Emenda 14

Anness

IV. **IL-PRIJORITAJIET GĦALL-ATTIVITAJIET TAS-SENA EWROPEA**

It-tieni paragrafu

Il-proposta tal-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
B'konformità ma' l-analiżi li twettqet u l-prijoritajiet identifikati fir-Rapport Konġunt tal-Ħarsien Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali, is-Sena Ewropea għandha tiffoka madwar it-temi li ġejjin: — il-faqar tat-tfal u t-trażmissjoni interġenerazzjonali tal-faqar; — suq tax-xogħol inklussiv; — l-iżvantaġġi fl-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż taħriġ fil-kompetenza diġitali; — il-faqar u d-dimensjoni tas-sessi; — l-aċċess għas-servizzi bażiċi, inkluża akkomodazzjoni deċenti; — l-għelbien tad-diskriminazzjoni u l-promozzjoni ta' l-integrazzjoni ta' l-immigranti u l-inklużjoni soċjali u fis-suq tax-xogħol ta' minoritajiet etniċi; — l-indirizzar tal-bżonnijiet ta' nies diżabbli u gruppi vulnerabbli oħrajn.	B'konformità ma' l-analiżi li twettqet u l-prijoritajiet identifikati fir-Rapport Konġunt tal-Ħarsien Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali, is-Sena Ewropea għandha tiffoka madwar it-temi li ġejjin: — il-faqar tat-tfal u t-trażmissjoni interġenerazzjonali tal-faqar; — l-anzjani; — approċċi integrati għall-inklużjoni attiva; — suq tax-xogħol inklussiv; — l-iżvantaġġi fl-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż taħriġ fil-kompetenza diġitali; — il-faqar u d-dimensjoni tas-sessi; — l-aċċess għas-servizzi bażiċi, inkluża akkomodazzjoni deċenti; — l-għelbien tad-diskriminazzjoni u l-promozzjoni ta' l-integrazzjoni ta' l-immigranti u l-inklużjoni soċjali u fis-suq tax-xogħol ta' minoritajiet etniċi; — l-indirizzar tal-bżonnijiet ta' nies diżabbli u gruppi vulnerabbli oħrajn.

Raġuni

Il-faqar jolqot b'mod speċjali lill-anzjani, lir-refuġjati u lill-minoritajiet reliġjużi. Sabiex tiġi assigurata l-parteċipazzjoni ugwali fl-attivitajiet politiċi u soċjali ta' komunità, jeħtieġ li jitħeġġu miżuri inklużivi f'dan ir-rigward.

Emenda 15

Anness

5. **IL-KARATTERISTIĊI U L-GĦANIJIET**

5.3 Għanijiet, riżultati mistennija u indikaturi relatati tal-proposta fi ħdan il-qafas ABM

Il-proposta tal-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Is-Sena Ewropea għandha tistimula dibattitu u toħloq soluzzjonijiet biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni fis-soċjetà ta' nies li jesperjenzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali, it-tisħiħ ta' l-għaqdiet li jieħdu sehem fihom, u l-iżvilupp ta' oqfsa iktar b'saħħithom biex tiżgura l-involviment tagħhom f'attivitajiet maħsuba biex iħallu impatt deċiżiv fuq l-eradikazzjoni tal-faqar. Dan se jgħin biex il-Metodu Miftuħ ta' Koordinament iħalli impatt ikbar fuq il-post.	Is-Sena Ewropea għandha tistimula dibattitu u toħloq soluzzjonijiet biex tiġi żgurata l-integrazzjoni u l-parteċipazzjoni fis-soċjetà ta' nies li jesperjenzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali, it-tisħiħ ta' l-għaqdiet li jieħdu sehem fihom, ~~u l-iżvilupp ta' oqfsa iktar b'saħħithom~~ u l-ħolqien tal-kundizzjonijiet li jheġġu miżuri effiċjenti ta' *empowerment*, biex tiżgura l-involviment tagħhom f'attivitajiet maħsuba biex iħallu impatt deċiżiv fuq l-eradikazzjoni tal-faqar. Dan se jgħin biex il-Metodu Miftuħ ta' Koordinament iħalli impatt ikbar fuq il-post.

Raġuni

Ir-raġuni hija evidenti mit-test.

Brussell, it-18 ta' Ġunju 2008.

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni
Luc VAN DEN BRANDE

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Ir-Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali (REKT): Impetu ġdid għall-kooperazzjoni territorjali fl-Ewropa"

(2008/C 257/03)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

— b'konformità ma' l-ispirtu Ewropew ta' l-istrument il-ġdid, jenfasizza l-ħtieġa għal applikazzjoni mgħaġġla u konsistenti tar-regolament fit-territorju kollu ta' l-UE;

— jenfasizza li bl-għoti ta' forom ta' kooperazzjoni territorjali bejn l-atturi istituzzjonali fl-livelli differenti minn żewġ Stati Membri jew aktar, struttura legali Komunitarja bħar-REKT tista' toħloq proċess orizzontali ta' integrazzjoni Ewropea fejn jiġu applikati l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-prossimità;

— jenfasizza li l-possibbiltà ta' parteċipazzjoni ta' livelli istituzzjonali differenti fi struttura kooperattiva waħda toffri l-possibbiltà ta' forom ġodda ta' gvernanza f'ħafna livelli, li jippermettu lill-awtoritajiet lokali u reġjonali isiru l-forzi li jixprunaw it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika ta' l-UE, biex jgħinu l-gvernanza Ewropea ssir aktar aċċessibbli, parteċipatorja, demokratika, responsabbli u trasparenti;

— jiddikjara l-intenzjoni tiegħu li jkollu rwol ewlieni ta' promozzjoni u informazzjoni fir-rigward ta' l-istrument tar-REKT permezz ta' mobilizzazzjoni politika, inizjattivi ta' komunikazzjoni, il-ħolqien ta' netwerks li jiġbru l-esperjenzi u l-aħjar prattiki u attività ta' riċerka;

— jitlob lill-Kummissjoni li, fil-Green paper li jmiss dwar il-koeżjoni territorjali Ewropea, tniedi dibattitu strateġiku dwar ir-REKT.

Rapporeur: Is-Sinjura BRESSO, President tar-Reġjun tal-Pjemonte (IT/PSE)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

L-isfidi tal-kontinent u l-ħtieġa ta' integrazzjoni Ewropea

1. jilqa' b'entużjażmu l-adozzjoni tar-Regolament dwar ir-Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali (REKT); huwa joffri risposta effettiva għall-ħtieġa fondamentali li jiġi approfondit il-proċess ta' integrazzjoni Ewropea b'rispett lejn id-diversità reġjonali, billi l-mudelli attwali ta' gvernanza jiġu adattati għall-isfidi li l-Unjoni Ewropea qed tiffaċċja;

2. jinnota li l-Unjoni Ewropea tinsab quddiem tibdil fundamentali għall-futur tagħha: biżżejjed wieħed jaħseb fit-Trattat il-ġdid ta' Lisbona ffirmat fit-13 ta' Diċembru 2007, fit-twessigħ riċenti taż-żona Schengen għal disa' pajjiżi ġodda, l-adozzjoni ta' l-Ewro minn Ċipru u Malta fil-bidu ta' l-2008, u r-reviżjoni tal-baġit li għaddejja bħalissa;

3. fil-prinċipju huwa kuntent li t-Trattat il-ġdid ta' Lisbona idaħħal fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u jirrikonoxxi l-ħtieġa li tingħata attenzjoni speċjali għall-ħtiġijiet tar-reġjuni trans-konfinali; il-koeżjoni territorjali fost l-objettivi ta' l-Unjoni Ewropea; dan ifisser li hemm rikonoxximent espliċitu li, fl-iżvilupp tal-politiki ta' l-Unjoni, hemm bżonn li jiġi promoss żvilupp armonjuż u bbilanċjat tat-territorju poliċentriku Ewropew; il-KtR iħeġġeġ lill-Kummissjoni tħejji proposta dwar il-miżuri u l-attivitajiet fil-livell Ewropew li fil-futur jistgħu jiġu inklużi f'dan l-objettiv;

4. jirrikonoxxi li l-futur ta' l-Unjoni Ewropea u tat-territorju tagħha jiddependi mit-tisħiħ tas-sinerġija fost il-politiki ta' koeżjoni u l-istrateġiji ta' promozzjoni tal-kompetittività, u l-iżvilupp ta' politiki settorjali li jgħinu, speċjalment fejn għandhom x'jaqsmu t-territorji l-anqas preferuti, biex jiġu indirizzati l-isfidi li joħorġu mill-globalizzazzjoni, bis-saħħa ta' aproċċ trans-konfinali, trans-nazzjonali u inter-reġjonali; jinnota li l-kooperazzjoni trans-konfinali, trans-nazzjonali u inter-reġjonali diġà ġabet u għadha toħloq valur miżjud Ewropew, politiku, istituzzjonali, ekonomiku u soċjo-kulturali.

5. ifakkar li l-koeżjoni territorjali tinsab fil-qalba ta' l-Aġenda territorjali ta' l-Unjoni Ewropea. Din tesprimi l-esiġenza li d-dimensjoni territorjali jkollha sehem aktar importanti fil-futur tal-politika ta' koeżjoni Ewropea u tal-politiki Komunitarji l-oħra;

6. iqis li l-koeżjoni territorjali tifforma element essenzjali sabiex jintlaħqu l-iskopijiet ta' tkabbir ekonomiku, u solidarjetà u fil-kisba ta' ekonomija soċjali tas-suq li tkun kompetittiva ferm, immirata lejn impjieg sħiħ, progress soċjali u żvilupp sostenibbli;

7. jistqarr li, fl-istess waqt, il-koeżjoni territorjali tista' issaħħaħ l-kompetittività u s-sostenibbiltà tar-reġjuni ta' l-Ewropa, b'konformità ma' l-objettivi ta' l-istrateġija l-ġdida ta' Lisbona aġġornata mill-Istati Membri fl-2008;

8. jikkunsidra li l-kooperazzjoni territorjali u l-ewwel u qabel kollox il-kooperazzjoni trans-konfinali, hi element ewlieni għall-integrazzjoni Ewropea u prijorità politika ta' l-UE u jfakkar l-importanza speċjali li l-kooperazzjoni territorjali għandha fir-rigward ta' l-ibgħad reġjuni, gżejjer u muntanji;

9. isejjaħ lill-Kummissjoni Ewropea biex tniedi dibattitu strateġiku dwar ir-REKT fil-Green Paper li jmiss dwar il-koeżjoni territorjali Ewropea;

Il-valur politiku u strateġiku tar-REKT

10. jappoġġja l-kooperazzjoni territorjali bħala strument fundamentali tal-politika ta' koeżjoni fis-soluzzjoni ta' kwistjonijiet li għandhom dimensjoni territorjali qawwija f'setturi li huma kruċjali mill-aspett ekonomiku, soċjali, kulturali u ambjentali;

11. jenfasizza li l-kooperazzjoni territorjali tirrispondi b'mod adegwat għall-ħtieġa li t-tqassim tal-fondi għall-perijodu baġitarju 2007-2013 ikun aktar ibbilanċjat mil-lat ġeografiku;

12. huwa sodisfatt għall-fatt li l-perjodu baġitarju 2007-2013 jipprevedi żieda qawwija tal-kooperazzjoni territorjali fil-politika ta' koeżjoni permezz ta':

— l-integrazzjoni ta' l-inizjattiva komunitarja INTERREG, li ssir objettiv politiku fiha nnifsha (objettiv 3) tal-politika ta' koeżjoni Ewropea;

— inidrizz sod ta' l-inizjattivi ta' kooperazzjoni territorjali lejn it-twettiq ta' l-objettivi ta' Lisbona u ta' Göteborg;

— it-tisħiħ tal-kooperazzjoni territorjali u r-rabta tagħha ma' politiki tematiċi oħra ta' l-UE fil-qafas ta' l-inizjattiva Ir-Reġjuni Protagonisti tal-Bidla Ekonomika

— it-tisħiħ ta' l-istrutturi ta' kooperazzjoni, tal-mekkaniżmi operattivi u tal-proċessi ta' kapitalizzazzjoni, anki permezz ta' programmi ta' kuntatti f'netwerks bejn is-27 Stat Membru (Urbact, Interact, ESPON);

13. iqis li r-Regolament (KE) 1082/2006 dwar ir-Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali (REKT) jirrappreżenta strument legali importanti li jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet reġjonali u lokali fl-Ewropa permezz ta' leġislazzjoni komunitarja uniformi direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha;

14. jikkunsidra li l-potenzjal prospettiv jiżdied ukoll bħala konsegwenza tar-rabta diretta ma' l-acquis communautaire, li jagħtih aktar saħħa u jżid il-probabbiltà li dan jiġi inkluż fil-liġi; din ir-rabta ifisser ukoll impatt aktar wiesa' u dinamiku mill-istrumenti ta' kooperazzjoni tradizzjonali;

15. jiġbed l-attenzjoni li l-qafas legali preċedenti, li r-Regolament ma għandu l-ebda intenzjoni jneħħi, sikwit ħoloq sitwazzjonijiet ta' inċertezza;

16. jilqa' b'entużjażmu li r-Regolament marbut mar-REKT inkluda parti kbira mill-iżviluppi li introduċa l-acquis tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar il-qasam tal-kooperazzjoni territorjali. Fil-fatt, id-dritt li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jikkooperaw lil hinn mill-fruntieri nazzjonali kien rikonoxxut l-ewwel darba mill-Kunsill bil-Konvenzjoni Qafas Ewropa ta' l-1980 dwar il-Kooperazzjoni Transkonfinali bejn il-Komunitajiet jew l-Awtoritajiet Territorjali u l-Protokolli Addizzjonali tagħha ta' l-1995 u ta' l-1998.

17. jiġbed l-attenzjoni li r-REKT huwa strument li jagħti l-ħajja lil sturttura ta' kooperazzjoni Ewropea, li l-iskop tagħha huwa li tippermetti li jiġu ffaċċjati u riżolti l-problemi legali-amministrattivi tradizzjonali marbuta ma' l-implimentazzjoni u l-amministrazzjoni ta' programmi u proġetti trans-konfinali, trans-nazzjonali u inter-reġjonali kif ukoll il-kooperazzjoni territorjali in ġenerali;

18. jenfasizza li r-REKT tikkontribwixxi sabiex tagħti stabbiltà u ċertezza għall-inizjattivi ta' kooperazzjoni territorjali, permezz ta' ħolqien ta' gruppi ta' kooperazzjoni li għandhom personalità legali, kif ukoll il-mezzi meħtieġa sabiex iwettqu proġetti u miżuri, bi jew mingħajr il-kontribut finanzjarju tal-Komunità;

19. isostni li r-REKT tista' toffri pjattaforma effettiva ta' koordinament u implimentazzjoni tal-politiki Ewropej, nazzjonali u reġjonali, f'oqsma diversi li huma kruċjali bħall-infrastruttura, il-kompetittività ta' l-intrapriżi, ir-riċerka u l-innovazzjoni, it-taħriġ, il-ħarsien ta' l-ambjent u l-prevenzjoni tar-riskji, netwerks ta' l-enerġija u tat-trasport, kwistjonijiet tas-saħħa u soċjali u l-iżvilupp urban sostenibbli u poliċentriku;

20. ifakkar li programmi Ewropej bħall-INTERREG wasslu għall-ħolqien ta' ħafna strutturi, qbil u ftehimiet bil-għan li jiżviluppaw forom ta' kooperazzjoni transkonfinali u inter-reġjonali bejn l-awtoritajiet territorjali f'oqsma ta' interess komuni;

21. jemmen li r-REKT jista' jkun opportunità ġdida biex tingħata struttura legali lill-Ewroreġjuni u biex dan il-kunċett jiġi żviluppat b'mod konsistenti. Fil-passat, inizjattivi ta' kooperazzjoni Ewroreġjonali offrew kontribut sinifikanti titheġġeġ il-kooperazzjoni reali fi spettru wiesa' ta' attivitajiet, ir-relazzjonijiet ta' viċinat, jitqarrbu l-popli, fit-trasferiment ta' l-għerf u fl-iskambju ta' prattiki tajbin;

22. jenfassizza li r-Regolament tar-REKT ma jfittixx li jrażżan l-Ewroreġjuni li qed joperaw bħalissa jew li joħloq struttura amministrattiva addizzjonali iżda biex jipprovdi għażla kredibbli għall-kooperazzjoni territorjali trans-Ewropea;

23. jenfasizza li r-REKT jipprovdi għodda b'saħħitha għall-kisba tal-kooperazzjoni deċentralizzata madwar l-Unjoni Ewropea f'numru ta' oqsma ta' politika fuq il-bażi ta' strutturi stabbli kapaċi li jimmobbilizzaw il-parteċipazzjoni ta' ċittadini u jieħdu deċiżjonijiet konġunti li jkunu implimentati bis-sħiħ u li jwasslu għal kooperazzjoni strateġika fit-tul;

24. jissuġġerixxi li r-REKT jista' u għandu jkun strument prijoritarju ta' ħidma, li jtejjeb l-aċċess għas-suq ta' kreditu sabiex jiffinanzja l-infrastruttura jew servizzi ta' interess komuni għat-territorji differenti ta' l-UE li min-naħa tagħhom jiġġeneraw it-taxxi meħtieġa biex jingħata appoġġ lis-saħħa finanzjara ta' dawn il-miżuri;

25. jisħaq li l-ewwel miżura li għandha tiġi implimentata fil-livell Komunitarju tinvolvi t-tħeġġiġ ta' l-użu tar-REKT bħala l-istrument preferut għall-kooperazzjoni, kemm minħabba l-benefiċċji sostanzjali li jirriżultaw mit-tmexxija issemplifikata tal-politiki, pjanijiet u proġetti ta' kooperazzjoni u sabiex jiżgura l-użu mifrux ta' prattiki amministrattivi aħjar madwar l-UE;

26. jaħseb li l-adozzjoni ta' l-istrument tar-REKT jista' jippermetti biex, f'kuntest ta' razzjonalizzazzjoni u anqas tixrid ta' fondi, l-istrutturi ta' kooperazzjoni eżistenti mhux biss jaħdmu b'mod aktar koerenti u inċisiv, iżda jtejbu ukoll il-kwalità tar-riżultati miksuba;

27. jenfasizza li r-REKT ser jgħin b'mod konsiderevoli sabiex id-distribuzzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi isiru aktar effettivi billi jiġu involuti aktar mill qrib l-awtoritajiet reġjonali u lokali u l-parteċipanti reġjonali interessati ekonomiċi u soċjali;

28. jenfasizza li billi r-REKT jagħti libsa leġislattiva Komunitarja lil forom ta' kooperazzjoni territorjali bejn atturi istituzzjonali f'livelli differenti minn tnejn jew aktar Stati Membri, tista' tibda' proċess ta' integrazzjoni Ewropea orizzontali, skond il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-prossimità;

29. jargumenta li r-REKT ser jippermetti lill-awtoritajiet reġjonali u lokali Ewropej ikunu l-ixprun fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-politika ta' l-UE, u dan jgħin biex il-gvernanza Ewropea issir aktar miftuħa, parteċipatorja, demokratika, tagħti rendikont ta' għemilha u trasparenti;

30. jenfasizza li l-possibbiltà li l-livelli istituzzjonali differenti jinġiebu taħt struttura unika ta' kooperazzjoni tiftaħ it-triq għal forom ġodda ta' gvernanza f'livelli differenti fejn dawk involuti jikkontribwixxu skond il-kompetenzi tagħhom għas-suċċess globali ta' l-intrapriża;

L-impenn li r-Regolament jiġi applikat skond l-ispirtu Komunitarju

31. jenfasizza li min-natura tiegħu stess l-istrument ġuridiku tar-Regolament jiżgura regoli indaqs dwar il-kooperazzjoni territorjali fl-Istati Membri kollha, u jnaqqas id-diskrepanzi maħluqa mill-frammentazzjoni regolatorja; din tkun l-ewwel darba li jiddaħħal strument komuni b'applikazzjoni ġeografika daqstant wiesgħa;

32. jikkunsidra li l-implimentazzjoni tar-Regolament għandu jkun ikkoordinat tajjeb, sabiex jinġiebu flimkien l-atti legali differenti mfassla mill-Istati Membri sabiex jiġi applikat ir-Regolament (KE) 1082/2006 mingħajr ma jkun hemm inkompatibbiltà jew ostakoli;

33. jinsisti fuq il-ħtieġa li r-Regolament jiġi applikat malajr u b'mod koerenti fit-territorju kollu Ewropew, skond l-ispirtu Ewropew ta' l-istrument il-ġdid;

34. jinnota, b'konformità mal-proċeduri msemmija fil-premessi tar-regolament dwar ir-REKT, l-importanza li anke l-Istati terzi li dalwaqt jaderixxu jiġu involuti fl-implimentazzjoni ta' l-istrument il-ġdid tal-komunità, bl-aktar mod xieraq u sa millbidu;

35. jinnota li xi Stati Membri diġà adottaw id-dispożizzjonijiet biex jimplimentaw ir-Regolament, għalkemm iżomm id-dritt li jwettaq analiżi bir-reqqa ta' dawn il-miżuri sabiex jiżgura l-konformità tagħhom ma' l-objettivi tar-regolamentazzjoni uniformi u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni territorjali;

36. jiddepplora l-fatt li l-parti l-kbira ta' l-Istati Membri għadhom ma ħasbux biex jadottaw id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tar-Regolament u jheġġeġ li l-awtoritajiet kompetenti jagħmlu dan mill-aktar fis mingħajr ma jxekklu b'ostakoli u burokrazija żejda l-ħolqien tar-REKTs u t-twettiq sħiħ tagħhom;

37. jinnota li r-REKT inħoloq anki biex jissemplifika il-proċeduri ta' tmexxija u implimentazzjoni ta' l-inizjattivi ta' kooperazzjoni bejn ir-reġjuni u għalhekk jenħtieġ li jkun hemm kollaborazzjoni kemm jista' jkun mifruxa fi ħdan kull Stat fost l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali differenti fir-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom;

38. għalhekk iqis li l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri hija essenzjali flimkien mal-parteċipazzjoni diretta ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali;

39. ifakkar li bir-Regolament dwar ir-REKT, il-liġi Komunitarja tagħti ħajja għal kategorija ġdida ta' persuna legali, li minkejja r-riferimenti sinifikattivi għad-dritt nazzjonali jridu jirċievu trattament sostanzjalment uniformi fl-Istati Membri differenti, skond il-prinċipju ta' l-effettività diretta applikabbli u ta' l-effett dirett;

40. jinnota li l-Artikolu 2 tar-Regolament ifassal ġerarkija preċiża li permezz tagħha kemm ir-regolamentazzjoni nazzjonali kif ukoll id-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-Konvenzjonijiet u l-Istatuti tar-REKTs il-ġodda jieħdu preċedenza l-liġi ta' l-Istat Membru fejn ir-REKT ikun jinstab, filwaqt li l-liġi nazzjonali tapplika biss fl-oqsma li m'humiex jew huma biss parzjalment koperti mir-regolament;

41. jenfasizza li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament li ma jirreferux għal-liġi nazzjonali japplikaw direttament kull darba li jinħoloq REKT ġdid;

42. iqis li r-regolament jagħti d-dritt kollu, applikabbli b'mod immedjat, lill-membri potenzjali tar-REKT li jinsabu fit-territorju ta' minn ta' l-anqas żewġ Stati, li jwaqqfu REKT b'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-regolament;

43. ifakkar li n-nuqqas ta' konformità mill-Istati Membri ma' l-obbligi tagħhom li jadottaw id-dispożizzjonijiet opportuni ta' applikazzjoni jxekkel il-potenzjal tal-kunċett tar-REKT, u għalhekk jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex theġġeġ lill-Istati Membri biex iwettqu l-obligi tagħhom imwiegħda f'din il-kwistjoni;

44. iqis li l-Kummissjoni Ewropea tista' taqdi rwol deċiżiv biex tiżgura l-operattività sħiħa tar-REKT, skond l-ispirtu awtentiku tar-Regolament;

45. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea sabiex theġġeġ lill-Istati Membri sabiex jadottaw il-miżuri neċessarji għall-applikazzjoni, filwaqt li joffru appoġġ adegwat lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, permezz ta' l-adozzjoni ta' linji gwida, kriterji ta' interpretazzjoni, u indikazzjonijiet tekniċi. Għal dan il-għan il-Kummissjoni tista' tuża x-xogħol li sar mill-Grupp ta' esperti tar-REKT maħluq mill-Kumitat tar-Reġjuni;

46. fil-każ li jibqgħu sitwazzjonijiet ta' nuqqas ta' konformità, jittama li l-Kummissjoni Ewropea tikkunsidra l-possibbiltà li tibda l-proċeduri meħtieġa ta' infrazzjoni kontra l-Istati Membri, mingħajr raġuni, li ma jkunux wettqu dmirijiethom li jadottaw il-miżuri neċessarji ta' implimentazzjoni tar-Regolament.

Promozzjoni ta' l-użu tar-REKT

47. iqis li informazzjoni Komunitarja speċifika u miżuri ta' taħriġ u kull miżura oħra adegwata, inkluż inċentivi legali, ekonomiċi u finanzjarji, jistgħu jintużaw biex jippromovu r-Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali (REKT);

48. f'dan ir-rigward, iqis li l-inċentivi ekonomiċi-finanzjarji bażiċi jistgħu jinqasmu f'żewġ gruppi kbar. L-ewwel ikun jitlob programm speċifiku b'finanzjament Komunitarju, allokat *a priori* mill-ERDF, li jagħti kontribut (fuq perijodu definit minn qabel, fuq bażi dejjem tonqos) għall-ħolqien ta' REKTs ġodda jew il-konverżjoni ta' proġetti prospettivi ta' kooperazzjoni ġestiti bl-użu ta' strutturi konvenzjonali (b'mod partikulari konsorzji *ad hoc* u gruppi oħrajn simili, fejn amministrazzjoni reġjonali tmexxi l-proġett). Din il-ġabra ta' inċentivi tista' tinġabar taħt it-titolu "Programm għall-ħolqien u l-konsolidazzjoni tar-REKTs (PROCCEGTC)", u jkun jiffoka fuq appoġġ tekniku u finanzjarju fuq perijodu ta' bejn tlieta u ħames snin, b'kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja dejjem tonqos ta' bejn 50 u 25 % ta' l-ispejjeż eleġibbli (parir legali, pagament ta' infrastruttura amministrattiva bażika, spejjeż tal-bidu);

49. jikkunsidra li t-tieni grupp ta' inċentivi ekonomiċi-finanzjarji jirrikjedi li sejħiet għal offerti maħruġa mill-Kummissjoni li jinkludu kriterja ta' effiċjenza akbar fl-evalwazzjoni ta' proġetti mressqa bil-għan li jinħoloq REKT, u previżjoni ta' sostenibbiltà meta l-proġett jingħalaq. Dan jgħin il-promozzjoni ta' kultura kooperativa istituzzjonali għall-perijodu qasir u medju, li tfittex sorsi ġodda ta' finanzjament b'żieda mal-baġit Komunitarju;

50. fir-rigward tal-miżuri legali li jridu jittieħdu sabiex jgħinu lill-istituzzjoni tkun ta' suċċess madwar l-UE, ir-responsabbiltà ewlenija għandha taqa' f'idejn il-Kummissjoni, bl-appoġġ tekniku tal-Kumitat tar-Reġjuni;

51. jipproponi li l-Kummissjoni tmexxi 'l quddiem miżuri ta' informazzjoni fid-direttorati ġenerali tagħha sabiex tkabbar l-għarfien tal-kontribuzzjoni tar-REKTs lejn l-implimentazzjoni tal-politika settorjali ta' l-UE;

52. jiddikjara l-ħeġġa tiegħu li jaħdem flimkien ma' parteċipanti istituzzjonali fil-miżuri ta' promozzjoni msemmija aktar kmieni;

Ir-rwol tal-Kumitat tar-Reġjuni

53. jinnota li huwa għandu kompetenzi speċifiċi ta' konsultazzjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni transnazzjonali, skond l-artikolu 265 tat-Trattat tal-KE

— il-kooperazzjoni territorjali, u r-REKT, b'mod partikolari, huma fost il-prijoritajiet ewlenin tal-mandat politiku attwali tal-Kumitat tar-Reġjuni u tal-protokoll il-ġdid ta' kooperazzjoni mal-Kummissjoni;

— l-artikolu 5 tar-regolament jistabbilixxi li l-membri tar-REKT għandhom l-obbligu li jinfurmaw lill-Kumitat tar-Reġjuni b'konvenzjonijiet futuri u bir-reġistrazzjoni u/jew il-pubblikazzjoni ta' statuti; dan jiftaħ it-triq għall-ħolqien ta' "reġistru Ewropew" tar-REKT fil-Kumitat tar-Reġjuni, kif kien intalab fil-bidu mill-Kumitat tar-Reġjuni nnifsu fl-Opinjoni tiegħu ta' l-2004 dwar il-proposta ta' regolament (CdR 62/2004 fin.);

54. jistqarr l-intenzjoni tiegħu li jaqdi rwol fundamentali ta' informazzjoni u ta' promozzjoni ta' l-istrument tar-REKT permezz tal-mobilizzazzjoni politika, inizjattivi ta' komunikazzjoni, il-ħolqien ta' netwerk għall-iskambju ta' l-esperjenzi u l-aħjar prattiċi u attivitajiet ta' riċerka;

55. jenfasizza li twaqqaf grupp ta' esperti dwar ir-REKT, bl-iskop li josservaw l-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali ta' implimentazzjoni u jiffaċilitaw l-iskambju ta' l-esperjenzi fir-rigward tal-ħolqien u l-ġestjoni tar-REKT fil-livell territorjali;

56. jimpejnja ruħu biex jenfasizza l-possibbiltajiet li joffru l-liġijiet kemm fl-Istati Membri kif ukoll fi Stati terzi li huma viċin ta' l-Unjoni, ħalli jiġu massimizzati l-possibbiltajiet ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet territorjali ta' l-Unjoni Ewropea u dawk ta' Pajjiżi terzi;

57. ser jintensifika l-kooperazzjoni tiegħu ma' l-Organizzazzjoni Pan-Reġjonali Ewropea b'esperjenza speċifika u twila fil-qasam tal-kooperazzjoni territorjali trans-Ewropea;

58. jenfasizza li sabiex ir-REKT u l-kooperazzjoni territorjali jkollhom suċċess, b'mod essenzjali, hemm bżonn ta' kooperazzjoni qawwija inter-istituzzjonali, li tkun kapaċi tinvolvi l-istituzzjonijiet Ewropej, il-gvernijiet nazzjonali u l-awtoritajiet reġjonali u lokali

Brussell, it-18 ta' Ġunju 2008.

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni
Luc VAN DEN BRANDE

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Approċċ globali għall-immigrazzjoni: L-iżvilupp ta' politika ewropea dwar l-immigrazzjoni tal-ħaddiema fil-qafas tar-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi"

(2008/C 257/04)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

— iqis li l-Unjoni Ewropea għandha tfassal, kemm jista' jkun malajr, politika ta' immigrazzjoni Ewropea li tirrispetta l-kompetenzi tad-diversi livelli ta' gvernanza filwaqt li terfa' r-responsabbiltajiet tagħha;

— jilqa' bi pjaċir l-inizjattivi tal-Kummissjoni għat-twaqqif ta' mekkaniżmi li jiffaċilitaw il-migrazzjoni regolari tal-ħaddiema, jekk ikun hemm żbilanċ bejn it-tfassil ta' miżuri restrittivi kontra l-immigrazzjoni irregolari u dawk immirati lejn il-promozzjoni ta' l-immigrazzjoni regolari, u jappella sabiex il-Kummissjoni tiżviluppa politika tal-migrazzjoni li tiżgura li l-miżuri fil-livell Ewropew jirrappreżentaw valur miżjud, bħalma huwa l-każ għall-ħaddiema bi kwalifiki għoljin;

— jaqbel li l-impjieg illegali huwa wieħed mill-iktar aspetti attraenti ta' l-immigrazzjoni irregolari u li għaldaqstant l-Istati Membri l-ġodda għandhom isaħħu u jtejbu l-isforzi tagħhom biex jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa fil-ġlieda kontra s-suq tax-xogħol irregolari;

— jiddispjaċih li r-rwol tal-Kumitat tar-Reġjuni ma ssemma fl-ebda dokument ta' referenza u jfisser it-tħassib tiegħu fir-rigward tan-nuqqas ta' attenzjoni li ngħatat lid-dimensjoni reġjonali u lokali, meta s'issa dejjem ġie rikonoxxut li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom rwol x'jaqdu fil-ġestjoni tal-migrazzjoni, u li l-Kumitat tar-Reġjuni għandu kontribut konsultattiv x'jagħti f'dan il-qasam;

— isostni li l-iżvilupp tad-dimensjoni esterna tal-politika u l-istrumenti Ewropej għall-ġestjoni ta' l-immigrazzjoni għandu jimxi id f'id mat-tisħiħ tad-dimensjoni reġjonali u lokali, bl-inklużjoni ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-iżvilupp ta' l-approċċ globali għall-migrazzjoni. Għalhekk għandu jiġi żgurat li l-Kummissjoni Ewropea tippromovi rwol iktar proattiv għall-Kumitat tar-Reġjuni fil-fażi inizjali ta' l-azzjoni Komunitarja;

— jilqa' l-inizjattiva għall-promozzjoni tal-migrazzjoni ċirkolari, u jinnota li din tista' sservi ta' kontribut pożittiv għas-swieq tax-xogħol ta' l-Istati Membri u għall-iżvilupp tal-pajjiżi ta' oriġini.

Rapporteur:: Anna TERRÓN I CUSÍ (ES/PSE), Segretarja għall-Affarijiet ta' l-Unjoni Ewropea, Gvern tal-Generalitat tal-Katalonja

Dokumenti ta' referenza:

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-emigrazzjoni ċirkolari u l-partenarjati ta' mobbiltà bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi

COM(2007) 248 finali

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprovdi sanzjonijiet kontra min iħaddem lil ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali

COM(2007) 249 finali

Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-iskop ta' impjieg bi kwalifiki għoljin

COM(2007) 637 finali

Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar proċedura unika ta' applikazzjoni għal permess uniku għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jgħixu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru kif ukoll dwar ġabra komuni ta' drittijiet għall-ħaddiema minn pajjiżi terzi li jkunu qed jgħixu legalment fi Stat Membru

COM(2007) 638 finali

RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA

Il-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Rakkomandazzjonijiet ġenerali

1. iqis li l-Unjoni Ewropea għandha tfassal, kemm jista' jkun malajr, politika ta' immigrazzjoni Ewropea li tirrispetta l-kompetenzi tad-diversi livelli ta' gvernanza filwaqt li terfa' r-responsabbiltajiet tagħha;

2. jilqa' bi pjaċir l-inizjattivi tal-Kummissjoni għat-twaqqif ta' mekkaniżmi li jiffaċilitaw il-migrazzjoni regolari tal-ħaddiema, jekk ikun hemm żbilanċ bejn it-tfassil ta' miżuri restrittivi kontra l-immigrazzjoni irregolari u dawk immirati lejn il-promozzjoni ta' l-immigrazzjoni regolari, u jappella sabiex il-Kummissjoni tiżviluppa politika tal-migrazzjoni li tiżgura li l-miżuri fil-livell Ewropew jirrappreżentaw valur miżjud, bħalma huwa l-każ għall-ħaddiema bi kwalifiki għoljin;

3. jaqbel li l-impjieg illegali huwa wieħed mill-iktar aspetti attraenti ta' l-immigrazzjoni irregolari u li għaldaqstant l-Istati Membri l-ġodda għandhom isaħħu u jtejbu l-isforzi tagħhom biex jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa fil-ġlieda kontra s-suq tax-xogħol irregolari;

4. jemmen li sabiex is-suq tax-xogħol illegali jiġi miġġieled, l-isforzi għandhom jiġu kkonċentrati l-ewwel u qabel kollox fuq dawk il-persuni, impjegaturi jew individwi, li jimpjegaw persuni minn pajjiżi terzi bi status irregolari fi Stat Membru. Ħafna drabi l-immigranti jsibu ruħhom f'pożizzjoni vulnerabbli ħafna u jistgħu jkunu sfruttati b'mod immorali jew illegali;

5. iqis li l-permess uniku huwa strument tajjeb biex tiġi evitata l-immigrazzjoni irregolari hekk kif seħħet s'issa u jfakkar li l-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea jistabbilixxi d-dritt għal amministrazzjoni tajba;

6. iqis li l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi hija fundamentali sabiex tissawwar stampa globali u koerenti ta' l-immigrazzjoni, hekk kif stqarr il-Kunsill Ewropew fil-konklużjonijiet tiegħu ta' l-2005, fejn huwa fakkar li l-kwistjonijiet marbutin mal-migrazzjoni jikkostitwixxu element ċentrali tar-relazzjonijiet ta' l-UE ma' għadd kbir ta' pajjiżi terzi, li fil-biċċa l-kbira tagħhom huma reġjuni periferiċi ta' l-Unjoni ([1]);

7. jixtieq jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li fit-twaqqif tas-"sħubijiet ta' mobbiltà" għandha tingħata prijorità lill-pajjiżi terzi li huma lesti li jieħdu azzjoni biex jindirizzaw il-migrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin;

8. jilqa' bi pjaċir il-proposti għall-iżvilupp ta' kollaborazzjoni msaħħa mal-pajjiżi terzi permezz ta' "sħubijiet ta' mobbiltà" jew assistenza teknika u/jew finanzjarja, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tfittex forom ġodda ta' kollaborazzjoni mal-pajjiżi ta' oriġini jew ta' transizzjoni, fi spirtu ta' ugwaljanza, sabiex b'hekk toħloq relazzjoni bbażata fuq il-fiduċja li tgħin lil dawn il-pajjiżi jikkooperaw fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni irregolari u jwaqqfu mekkaniżmi għall-ġestjoni ta' l-immigrazzjoni regolari;

9. jiġbed l-attenzjoni lejn ir-rwol ċentrali li jaqdu l-awtoritajiet lokali u reġjonali fin-negozjati u r-relazzjonijiet mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' transizzjoni, b'mod speċjali f'oqsma bħall-iżvilupp u l-kooperazzjoni. Ifakkar fir-rwol importanti li qdew l-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-implimentazzjoni tal-programmi AENEAS, MEDA u TACIS fost oħrajn, u jenfasizza r-rabtiet u l-iskambju ta' għarfien li saru mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' transizzjoni permezz tal-komunitajiet ta' immigranti;

([1]) Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell, 15 u 16 ta' Diċembru 2005, Taqsima IV, punt 8.

10. jiddispjaċih li r-rwol tal-Kumitat tar-Reġjuni ma ssemma fl-ebda dokument ta' referenza u jfisser it-tħassib tiegħu fir-rigward tan-nuqqas ta' attenzjoni li ngħatat lid-dimensjoni reġjonali u lokali, meta s'issa dejjem ġie rikonoxxut li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom rwol x'jaqdu fil-ġestjoni tal-migrazzjoni, u li l-Kumitat tar-Reġjuni għandu kontribut konsultattiv x'jagħti f'dan il-qasam;

11. isostni li l-iżvilupp tad-dimensjoni esterna tal-politika u l-istrumenti Ewropej għall-ġestjoni ta' l-immigrazzjoni għandu jimxi id f'id mat-tisħiħ tad-dimensjoni reġjonali u lokali, bl-inklużjoni ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-iżvilupp ta' l-approċċ globali għall-migrazzjoni. Għalhekk għandu jiġi żgurat li l-Kummissjoni Ewropea tippromovi rwol iktar proattiv għall-Kumitat tar-Reġjuni fil-fażi inizjali ta' l-azzjoni Komunitarja ([2]);

12. jenfasizza l-ħidma ta' l-amministrazzjonijiet lokali u reġjonali fil-politiki ta' integrazzjoni ta' l-immigranti, u r-rwol li jaqdu sabiex jiżguraw li l-mekkaniżmi ta' aċċess għas-suq tax-xogħol ikunu effikaċi u jiġbed l-attenzjoni lejn ir-rwol li jistgħu jaqdu dawn l-awtoritajiet kemm biex iħarrġu l-ħaddiema migranti fis-swieq tax-xogħol Ewropej kif ukoll biex jgħinuhom jintegraw, f'każ ta' ritorn, fis-suq tax-xogħol tal-pajjiż ta' oriġini tagħhom;

13. ifakkar li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jaqdu rwol kruċjali fil-provvista ta' servizzi pubbliċi għall-immigranti (regolari u irregolari), fosthom permezz tal-politiki ta' akkoljenza, saħħa, edukazzjoni u akkomodazzjoni. Kif tfakkar id-Dikjarazzjoni tal-Ħames Konferenza tal-Parlamenti tar-Reġjuni Kapitali ta' l-Unjoni Ewropea (April 2006), għal ċerti reġjuni u awtoritajiet lokali, il-fenomenu ta' l-immigrazzjoni kellu u għad għandu prezz għoli f'termini ta' servizzi pubbliċi, u għalhekk ikun xieraq li jiġu studjati sistemi oħra li jippermettu li l-amministrazzjonijiet lokali u reġjonali jingħataw rwol ikbar fl-iżvilupp ta' inizjattivi u strateġiji nazzjonali relatati ma' l-aċċess għas-suq tax-xogħol u l-integrazzjoni fi ħdanu;

14. jindika l-preferenza tiegħu għat-terminu "immigrazzjoni irregolari", billi f'ħafna lingwi uffiċjali t-terminu illegali jirreferi b'mod ċar għal attitudni kriminali, u jappella biex it-terminu "immigrant illegali" ma jintużax;

15. jinnota li jissemmew politiki oħra ta' l-UE li jistgħu jeffettwaw lill-migranti, bħall-politika ta' l-iżvilupp, l-Istrateġija Ewropea ta' l-Impjieg u politiki oħrajn marbutin mal-qasam soċjali u ekonomiku, u għalhekk jitlob koordinazzjoni mtejba mal-politiki kollha li jeffettwaw lill-immigranti;

16. jitlob lill-Kummissjoni biex tikkunsidra t-tbassir ta' l-Istati Membri fir-rigward tal-bżonn ta' ħaddiema fuq il-bażi ta' l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri lill-Eurostat u tal-listi ta' xogħlijiet li diffiċilment jinstab persunal għalihom, bil-għan li jkun hemm għarfien iktar dettaljat dwar l-azzjonijiet u l-previżjonijiet ta' l-Istati Membri. Madankollu wieħed għandu jqis il-kompetenza nazzjonali fir-rigward ta' l-ammissjoni ta' persuni minn pajjiżi terzi fis-suq tax-xogħol;

17. jinnota li huwa importanti wkoll li jkun hemm sistema soda u aġġornata ta' ġbir ta' l-istatistika li tgħin lill-Istati biex b'mod volontarju jaqsmu l-informazzjoni u l-esperjenza fl-ambitu tal-politiki u s-suq tax-xogħol, hekk kif tistipula d-Direttiva KE Nru 862/2007 dwar l-istatistika Komunitarja fl-ambitu tal-migrazzjoni u l-ħarsien internazzjonali ([3]);

18. jiġbed l-attenzjoni lejn ir-rwol importanti li jaqdu l-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-ġbir ta' informazzjoni u data statistika, u jisħaq fuq il-kontribut li jistgħu jagħtu l-awtoritajiet lokali u reġjonali fir-rigward tat-twaqqif ta' portal Ewropew għall-immigrazzjoni u t-tisħiħ tas-servizzi tan-netwerk EURES, fost oħrajn. L-awtoritajiet reġjonali u lokali jamministraw bosta portali ta' l-Internet li jistgħu jikkomplementaw dawn l-inizjattivi;

19. huwa mħasseb fir-rigward tan-nuqqas ta' referenza espliċita għall-ftehimiet internazzjonali li l-Istati Membri ffirmaw fi ħdan l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), u jfakkar li l-Istati Membri għandhom jaġixxu b'konformità mad-Dikjarazzjoni dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol (ILO, 1998), mal-Pjan ta' Azzjoni għall-Ħaddiema Migranti (ILO, 2004) u, b'mod ġenerali, mad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, hekk kif imfissra fil-konvenzjonijiet internazzjonali fis-seħħ;

20. huwa tal-fehma li huwa estremament importanti li jitwaqqaf netwerk ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jiġu żviluppati strumenti u indikaturi statistiċi komuni li jipprovdu stampa aktar preċiża tal-migrazzjoni;

21. jixtieq jenfasizza l-importanza tal-promozzjoni ta' gruppi ta' ħidma u forums permanenti (konferenzi, seminars, eċċ.) bil-għan li jkun hemm skambju ta' l-esperjenzi u l-prattika t-tajba dwar kif jintlaqgħu l-immigranti u kif jiġu integrati fis-soċjetà u fid-dinja tax-xogħol;

22. jappoġġja r-ratifika tal-Konvenzjoni internazzjonali dwar il-ħarsien tad-drittijiet tal-ħaddiema migranti kollha u tal-membri tal-familji tagħhom min-naħa ta' l-Istati Membri;

Fir-rigward tal-migrazzjoni ċirkolari u r-rabtiet ma' pajjiżi terzi

23. jilqa' l-inizjattiva għall-promozzjoni tal-migrazzjoni ċirkolari, u jinnota li din tista' sservi ta' kontribut pożittiv għas-swieq tax-xogħol ta' l-Istati Membri u għall-iżvilupp tal-pajjiżi ta' oriġini;

24. jagħraf li l-migrazzjoni ċirkolari tista' toħloq rabta pożittiva bejn il-pajjiżi ta' oriġini u ta' destinazzjoni, u li tista' tkun strument ta' promozzjoni tad-djalogu, il-kooperazzjoni u l-fehim reċiproku;

([2]) B'konformità mal-Protokoll ta' Kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Kumitat tar-Reġjuni ta' Novembru 2005.

([3]) Ir-Regolament Nru 862/2007 jagħraf, fost il-kunsiderazzjonijiet tiegħu, (5) "il-bżonn, li dejjem qed jiżdied, għal informazzjoni fil-forma ta' statistika li tirrigwarda l-professjonijiet, l-edukazzjoni, il-kwalifiki u t-tip ta' attività tal-migranti." Ir-regolament jistipula wkoll (6) li huwa essenzjali li jkun hemm "statistika Komunitarja armonizzata u komparabbli dwar il-migrazzjoni u l-ażil għall-iżvilupp u l-monitoraġġ tal-leġislazzjoni u l-linji politiċi Komunitarji relatati ma' l-immigrazzjoni u l-ażil, u mal-moviment liberu tal-persuni".

25. jiġbed l-attenzjoni lejn il-ħtieġa li l-migrazzjoni ċirkolari taħdem tajjeb sabiex jiġi evitat li din tkun triq oħra għall-immigrazzjoni irregolari, u li għalhekk għandha tuża mezzi effettivi sabiex tiggarantixxi r-ritorn tal-migranti u tiffavorixxi ċ-ċirkolarità. Min-naħa tiegħu, jifhem li l-migrazzjoni ċirkolari ma tistax tieħu post il-migrazzjoni permanenti u lanqas ma tista' tfixkel l-inizjattivi ta' l-Istati Membri fl-ambitu tal-politika ta' integrazzjoni ta' l-immigranti;

26. jappella għal rabta ikbar bejn il-politika ta' immigrazzjoni u politiki oħra ta' l-UE, bil-għan li jittejjeb il-qafas ekonomiku u soċjali tal-pajjiżi ta' oriġini u ssir kontribuzzjoni "għat-tnaqqis ta' l-inċentivi tal-migrazzjoni [irregolari]" ([4]);

27. ifaħħar is-sħubijiet ta' mobbiltà li saru ma' pajjiżi terzi u jagħraf l-importanza tal-promozzjoni ta' ftehimiet mal-pajjiżi ta' oriġini. Fil-Komunikazzjoni tagħha l-Kummissjoni tenfasizza l-fatt li l-qsim tal-kompetenzi bejn l-UE u l-Istati membri għandu jiġi kkunsidrat fil-ftehimiet ta' mobbiltà. Dawn il-ftehimiet għandhom jindirizzaw kwistjonijiet bħall-istrumenti meħtieġa għall-ġestjoni konġunta tal-flussi migratorji, miżuri li jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra l-immigrazzjoni irregolari u jiffaċilitaw id-dħul mill-ġdid u r-ritorn ta' l-immigranti irregolari, u mekkaniżmi li jiffavorixxu l-iżvilupp ekonomiku ta' dawn il-pajjiżi;

28. jinnota l-importanza li jintlaħqu ftehimiet mal-pajjiżi terzi dwar id-dħul mill-ġdid fil-qafas ta' l-impenji tagħhom, u jiġbed l-attenzjoni lejn il-bżonn li dawn il-proċeduri jiġu ssemplifikati filwaqt li jiġu rrispettati d-drittijiet ta' l-immigranti u d-drittijiet rikonoxxuti fil-livell internazzjonali;

29. jitlob li jiġi rikonoxxut ir-rwol ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-kooperazzjoni transkonfinali internazzjonali; u jitlob li l-parteċipazzjoni ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-Politika Ewropea tal-Viċinat tiġi ffaċilitata, filwaqt li jħeġġeġ lill-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jaħdmu flimkien ma' l-awtoritajiet reġjonali fil-pajjiżi ta' oriġini, billi jużaw il-programmi tal-Kummissjoni Ewropea, b'mod partikolari l-iskema pilota konġunta għall-kooperazzjoni reġjonali bejn ir-reġjuni ultraperiferiċi u l-pajjiżi terzi ġirien; ifakkar li dawn l-amministrazzjonijiet għandhom l-ikbar għarfien dwar l-impatt ekonomiku u soċjali ta' l-immigrazzjoni u l-konsegwenzi korrispondenti fir-reġjuni ta' oriġini;

30. ifakkar li l-effetti tal-migrazzjoni ċirkolari fil-pajjiżi ta' oriġini għandhom jiġu analizzati u li għandu jiġi eżaminat ukoll l-impatt li għandu l-bgħit ta' flus fuq il-pajjiżi ta' oriġini. Iħeġġeġ li, b'konformità ma' dawn l-istudji, jiġu applikati l-istrumenti neċessarji sabiex dawn it-transazzjonijiet jiġu ffaċilitati;

31. jitlob li jiġu studjati l-possibbiltajiet li jeżistu għall-involviment tal-bliet u r-reġjuni li huma l-oriġini u d-destinazzjoni tal-flussi migratorji fis-sħubijiet ta' mobbiltà billi dawn jistgħu jiffaċilitaw il-mobbiltà ta' l-immigranti u jinfluwenzaw b'mod pożittiv l-integrazzjoni soċjali ta' l-immigranti;

([4]) COM(2007) 248 finali.

32. jisħaq fuq il-fatt li jeħtieġ li tingħata spinta lill-mekkaniżmi li jiffavorixxu l-mobbiltà fi ħdan l-UE tal-ħaddiema immigranti li jgħixu u jaħdmu legalment fi Stat Membru;

33. jenfasizza li huwa importanti li l-pajjiżi terzi li jipparteċipaw fis-sħubijiet ta' mobbiltà jippromovu b'mod effettiv ir-ritorn u l-integrazzjoni mill-ġdid tal-migranti billi jieħdu miżuri attivi biex jippromovu l-istabbiliment ta' infrastruttura tal-produzzjoni u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti. L-awtoritajiet tal-pajjiż ospitanti għandhom ifakkru dan l-aspett lill-pajjiżi ta' oriġini li magħhom għandhom ftehim ta' mobbiltà, u joffrulhom pariri u appoġġ mingħajr ħlas;

34. iqis li l-idea ta' viża għal iktar minn dħul wieħed li tkun valida għal perjodu twil hija pożittiva billi tiffavorixxi l-migrazzjoni ċirkolari; jappoġġja l-inizjattivi li jħeġġu l-parteċipazzjoni fis-swieq tax-xogħol ta' l-Istati Membri tal-persuni b'nazzjonalità ta' pajjiż terz li daħlu fil-pajjiż bħala studenti u ta' dawk li pparteċipaw f'mekkaniżmi ta' migrazzjoni ċirkolari u rrispettaw l-obbligu ta' ritorn;

35. jitlob lill-Kummissjoni tagħmel dak li tista' biex tiżgura li l-migranti ċirkolari, ġaladarba jkunu marru lura fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom, ikunu jistgħu jittrasferixxu d-drittijiet ta' pensjoni li jkunu kisbu fil-pajjiż ta' destinazzjoni;

36. iqis liż-żieda ta' inċentivi fil-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi bħala miżura komplementari pożittiva li tippromovi l-parteċipazzjoni ta' l-awtoritjiet lokali u reġjonali fil-proġetti ta' żvilupp;

37. jappoġġja l-idea li jinħolqu ċentri komuni ta' applikazzjoni għall-viża fil-pajjiżi terzi, u jitlob li din l-inizjattiva ma twassalx għal żieda fil-burokrazija iżda pjuttost għal proċeduri iktar sempliċi u iktar mgħaġġla;

Fir-rigward tal-ġlieda kontra x-xogħol irregolari

38. jappoġġja l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tiġġieled kontra x-xogħol illegali ta' persuni minn pajjiżi terzi. L-introduzzjoni ta' sanzjonijiet ekonomiċi, amministrattivi jew fejn hemm bżonn penali mmirati lejn ir-rispett tad-dispożizzjonijiet legali ta' l-UE hija kompitu ta' l-Istati Membri, minbarra f'każ fejn is-sanzjonijiet ikunu mmirati lejn il-ħarsien ta' l-effettività tal-leġislazzjoni ta' l-UE;

39. jinnota l-bżonn li jiġi vvalutat jekk it-terminu "min iħaddem" jew "intraprenditur" huwiex adattat f'kull verżjoni lingwistika tad-direttiva u jqis li meta fil-leġislazzjoni ta' Stat Membru jkun hemm distinzjoni bejn iż-żewġ termini, ikun preferibbli li jintuża t-terminu "min iħaddem" minflok "intraprenditur" bil-għan li ssir distinzjoni bejn l-inizjattiva intraprenditorjali u l-imġiba kriminali u biex id-direttiva tkopri wkoll sitwazzjonijiet fejn persuna toffri impjieg legali mingħajr ma jkollha l-istatus legali ta' intraprenditur;

40. isostni li l-ġlieda kontra x-xogħol irregolari għandha tinkludi sanzjonijiet għal dawk li jħaddmu lin-nies b'mod illegali, kif ukoll żieda fl-ispezzjoni tax-xogħol u titjib tas-sistemi ta' impjegar legali u analiżi ta' sistemi alternattivi li jippermettu li tiġi promossa l-prattika tajba. Ir-riżultati ta' l-ispezzjonijiet tax-xogħol għandhom ikunu pubbliċi sabiex il-konsumaturi u l-impjegati potenzjali jkunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati;

41. iqis li l-ġlieda kontra x-xogħol irregolari, li hija wieħed mill-fatturi li l-iktar jiġbdu l-flussi ta' l-immigrazzjoni irregolari, għandha tkun prijorità fl-azzjonijiet ta' l-UE relatati mal-politika ta' immigrazzjoni u jqis li l-bażi legali tad-direttiva għandha tiffoka fuq il-ġlieda kontra x-xogħol irregolari u konsegwentement fuq it-tnaqqis ta' l-immigrazzjoni irregolari, u mhux bil-kontra;

42. ifakkar li l-awtoritajiet lokali u reġjonali, b'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali, jistgħu jaqdu rwol importanti fl-applikazzjoni tal-miżuri ta' kontroll u superviżjoni tas-suq tax-xogħol u li jista' jkun hemm bżonn li jiżdiedu r-riżorsi umani u materjali sabiex jiżdied in-numru ta' spezzjonijiet;

43. iqis li, fil-qafas tal-ġlieda kontra x-xogħol irregolari, għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-ġlieda kontra t-traffikar illegali tal-migranti u t-traffikar tal-persuni, u jikkritika bis-sħiħ lill-organizzazzjonijiet u n-netwerks tal-kriminalità organizzata li jappoġġjaw lill-fenomenu ta' l-immigrazzjoni irregolari, b'mod partikolari l-isfruttament fl-ambitu tax-xogħol, attività li saret vantaġġuża ħafna għalihom;

44. jappoġġja l-inizjattivi mmirati lejn il-ġlieda kontra x-xogħol irregolari u jħeġġeġ il-promozzjoni ta' inizjattivi konġunti bejn id-diversi livelli ta' amministrazzjoni (nazzjonali, reġjonali u lokali) u l-imsieħba soċjali (prinċipalment dawk li jħaddmu u t-trade unions, iżda wkoll l-NGOs u l-assoċjazzjonijiet favur id-drittijiet tal-bniedem) f'dan il-qasam. Iħeġġeġ it-tnedija ta' inizjattivi ta' promozzjoni u azzjonijiet ta' informazzjoni f'setturi speċifiċi tad-dinja tax-xogħol li jkollhom l-għan li jiskoraġġixxu lil dawk li jħaddmu lin-nies b'mod irregolari u jinfurmawhom bil-benefiċċji ta' l-impjegar legali;

45. jaqbel li ma jkunx siewi li fl-applikazzjoni tad-Direttiva jiġu esklużi l-individwi li jimpjegaw ħaddiema b'mod irregolari, iżda jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li huwa impossibbli li jkun hemm prevenzjoni ta' sitwazzjonijiet bħal dawn jekk ma jitfasslux soluzzjonijiet effikaċi u komplementarji li jindirizzaw l-iskarsezza tal-ħaddiema fis-suq tax-xogħol;

46. jinnota li huwa importanti li l-proċeduri għall-impjegar temporanju jkunu iqsar u iktar flessibbli u li jiġu stabbiliti sistemi għall-immigrazzjoni staġjonali, bħal dawk inklużi fil-pjan dwar il-politiki għall-migrazzjoni legali ta' l-2005, bħala elementi li jistgħu jikkontribwixxu sabiex ma jkomplewx jithaddmu migranti b'mod irregolari;

47. jiġbed l-attenzjoni lejn is-sitwazzjoni estremament vulnerabbli li jinsabu fiha n-nisa immigranti fl-Unjoni Ewropea, kemm fl-ambitu tax-xogħol kif ukoll f'dak personali, u jsejjaħ għal attenzjoni ikbar għal din il-kwistjoni;

48. jappoġġja d-deċiżjoni li ma jiġux imposti sanzjonijiet fuq il-persuni minn pajjiżi terzi effettwati mill-proposta, anke jekk l-eżiġenza ta' ritorn jew espulsjoni ([5]) tista' titqies bħala kastig, u jilqa' s-sanzjonijiet ekonomiċi fir-rigward ta' dawk li jiksru l-liġi, b'mod speċjali fil-forma tal-ħlas ta' l-ispejjeż marbutin mal-vjaġġ ta' ritorn, li magħhom wieħed jista' jżid l-akkomodazzjoni u l-manteniment ta' l-immigrant ikkonċernat sakemm tintemm il-proċedura ta' ritorn; jenfasizza li l-Unjoni Ewropea għandha tiggarantixxi l-konsistenza ta' l-istrumenti leġislattivi marbutin mal-miżuri dwar ir-ritorn, u l-konformità tagħhom mad-drittijiet fundamentali tal-bniedem;

49. iħeġġeġ it-teħid tal-miżuri neċessarji sabiex jiġi żgurat li l-ħaddiema li jintbagħtu lura, jitħallsu dak li jmisshom;

50. jitlob ħarsien aħjar mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għall-ħaddiema li huma vittmi ta' abbuż u jitlob li tiġi kkunsidrata l-possibbiltà li jingħatalhom id-dritt ta' residenza fuq perijodu fit-tul, b'mod speċjali f'każi gravi ħafna, b'konformità mad-Direttiva 2004/81/KE dwar il-permess ta' residenza maħruġ lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma vittmi tat-traffikar tal-bnedmin jew li kienu s-suġġett ta' azzjoni li tiffaċilita l-immigrazzjoni illegali li jikkooperaw ma' l-awtoritajiet kompetenti;

Fir-rigward tal-ħaddiema bi kwalifiki għoljin

51. jilqa' l-inizjattivi favur il-promozzjoni ta' l-immigrazzjoni legali lejn l-UE, hekk kif jilqa' l-isforzi għall-armonizzazzjoni tad-diversi mekkaniżmi kumplessi ta' aċċess għas-swieq tax-xogħol fl-Istati Membri;

52. iqis li huwa neċessarju li jiġu żviluppati miżuri bħall-"karta l-blu" bil-għan li l-Unjoni Ewropea ssir destinazzjoni iktar attratenti għall-flussi migratorji ta' ħaddiema kwalifikati u bi kwalifiki għoljin ħafna, u wkoll sabiex jiġu sodisfatti l-bżonnijiet tas-swieq tax-xogħol Ewropej u jiġi żgurat li l-istrateġija ta' Lisbona tiġi implimentata; madankollu, il-Kummissjoni hija mitluba tagħti definizzjoni iktar ċara tat-termini immigranti "kwalifikati" u immigranti "bi kwalifiki għoljin"; barraminhekk jissuġġerixxi li d-definizzjoni tikkunsidra l-livell ta' edukazzjoni tal-migranti, l-esperjenza tax-xogħol tagħhom, il-kompetenzi lingwistiċi tagħhom u fatturi rilevanti oħra;

53. jinnota li l-kontribut li jagħtu l-ħaddiema mhux kwalifikati jew bi kwalifiki inqas għoljin lis-swieq tax-xogħol ta' ċerti pajjiżi Ewropej m'għandux jiġi mminimizzat, u jfakkar lill-Kummissjoni — wara li analizza u evalwa l-possibbiltajiet ta' impjieg għall-ħaddiema mingħajr kwalifiki u semi-kwalifikati — fl-impenji tal-Kunsill fir-rigward ta' l-armonizzazzjoni tal-proċeduri ta' ammissjoni għal raġunijiet marbutin mas-suq tax-xogħol, kif stipulat fil-Pjan ta' Politika dwar il-Migrazzjoni Legali;

54. iqis li l-"karta l-blu" m'għandhiex biss tingħata lil dawk il-ħaddiema kwalifikati li jitolbu li jidħlu fiż-żona ta' l-UE, iżda wkoll lil dawk li diġà jgħixu fit-territorju ta' Stat Membru;

([5]) COM (2005) 391 u COM (2007) 248.

55. iqis li huwa indispensabbli li tingħabar informazzjoni bażika preċiża dwar il-bżonn ta' forza tax-xogħol kwalifikata fis-swieq tax-xogħol ta' l-Istati Membri u jitlob lill-Kummissjoni tfassal metodu omoġenu u effettiv għall-ġbir u l-preżentazzjoni ta' data statistika f'dan l-ambitu b'konformità mar-Regolament Nru (KE) 862/2007;

56. jitlob lill-Istati Membri li jheġġu l-parteċipazzjoni ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali sabiex jiġi ddeterminat kemm daħlu persuni minn pajjiżi terzi minħabba offerti ta' xogħol li jitolbu kwalifiki għoljin, u jiddispjaċih li din il-parteċipazzjoni ma tissemmiex b'mod espliċitu fil-proposta għal direttiva;

57. jistaqsi lilu nnifsu jekk il-mobbiltà fl-ambitu tax-xogħol tal-ħaddiema bi kwalifiki għoljin tistax tiġi effettwata mill-eżiġenza li l-ħaddiema jgħixu għal żmien ta' mill-inqas sentejn fl-ewwel Stat Membru, u jheġġeġ lill-Kummissjoni tfittex soluzzjonijiet alternattivi li jiżguraw il-mobbiltà tal-ħaddiema u jissodisfaw il-bżonnijiet tas-swieq tax-xogħol nazzjonali;

58. jilqa' l-kundizzjonijiet ta' dħul għall-familji tal-ħaddiema bi kwalifiki għoljin, kwistjoni li tista' tkun determinanti fir-reklutaġġ ta' persunal bi kwalifiki għoljin, kif juru l-esperjenzi ta' pajjiżi bħall-Awstralja, il-Kanada u l-Istati Uniti;

59. ifakkar fl-importanza li jiġi evitat "brain drain" fil-pajjiżi fil-proċess ta' żvilupp u jinnota bi tħassib li, skond l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, il-programmi ta' dħul għall-ħaddiema kwalifikati (fosthom din issemmi l-inizjattivi reċenti tal-Kummissjoni dwar il-migrazzjoni ċirkolari) jistgħu jaggravaw il-problemi ta' "brain drain" ([6]);

60. jitlob li jiġu studjati bir-reqqa d-data u l-istatistika dwar il-"brain drain" u l-effetti ta' dan fuq il-pajjiżi ta' oriġini, bil-għan li jinstabu risposti konġunti flimkien mal-pajjiżi ta' oriġini sabiex jiġu evitati, safejn dan huwa possibbli, ir-riskji u l-konsegwenzi ta' dan il-fenomenu;

61. iħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu l-miżuri xierqa għall-promozzjoni taċ-"ċirkolazzjoni ta' l-imħuħ" bħala alternattiva għat-"telf ta' mħuħ" (brain drain), kunċett li jirreferi għall-fatt li l-migranti jmorru lura fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom u jaqsmu l-benefiċċji tal-kompetenzi miksuba fil-pajjiżi ta' destinazzjoni ([7]), u li jwassal għal attivazzjoni u tisħiħ tar-rabtiet bejn il-komunitajiet ta' oriġini u ta' destinazzjoni;

Fir-rigward tal-permess uniku ta' residenza u impjieg

62. jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu fir-rigward tal-proposta għal proċedura unika ta' applikazzjoni għal permess konġunt ta' residenza u impjieg, u jheġġeġ it-titjib tal-proċeduri amministrattivi għall-għotja ta' dan il-permess;

63. jilqa' kwalunkwe proposta li tissemplifika l-mekkaniżmi ta' aċċess għall-UE għal skopijiet ta' xogħol u jitlob li l-proċeduri ta' applikazzjoni u approvazzjoni tal-permessi jitħaffu sabiex tiġi żgurata l-effiċjenza tas-sistema;

64. iqis li l-permess uniku huwa strument tajjeb għall-ġlieda kontra l-immigrazzjoni irregolari attwali, problema mdaqqsa fil-pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropea li xxekkel id-dritt għal amministrazzjoni tajba rikonoxxut fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea;

65. ifisser is-sodisfazzjon tiegħu fir-rigward tar-rikonoxximent ta' pakkett komuni ta' drittijiet għal dawk kollha li għandhom permess uniku, u jfakkar li dawn id-drittijiet għandhom jiġu rikonoxxuti bħala drittijiet marbutin mal-qafas internazzjonali tal-ħarsien tal-ħaddiema ta' l-ILO;

66. ifakkar f'dak li tistqarr l-opinjoni tal-KtR 233/2006 ([8]) fir-rigward ta' l-importanza li jittejbu l-mekkaniżmi għar-rikonoxximent u l-validazzjoni taċ-ċertifikati u t-titoli professjonali u, b'mod ġenerali, tal-kompetenzi professjonali ta' l-immigranti, bil-għan li l-integrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol tkun iktar adattata għall-kapaċitajiet tagħhom;

67. ifaħħar it-twaqqif ta' garanziji fil-proċedura ta' preżentazzjoni ta' l-applikazzjoni unika għal permess konġunt, b'mod speċjali fir-rigward ta' l-eżiġenza li kull rifjut jiġi ġġustifikat u li jkun hemm proċedura ta' appell f'każ ta' rifjut;

68. jisħaq fuq il-fatt li l-Istati Membri għandhom jirrispettaw il-prinċipju ta' sussidjarjetà u jinkludu l-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-tħejjija ta' politiki ta' immigrazzjoni, b'mod speċjali fl-oqsma marbutin ma' l-integrazzjoni u s-suq tax-xogħol, sabiex dawn jipparteċipaw fid-deċiżjoni dwar in-numru ta' barranin li għandu jiġi ammess fit-territorju tagħhom, kif ukoll fir-rigward tal-karatteristiċi professjonali tagħhom.

Brussell, it-18 ta' Ġunju 2008.

Il-President

tal-Kumitat tar-Reġjuni

Luc VAN DEN BRANDE

([6]) Nota tat-traduttur: il-verżjoni Spanjola tad-dokument tal-Kummissjoni tuża l-kelma "*empresario*" li tista' tiġi tradotta kemm bħala "min iħaddem" kif ukoll bħala "intraprenditur". Il-verżjoni Maltija tuża biss it-terminu "min iħaddem".

([7]) "Niżguraw il-benefiċċji u nnaqsu r-riskji marbutin mal-mobilità tal-ħaddiema". Dokument tematiku tat-tielet sessjoni: Migrazzjoni għal skopijiet ta' xogħol fil-fruntieri u fuq skala internazzjonali. Forum ta' l-ILO, 2007.

([8]) Assemblea Parlamentari Konġunta. Abbozz ta' rapport dwar il-migrazzjoni tal-ħaddiema kwalifikati u l-effett tagħha fuq l-iżvilupp nazzjonali. ACP-UE/100.012/B/2007.

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Dokument ta' Ħidma 2007-2010 li jikkonċerna l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR)"

(2008/C 257/05)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

— huwa konvint li l-valuri tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem, hekk kif inhuma ddikjarati fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali mehmuża mat-Trattat ta' Lisbona, iffurmaw il-bażi vera tal-proċess ta' l-integrazzjoni ta' l-UE. It-titjib li jsir fil-qasam tal-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem fiż-żona Ewropea ser iġib miegħu aktar fiduċja fil-proġett tal-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem fir-relazzjonijiet esterni ta' l-UE;

— ifakkar li d-demokrazija u d-drittjiet tal-bniedem huma kwistjonijiet globali u wirt komuni, u li f'ħafna soċjetajiet, fost dawk l-entitajiet responsabbli mill-implimentazzjoni ta' dawn id-drittijiet, huma l-awtoritajiet lokali li jinsabu l-eqreb taċ-ċittadini. L-għan ċentrali ta' dan l-istrument huwa t-tisħiħ ta' l-istituzzjonijiet pubbliċi u għalhekk jista' jservi ta' spinta għall-istituzzjonijiet lokali u reġjonali;

— jiġbed l-attenzjoni lejn il-possibbiltà li l-istrateġija tal-monitoraġġ ta' l-elezzjonijiet tiegħu ssir parti mill-qafas ta' l-Objettiv 5 biex permezz t'hekk jissaħħu d-demokrazija u s-sens ta' appartenenza tal-poplu fil-proċess demokratiku;

— jemmen li l-appoġġ tal-monitoraġġ ta' l-elezzjonijiet huwa parti importanti ta' l-iżvilupp demokratiku u jħoss li l-istrateġiji futuri ta' l-UE dwar il-monitoraġġ ta' l-elezzjonijiet għandhom jenfasizzaw b'mod partikolari l-monitoraġġ ta' l-elezzjonijiet lokali u reġjonali fil-pajjiżi terzi;

— jikkunsidra li l-osservazzjonijiet ta' l-elezzjonijiet nazzjonali li twettaq l-UE għandhom jikkunsidraw l-evalwazzjoni ta' l-impatt tal-promozzjoni tad-demokrazija fil-livelli lokali u reġjonali b'aktar attenzjoni.

Rapporteur: Is-Sinjura Heini UTUNEN (FI, ALDE), Membru tal-Kunsill tal-Belt ta' Jyväskylä

Dokument ta' referenza

Dokument ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ewropea 2007-2010 għall-programmi ffinanzjati mill-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR) u l-annessi (allokazzjonijiet finanzjarji EIDHR 2007-2010)

C(2007) 3765

RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

A. Rakkomandazzjonijiet ġenerali

1. ifakkar li l-KtR huwa konvint li l-valuri tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem, hekk kif inhuma ddikjarati fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali mehmuża mat-Trattat ta' Lisbona, iffurmaw il-bażi vera tal-proċess ta' l-integrazzjoni ta' l-UE. It-titjib li jsir fil-qasam tal-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem fiż-żona Ewropea ser iġib miegħu aktar fiduċja fil-proġett tal-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem fir-relazzjonijiet esterni ta' l-UE.

2. jemmen fl-importanza kruċjali tat-twemmin ta' l-Unjoni Ewropea li d-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem huma valuri universali li għandhom jiġu promossi b'determinazzjoni madwar id-dinja kollha u jappoġġja l-ħidma favur il-ksib ta'dawn il-valuri fil-pajjiżi terzi.

3. ifakkar li l-pożizzjoni tal-KtR f'dan ir-rigward minn dejjem kienet ċara u ġiet ikkonfermata diversi drabi: ma jistax ikun hemm gvernanza demokratika ġenwina mingħajr it-trasferiment tal-poter u l-kompetenzi għal-livelli lokali u reġjonali. Permezz tal-kooperazzjoni sabiex jinstabu soluzzjonijiet konkreti għall-probemi ta' kuljum, l-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jibnu l-fiduċja bejn il-popli, il-fiduċja fid-demokrazija lokali u l-fiduċja fid-djalogu interkulturali. L-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jkattru s-sens ta' appertenenza lokali fost il-poplu u jsaħħu l-kapaċità sostenibbli għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem.

4. ifakkar li d-demokrazija u d-drittjiet tal-bniedem huma kwistjonijiet globali u wirt komuni, u li f'ħafna soċjetajiet, fost dawk l-entitajiet responsabbli mill-implimentazzjoni ta' dawn id-drittijiet, huma l-awtoritajiet lokali li jinsabu l-eqreb taċ-ċittadini. L-għan ċentrali ta' dan l-istrument huwa t-tisħiħ ta' l-istituzzjonijiet pubbliċi u għalhekk jista' jservi ta' spinta għall-istituzzjonijiet lokali u reġjonali.

5. jagħraf ir-rwol uniku ta' l-EIDHR fil-kontribut għall-iżvilupp u t-tisħiħ tad-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-pajjiżi terzi tad-dinja kollha, u r-rwol li għandu fil-ħolqien ta' approċċ konsistenti u koerenti ta' l-UE f'dan il-qasam.

6. jagħraf ir-rwol uniku li jaqdi l-EIDHR fit-tisħiħ tal-profil ta' l-Ewropa fil-qasam tal-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi terzi. Il-KtR jisħaq fuq il-fatt li l-għan ta' l-UE li tippromovi d-demokrazija ma jfissirx li l-UE tista' jew għandha tesporta l-mudell tagħha tad-demokrazija jew timponih fuq il-pajjiżi terzi. L-EIDHR joffri l-possibbiltà li jixxerdu aktar il-prinċipji komuni tal-libertà ta' l-individwu. Il-KtR jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li l-Karta Ewropea għall-awtonomija tal-muniċipalitajiet kienet sors ta' ispirazzjoni u gwida għal ħafna demokraziji ġodda ta' l-Ewropa huma u jibnu sistema ta' awtonomija lokali effettiva. L-abbozz tal-Karta Ewropea għad-demokrazija reġjonali tal-Kungress ta' l-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali jista' jaqdi l-istess rwol.

7. jisħaq li l-għan ta' l-istrateġija huwa li tipprovdi l-assistenza irrispettivament mill-kunsens tal-gvernijiet tal-pajjiżi terzi. Il-KtR jikkunsidra li l-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-pajjiżi kkonċernati, li ġew eletti b'mod demokratiku, għandhom jitqiesu bħala msieħba f'dil-ħidma favur il-ksib ta' l-għanijiet ta' l-EIDHR, l-ewwel u qabel kollox billi jitniżżlu, ħdejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, fil-lista ta' l-atturi kkonċernati.

8. ifakkar li l-KtR diġà stabbilixxa diversi strumenti għall-implimentazzjoni tal-politika tiegħu fil-pajjiżi li għandu kuntatti magħhom. Per eżempju t-tliet Gruppi ta' Ħidma tiegħu dwar il-Balkani tal-Punent, it-Turkija u l-Kroazja b'mod partikolari, kif ukoll l-organizzazzjoni ta' diversi ċikli ta' konferenzi dwar il-Politika Ewropea tal-Viċinat ippermettew djalogu politiku regolari u l-iskambju ta' l-aħjar prattika mar-rappreżentanti ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-pajjiżi terzi.

9. jemmen li l-approċċ strateġiku lejn dan l-istrument u l-għanijiet tiegħu għandu jkun wieħed ibbażat fuq perijodu itwal ta' żmien. L-oqsma prijoritarji nbidlu diversi drabi matul il-fażijiet differenti tal-programmazzjoni għalhekk sar diffiċli li jitfasslu programmi u inizjattivi fuq perijodu fit-tul. Kemm evalwazzjoni dettaljata kif ukoll rapport preċiż dwar il-programmi li ġew iffinalizzati jaqdu rwol pożittiv fl-iżvilupp tal-programmi futuri.

10. jemmen fil-bżonn tas-semplifikazzjoni tal-proċeduri ta' applikazzjoni għall-fondi ta' l-EIDHR u jħeġġeġ is-semplifikazzjoni tat-tħaddim ta' l-EIDHR sabiex dawk l-istrutturi anqas organizzati jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-istrument u jagħmlu użu minnu b'mod flessibbli. L-EIDHR huwa strument ta' daqs relattivament modest u għalhekk jeħtieġ li jitħaddem b'mod selettiv u strateġiku biex ikun ta' suċċess.

11. jirrakkomanda li l-evalwazzjoni ta' l-Istrateġija ssir mill-perspettiva ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali u fid-dawl tal-prinċipju tas-sussidjarjetà fil-pajjiżi terzi. L-amministrazzjoni ta' l-EIDHR m'għandhiex iżżid il-piż burokratiku b'tali mod li l-istrument isir ostaklu, b'mod speċjali fil-kuntest ta' proġetti, li huma komuni fost l-atturi lokali. Jeħtieġ li jkun strument li jippermetti livell massimu ta' flessibbiltà sabiex tiġi evitata d-diskriminazzjoni li jikkawżaw l-istrutturi t-tqal.

B **Rakkomandazzjonijiet tematiċi**

12. L-impenn tal-Kumitat tar-Reġjuni lejn id-demokrazija, il-gvernanza tajba, il-valuri Ewropej u d-drittijiet tal-bniedem jiġġustifika l-involviment tiegħu fl-Istrateġija kollha kemm hi. Minn fost il-ħames objettivi proposti, jeħtieġ li fl-ippjanar multiannwali li ser isir għall-perijodu ta' bejn l-2010 u l-2013, issir enfasi speċjali fuq il-parteċipazzjoni ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-Objettiv 2. Barra minn hekk il-Kumitat tar-Reġjuni jixtieq jiġbed l-attenzjoni lejn il-possibbiltà li l-istrateġija tal-monitoraġġ ta' l-elezzjonijiet tiegħu ssir parti mill-qafas ta' l-Objettiv 5 biex permezz t'hekk jissaħħu d-demokrazija u s-sens ta' appartenenza tal-poplu fil-proċess demokratiku.

Objettiv 1

It-tisħiħ tar-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem f'dawk il-pajjiżi u r-reġjoni fejn l-aktar huma mhedda

13. jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li filwaqt li wieħed mill-għanijiet prinċipali ta' dan l-objettiv huwa li jipprovdi appoġġ lill-NGOs, jeħtieġ li nagħrfu wkoll li f'ċerti pajjiżi u reġjuni, il-pożizzjoni u l-ħidma ta' kuljum tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ħaddiema muniċipali ċivili jppoġġuhom f'ċertu riskju.Għalhekk għandu jsir kull sforz sabiex anke huma jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-appoġġ ta' l-objettiv.

Objettiv 2

It-tisħiħ tar-rwol tas-soċjetà ċivili fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tar-riforma demokratika, fl-appoġġ tal-konċiljazzjoni paċifika bejn il-gruppi ta' interess u t-tisħiħ tal-parteċipazzjoni u r-rappreżentazzjoni politika

14. jemmen li d-demokrazija parteċipattiva u inklużiva fil-livelli lokali u reġjonali hija l-aqwa strument sabiex fuq perijodu fit-tul tinbena demokrazija li taħdem tajjeb, ibbażata fuq il-bżonnijiet taċ-ċittadini u fuq il-prinċipji ta' gvernanza tajba, u li tgawdi l-fiduċja u l-appoġġ tal-poplu kollu.

15. jipproponi li naddottaw mudelli ta' demokrazija inklużiva li jiggarantixxu r-rappreżentanza politika kemm tan-nisa u kemm ta' l-irġiel, tal-popolazzjoni indiġena (fejn hu rilevanti), u tal-minoranzi lokali. Il-garanzija tar-rappreżentazzjoni politika tal-gruppi f'minoranza, il-persuni b'diżabilità u l-parteċipazzjoni tat-tfal u ż-żgħażagħ, huma oqsma fejn jidher li l-iskambju ta' l-aħjar prattika u l-appoġġ ta' l-awtoritajiet lokali huma kruċjali għat-tisħiħ tal-parteċipazzjoni pubblika.

16. jinnota li l-element ewlieni ta' gvernanza tajba, ibbażata fuq rappreżentazzjoni politika wiesgħa u l-parteċipazzjoni, huwa l-għarfien li l-aħjar deċiżjonijiet jittieħdu fl-eqreb livell possibbli taċ-ċittadin;

17. jinnota li l-proċessi demokratiċi għat-tkattir tar-responsabbiltà, li jibdew mil-livell lokali u reġjonali, huma ferm importanti għat-trasparenza fost il-gvernijiet u jaqdu rwol ċentrali fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-faqar.

18. jemmen li permezz ta' l-iżvilupp ta' kuntatti interpersonali fuq livell ftit anqas formali u permezz tal-prijorità li jagħtu lis-sejba ta' soluzzjonijiet prattiċi għall-problemi ta' kuljum taċ-ċittadini, l-awtoritajiet lokali jaqdu rwol sinifikanti fit-tisħiħ tal-kooperazzjonali lokali u reġjonali fil-kunflitti bejn il-gruppi ta' interess.

19. jagħraf li s-soċjetà ċivili, l-NGOs lokali, l-organizzazzjonijiet lokali għall-libertajiet fundamentali u għad-drittijiet tal-bniedem u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem jaħdmu sabiex jimplimentaw id-drittijiet politiċi, ekonomiċi u soċjali fil-livell lokali wkoll. Madanakollu sabiex jiksbu l-aqwa riżultati jeħtieġ li l-ħidma tagħhom tiġi rikonoxxuta u jkunu jistgħu jwettquha f'ambjent ħieles mit-theddid, il-persekuzzjoni u n-nuqqas ta' sigurtà. Sabiex il-livell lokali jkun verament ta' ġid għall-promozzjoni tal-valuri demokratiċi u l-kuxjenza politika fost iċ-ċittadini, jeħtieġ li l-organizzazzjonijiet li għadna kemm semmejna jirnexxielhom jaħdmu flimkien ma' l-awtoritajiet lokali u reġjonali li għandhom poter.

20. jisħaq fuq il-valur miżjud ta' l-approċċ lokali fil-qasam tal-kooperazzjoni transkonfinali fuq diversi suġġetti, fosthom ir-riżoluzzjoni tal-kunflitti. Ikun xieraq li tingħata importanza partikolari lir-rwol pożittiv li jaqdu l-inizjattivi lokali, bħala 'diplomaziji tal-bliet', permezz tal-promozzjoni tad-djalogu interkulturali u tal-miżuri li jrawmu l-fiduċja fil-livell lokali f'każijiet ta' kunflitt. Għalhekk jeħtieġ li l-kampanji globali għad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem jiġu appoġġjati b'aktar intensità, per eżempju permezz ta' approċċ transnazzjonali li jiġbor fih ukoll perspettiva lokali u reġjonali ċara.

Objettiv 3

L-appoġġ ta' l-azzjoni fl-oqsma tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija li huma koperti mil-Linji Gwida ta' l-UE inklużi d-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-piena kapitali, it-tortura, it-tfal u l-kunflitt armat

21. ifakkar li minkejja li ħafna drabi d-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem iseħħ ma' l-awtoritajiet statali, il-kwistjonijiet demokratiċi jirrikjedu l-parteċipazzjoni ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali. Ma tistax tinħoloq sistema demokratika tajba mingħajr il-parteċipazzjoni u s-sens ta' appartenenza lokali u reġjonali — iż-żewġ livelli jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' din is-sistema, fl-aspetti kollha tagħha.

22. skond in-Nazzjonijiet Uniti, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem huma dawk il-persuni u l-organizzazzjonijiet li jaħdmu għall-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem. Definizzjoni bħal din timplika bis-sħiħ lil dawk li huma inkarigati mit-teħid tad-deċiżjonijiet u lill-attivisti fil-livell lokali.

23. jiġbed attenzjoni urġenti lejn il-fatt li jeżisti numru sinifikanti ta' każijiet ta' tortura fil-ħabsijiet u l-għases tal-pulizija. Għalhekk jeħtieġ li jsir sforz favur l-implimentazzjoni tal-liġi nazzjonali u ta' l-impenji internazzjonali fil-livell lokali. Jeħtieġ ukoll l-appoġġ neċessarju sabiex l-NGOs lokali jkunu jistgħu jsegwu l-azzjonijiet ta' l-awtoritajiet u l-appoġġ neċessarju sabiex isir taħriġ għall-awtoritajiet.

24. jappoġġja l-linji gwida dwar id-drittijiet tat-tfal u jagħraf ir-rwol ta' l-awtoritajiet lokali fl-oqsma ta' l-edukazzjoni u l-aċċess għal edukazzjoni u kura tas-saħħa adegwati, li jinkludu d-drittijiet tas-saħħa fil-qasam tar-riproduzzjoni, b'mod speċjali għall-bniet.

25. jilqa' bi pjaċir il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni *Post Speċjali għat-Tfal fl-Azzjoni Esterna ta' l-UE* (COM/2008/55) u jenfasizza l-importanza tal-promozzjoni ta' l-integrazzjoni ta' l-interessi u d-drittijiet tal-minuri fl-attivitajiet kollha mwettqa fil-qafas tar-relazzjonijiet esterni ta' l-UE.

Objettiv 4

L-appoġġ u t-tisħiħ tal-qafas internazzjonali u reġjonali għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġustizzja, l-istat tad-dritt u l-promozzjoni tad-demokrazija

26. jilqa' l-ftehim ta' kooperazzjoni li jeżisti ma' l-atturi bħall-Kunsill ta' l-Ewropa, l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa u l-Qorti Kriminali Internazzjonali u japprezza jekk tingħata għajnuna għall-faċilitazzjoni tad-demokrazija lokali u reġjonali kif ukoll għajnuna sabiex tiżdied il-kapaċità ta' l-awtoritajiet lokali li jimplimentaw id-drittijiet ċivili, politiċi, ekonomiċi u soċjali.

27. jenfasizza d-dritt tat-tfal li jipparteċipaw, li jingħataw widen u li jiġu kkunsidrati, billi jitqiesu l-età u l-livell ta' maturità tagħhom (kif stipulat fl-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal) b'mod partikulari meta jittieħdu deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet lokali.

Objettiv 5

It-tisħiħ ta' fiduċja fil-proċessi elettorali demokratiċi b'mod partikolari permezz ta' l-osservazzjoni ta' l-elezzjonijiet.

28. jemmen li t-tisħiħ attiv tad-demokrazija lokali u reġjonali, tad-devoluzzjoni u l-awto-tmexxija fl-Ewropa u l-garanzija tar-rispett tal-kompetenzi stabbiliti, fil-livelli lokali u reġjonali, mill-awtoritajiet nazzjonali u Ewropej huma kruċjali għall-promozzjoni ta' demokrazija ġenwina u tad-drittijiet tal-bniedem mad-dinja kollha.

29. Matul dawn l-aħħar sentejn, il-monitoraġġ elettorali sar wieħed mill-għodda effettivi tal-KtR fil-qasam tal-politika esterna. Il-KtR jagħraf l-impenn li wera l-Kungress ta' l-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali f'dan il-qasam matul is-snin li għaddew. Huwa jilqa' l-fatt li ngħata l-possibbiltà li jikkontribwixxi fl-isforzi tal-Kungress biex jippromovi u jtejjeb id-demokrazija lokali u reġjonali.

30. jemmen li l-appoġġ tal-monitoraġġ ta' l-elezzjonijiet huwa parti importanti ta' l-iżvilupp demokratiku u jħoss li l-istrateġiji futuri ta' l-UE dwar il-monitoraġġ ta' l-elezzjonijiet għandhom jenfasizzaw b'mod partikolari l-monitoraġġ ta' l-elezzjonijiet lokali u reġjonali fil-pajjiżi terzi.

31. jikkunsidra li l-osservazzjonijiet ta' l-elezzjonijiet nazzjonali li twettaq l-UE għandhom jikkunsidraw l-evalwazzjoni ta' l-impatt tal-promozzjoni tad-demokrazija fil-livelli lokali u reġjonali b'aktar attenzjoni.

32. jisħaq fuq il-fatt li l-Istrateġija għall-perijodu ta' bejn l-2010 u l-2013 għandha tikkunsidra r-rwol li jistgħu jaqdu l-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-inizjattiva, b'mod partikolari fil-qasam ta' l-elezzjonijiet lokali u l-monitoraġġ elettorali ta' l-esperti Ewropej fil-pajjiżi terzi.

Brussell, it-18 ta' Ġunju 2008.

Il-President

tal-Kumitat tar-Reġjuni

Luc VAN DEN BRANDE

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Il-Multilingwiżmu"

(2008/C 257/06)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

— jenfasizza li fl-Unjoni Ewropea kollha, il-livelli reġjonali u lokali għandhom responsabbiltà għall-ħarsien u l-promozzjoni tad-diversità lingwistika. Ir-reġjuni u l-korpi lokali jinsabu f'pożizzjoni privileġġjata sabiex jibnu sħubija kostruttiva ma' l-istituzzjonijiet li jagħlmu l-lingwi, sabiex ifasslu korsijiet ta' tagħlim u taħriġ professjonali skond il-bżonnijiet u l-esiġenzi lokali speċifiċi;

— jemmen li minħabba n-natura essenzjali tad-diversità lingwistika fl-Unjoni Ewropea, il-kostruzzjoni tas-soċjetà multingwali għandha, għalhekk, tkun affrontata bl-intenzjoni li jiġu massimizzati l-effetti pożittivi tad-diversità waqt li jitnaqqsu l-effetti negattivi;

— jemmen li kulħadd fl-UE, waqt li jżomm il-lingwa(/i) proprja tiegħu ta' oriġini, liema element jidentifika l-wirt kulturali tiegħu, għandu jsegwi triq matul il-ħajja tiegħu kollha li twasslu sabiex jikseb ukoll għarfien attiv u passiv tat-tieni lingwa komuni u t-tielet lingwa magħżula fuq il-bażi ta' l-affinità kulturali jew l-esiġenzi tal-mobilità soċjali u ekonomika tal-pajjiż jew reġjun ta' oriġini;

— jenfasizza li bil-għan li jiksbu l-objettiv ta' "lingwa waħda + 2", ir-reġjuni jridu jaqdu r-rwol ta' protagonista speċjalment fl-implimentazzjoni tal-programmi edukattivi;

— jipproponi li r-reġjuni kollha jitħeġġu jwaqqfu forum lokali dwar il-*multilingwiżmu* sabiex jimmonitorjaw it-tendenzi lokali ta' natura soċjali, ekonomika u edukattiva u jipproponu inizjattivi neċessarji li jqajmu l-kuxjenza tal-pubbliku u l-motivazzjoni fir-rigward ta' tagħlim tul il-ħajja kollha skond il-formula "lingwa waħda + 2".

Rapporteur: Roberto PELLA (IT/PPE), Kunsillier tal-Provinċja ta' Biella u Viċi-Sindku ta' Valdengo

RAKKOMANDAZZJONIJIET POLITIĊI

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

1. jingħaqad mal-Kummissjoni Ewropea għall-impetus qawwi li ngħata lit-tema tal-multilingwiżmu bil-ħolqien fl-1 ta' Jannar 2007 ta' portafoll veru u proprju dwar is-suġġett fdat lill-Kummissarju Leonard Orban. Meta wieħed iqis l-importanza ta' dan il-portafoll u l-isfida li dan jippreżenta, għandu jissaħħaħ sabiex ikun jista' jiżviluppa u jilħaq b'mod effikaċji l-objettivi li jingħatawlu;

2. jerġa jtenni l-prijorità li l-kwistjoni tal-multilingwiżmu għandha fl-aġenda politika Ewropea, prijorità li tinvolvi orrizontalment is-setturi kollha li joperaw fil-ħajja soċjali, ekonomika u kulturali fl-Ewropa;

3. jappoġġja l-iskema ta' ħidma stabbilita mill-Kummissarju Orban, li għalih il-fenomenu multilingwistiku huwa strumentali fil-ħolqien ta' integrazzjoni Ewropea akbar u ta' djalogu akbar bejn il-kulturi;

4. minħabba n-natura essenzjali tad-diversità lingwistika fl-Unjoni Ewropea, il-kostruzzjoni tas-soċjetà multilingwali għandha, għalhekk, tkun affrontata bl-intenzjoni li jiġu massimizzati l-effetti pożittivi tad-diversità waqt li jitnaqqsu l-effetti negattivi sabiex b'hekk id-diversità ma tkunx qed tintuża biss bħala l-għan aħħari fiha nniffisha;

5. jiġbed l-attenzjoni għall-analiżi li saret mill-grupp ta' livell għoli dwar il-multilingwiżu maħluq fl-2005 u jaqsam il-punt ċentrali ta' l-azzjonijiet li jistgħu jitqassru kif ġej:

— hemm bżonn ta' aktar azzjoni sabiex titqajjem il-kuxjena, speċjalment permezz ta' kampanji ta' informazzjoni indirizzati lill-ġenituri, liż-żgħażagħ u lill-organizzazzjonijiet attivi fil-qasam tat-taħriġ u tal-kultura;

— hemm bżonn ta' azzjoni li tippermetti ż-żjieda fil-motivazzjoni u t-tagħlim ta' lingwi ġodda speċjlament permezz ta' attivitajiet extrakurrikulari, immirati għat-tfal u informali;

— hemm bżonn ta' aktar attenzjoni fil-konfront tal-potenzjalità kulturali u lingwistika ta' l-immigranti bħala parti mill-għan li l-migranti jiġu integrati fis-soċjetà ospitanti kif ukoll li jkunu jistgħu, permezz tal-multilingwiżmu tagħhom, jiksbu l-potenzjal individwali tagħhom kollu;

— hemm bżonn li tiġi estiża l-azzjoni multilingwistika Ewropea anke għal-lingwi tal-pajjiżi terzi sabiex tiġi massimizzata l-kompetittività Ewropea;

6. jindika r-riżultat tal-konsultazzjoni onlajn attivata f'Settembru 2007 li tagħti sommarju tal-punti prinċipali segwenti ta' azzjoni dwar il-multilingwiżmu:

— it-tagħlim lingwistiku huwa element essenzjali sabiex tinżamm jew tiżdied il-possibbiltà individwali ta' xogħol;

— l-aħjar mod sabiex jiġi motivat it-tagħlim multilingwistiku huwa li jinbeda minn proċess edukattiv bikri kif ukoll li jkun inċentiv għal perijodi ta' studju jew ta' xogħol barra l-pajjiż;

— sabiex il-metodi ta' tagħlim ikunu effetti kemm jista' jkun hemm bżonn li tipoġġa enfasi fuq l-azzjoni dwar metodi mhux standardizzati ta' trasferiment tal-kompetenzi lingwistiki li jqisu l-bżonnijiet individwali;

— l-aħjar mod sabiex tiġi rispettata d-diversità lingwistika fil-livell lokali, nazzjonali u Ewropew ġej minn għarfien aħjar tal-kultura li hija wara l-lingwa li wieħed qed jitgħallem jew dik li wieħed jinsab imdawwar biha;

— il-lingwa għandha impatt qawwi fuq ix-xena ekonomika peress li huwa aktar faċli li jsir kummerċ ma' kumpanija barranija jekk wieħed ikun jaf il-lingwa tal-pajjiż fejn jinsab innegozju;

— mezz tajjeb sabiex tissaħħaħ il-kompetenza lingwistika fuq ix-xogħol huwa li jiġu promossi korsijiet tal-lingwa fl-intrapriżi sakemm ikunu vijabbli għall-intrapriża kkonċernata;

— l-użu ta' numru akbar ta' lingwi uffiċjali fil-ħidmiet ta' l-Unjoni Ewropea u ż-żjieda b'konsegwenza ta' dan fl-ispejjeż ta' ġestjoni huma kkunsidrati bħala mixtieqa sabiex jiġi żviluppat is-sens multilingwistiku ta' l-istituzzjonijiet;

7. jenfasizza u jaqsam il-proposti tal-grupp ta' l-intelletwali għad-djalogu kulturali li twaqqaf fuq inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea u ppresedut minn Amin Maalouf, u b'mod partikulari jafferma:

— li fir-relazzjonijiet bilaterali bejn il-popli ta' l-Unjoni Ewropea, għandha tingħata preferenza lill-użu ta' lingwi ta' dawn il-popli;

— l-importanza li l-Unjoni Ewropea tippromovi l-idea tal-lingwa barranija magħżula mill-individwu;

8. jenfasizza li l-promozzjoni u s-salvagwardja tad-diversità kulturali u lingwistika hija prijorità ċentrali. Fl-Unjoni Ewropea d-diversità lingwistika għandha tiġi mifhuma bħala r-rikonoxximent u l-użu:

— tal-lingwi uffiċjali ta' l-UE;

— tal-lingwi uffiċjali ta' l-Istati Membri ta' l-UE;

— tal-lingwi minoritarji mitkellma iżda mhux rikonoxxuti uffiċjalment fl-Istati Membri ta' l-UE.

L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom jippromovu d-diversità lingwistika fl-oqsma rispettivi ta' l-attivitajiet tagħhom;

9. fl-Unjoni Ewropea kollha, il-livelli reġjonali u lokali għandhom responsabbiltà għall-ħarsien u l-promozzjoni tad-diversità lingwistika. Huma wkoll kompetenti fir-rigward ta' taħriġ, tagħlim professjonali u edukattiv ta' l-adulti, jirrappreżentaw komponent tas-sħubija soċjali u jikkoordinaw it-tkabbir u l-iżvilupp reġjonali u lokali;

10. f'taħriġ professjonali li jiġi ispirat minn tagħlim tul il-ħajja kollha, kunċetti bħal "għarfien" u "tagħlim" jiksbu konnotazzjoni importanti, anke minħabba l-fatt li d-dinja tax-xogħol, bl-għadd kbir ta' opportunitajiet li toffri, teħtieġ kompetenzi lingwistiċi aktar wiesgħa;

11. ir-reġjuni u l-korpi lokali jinsabu f'pożizzjoni privileġġjata sabiex jibnu sħubija kostruttiva ma' l-istituzzjonijiet li jagħlmu l-lingwi, sabiex ifasslu korsijiet ta' tagħlim u taħriġ professjonali skond il-bżonnijiet u l-esiġenzi lokali speċifiċi;

12. jemmen madankollu li l-korpi reġjonali u lokali huma aktar attrezzati sabiex jissodisfaw id-diversi bżonnijiet lingwistiċi lokali, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe appoġġ li jistgħu jirċievu mill-awtoritajiet ċentrali/nazzjonali.

Kummenti ġenerali

13. huwa tal-fehma li l-Ewropa għandha tibni l-koeżjoni soċjali u ekonomika tagħha billi timmassimizza l-opportunitajiet marbutin mal-mobilità, l-globalizzazzjoni, il-kultura Ewropea u s-sens ta' ċittadinanza Ewropea;

14. il-mod prinċipali kif jista' jinkiseb dan il-proċess huwa billi jiġu eliminati l-ostakoli lingwistiċi li l-pajjiżi u l-individwi jridu jiffaċċjaw minħabba li:

a. l-għarfien tal-lingwi barranin isaħħaħ ħafna l-*mobilità* professjonali, edukattiva, kulturali u personali. L-Unjoni Ewropea qatt ma tista' tkun unjoni vera jekk iċ-ċittadini ma jilħqux livell għoli ta' mobilità interna;

b. l-għarfien tal-lingwi jippermetti titjib nett tal-kompetittività peress li jippermetti li jsiru kuntatti ġodda, skambji ta' prattiki, bejgħ tal-prodotti u provvista ta' servizzi. Il-globalizzazzjoni tippermetti ftuħ tas-swieq tal-kummerċ u tax-xogħol. L-għarfien tal-lingwi huwa wieħed mir-rekwiżiti sabiex jinbnew u jiġu żviluppati rapporti stretti ta' sħubija ma' pajjiżi u kumpaniji Komunitarji oħrajn u b'hekk jiġu sfruttati l-possibbiltajiet tal-globalizzazzjoni;

c. il-lingwa hija l-espressjoni l-aktar diretta tal-kultura u tikkontribwixxi għat-titjib tal-komunikazzjoni bejn iċ-ċittadini Ewropej. Il-*kultura Ewropea* ma tistax tibbaża fuq l-aċċettazzjoni u l-kostruzzjoni passiva tal-"puzzle" tal-kultura ta' l-Istati Membri (soċjeta multikulturali) iżda trid tikkonsolida ruħha permezz ta' skambju kulturali wiesa' bejn iċ-ċittadini u l-affirmazzjoni tal-valur tad-diversità u ta' l-identità kulturali (soċjeta interkulturali);

d. il-promozzjoni taċ-*ċittadinanza attiva*, ta' l-involviment istituzzjonali tar-reġjuni, tal-konsultazzjoni u l-kuntatt bejn iċ-ċittadini kif ukoll ta' l-inklużjoni soċjali hija neċessarja sabiex tiġi garantita azzjoni Ewropea aktar effettiva fir-rigward tal-leġislazzjoni li għandhom ikunu dejjem aktar appoġġjati u maqbula mir-reġjuni u minn kull ċittadin. Għalhekk huwa neċessarju li l-Komunità Ewropea titkellem bil-lingwa taċ-ċittadini tagħha fid-dokumenti tagħha u fir-relazzjonijiet isituzzjonali interni u esterni tagħha sabiex jinftiehmu, ħalli l-istituzzjonijiet lokali (l-awtoritajiet lokali u reġjonali) ikunu jistgħu jinteraġixxu sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jiksbu l-messaġġ u jipparteċipaw fil-ħajja Ewropea u jaġixxu ta' multiplikaturi għall-objettivi strateġiċi proposti;

15. jemmen li huwa neċessarju li l-Kummissjoni, rigward il-metodu miftuħ ta' kooperazzjoni fil-qasam multilingwistiku, għandha tagħti l-attenzjoni tagħha billi tinvolvi mhux biss lil-livelli amministrattivi nazzjonali iżda wkoll lil dak lokali u reġjonali peress li ta' spiss dawn il-livelli huma r-responsabbli prinċipali ta' l-applikazzjoni tad-diversi miżuri fiż-żona tagħhom;

16. f'dan il-kuntest, jikkunsidra wkoll neċessarju li jiġbed l-attenzjoni fuq ir-rispett u d-dinjità tal-lingwi mhux uffiċjali mitkellma mill-minoranzi li jirrappreżentaw, l-istess bħal-lingwi uffiċjali, id-diversità tal-kultura reġjonali li jridu jsibu spazju fil-programmi Ewropej ta' inklużjoni.

Messaġġi u azzjonijiet prinċipali

17. jemmen li huwa importanti li l-għanijiet tal-politiki multilingwistiċi Ewropej jitnaqqxu fl-*objettiv lingwa materna + 2*;

18. kulħadd fl-UE, waqt li jżomm il-lingwa(/i) proprja tiegħu ta' oriġini, liema element jidentifika l-wirt kulturali tiegħu, għandu jsegwi triq matul il-ħajja tiegħu kollha li twasslu sabiex jikseb ukoll għarfien attiv u passiv tat-tieni lingwa komuni u t-tielet lingwa magħżula fuq il-bażi ta' l-affinità kulturali jew l-esiġenzi tal-mobilità soċjali u ekonomika tal-pajjiż jew reġjun ta' oriġini;

19. jemmen li l-għażla tal-lingwa barranija għandha ssir mhux biss minn fost il-lingwi kkunsidrati uffiċjali ta' l-UE iżda wkoll minn fost il-lingwi żgħar Ewropej u, fuq kollox, fost il-lingwi li mhumiex Ewropej li jirrappreżentaw opportunitajiet kulturali, ekonomiċi u soċjali prinċipali għat-tkabbir tal-kompetittività ta' l-Ewropa;

20. jipproponi bħala prijoritajiet il-messaġġi segwenti prinċipali li għandhom jiġu adottati fil-politika dwar il-multilingwiżmu Ewropew u li għandhom jiġu tradotti f'azzjonijiet operattivi li jafu jimmotivaw il-popolazzjoni, iżommu d-diversità, u jpoġġu lill-korpi lokali u reġjonali fiċ-ċentru ta' l-għażliet tal-korsijiet ta' taħriġ.

Involviment reġjonali

21. Ir-rwol ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali huwa fundamentali mhux biss minħabba l-fatt li ħafna minnhom għandhom il-kompetenza politika u amministrattiva fil-qasam ta' l-edukazzjoni iżda wkoll minħabba li jirnexxilhom jissorveljaw aħjar is-sitwazzjoni tal-multilingwiżmu tal-pubbliku u t-tendenzi ta' l-applikazzjoni tad-direttivi u programmi Komunitarji. Fil-fatt, huwa fil-livell reġjonali u lokali li jitkejlu l-kompetenzi miksuba u l-prattiki mwettqa, u bis-saħħa ta' dan, jista' jingħata impetus qawwi lill-azzjoni politika Ewropea.

22. Bil-għan li jiksbu l-objettiv ta' "lingwa waħda + 2", ir-reġjuni jridu jaqdu r-rwol ta' protagonista speċjalment fl-implimentazzjoni tal-programmi edukattivi.

23. Fi kwalunkwe pajjiż, kull reġjun jista' jkollu tendenzi storiċi, ċiviċi, kulturali, soċjali u ekonomiċi speċifiċi.

24. Id-diversità reġjonali trid titħeġġeġ, u dan ifisser li kull reġjun għandu jiġi mistieden jipproponi programm ta' tagħlim lingwistiku fuq il-bażi ta' analiżi, riċerki, servejs li jsiru mill-awtoritajiet lokali u mir-reġjuni dwar it-tradizzjoni kulturali, ix-xewqa tal-pubbliku, l-esiġenzi u l-prospettivi ekonomiċi-soċjali tar-reġjun.

25. Għalhekk ikun possibbli li tiġi ssorveljata l-konformità bejn il-bżonnijiet lokali u l-programmi edukattivi fis-seħħ u li jiġu modifikati, permezz ta' l-istrument flessibbli ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-inizjattivi edukattivi li ma ħallewx ir-riżultati mixtieqa.

26. Il-lingwa barranija għandha tintgħażel liberament. Fil-każ li Stat Membru jkollu aktar minn lingwa waħda uffiċjali ta' l-UE, it-tagħlim tal-lingwa(/i) l-oħra għandu jitħeġġeġ ukoll.

27. Jikkunsidra li l-politika tal-multilingwiżmu għandha tinkludi wkoll portafolli esterni importanti. Il-promozzjoni tal-lingwi Ewropej barra l-Unjoni tippreżenta interess kemm kulturali kif ukoll ekonomiku. Bl-istess mod, l-Unjoni Ewropea għandha turi li hija miftuħa għal-lingwi tal-pajjiżi terzi, bħaċ-Ċiniż, l-Għarbi, l-Indjan, ir-Russu, eċċ.

28. Qed jiġi propost għalhekk li r-reġjuni kollha jitħeġġu jwaqqfu forum lokali dwar il-*multilingwiżmu* sabiex jimmonitorjaw it-tendenzi lokali ta' natura soċjali, ekonomika u edukattiva u jipproponu inizjattivi neċessarji li jqajmu l-kuxjenza tal-pubbliku u l-motivazzjoni fir-rigward ta' tagħlim tul il-ħajja kollha skond il-formula "lingwa waħda + 2".

29. Barra minn hekk, għandu jingħata impetus lill-programmi ta' inklużjoni taċ-ċittadini immigrati. L-għarfien tal-lingwi rilevanti li huma u t-tfal tagħhom għandhom bżonn sabiex jiżviluppaw il-potenzjal sħiħ tagħhom fis-soċjetà Ewropea għandu jiġi inkoraġġut u ffaċilitat, filwaqt li jiġi żgurat li d-dritt tagħhom li jżommu l-lingwa tagħhom ta' oriġini jiġi rispettat bis-sħiħ. Il-lingwi li għandhom jitgħallmu u jakkwistaw għandhom ikunu l-lingwa uffiċjali ta' l-UE tat-territorju kif ukoll il-lingwi ko-uffiċjali taż-żoni jew reġjuni fejn jgħixu, b'konformità mad-dispożizzjonijiet kostituzzjonali tagħhom.

30. Fil-qosor, id-dinja ta' l-iskola għandha titħeġġeġ mill-istituzzjonijiet lokali, reġjonali u nazzjonali sabiex jadottaw firxa wiesgħa ta' lingwi fil-pakkett ta' taħriġ fil-kurrikula. Is-sistemi edukattivi għandhom jikkunsidraw firxa wiesgħa ta' lingwi, individwati skond il-bażi ta' l-esiġenzi soċjali, ekonomiċi u kulturali tar-reġjun.

31. Jikkunsidra li l-ħakma tal-lingwi hija fattur importanti ħafna ta' kompetittività. Xi studji urew li l-intrapriżi Ewropej jitilfu s-swieq minħabba nuqqasijiet lingwistiċi;

32. jistieden għalhekk lill-Kummissjoni sabiex issaħħaħ l-isforzi tagħha f'dan il-qasam.

Integrazzjoni lingwistika aħjar

33. Fir-rigward tal-lingwi żgħar u l-lingwi mitkellma minn minoranza, hemm bżonn li jitfakkar li dawn jgħinu jżidu l-valur bażiku tal-kultura Ewropea, u ċjoè d-diversità u għalhekk mhux biss m'għandhomx jiġu żvantaġġati f'dan il-proċess iżda għandhom ikunu suġġetti b'mod partikolari għall-ħarsien.

34. L-espressjonijiet "lingwa tal-minoranza" jew "lingwa żgħira" m'għandhomx isiru raġuni ta' diskriminazzjoni bbażata fuq il-valur tal-lingwa.

35. Jipproponi l-promozzjoni ta' dibattiti sabiex jiġu stabiliti termini iktar xierqa li jirriflettu aħjar is-sitwazzjoni attwali.

36. Huwa importanti, għalhekk, li jitkompla l-proċess ta' rikonoxximent ta' dawk il-lingwi tal-minoranza li jirrappreżentaw tradizzjonijiet u kulturi sodi fuq livell Ewropew.

37. Dan jippermetti r-rikonoxximent istituzzjonali Ewropew li jwassal lill-UE sabiex tittraduċi d-dokumenti proprji tagħha f'numru akbar ta' lingwi mit-23 attwali, u għalhekk titħeġġeġ l-interazzjoni diretta bejn l-istituzzjoni Ewropea u ċ-ċittadin.

38. Il-proċess ta' rikonoxximent Ewropew u ta' diversifikazzjoni reġjonali jippermetti żjieda fl-inklużjoni soċjali.

39. Jilqa' l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2005 li jippermettu l-użu fil-korpi u l-istituzzjonijiet ta' l-UE ta' lingwi oħra barra dawk rikonoxxuti bħala lingwi uffiċjali skond ir-Regolament 1/1958.

40. Anke l-lingwi li mhumiex uffiċjali la fil-livell Ewropew u lanqas fil-livell lokali jew reġjonali, madankollu, iridu jkomplu jkunu parti mill-programmi ta' tagħlim sabiex tiġi protetta l-identità.

Solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet

41. Barra minn hekk hemm il-problema kif iċ-ċittadini għandhom jiġu appoġġjati fil-proċess ta' tagħlim tul il-ħajja kollha.

42. Għalkemm huwa aktar faċli li t-tagħlim tal-lingwi jiġi "indirizzat" fl-iskola u li ż-żgħażagħ tal-lum jiġu megħjuna sabiex aktar tard ma jitilfux il-kuxjenza interkulturali lingwistika miksuba fuq il-bank ta' l-iskola, il-problema tidher aktar kumplessa fir-rigward tal-ġenerazzjonijiet li llum diġà ilhom neqsim mis-sistemi ta' tagħlim u li qatt ma għaddew minn proċess ta' tagħlim multilingwistiku. Huwa importanti wkoll li jkun garantit it-tagħlim tal-lingwi għall-ġenerazzjoni iktar anzjana li ħafna minnhom ma jkollhomx kuntatt mal-lingwi barranin la fil-ħajja privata u lanqas fuq ix-xogħol. Dan ikattar il-"vuċi" tagħhom fi xjuħithom, u b'hekk iwassal biex jgħixu ċittadinanza Ewropea involuta b'mod aktar sħiħ.

43. Għaldaqstant, hemm bżonn li jiġu promossi mekkaniżmi ta' tagħlim li mhux biss huma għall-but ta' kulħadd (sikwit, l-ispejjeż tal-korsijiet tal-lingwi jirrappreżentaw ostakolu għat-tixrid ta' l-edukazzjoni għall-ġenerazzjoni anzjana), iżda wkoll li jistgħu jintużaw minn persuni li għandhom problema ta' mobbiltà jew li ma jistgħux jagħtu l-impenn attiv mitlub f'termini ta' ħin.

44. Jindika wkoll li għandhom isiru sforzi sabiex it-tagħlim tal-lingwa barranija jsir bl-aktar mod korrett possibbli, b'mod speċjali fid-dawl tal-komunità dejjem tikber ta' migranti.

45. Għalhekk, jemmen li huwa importanti li jiġi enfasizzat li jeżistu forom eħfef ta' tagħlim li jippermettu lill-individwu jikseb kompetenzi lingwistiċi bażiċi li bihom ikun jista' jesprimi lilu nnifsu u jifhem lil ħaddieħor. Dawn il-forom ta' tagħlim għandhom jiġu promossi mill-istituzzjonijiet nazzjonali, reġjonali u lokali ta' tagħlim, u ffinanzjati mill-UE sabiex jinxterdu l-opportunitajiet ta' tagħlim u jitnaqqas id-distakk bejn il-ġenerazzjonijiet fit-tagħlim tal-lingwi.

46. Barra minn hekk għandhom jitħeġġu forom alternattivi ta' tagħlim li jitwasslu permezz ta' użu wiesa' tal-mezzi tax-xandir li jippromovu l-programmi mxandra fuq it-televiżjoni bil-lingwa oriġinali bis-sottotitoli (applikabbli għall-programmi tat-TV, ċinema, films, aħbarijiet) kif ukoll użu akbar ta' korsijiet tal-lingwa bil-kompjuter u programmi ta' traduzzjoni fuq l-internet. Dan ikun qisu tagħlim awtonomu tul il-ħajja kollu (long life self learning).

47. Min-naħa l-oħra, hemm bżonn li fost iż-żgħażagħ u t-tfal titħeġġeġ minnufih il-motivazzjoni li jitgħallmu lingwa ġdida. It-tagħlim tat-tieni lingwa għandu jibda kmieni kemm jista' jkun sabiex it-tfal jidraw il-ħsejjes ta' lingwa barranija, billi dan jiffaċilita u jgħaġġel it-tagħlim tal-lingwi b'mod ġenerali.

48. Għandu jsir progress fil-proċess ta' l-akkwist tal-lingwi fl-iskejjel primarji u sekondarji. Il-proċess edukattiv għandu jżid l-opportunitajiet li l-istudenti jitkellmu b'lingwa barranija fl-iskola primarja u li jsiru familjari mat-tielet lingwa fl-iskejjel sekondarji.

49. Il-proċess universitarju għandu joffri l-opportunità li wieħed jipperfezzjona jew sostanzjalment itejjeb il-kompetenza lingwistika tiegħu anke permezz ta' tisħiħ tal-proġetti Erasmus u Socrates.

50. Iżda l-universitajiet iridu jiftħu l-bibien tagħhom mhux biss għall-istudenti "maturi" li jridu jerġgħu jistudjaw il-lingwi iżda wkoll għan-negozji: dawn iridu jiġu megħjuna u mbuttati sabiex jippermettu lill-persunal tagħhom u lill-maniġment jilqgħu l-isfida li jitgħallmu lingwi "kummerċjali" ġodda. F'dan ir-rigward wieħed għandu jippromovi s-sħubijiet bejn l-intrapriżi u l-universitajiet.

51. Apparti dan, hemm bżonn li jiġu żviluppati korsijiet ta' traduzzjoni u interpretazzjoni li jinvolvu mhux biss l-istituzzjonijiet (mill-pubbliku ġenerali, għar-reġjuni sal-Parlament Ewropew — il-promozzjoni u l-premjazzjoni tal-bliet li kapaċi jippreżentaw is-siti tagħhom ta' l-internet u d-dokumentazzjoni esterna tagħhom f'aktar minn lingwa waħda huma inċentiv tajjeb għall-multilingwiżmu istituzzjonali lokali) iżda wkoll il-punti ta' kuntatt mal-pubbliku.

Interdixxiplinari (l-involviment ta' aktar minn dixxiplina akkademika waħda)

52. Il-multilingwiżmu jista' jitħeġġeġ mhux biss fuq il-bażi ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ iżda wkoll ta' l-attivitajiet rikreattivi.

53. It-tagħlim ta' aktar minn lingwa waħda permezz ta' l-isport jew il-kultura, per eżempju, huwa mod kif titqajjem kuxjenza fost varjetà kbira ta' nies, mit-tfal sa l-adulti.

54. Ukoll, is-suq tal-mużika, fir-rigward tal-kanzunetti, diġà huwa minnu nnifsu globali u multilingwi: tkun pożittiva per eżempju l-promozzjoni ta' avvenimenti bħall-"EuroMusic Open Day" li tiffoka fuq il-lirika tal-kanzunetti.

55. Iċ-ċirkulazzjoni ta' xogħlijiet letterarji permezz ta' programm ta' traduzzjoni litterarja (pubblikazzjoni f'żewġ lingwi — oriġinali u traduzzjoni) għandha tissaħħaħ u mhux biss fuq l-inizjattiva ta' l-edituri iżda wkoll permezz ta' sħubijiet pubbliċi mwaqqfa sabiex iħeġġu lill-amministrazzjonijiet lokali u reġjonali sabiex jippromovu inizjattivi privati marbutin mal-multilingwiżmu.

Istituzzjonijiet — UE

56. M'hemm l-ebda dubju li l-multilingwiżmu "istituzzjonali" fi ħdan l-UE żgur huwa indispensabbli. Minħabba f'hekk huwa neċessarju li mingħajr aktar dewmien, l-istituzzjonijiet ta' l-UE jiggarantixxu ta' l-anqas l-interpretazzjoni passiva fil-lingwi uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, sabiex dawk li jkunu qed jipparteċipaw fid-diskussjoni jkunu jistgħu jesprimu ruħhom bil-lingwa tagħhom.

57. Huwa konvint li l-preservazzjoni tad-diverstà kulturali tfisser il-garanzija ta' sistema ta' traduzzjoni, formali jew informali, fil-lingwi kollha uffiċjali Ewropej. Huwa assolutament neċessarju li jitheġġeġ il-multilingwiżmu f'kull punt ta' laqgħat informali billi tiġi garantita komunikazzjoni bilaterali fil-lingwi tal-parteċipanti.

58. Fil-laqgħat formali u għad-dokumenti ta' ħidma kif ukoll dawk uffiċjali hemm bżonn ta' traduzzjoni fil-lingwi uffiċjali kollha ta' l-Istati Membri. B'rispett lejn kull Stat Membru bħala bażi fundamentali ta' l-UE, l-UE, b'mod reċiproku, għandha tgħin billi tipprovdi lil kull wieħed minnhom, f'konformità mad-dispożizzjonijiet kostituzzjonali rispettivi tagħhom, id-dokumenti neċessarji sabiex iċ-ċittadini tagħhom jeżerċitaw iċ-ċittadinanza Ewropea attiva.

Il-fruntieri esterni ta' l-UE

59. Il-multilingwiżmu m'għandux ikun limitat għall-iżvilupp tal-mobbiltà soċjali u ekonomika fl-UE iżda għandu jippermetti liċ-ċittadin Ewropew li jinfetaħ għas-swieq u għall-kulturi esterni għall-UE.

60. Dan jitqies importanti anke fid-dawl tat-tendenzi li jimbuttaw lill-UE sabiex ikollha kuntatti ekonomiċi u kulturali dejjem aktar mill-qrib ma' swieq bħal dak Ċiniż, Russu u Ġappuniż.

61. Il-kompetittività esterna mtejba ta' l-UE tiddependi għalhekk ukoll fuq tisħiħ tal-korsijiet ta' taħriġ u ta' tagħlim tal-lingwi mhux Komunitarji.

61. Il-lingwa barranija tista' tintgħażel minn fost il-lingwi kollha ta' kuntatt mal-pajjiżi Ewropej b'kunsiderazzjoni partikulari tal-lingwi tal-pajjiżi emerġenti mhux parti mill-UE kif ukoll il-karatteristiċi kulturali tal-pajjiżi li magħhom l-Ewropa qed tibni kuntatti kummerċjali.

Brussell, id-19 ta' Ġunju 2008.

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni
Luc VAN DEN BRANDE

Opinjoni fuq inizjattiva proprja tal-Kumitat tar-Reġjuni "Għal Green Paper — Lejn politika ta' l-Unjoni Ewropea għar-Reġjuni Muntanjużi: Viżjoni Ewropea għar-Reġjuni Muntanjużi"

(2008/C 257/07)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

— ifakkar fit-tweġiba fundamentalment pożittiva tal-President Barroso għas-sejħa ta' l-Assoċjazzjoni Ewropea tar-Rappreżentanti Eletti mir-Reġjuni Muntanjużi għal Green Paper dwar il-politiki Ewropej għar-reġjuni muntanjużi waqt id-Djalogu Strutturat fis-sessjoni plenarja tal-Kumitat tar-Reġjuni li nżammet fis-7 ta' Diċembru 2006;

— jinnota li r-reġjuni muntanjużi huma, minn naħa, żoni bi żvantaġġi naturali u ġeografiċi permanenti u, min-naħa l-oħra, reġjuni b'valuri naturali u umani li jinkuraġġixxu t-tkabbir u l-ħolqien ta' l-impjiegi;

— jitlob li l-Unjoni Ewropea tfassal politika Ewropea integrata ġenwina għaż-żoni muntanjużi kollha li tkun tirrispetta d-diversità tagħhom;

— jappoġġja l-iżvilupp attiv min-naħa tal-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri ta' l-objettivi ġenerali ta' l-istrateġiji mġedda ta' Lisbona u Göteborg permezz ta' pjan ta' azzjoni Ewropew għall-kompetittività u l-iżvilupp sostenibbli taż-żoni muntanjużi;

— jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea tikkunsidra tliet kwistjonijiet prinċipali:

a. li jittieħdu passi biex ir-reġjuni muntanjużi jsiru aktar attraenti u aċċessibbli għall-intrapriżi u l-individwi, fejn dan jista' jseħħ mingħajr ħsara għall-ambjent, billi fost affarijiet oħra jsir titjib fil-komunikazzjoni terrestra u diġitali, jiżdiedu l-konnessjonijiet mat-TENs, u billi jiġu promossi l-innovazzjoni u l-kreattività permezz ta' l-aħjar użu ta' l-għarfien, ir-riżorsi umani u l-intraprenditorija;

b. li r-reġjuni muntanjużi jiġu kkunsidrati fuq il-bażi tar-riżorsi proprji tagħhom, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tagħhom biex b'hekk ikunu jistgħu jegħlbu l-problema ta' l-ispejjeż addizzjonali marbuta ma' l-iżvantaġġ naturali permanenti tagħhom u biex imantnu s-servizzi ta' interess ġeneral;

c. li jiġu żviluppati clusters u ċentri ta' kompetittività biex jiġbru u jikkonsolidaw id-diversi setturi ta' attività bl-għan li jkun hemm żvilupp sostenibbli.

Rapporteur: Is-Sur Luis Durnwalder (IT/PPE), Kunsillier Reġjonali u President tal-Provinċja Awtonoma ta' Bolzano

RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

1. ifakkar fit-tweġiba fundamentalment pożittiva tal-President Barroso għas-sejħa ta' l-Assoċjazzjoni Ewropea tar-Rappreżentanti Eletti mir-Reġjuni Muntanjużi għal Green Paper dwar *Il-politiki Ewropej għar-reġjuni muntanjużi* waqt id-Djalogu Strutturat fis-sessjoni plenarja tal-Kumitat tar-Reġjuni li nżammet fis-7 ta' Diċembru 2006;

2. jenfasizza l-fatt li t-Trattat ta' Lisbona (Artikolu 158), permezz tad-definizzjoni ta' l-objettiv ta' koeżjoni territorjali, jirrikonoxxi l-bżonn li r-reġjuni muntanjużi jingħataw attenzjoni speċjali, flimkien ma' reġjuni oħra bi żvantaġġi naturali u ġeografiċi permanenti;

3. ifakkar li l-muntanji huma essenzjali għall-ħajja u l-attività tal-popolazzjoni kollha ta' l-Unjoni Ewropea minħabba r-riżorsi naturali tagħhom, ir-riżorsi kulturali tagħhom bħad-diversità lingwistika u l-ħiliet partikulari, u r-riżorsi ekonomiċi tagħhom bħall-agrikoltura, l-industrija u t-turiżmu;

4. jinnota li 21 Stat Membru għandhom xi reġjuni muntanjużi, u dawn jammontaw għal 35,69 % tas-superfeċje ta' l-Ewropa u għal 17,73 % tal-popolazzjoni tagħha ([1]);

5. jinnota li r-reġjuni muntanjużi jirrappreżentaw 26 % ta' wiċċ id-dinja u 10 % tal-popolazzjoni tagħha, u huma element essenzjali ta' l-iżvilupp sostenibbli tal-pjaneta, li huwa rikonoxxut fil-Kapitolu 13 ta' l-Aġenda 21 ta' Rio;

6. jinnota li l-aċċessibilità tar-reġjuni muntanjużi hija ta' importanza kruċjali biex is-suq uniku ġenwin jitlesta u biex il-moviment liberu tal-persuni, il-merkanzija u s-servizzi jsir realtà;

7. jenfasizza l-fatt li d-diversità tar-reġjuni muntanjużi toħroġ aktar fid-dieher meta wieħed iqis il-koerenza tal-gruppi ta' l-iġbla li jiffurmaw il-muntanji magħrufa bħala żoni supra-reġjonali transkonfinali jew transnazzjonali li jiġbru fihom iż-żoni muntanjużi, qigħan il-widien u l-għoljiet fil-bażi tal-muntanji, iż-żoni urbani u rurali;

8. itenni li l-ambjent muntanjuż huwa mogħni b'bijodiversità liema bħalha, u għalhekk huwa partikularment fraġli u sensittiv għall-bidla fil-klima. Għal din ir-raġuni huwa jirrappreżenta sistema ġenwina ta' twissija bikrija;

9. jistqarr li, tradizzjonalment, ir-reġjuni muntanjużi kienu minn ta' quddiem nett fil-qasam ta' l-iżvilupp sostenibbli li huwa potenzjalment innovattiv fil-konfront ta' l-i żvantaġġi naturali permanenti;

10. ifakkar li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom esperjenza sostanzjali fil-qasam ta' l-iżvilupp sostenibbli fir-reġjuni muntanjużi;

11. ifakkar fl-isforzi tal-Parlament Ewropew, il-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew biex ir-reġjuni muntanjużi jingħataw aktar attenzjoni fil-politiki Ewropej permezz ta' opinjonijiet u studji;

12. jinnota li s'issa m'hemm l-ebda politika Ewropea jew strateġija Komunitarja integrata dwar ir-reġjuni muntanjużi fuq il-bażi tal-mudell użat għar-reġjuni marittimi jew iż-żoni urbani;

Għat-titjib tal-gvernanza ta' l-Unjoni Ewropea

13. jirrimarka li l-awtoritajiet lokali u reġjonali fir-reġjuni muntanjużi jagħtu importanza kbira lill-awtonomija tagħhom u r-rispett tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, li jirrifletti approċċ għall-gvernanza Ewropea li jibda mill-aktar livell baxx;

14. jinnota li r-reġjuni muntanjużi huma, minn naħa, żoni bi żvantaġġi naturali u ġeografiċi permanenti u, min-naħa l-oħra, reġjuni b'valuri naturali u umani li jinkuraġġixxu t-tkabbir u l-ħolqien ta' l-impjiegi;

15. jinnota li hemm bżonn li l-politiki Ewropej jingħaqdu fi strateġija integrata ta' żvilupp sostenibbli li tkun tista' tikkunsidra d-diversità tar-reġjuni muntanjużi;

16. jenfasizza l-bżonn urġenti ta' ħidma bilanċjata u ġusta mill-UE biex tagħmel l-aħjar użu, b'manjiera sostenibbli, mid-diversità taż-żoni Ewropej urbani, tal-kosta, żoni b'popolazzjoni baxxa u żoni muntanjużi;

17. ifakkar l-importanza tar-rwol u l-ħidma tal-popolazzjonijiet tal-muntanji fil-ħolqien tal-pajsaġġi u l-bilanċ ta' l-ambjent muntanjuż;

18. jappoġġja l-azzjoni meħuda mill-awtoritajiet reġjonali u lokali u n-networks li jlaqqgħuhom flimkien u li jaħdmu biex jaqsmu l-prattika tajba fir-rigward ta' l-objettivi mġedda ta' Lisbona u Göteborg, bl-għan li jwasslu għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali;

19. ifakkar ir-rilevanza ta' l-istrateġija ta' Lisbona u l-linji gwida tal-politika ta' koeżjoni għall-perijodu 2007-2013 għaż-żoni muntanjużi, kif ukoll għaż-żoni l-oħra, bħala xpruni tal-kompetittività globali Ewropea;

([1]) Studju dwar *Mountain Areas in Europe: Analysis of mountain areas in EU member states, acceding and other European countries*, Nordregio għad-DĠ Regio, Jannar 2004.
http://ec.europa.eu/regional_policy/sources/docgener/studies/pdf/montagne/mount1_fr.pdf

20. ifakkar fir-rwol ċentrali tad-dimensjoni transkonfinali u transnazzjonali tal-politiki Ewropej fl-integrazzjoni Ewropea;

21. jisħaq fuq il-bżonn li d-dimensjoni politika u amministrattiva ta' l-Ewropa titqarreb lejn il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini.

Approċċ integrat għar-reġjuni muntanjużi bħala prinċipju ta' tmexxija ġenerali

22. jenfasizza l-valur miżjud fil-livell Ewropew tal-ħidma fil-livell tar-reġjuni muntanjużi (l-Alpi, il-Pirinej, il-Karpazji, is-Sierras Iberiċi, il-Balkani, il-muntanji tal-Mediterran inklużi dawk fuq il-gżejjer, il-muntanji nordiċi, il-muntanji ċentrali, eċċ.) meta wieħed iqis id-dimensjoni transkonfinali u transnazzjonali tagħhom;

23. jixħet dawl fuq l-importanza taż-żoni muntanjużi firrigward tar-riżorsi naturali u kulturali tagħhom;

24. ifakkar in-numru sostanzjali ta' politiki integrati nazzjonali u reġjonali għaż-żoni muntanjużi;

25. jieħu nota tax-xogħol tal-Konvenzjoni Alpina u t-tnedija tal-Konvenzjoni tal-Karpazji;

26. jammira l-ħidma ta' l-Euroreġjuni u l-Komunitajiet tax-Xogħol fir-rwol tagħhom ta' medjaturi u xpruni li jmexxu r-reġjuni tal-fruntiera;

27. jixtieq strateġija Ewropea ġenwina għar-reġjuni muntanjużi biex tikkomplementa — fil-livell inter-settorjali — il-progress mistenni mill-Green Paper dwar il-Koeżjoni Territorjali li qiegħda titħejja bħalissa;

Id-diversi politiki bħala strumenti ta' politika għaż-żoni muntanjużi

28. jinnota li politika Ewropea għaż-żoni muntanjużi jkollha impatt fuq firxa wiesgħa ta' politiki settorjali li diġà huma parzjalment koperti mil-leġislazzjoni Ewropea iżda li qatt ma ġew ikkoordinati f'approċċ integrat;

29. jagħti l-lista ta' hawn taħt li tiġbor fiha wħud mill-oqsma ta' politika importanti li għandha tikkunsidra politika għar-reġjuni muntanjużi:

— Il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, inkluża l-kooperazzjoni inter-reġjonali, transkonfinali u transnazzjonali;

— L-agrikoltura u l-iżvilupp rurali;

— It-turiżmu;

— L-industrija u l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (SMEs);

— Il-bidla fil-klima, l-enerġija rinnovabbli u r-riżorsi naturali (l-ilma, l-arja, ix-xemx f'altitudnijiet għolja, l-injam, il-bijomassa);

— L-ambjent, il-bijodiversità u l-pajsaġġi naturali u kulturali;

— It-trasport u l-ICT, l-aċċessibilità lokali u n-netwerks trans-Ewropej tat-trasport (TENs);

— Il-kompetizzjoni, is-suq uniku, is-servizzi ta' interess ġenerali (SĠI) u s-sħubijiet bejn il-pubbliku u l-privat (PPPs);

— Ir-riċerka u l-innovazzjoni;

— Id-diversità kulturali u lingwistika, l-edukazzjoni u t-taħriġ.

Għal pjan ta' azzjoni ta' l-Unjoni Ewropea għar-reġjuni muntanjużi

30. jitlob li l-Unjoni Ewropea tfassal politika Ewropea integrata ġenwina għaż-żoni muntanjużi kollha li tkun tirrispetta d-diversità tagħhom;

31. jappoġġja l-iżvilupp attiv min-naħa tal-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri ta' l-objettivi ġenerali ta' l-istrateġiji mġedda ta' Lisbona u Göteborg permezz ta' pjan ta' azzjoni Ewropew għall-kompetittività u l-iżvilupp sostenibbli taż-żoni muntanjużi;

32. jissuġġerixxi lill-istituzzjonijiet Ewropej biex jikkunsidraw il-karatteristiċi taż-żoni individwali fil-ħidma tagħhom lejn "regolamentazzjoni aħjar";

33. jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex tirrikonoxxi l-kontribut pożittiv u differenti li jagħtu l-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-qasam ta' l-iżvilupp sostenibbli tar-reġjuni muntanjużi, u jitlob ukoll li dan il-kontribut jiġi integrat fil-politika Ewropea l-ġdida għar-reġjuni muntanjużi;

34. jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea tikkunsidra tliet kwistjonijiet prinċipali:

a. li jittieħdu passi biex ir-reġjuni muntanjużi jsiru aktar attraenti u aċċessibbli għall-intrapriżi u l-individwi, fejn dan jista' jseħħ mingħajr ħsara għall-ambjent, billi fost affarijiet oħra jsir titjib fil-komunikazzjoni terrestra u diġitali, jiżdiedu l-konnessjonijiet mat-TENs, u billi jiġu promossi l-innovazzjoni u l-kreattività permezz ta' l-aħjar użu ta' l-għarfien, ir-riżorsi umani u l-intraprenditorija;

b. li r-reġjuni muntanjużi jiġu kkunsidrati fuq il-bażi tar-riżorsi proprji tagħhom, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tagħhom biex b'hekk ikunu jistgħu jegħlbu l-problema ta' l-ispejjeż addizzjonali marbuta ma' l-iżvantaġġ naturali permanenti tagħhom u biex imantnu s-servizzi ta' interess ġenerali;

c. li jiġu żviluppati clusters u ċentri ta' kompetittività biex jiġbru u jikkonsolidaw id-diversi setturi ta' attività bl-għan li jkun hemm żvilupp sostenibbli;

35. jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea tagħmel mir-reġjuni muntanjużi żoni pilota għall-innovazzjoni, is-soċjetà ta' l-informazzjoni u l-iżvilupp sostenibbli;

36. jixtieq li r-reġjuni muntanjużi jkunu jistgħu jissoktaw fl-iżvilupp ta' l-innovazzjoni billi jieħdu spunt mit-tradizzjonijiet tagħhom u jtejbu l-kompetittività ta' l-SMEs tagħhom;

37. jissuġġerixxi li l-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri ta' l-UE jagħrblu l-ħtiġijiet differenti tad-diversi żoni fir-rigward tax-xogħol u t-taħriġ;

38. jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea tiżviluppa, fuq il-bażi ta' l-esperjenza tal-Parkijiet Naturali, metodu ta' ġestjoni integrat taż-żoni muntanjużi iżolati f'altitudnijiet għolja u medji, li jkun jista' jikkombina l-politiki kollha għall-konservazzjoni tar-riżorsi naturali, b'mod partikulari permezz tan-netwerk Natura 2000, mal-politiki għat-tisħiħ u l-iżvilupp bilanċjat taż-żoni muntanjużi;

39. jagħti parir lill-Unjoni Ewropea biex tikkunsidra l-ħtiġijiet speċifiċi ta' żoni partikulari meta tkun qed tfassal l-organizzazzjoni Ewropea tas-sigurtà ċivili tagħha, meta wieħed iqis l-intensità tar-riskji naturali u r-restrizzjonijiet differenti ħafna — u għaldaqstant it-teknika wkoll — marbuta ma' l-intervent tal-protezzjoni ċivili u s-servizzi tas-salvataġġ fil-muntanji;

40. isejjaħ biex, bħala parti mir-riforma tal-PAK, jiġi kkunsidrat ir-rwol strateġiku li jaqdu l-agrikoltura, il-ħidma fil-mergħat u l-vinikultura fil-manutenzjoni tal-pajsaġġi, fil-kwalità ta' l-ilma u l-produzzjoni ta' prodotti ta' kwalità għolja b'livell għoli ta' traċċabilità territorjali. Din il-Politika Agrikola Komuni l-ġdida li tkun aktar orjentata lejn il-prodott lokali, għandha tagħti spinta lill-produzzjoni ta' kwalità għolja u b'rendiment baxx, li huma elementi essenzjali ta' l-agrikoltura Ewropea u fundamentali mill-lat ambjentali;

41. jitlob lill-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea joffru pakkett sħiħ u bbilanċjat ta' miżuri li jkunu adattati sabiex jakkumpanjaw ir-regoli dwar il-kwoti tal-ħalib li waslu biex jiskadu, speċjalment f'żoni muntanjużi f'altitudnijiet għolja u medji. Dawn il-miżuri għandhom jiġu ffinanzjati bir-riżorsi tal-miżuri dwar l-organizzazzjoni tas-suq li m'għadhomx jintużaw, iżda dan m'għandux jaffettwa b'mod negattiv il-pagamenti diretti. Sabiex wieħed ikun jista' jsostni l-agrikoltura, it-trobbija tal-bhejjem fuq skala wiesgħa u l-produzzjoni tal-ħalib f'żoni muntanjużi f'altitudnijiet għolja u medji, jeħtieġ li tiġi żviluppata strateġija aktar ekonomika fit-tieni pilastru għall-ħolqien ta' opportunitajiet kummerċjali, fost l-oħrajn, u b'hekk jingħata appoġġ għal tipi ta' agrikoltura bi żvantaġġi naturali u ġeografiċi li jipproduċu benefiċċji sostanzjali għan-natura u l-ambjent;

42. jitlob lill-istituzzjonijiet Ewropej biex fil-politiki tagħhom jikkunsidraw ir-rwol strateġiku tal- foresti fiż-żoni muntanjużi u tal-ġestjoni tal-forestrija sostenibbli fid-dawl tal-protezzjoni effikaċi li jipprovdu liż-żoni kkonċernati, u b'mod partikulari liż-żoni residenzjali, kif ukoll il-kontribut tagħhom għall-konservazzjoni tar-riżorsi u tal-bijodiversità, jiġifieri għall-ġlieda kontra l-bidla fil-klima, il-preservazzjoni tal-kwalità ta' l-arja u l-ilma, il-preservazzjoni tal- pajsaġġi naturali u l-iżvilupp soċjali u ekonomiku taż-żoni muntanjużi;

43. jistqarr li attwalment ftit li xejn hemm attività ekonomika marbuta mal-forestrija fl-Ewropa, kemm fir-rwol ambjentali tagħha, kif ukoll fir-rigward tal-prodotti ekonomiċi tagħha (enerġija, bini, materja prima);

44. isejjaħ lill-istituzzjonijiet Ewropej biex fl-analiżi tagħhom tat-territorji Ewropej jinkludu l-aspetti marbuta ma' l-enerġija u l-kapaċitajiet produttivi tar-reġjuni muntanjużi fl-oqsma ta' l-enerġija rinnovabbli (idroelettriċità, enerġija solari, enerġija mir-riħ, bijomassa u injam), u tal-kostruzzjoni passiva (nota tat-traduttur: Passivhaus huwa t-terminu oriġinali Ġermaniż, passive house bl-Ingliż);

45. isejjaħ lill-istituzzjonijiet Ewropej, lill-banek pubbliċi nazzjonali u reġjonali, u l-Fond Ewropew tal-Karbonju jew Bluenext biex jikkunsidraw il-kontributi pożittivi tal-kwalità ambjentali (il-foresti, il-prairiesu l-mergħat fil-muntanji) fiż-żoni muntanjużi fir-rigward tal-ħolqien ta' bjar li jassorbu s-CO_2 li jistgħu jiġu vvalutati finanzjarjament permezz tas-sistemi ta' ċertifikati jew krediti tal-karbonju;

46. ifakkar li t-TENs ta' l-enerġija, it-trasport u l-ICT għandhom jinkorporaw dimensjoni territorjali ġenwina u b'hekk iqisu ċ-ċirkustanzi ġeografiċi, ambjentali u umani tar-reġjuni li jgħaddu minnhom biex verament isiru netwerks Ewropej ġenwini ta' komunikazzjoni u skambju fil-livell tal-kontinent bl-appoġġ tal-popolazzjonijiet lokali;

47. jistqarr li jieħu interess fl-esperimenti li qed isiru fil-qasam tat-trasport lokali integrat u sostenibbli fil-bliet taż-żoni muntanjużi bħala parti mid-dibattitu Ewropew dwar il-mobilità urbana sostenibbli;

48. jisħaq fuq il-bżonn ta' kollegament permanenti bejn il-popolazzjonijiet taż-żoni muntanjużi u ċ-ċentri ta' popolazzjonijiet kbar sabiex jinkisbu l-objettivi Ewropej imġedda għat-tkabbir u l-impjiegi;

49. isejjaħ lill-Kummissjoni Ewropea biex tagħmel ħilitha biex tnaqqas id-distakk diġitali u tippermetti li ż-żoni kollha u ċ-ċittadini Ewropej kollha jkollhom aċċess għal trasmissjonijiet terrestri jew bis-satellita, b'mod partikulari fil-qafas ta' l-inizjattiva Ewropea i2010 dwar l-inklużjoni-e;

50. jirrakkomanda li d-dimensjoni tal-muntanji f'għadd ta' kwistjonijiet ġeopolitiċi internazzjonali, bħal dawk marbuta ma' l-ilma u r-riżorsi naturali, ir-rispett tad-diversità kulturali u l-edukazzjoni, l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli u l-flussi migratorji, tiġi integrata fil-politika esterna u tal-viċinat;

51. jagħti parir lill-Kummissjoni Ewropea li tadotta strateġija ta' komunikazzjoni lokalizzata sabiex toqrob aktar lejn il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini Ewropej;

52. jissuġġerixxi li tingħata dimensjoni territorjali aktar b'saħħitha lill-politiki Ewropej, il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Komunità u l-komitoloġija bl-għan li d-demokrazija Ewropea titjieb;

53. jitlob lill-Parlament Ewropew biex jidentifika l-impatt baġitarju ta' l-azzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea fuq kull reġjun muntanjuż;

54. jirrakkomanda li l-politika ta' koeżjoni tkun ikkoordinata bi sħubija fir-reġjuni muntanjużi biex ma jkunx hemm frammentazzjoni u biex id-dimensjoni strateġika tal-miżuri strutturali titjieb;

55. jissuġġerixxi li l-ipprogrammar operattiv tal-politiki Komunitarji oħra li għandhom impatt territorjali jiġi kkoordinat fil-livell rilevanti wkoll, jiġifieri fil-livell tar-reġjuni muntanjużi, biex jiġu ddefiniti l-istrateġiji trasversali, integrati u bi sħubija;

56. jappoġġja l-miżura adottata mill-Kunsill tal-Ministri responsabbli mill-ippjanar ta' l-ispazju li jsir studju ta' l-impatt tal-bidla fil-klima fuq ir-reġjuni muntanjużi bħala parti mill-pjan ta' azzjoni ta' l-Aġenda Territorjali, u jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex tikkunsidra din il-kwistjoni fil-ħidma tagħha u l-proposti leġislattivi;

57. jappoġġja r-rwol ewlieni li l-politika ta' koeżjoni taqdi f'din l-istrateġija Ewropea dwar ir-reġjuni muntanjużi u r-rwol ta' tmexxija ta' l-objettiv tal-koeżjoni territorjali u tal-programmi Interreg;

58. jitlob lill-Istati Membri u l-Parlamenti tagħhom sabiex bħala parti mill-proċedura tagħhom biex jadottaw ir-regolament dwar ir-REKT jikkunsidraw l-importanza fundamentali ta' strument legali komuni għall-promozzjoni tal-kooperazzjoni territorjali fir-reġjuni muntanjużi;

59. jenfasizza l-bżonn li, fil-politiki ta' kompetizzjoni u tas-suq uniku, jiġi kkunsidrat ir-rwol kruċjali tas-servizzi ta' interess ġenerali u s-sħubijiet bejn il-pubbliku u l-privat fl-ekonomija taż-żoni muntanjużi, u biex jegħlbu l-ispejjeż ekonomiċi addizzjonali f'dawk iż-żoni bi żvantaġġi naturali permanenti bl-għan li jiġi evitat it-tnaqqis tal-popolazzjoni u biex isir l-aħjar użu mir-riżorsi tagħhom;

60. jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tikkonsulta l-partijiet interessati u l-osservaturi kollha involuti fil-Konvenzjoni Alpina u l-Konvenzjoni tal-Karpazji bl-għan li tiġi analizzata l-governanza u jiġu vvalutati l-objettivi tagħha, li fuq il-bażi ta' dan tit-tieħed deċiżjoni dwar għandhiex issir ratifika tal-protokolli tal-Konvenzjoni Alpina, u dwar l-iffirmar u r-ratifika tal-Konvenzjoni tal-Karpazji, u jekk dan iseħħ, li taqdi rwol ta' tmexxija f'dawn il-Konvenzjonijiet transnazzjonali;

61. jipproponi li tiġi ddedikata Sena Ewropea għar-reġjuni muntanjużi u li kull sentejn il-Kummissjoni, bi sħab mal-Kumitat tar-Reġjuni, torganizza konferenza Ewropea dwar ir-reġjuni muntanjużi li tkun imsejsa fuq il-mudell tal-konferenza ta' l-2002;

62. jitlob lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex, matul is-seduti ta' qabel il-ħatra tagħhom, u b'mod identifikabbli, jagħtu l-inkarigu tar-reġjuni muntanjużi lil Kummissarju wieħed biss li, minbarra l-kompetenzi l-oħra tiegħu, ikun jista' jikkoordina l-attivitajiet tal-Kulleġġ fir-rigward ta' din il-kwistjoni territorjali trasversali;

63. jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tressaq il-proposti tagħha dwar il-futur tal-politiki Ewropej għar-reġjuni muntanjużi fi Green Paper, u dan ikun l-ewwel pass lejn strateġija Ewropea integrata u fuq il-bażi ta' sħubija għar-reġjuni muntanjużi, immexxija mill-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali u reġjonali, bl-appoġġ tal-partijiet soċjo-ekonomiċi u ambjentali u bil-parteċipazzjoni ta' l-assoċjazzjonijiet nazzjonali u Ewropej li jirrappreżentaw lill-awtoritajiet reġjonali fiż-żoni muntanjużi.

Brussell, id-19 ta' Ġunju 2008.

Il-President

tal-Kumitat tar-Reġjuni

Luc VAN DEN BRANDE

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija"

(2008/C 257/08)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

— jemmen fl-importanza li tissaħħaħ il-komunikazzjoni maċ-ċittadini Ewropej billi dawn jingħaqdu fi djalogu permanenti bil-għan li jinfetaħ dibattitu demokratiku bbażat fuq il-fiduċja u s-solidarjetà, sabiex jippromovi l-ispirtu Ewropew u jiffaċilita l-ksib ta' ċittadinanza Ewropea attiva;

— jinsisti fuq ir-responsabbiltà komuni tar-rappreżentanti nazzjonali, reġjonali u lokali li jinkludu d-dimensjoni Ewropea fl-azzjonijiet tagħhom; u jitlob għaldaqstant li titħeġġeġ is-sħubija fil-qasam tal-komunikazzjoni bejn il-gvernijiet nazzjonali, il-parlamenti nazzjonali u l-awtoritajiet lokali u reġjonali sabiex jitwassal iktar għarfien aħjar dwar l-Ewropa għand iċ-ċittadini u sabiex jitwasslu messaġġi ċari u oġġettivi dwar il-miżuri li jittieħdu fil-livell ta' l-Unjoni Ewropea;

— jilqa' l-fażi l-ġdida tal-Pjan D bl-isem "Niddibattu l-Ewropa", li żżomm il-ħidma fil-livell lokali (l-approċċ "going local") u li toffri mezz ieħor biex jintlaħqu n-nies, jiġu stabbiliti l-kuntatti u tittieħed azzjoni fi sħubija fil-kuntest ta' l-elezzjonijiet Ewropej u tar-ratifika tat-Trattat ta' Lisbona;

— jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkofinanzja sensiela ġdida ta' proġetti tas-soċjetà ċivili fil-kuntest ta' Pjan D, u jaqbel ma' l-importanza mogħtija lis-sejħiet għall-proposti u l-azzjonijiet deċentralizzati li jappoġġjaw il-proġetti lokali; jilqa' bis-sħiħ il-fatt li dawn is-sejħiet għall-proposti jpoġġu lill-involviment tal-membri tal-Kumitat tar-Reġjuni u s-semplifikazzjoni tad-djalogu mal-politiċi lokali fil-qalba ta' l-objettivi; madankollu, iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura ruħha li l-awtoritajiet lokali u reġjonali stess ikunu eliġibbli għal dawn is-sejħiet għall-proposti;

— jipproponi li d-Djar ta' l-Ewropa, żoni pubbliċi maħsuba sabiex jattiraw liċ-ċittadini bis-saħħa ta' medda wiesgħa ta' attivitajiet, ma jitħallewx biss għall-belt kapitali ta' kull Stat Membru. L-awtoritajiet lokali u reġjonali kif ukoll bliet oħrajn għandu jkollhom il-possibbiltà li joħolqu żoni ta' din ix-xorta skond numru ta' kriterji fissi; fid-dawl ta' dan, jilqa' l-ħsieb tal-Kummissjoni li żżomm il-ħidma saħansitra iktar fil-livell lokali billi tinkoraġġixxi d-dibattiti lil hinn mill-bliet kapitali ta' l-Ewropa, bil-parteċipazzjoni tar-rappreżentanzi tal-Kummissjoni u t-tieni ġenerazzjoni taċ-ċentri Europe Direct ippjanati għall-2009;

— Huwa lest jikkontribwixxi u jipparteċipa b'mod attiv fl-inizjattivi ta' l-istituzzjonijiet l-oħra, fosthom is-summits taċ-ċittadini li jistgħu jiġu organizzati mill-Presidenzi ta' l-UE.

Rapporteur: Is-Sinjura DU GRANRUT (FR/PPE), Kunsillier Reġjonali ta' Picardie

Dokumenti ta' referenza

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: *Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija*

(COM(2007) 568 finali)

Dokument ta' Ħidma tal-Kummissjoni: Proposta għal Ftehim Inter-istituzzjonali dwar Nikkomunikaw l-Ewropa fi Shubija

(COM(2007) 569 finali)

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni: *Nikkomunikaw dwar l-Ewropa bl-Internet. Ninkludu ċ-ċittadini*

(SEC(2007) 1742)

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni: *Niddibattu l-Ewropa — nibnu fuq l-esperjenza ta' Pjan D għal Demokrazija, Djalogu u Dibattitu*

(COM(2008) 158 finali)

RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

I. **Nikkomunikaw dwar l-Ewropa: responsabbiltà komuni**

1. jappoġġja l-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea sabiex tit-fassal strateġija ġdida ta' komunikazzjoni maċ-ċittadini Ewropej, b'konformità max-xewqa tal-Kunsill Ewropew, billi tinkludi aktar mill-qrib lill-istituzzjonijiet Komunitarji u l-Istati Membri, u billi tagħraf l-importanza ta' l-azzjonijiet fil-livelli reġjonali u lokali;

2. jemmen fl-importanza li tissaħħaħ il-komunikazzjoni maċ-ċittadini Ewropej billi dawn jingħaqdu fi djalogu permanenti bil-għan li jinfetaħ dibattitu demokratiku bbażat fuq il-fiduċja u s-solidarjetà, sabiex jippromovi l-ispirtu Ewropew u jif-faċilita l-ksib ta' ċittadinanza Ewropea attiva;

3. itenni l-konvinzjoni tiegħu dwar il-ħtieġa assoluta li jiġi mħeġġeġ dibattitu, dwar il-valuri komuni, ir-rebħiet tal-kostruz-zjoni Ewropea u l-impatt tal-politiki Komunitarji fuq ħajjet iċ-ċittadini, kif ukoll l-isfidi għall-futur ta' l-Unjoni Ewropea per-mezz ta' djalogu deċentralizzat, u l-bżonn li jkun hemm inko-raġġiment għal għarfien aħjar tal-kwistjonijiet Ewropej fost iċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea;

4. jinsisti fuq ir-responsabbiltà komuni tar-rappreżentanti nazzjonali, reġjonali u lokali li jinkludu d-dimensjoni Ewropea fl-azzjonijiet tagħhom; u jitlob għaldaqstant li titħeġġeġ is-shu-bija fil-qasam tal-komunikazzjoni bejn il-gvernijiet nazzjonali, il-parlamenti nazzjonali u l-awtoritajiet lokali u reġjonali sabiex jit-wassal iktar għarfien dwar l-Ewropa għand iċ-ċittadini u sabiex jitwasslu messaġġi ċari u oġġettivi dwar il-miżuri li jittieħdu fil-livell ta' l-Unjoni Ewropea;

5. għalhekk jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex liċ-ċittadini toffrilhom strumenti ġenwini ta' parteċipazzjoni; f'dan ir-rigward huwa jagħmel enfasi fuq ir-rwol tal-mezzi tal-komunikazzjoni l-kbar, l-aktar l-internet bħala strument tal-prossimità u mezz tal-komunikazzjoni fundamentali, speċjalment għall-awtoritajiet lokali u reġjonali;

6. jilqa' x-xewqa tal-Kummissjoni Ewropea li jissaħħaħ il-prinċipju ta' sħubija bejn l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri; jisħaq bil-kbir fuq il-ħtieġa li jingħarfu s-sehem essenzjali tiegħu kif ukoll dak ta' l-awtoritajiet reġjonali u lokali f'dan ir-rigward; jinnota li l-Kummissjoni tammetti li n-nuqqas ta' għarfien dwar l-Unjoni Ewropea huwa l-aktar ir-riżultat tan-nuqqas ta' impenn min-naħa ta' l-Istati Membri, u li għarfet l-effetti pożittivi tal-komunikazzjoni deċentralizzata u l-ħtieġa ta' azzjoni fil-livelli lokali u reġjonali;

7. jilqa' l-fażi l-ġdida tal-Pjan D bl-isem "Niddibattu l-Ewropa", li żżomm il-ħidma fil-livell lokali (l-approċċ "going local") u li toffri mezz ieħor biex jintlaħqu n-nies, jiġu stabbiliti l-kuntatti u tittieħed azzjoni fi sħubija fil-kuntest ta' l-elezzjoni-jiet Ewropej u tar-ratifika tat-Trattat ta' Lisbona;

8. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tintegra l-ħtieġa tal-komunikazzjoni fit-tħejjija ta' kull politika Ewropea, b'mod par-tikolari fir-rigward tal-politiki li għandhom impatt dirett fuq it-territorji, l-aktar il-Fondi Strutturali u jemmen li l-baġit rivedut ta' l-UE għandu jinkludi kapitlu dwar il-komunikazzjoni maċ-ċit-tadini;

9. jaħseb li jaqbel li wieħed juża l-fażi ta' ratifika tat-Trattat ta' Lisbona u l-organizzazzjoni ta' l-elezzjonijiet Ewropej li ġejjin sabiex iħeġġeġ dibattitu ġenwin dwar l-Ewropa; għal dan il-għan il-Kumitat waqqaf grupp ta' ħidma speċifiku sabiex itejjeb il-ħila komunikattiva tal-membri tiegħu meta jitkellmu dwar l-Ewropa maċ-ċittadini Ewropej;

II. **Insaħħu l-politika ta' sħubija għal komunikazzjoni deċentralizzata koerenti u integrata**

10. ifakkar fi kliem id-dikjarazzjonijiet tal-Kummissarju Wallström dwar l-approċċ territorjali u r-rwol essenzjali ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali sabiex jilħqu ċ-ċittadini u jispjegawlhom is-sinifikat u l-effetti pożittivi ta' l-azzjoni politika ta' l-UE fuq l-iżvilupp ekonomiku, il-koeżjoni territorjali, l-ambjent, is-sigurtà u l-progress soċjali matul il-ħafna avvenimenti organizzati fi ħdan il-qafas tal-Pjan D madwar l-Unjoni Ewropea kollha kemm hi;

11. itenni, f'dan il-kuntest, l-intenzjoni tiegħu li jaħdem fuq il-linji tal-ftehim ta' kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-*addendum* tiegħu dwar il-politika ta' komunikazzjoni, sabiex iqanqal l-organizzazzjoni ta' dibattiti u avvenimenti b'temi marbuta mal-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini, bħall-impjiegi, is-sigurtà, il-migrazzjoni, id-drittijiet fundamentali, il-ħarsien ta' l-ambjent, il-provvista ta' l-enerġija, u b'hekk joħroġ fid-dieher il-valur miżjud tal-politika Komunitarja meta tingħaqad mal-kompetenzi tar-rappreżentanti eletti fil-livelli lokali u reġjonali;

12. jitlob li l-persuni ta' kuntatt f'kull rappreżentanza tal-Kummissjoni, li nħatru b'konformità mal-ftehim ta' kooperazzjoni bejn il-KtR u l-Kummissjoni Ewropea u li jieħdu ħsieb it-tixrid tat-temi ta' azzjonijiet marbuta mal-komunikazzjoni fil-livelli lokali u reġjonali li jagħżel il-Grupp Inter-istituzzjonali għall-Informazzjoni, għandhom isiru pontijiet ta' informazzjoni operattiva bejn il-Kummissjoni u l-membri tal-KtR. Huma għandhom jiffaċilitaw l-involviment ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-avvenimenti deċentralizzati u fiż-żjarat uffiċjali tal-Kummissjoni fl-Istati Membri;

13. ifakkar li filwaqt li strateġija ġdida ta' komunikazzjoni teħtieġ interattività akbar bejn l-istituzzjonijiet ta' l-UE u l-korpi Komunitarja tagħha, għandha tixrob ukoll minn reazzjonijiet ta' "fuq il-post" għaliex dawn biss jistgħu jiġu analizzati u mgħoddija mill-awtoritajiet li għandhom għarfien biżżejjed dwar il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' l-UE u fl-istess ħin huma responsabbli miċ-ċittadini u jinsabu qribhom. Jenfasizza, f'dan ir-rigward, it-termini tal-protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità li jinsab fit-Trattat ta' Lisbona. Dawn il-prinċipji jobbligaw lill-Kummissjoni Ewropea sabiex fil-proposti leġislattivi u regolamentari tagħha tikkunsidra l-impatt finanzjarju u amministrattiv fuq l-awtoritajiet lokali u reġjonali;

14. jinnota li l-isforz tal-partijiet interessati lokali u reġjonali u l-parteċipazzjoni ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali f'konsultazzjonijiet formali tal-Kummissjoni Ewropea dwar leġislazzjoni ġdida jsaħħu l-attivitajiet tal-bliet u r-reġjuni bħala pontijiet ta' l-informazzjoni u l-komunikazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea u huwa parti mill-qafas tal-gvernanza b'diversi livelli. Dan l-iskambju ta' informazzjoni minn żewġ naħat jista' jinvolvi l-uffiċċji reġjonali, l-awtoritajiet lokali u reġjonali fi Brussell kif ukoll l-assoċjazzjonijiet nazzjonali u Ewropej tar-rappreżentanti lokali u reġjonali eletti;

III. **Nikkomunikaw dwar l-Ewropa: naġixxu fil-livell lokali billi ninvolvu ċ-ċittadini flimkien mar-rappreżentanti lokali u reġjonali eletti**

15. jiġbed l-attenzjoni dwar il-ħtieġa li tingħata informazzjoni iktar adegwata dwar l-Unjoni Ewropea, li tkun immirata lejn gruppi differenti, u li din l-informazzjoni tiġi adattata għar-realtà lokali;

16. jitlob li wieħed jitgħallem mill-avvenimenti li organizzaw l-awtoritajiet reġjonali u l-bliet fi ħdan il-qafas tal-Pjan D kif inhuma mfassla fiż-żewġ rapporti ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-komunikazzjoni deċentralizzata mill-Kumitat tar-Reġjuni;

17. jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkofinanzja sensiela ġdida ta' proġetti tas-soċjetà ċivili fil-kuntest ta' Pjan D, u jaqbel ma' l-importanza mogħtija lis-sejħiet għall-proposti u l-azzjonijiet deċentralizzati li jappoġġjaw il-proġetti lokali; jilqa' bis-sħiħ il-fatt li dawn is-sejħiet għall-proposti jpoġġu lill-involviment tal-membri tal-Kumitat tar-Reġjuni u s-semplifikazzjoni tad-djalogu mal-politiċi lokali fil-qalba ta' l-objettivi; madankollu, iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura ruħha li l-awtoritajiet lokali u reġjonali stess ikunu eliġibbli għal dawn is-sejħiet għall-proposti;

18. jenfasizza li sabiex il-fażi "Niddibattu l-Ewropa" tal-Pjan D tkun effiċjenti f'kull Stat Membru, għandu jkun hemm iktar sinerġiji bejn il-Membri tal-Parlament Ewropew, ir-rappreżentanti lokali u reġjonali eletti, il-kelliema tal-gvernijiet nazzjonali, il-kapijiet tar-rappreżentanzi tal-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni, u r-rappreżentanti ta' l-assoċjazzjonijiet nazzjonali ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali;

19. jipproponi li d-Djar ta' l-Ewropa, żoni pubbliċi maħsuba sabiex jattiraw liċ-ċittadini bis-saħħa ta' medda wiesgħa ta' attivitajiet, ma jitħallewx biss għall-belt kapitali ta' kull Stat Membru. L-awtoritajiet lokali u reġjonali kif ukoll bliet oħrajn għandu jkollhom il-possibbiltà li joħolqu żoni ta' din ix-xorta skond numru ta' kriterji fissi; fid-dawl ta' dan, jilqa' l-ħsieb tal-Kummissjoni li żżomm il-ħidma saħansitra iktar fil-livell lokali billi tinkoraġġixxi d-dibattiti lil hinn mill-bliet kapitali ta' l-Ewropa, bil-parteċipazzjoni tar-rappreżentanzi tal-Kummissjoni u t-tieni ġenerazzjoni taċ-ċentri Europe Direct ippjanati għall-2009;

20. jenfasizza li l-komunikazzjoni maż-żgħażagħ għandha tfittex li xxerred informazzjoni li tgħinhom jifhmu l-importanza tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-kostruzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea;

21. jitlob lil-livelli kollha ta' gvernanza jassiguraw li matul il-karriera skolastika tagħhom,iż-żgħażagħ jirċievu tagħrif bażiku dwar l-Unjoni Ewropea bil-għan li jifhmu x'inhuma l-poteri tagħha, kif taħdem, l-azzjonijiet tagħha u l-opportunitajiet li toffri għall-futur personali u professjonali tagħhom fil-kuntest ta' l-isfidi tas-seklu 21;

22. jirrakkomandali l-azzjonijiet ta' komunikazzjoni ta' l-Istati Membri jiġu implimentati bil-kollaborazzjoni tar-rappreżentanti reġjonali u lokali, per eżempju permezz ta' l-organizzazzjoni ta' avvenimenti deċentralizzati fir-reġjuni u diskussjonijiet regolari fi ħdan l-assembleji reġjonali u lokali dwar il-politiki ta' l-Unjoni Ewropea li jsiru, jekk ikun possibbli, fil-preżenza ta' Membru Parlamentari Ewropew u ta' rappreżentant ta' wieħed mid-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni kif diġà jsir fil-parlamenti nazzjonali;

23. ifakkar li r-rappreżentanti lokali u reġjonali eletti jistgħu jaqdu rwol kruċjali sabiex jagħtu bidu għall-komunikazzjoni minn żewġ naħat. Bis-saħħa ta' din tingħata informazzjoni dwar is-sehem u r-realtà ta' l-Unjoni Ewropea liċ-ċittadini, u sservihom ta' xprun sabiex jirreaġixxu għal din l-informazzjoni, u b'hekk l-Ewropa tersaq aktar viċin tar-reġjuni li jirrappreżentaw dawn ir-rappreżentanti eletti. Huma jinsabu wkoll fil-pożizzjoni ideali sabiex iwasslu r-reazzjonijiet ta' "fuq il-post", jiġifieri l-opinjonijiet pubbliċi lokali u reġjonali, lil dawk responsabbli mit-tħejjija ta' l-azzjoni politika ta' l-UE u lil dawk li jieħdu deċiżjoni dwarha;

24. jinsisti fuq ir-rwol tal-partiti politiċi fil-qasam tal-komunikazzjoni fil-livell lokali u reġjonali sabiex jippromovu l-proġett Ewropew, u jinkoraġġixxi r-rappreżentanti lokali u reġjonali biex iħarrġu lill-politiċi żgħażagħ dwar l-affarijiet Ewropej sabiex dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-futur jintegraw id-dimensjoni Ewropea fl-azzjonijiet tagħhom;

25. jemmen fl-importanza li t-test tat-Trattat ta' Lisbona jinkiteb b'mod ċar u affidabbli, u jkun jinkludi l-benefiċċji tiegħu, il-loġika li jinbena fuqha u t-titjib fir-rigward tat-trasparenza, l-effiċjenza u l-leġittimità ta' l-azzjoni ta' l-Unjoni Ewropea u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fit-tħejjija ta' politiki ta' l-Unjoni Ewropea;

26. jirrakkomanda li fi ħdan il-kunsilli reġjonali u lokali tinżamm sessjoni speċjali miftuħa għall-Membri tal-Kumitat tar-Reġjuni u tal-Parlament Ewropew mill-istess kostitwenza, li tkun iddedikata għat-twettiq ta' l-integrazzjoni Ewropea u għall-funzjonament istituzzjonali ta' l-UE, per eżempju f'Jum l-Ewropa (fid-9 ta' Mejju);

27. iħabbar l-azzjonijiet prijoritarji li ġejjin, ippjanati mill-Kumitat tar-Reġjuni għall-2008 fil-qasam tal-komunikazzjoni:

— l-organizzazzjoni ta' Forum dwar "Il-Bliet tal-Futur" (mit-8 sa l-10 ta' April 2008);

— l-organizzazzjoni tat-Tielet Forum Annwali tal-Komunikazzjoni (mis-17 sad-19 ta' Ġunju 2008);

— l-organizzazzjoni tas-sitt edizzjoni ta' *OPEN DAYS* (mis-6 sad-9 ta' Ottubru 2008) li matul il-Ġimgħa tar-Reġjuni u l-Bliet ser tlaqqa' fi Brussell 5 500 parteċipant minn 220 reġjun u belt ta' l-Ewropa. Fl-2008 din l-inizjattiva ser tinkludi 'l fuq minn 150 avveniment deċentralizzat fir-reġjuni msieħba;

— l-organizzazzjoni ta' Forum dwar id-Djalogu Interkulturali (mill-25 sas-27 ta' Novembru);

— il-pubblikazzjoni ta' newsletter elettronika darba fix-xahar dwar il-politiki tal-KtR, li tkun indirizzata lill-mezzi tax-xandir reġjonali, lir-rappreżentanti reġjonali u lokali eletti kif ukoll lir-rappreżentanti ta' l-assoċjazzjonijiet, kif ukoll newsletter fuq il-karta dwar l-attività politika u konsultattiva tal-KtR, ta' l-istituzzjonijiet Ewropej u tar-reġjuni, li tkun indirizzata lill-25 000 persuna responsabbli mit-teħid ta' deċiżjonijiet reġjonali;

— iż-żjara ta' 600 ġurnalista reġjonali u lokali fis-sena fil-KtR fi Brussell b'rabta ma' l-attivitajiet politiċi tal-membri tal-KtR, fl-okkażjoni ta' xi avveniment u bil-kooperazzjoni ta' l-istituzzjonijiet Ewropej l-oħra;

28. jixtieq jikkoopera mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea fit-tħejjija ta' *pjan ta' ħidma* bbażat fuq l-inizjattivi ta' komunikazzjoni fi ħdan il-kooperazzjoni inter-istituzzjonali u billi jiżdiedu s-sħubiji tal-ġestjoni operazzjonali ma' l-Istati Membri fuq bażi bilaterali;

29. huwa lest jikkontribwixxi u jipparteċipa b'mod attiv fl-inizjattivi ta' l-istituzzjonijiet l-oħra, fosthom is-summits taċ-ċittadini li jistgħu jiġu organizzati mill-Presidenzi ta' l-UE;

IV. L-integrazzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni fil-qafas inter-istituzzjonali tal-futur rigward il-komunikazzjoni

30. huwa konvint li qafas inter-istituzzjonali dwar l-informazzjoni u l-komunikazzjoni kapaċi jsaħħaħ il-prinċipju ta' sħubija bejn l-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji, l-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali u lokali; dan il-qafas għandu jkollu finanzjament adegwat;

31. jenfasizza l-benefiċċji tal-parteċipazzjoni tiegħu fil-ħidma tal-Grupp Inter-istituzzjonali għall-Informazzjoni (GII), beħsiebu jippreżenta l-programm annwali tiegħu rigward il-komunikazzjoni deċentralizzata kull sena, u jitlob għaldaqstant li jiġi involut fit-tħejjija tal-programm annwali inter-istituzzjonali dwar is-suġġett;

32. jaqbel mal-valutazzjoni ta' l-attivitajiet tal-Grupp Inter-istituzzjonali għall-Informazzjoni sabiex tittieħed deċiżjoni dwar il-possibbiltà ta' titjib u dwar il-ħtieġa li jitwaqqaf grupp inkarigat mill-koordinazzjoni tal-miżuri li jimplimentaw il-linji gwida ġenerali tal-GII; il-KtR huwa lest jipparteċipa f'dan kollu;

33. jilqa' bi pjaċir il-possibbiltà li jipparteċipa fid-dibattitu annwali inter-istituzzjonali dwar il-komunikazzjoni, u jitlob għalhekk li l-kontribut tiegħu jiġi rikonoxxut flimkien mal-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill bħala msieħeb ewlieni fl-istrateġija tal-komunikazzjoni deċentralizzata;

V. Inżidu l-pontijiet ta' komunikazzjoni: il-mezzi tax-xandir lokali u reġjonali, il-mezzi awdjoviżivi u l-Internet

34. jisħaq fuq il-fatt li sabiex jinkiseb l-objettiv li jiżdied l-għarfien taċ-ċittadini ta' l-UE dwar il-kwistjonijiet ta' l-UE, in-numru eżistenti ta' kanali ta' informazzjoni jrid jiżdied u jsir aktar effettiv u aċċessibbli. Għandha tittejjeb il-kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet u l-mezzi tax-xandir lokali u reġjonali u għandom jintużaw teknoloġiji ġodda;

35. jesprimi s-sodisfazzjoni tiegħu rigward it-tnedija tal-proġett tal-Kummissjoni Ewropea dwar in-netwerks ta' informazzjoni pilota fl-2008 bil-għan li jintegraw aħjar il-Parlamenti Nazzjonali fid-dibattitu Ewropew, u fid-dawl ta' dan jitlob li l-Parlamenti Nazzjonali kif ukoll il-Parlamenti Reġjonali u r-rappreżentanti lokali u reġjonali jiġu assoċjati ma' din l-inizjattiva;

36. iħeġġeġ lill-Kummissjoni li l-websites tar-rappreżentazzjonijiet tagħha fis-27 Stat Membru jkunu konnessi mal-websites ta' l-assoċjazzjonijiet nazzjonali li għandhom il-poter lokali u reġjonali, tal-bliet u r-reġjuni, u li l-informazzjoni li tingħata tkun adattata għall-kuntest lokali, l-aktar rigward l-implimentazzjoni tal-politiki Ewropej;

37. jirrakkomanda li l-website *Europa* jkun fiha paġna speċifika dwar ir-rwol ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet fl-UE; b'hekk joħroġ fid-dieher il-fatt li kważi 75 % tal-leġislazzjoni Ewropea hija implimentata fil-livell lokali u reġjonali, u barra minn hekk, din il-paġna għandha tinkludi ħolqa (link) għall-website tal-Kumitat tar-Reġjuni kif ukoll għal dawk ta' l-assoċjazzjonijiet Ewropej u nazzjonali ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali li jappoġġjawh;

38. jenfasizza l-importanza ta' l-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea *e-parteċipazzjoni* bl-iskop li ċ-ċittadini jipparteċipaw fit-tħejjija tal-politiki, l-aktar fil-livell lokali u reġjonali; f'dan il-kunstest jistieden lill-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jiżviluppaw il-websites tal-lokalitajiet tagħhom b'tali mod li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jesprimu ruħhom fil-qafas tal-konsultazzjonijiet u l-interazzjoni online, b'mod partikolari rigward it-tamiet tagħhom mill-politiki Ewropej;

39. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tinkludi l-vidjos bi produzzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni fil-website *EU Tube*;

40. fl-aħħar jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex lir-rappreżentanti lokali u reġjonali toffrilhom pjattaforma ta' dibattitu fuq il-website *Europa* sabiex iwieġbu l-mistoqsijiet tal-pubbliku, per eżempju fil-qafas tal-forum *Debate Europe* — din l-inizjattiva għandha mnejn iżżid l-interazzjoni bejn il-membri tagħna u ċ-ċittadini fl-Istati Membri rispettivi tagħhom;

41. jixtieq jenfasizza l-importanza li jkun hemm għażla wiesgħa ta' kanali ta' informazzjoni u komunikazzjoni sabiex iċ-ċittadini kollha ta' l-UE jkunu jistgħu jiksbu l-informazzjoni dwar l-UE bl-istess mod.

Brussell, id-19 ta' Ġunju 2008.

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni
Luc VAN DEN BRANDE

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Is-sena Ewropea tal-kreattività u l-innovazzjoni (2009)"

(2008/C 257/09)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

— jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tagħmel l-2009 s-Sena Ewropea tal-Kreattività u l-Innovazzjoni. L-implimentazzjoni ta' l-objettivi ta' Lisbona, bil-għan li l-Ewropa ssir l-aktar soċjetà innovattiva u bbażata fuq l-għarfien tad-dinja, tiddependi mill-potenzjal kreattiv ta' l-Ewropa;

— jenfasizza li fil-bliet u r-reġjuni Ewropej u fil-livell lokali, il-kultura, il-kreattività u l-innovazzjoni huma s-sorsi prinċipali tat-tkabbir, l-investiment u l-impjieg ġdid;

— jenfasizza r-rwol importanti li jaqdu l-edukazzjoni inizjali u l-edukazzjoni primarja fl-iżvilupp tal-kompetenzi bażiċi, jiġifieri l-għarfien, il-ħiliet u l-imġiba, li permezz tagħhom il-bniedem jitgħallem jgħix u jaħdem sewwa f'soċjetà Ewropea moderna u jikseb għarfien addizzjonali;

— jenfasizza l-fatt li din l-inizjattiva tista' sservi ta' segwitu eċċellenti għas-Sena Ewropea tad-Djalogu Interkulturali. Meta jkun hemm rabta bejn it-temi tad-diversi "snin" Ewropej li jiġu organizzati, ikun qiegħed jintlaħaq l-għan li dawn ikollhom impatt fuq il-perijodu medju u fit-tul;

— jinnota l-fatt li għadhom ma ssemmew l-ebda fondi speċifiċi li ser jintużaw għal din is-Sena. Meta l-kreattività tibda tiġi interpretata bħala sors ta' żvilupp tas-soċjetà Ewropea, ma tibqax titħalla fil-konfini ta' l-edukazzjoni u l-kultura. Viżjoni interdixxiplinari tista' twassal għal soluzzjonijiet ġodda u kreattivi.

Rapporteur: Gerd HARMS (DE/PSE), Rappreżentant tal-Land ta' Brandenburg għall-Affarijiet Federali u Ewropej u Segretarju ta' l-Istat fil-Kanċellerija ta' l-Istat ta' Brandenburg

Dokument ta' referenza

Proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkonċerna s-Sena Ewropea tal-Kreattività u l-Innovazzjoni (2009)

COM(2008) 159 finali 2008/0064 (COD)

1. RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

1. jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni għal Sena Ewropea tal-Kreattività u l-Innovazzjoni (2009). Il-kreattività, spjegata fil-proposta tal-Kummissjoni f'termini ġenerali bħala l-kapaċità li jinstabu soluzzjonijiet ġodda fid-diversi oqsma ta' l-attività tal-bniedem, hija kruċjali għall-innovazzjoni teknika, kulturali u soċjali. L-implimentazzjoni ta' l-objettivi ta' Lisbona bil-għan li l-Ewropa ssir l-aktar soċjetà innovattiva u bbażata fuq l-għarfien tad-dinja, tiddependi mill-potenzjal kreattiv ta' l-Ewropa;

2. jappoġġja l-analiżi tal-Kummissjoni dwar il-kundizzjonijiet bażiċi meħtieġa għall-iżvilupp tal-kreattività u l-innovazzjoni. F'dan ir-rigward huwa jenfasizza r-rwol importanti li jaqdu l-edukazzjoni bikrija u inizjali u l-edukazzjoni primarja fl-iżvilupp tal-kompetenzi bażiċi, jiġifieri l-għarfien, il-ħiliet u l-imġiba, li permezz tagħhom il-bniedem jitgħallem jgħix u jaħdem sewwa f'soċjetà Ewropea moderna u jikseb għarfien addizzjonali;

3. jappoġġja l-fehma tal-Kummissjoni dwar l-importanza ta' l-edukazzjoni għat-trawwim tal-kreattività, u jqis li l-kreattività ma tillimitax ruħha għall-edukazzjoni inizjali u l-bidu ta' l-edukazzjoni skolastika. Is-suġġetti artistiċi għandhom jibqgħu importanti matul il-karriera skolastika kollha. Barra minn hekk, il-kreattività m'għandhiex tiġi assoċjata "mas-suġġetti kreattivi" biss. Il-ħila li wieħed isolvi l-problemi b'mod kreattiv u li jaħseb b'mod innovativ għandhom jagħmlu parti integrali mill-proċessi edukattivi formali. B'rabta ma' dan il-Kumitat jixtieq jenfasizza b'mod partikolari l-importanza tal-multilingwiżmu;

4. jenfasizza wkoll il-bżonn, li minbarra l-promozzjoni ta' l-eċċellenza u l-prestazzjoni ta' livell għoli, jiġu assigurati wkoll edukazzjoni u taħriġ tajbin għall-persuni f'kull reġjun, bħala l-bażi tal-benesseri individwali u soċjali u tal-kapaċità ta' innovazzjoni tar-reġjuni;

5. jenfasizza li fil-bliet u r-reġjuni Ewropej u fil-livell lokali, il-kultura, il-kreattività u l-innovazzjoni huma s-sorsi prinċipali tat-tkabbir, l-investiment u l-impjieg ġdid. L-iżvilupp tal-potenzjal tal-kreattività u l-kapaċità ta' innovazzjoni ta' reġjun huma rekwiżiti essenzjali sabiex ir-reġjun ikun jista' jikseb suċċess fil-kompetizzjoni Ewropea u globali. L-awtoritajiet reġjonali u lokali huma responsabbli b'mod ġenerali għall-organizzazzjoni tal-proċess tat-tagħlim tul il-ħajja, ta' politika tax-xogħol attiva, ta' l-iżvilupp ta' strateġiji reġjonali innovattivi u tal-promozzjoni ta' attività ekonomika innovattiva u kreattiva;

6. għal darba oħra jenfasizza r-rwol importanti li jaqdu l-awtoritajiet lokali u r-reġjuni fil-promozzjoni ta' ambjent xieraq għall-innovazzjoni. Fatturi rilevanti f'dan ir-rigward jinkludu l-politika reġjonali ta' l-innovazzjoni, iċ-ċentri tat-teknoloġija, l-inkubaturi tan-negozji, iċ-ċentri tax-xjenza u l-kapital riskjuż;

7. jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li dan ma japplikax għall-ekonomija kreattiva jew għall-industriji bbażati fuq l-għarfien biss. L-isfidi ekonomiċi u soċjali li qiegħda taffaċċja s-soċjetà moderna fil-livelli kollha tagħha jirrikjedu soluzzjonijiet kreattivi għall-problemi soċjali, ekoloġiċi u ekonomiċi;

8. jilqa' b'mod partikolari l-fatt li l-Kummissjoni, fil-proposta leġislattiva tagħha, tenfasizza r-rwol ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-fatt li:

— huwa biss permezz ta' kombinazzjoni ta' miżuri Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali li jistgħu jintlaħqu l-objettivi tas-Sena Ewropea tal-Kreattività u l-Innovazzjoni;

— il-parteċipazzjoni ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali fis-Sena Ewropea tal-Kreattività u l-Innovazzjoni ser tagħtihom l-opportunità li jorganizzaw l-attivitajiet tagħhom b'mod aktar effikaċi u effettiv; u

— il-parteċipazzjoni tagħhom ser ittejjeb l-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti fil-livell Ewropew u nazzjonali;

9. jilqa' din l-evalwazzjoni u ser jaħdem għall-parteċipazzjoni mifruxa ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali fis-Sena Ewropea tal-Kreattività u l-Innovazzjoni;

Valutazzjoni dettaljata ta' l-inizjattiva

10. jappoġġja l-objettivi stabbiliti għas-Sena Ewropea tal-Kreattività u l-Innovazzjoni (Artikolu 2). L-aproċċ miftuħ li fuqu nbnew dawn l-objettivi jippermetti interpretazzjoni komprensiva ta' l-iżvilupp u l-użu tal-potenzjal kreattiv ta' l-Ewropa, interpretazzjoni li tmur lil hinn mill-aspett artistiku tal-potenzjal kreattiv. Matul is-Sena Ewropea tal-Kreattività u l-Innovazzjoni, il-KtR għandu jippromovi u jiġbed l-attenzjoni lejn l-attivitajiet interdixxiplinarji bejn l-istituzzjonijiet li huma responsabbli għat-tagħlim tul il-ħajja u l-istituzzjonijiet u l-atturi ta' l-oqsma tal-kultura, l-ekonomija, ix-xjenza u s-soċjetà ċivili. Jeħtieġ ukoll li jiġi promoss it-tagħlim kreattiv ibbażat fuq ir-riċerka u l-iżvilupp ta' l-għarifen minflok fuq l-imitazzjoni u t-tagħlim bl-amment;

11. jenfasizza l-fatt li din l-inizjattiva tista' sservi ta' segwitu eċċellenti għas-Sena Ewropea tad-Djalogu Interkulturali. Meta jkun hemm rabta bejn it-temi tad-diversi "snin" Ewropej li jiġu organizzati, ikun qiegħed jintlaħaq l-għan li dawn ikollhom impatt fuq il-perijodu medju u fit-tul. L-iskop ta' l-attivitajiet marbuta mas-Sena Ewropea tad-Djalogu Interkulturali huwa li jippromovu soċjetà Ewropea aktar miftuħa, tolleranti u flessibbli, aspetti li huma relatati mill-qrib mal-kreattività u l-innovazzjoni. Meta wieħed jiltaqa' ma' forom ta' espressjoni u orjentazzjonijiet kulturali oħra u jistudjahom, ikun qiegħed jiftaħ bibien ġodda għall-kreattività u jesplora mezzi ġodda ta' kif jista' jindirizza kwistjonijiet li jikkonċernawh direttament;

12. jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li fil-proposta tagħha, il-Kummissjoni tirreferi b'mod speċifiku għall-kompetenzi ewlenin tat-tagħlim tul il-ħajja li ġew stabbiliti mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fir-rakkomandazzjoni tagħhom. Hawnhekk il-KtR jirreferi għall-opinjoni li kien ħejja dwar din ir-rakkomandazzjoni ([1]) fejn kien enfasizza l-importanza partikolari tal-kompetenzi matematiċi u xjentifiċi. Fl-istess opinjoni, il-KtR kien enfasizza wkoll l-importanza li nheġġu l-parteċipazzjoni tan-nisa f'dawn l-oqsma permezz ta' l-istrumenti tat-tagħlim tul il-ħajja. Fil-ġejjieni, is-soċjetajiet Ewropej ser ikollhom jagħmlu sforz akbar sabiex jiġbdu liż-żgħażagħ, b'mod partikolari lit-tfajliet, lejn taħriġ u karrieri fl-oqsma tax-xjenza, it-teknoloġiċi u l-inġinerija;

13. jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li rabta bejn il-ħajja tax-xogħol, is-soċjetà u l-edukazzjoni terzjarja hija prerekwiżit importanti ħafna għall-innovazzjoni u t-tkabbir fil-livell lokali u reġjonali. Tinħtieġ infrastruttura inklużiva u li mhix diskriminatorja li tħeġġeġ iċ-ċittadinanza attiva u r-responsabbiltà kollettiva sabiex ikun jista' jkun hemm koeżjoni soċjali u żvilupp sostenibbli;

14. isejjaħ għal edukazzjoni u taħriġ aħjar li jagħmlu l-aħjar użu mill-aqwa riżorsi ta' l-Ewropa — iż-żgħażagħ tagħha. Din l-edukazzjoni għandha tiffoka b'mod partikolari fuq l-istudju tat-teknoloġija, sabiex tippromovi r-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni fl-Ewropa. Fl-istess ħin jeħtieġ li jiġi pprovdut ukoll taħriġ adegwat fil-qasam ta' l-umanistika u l-valuri. Huwa importanti li s-sistema edukattiva tagħti attenzjoni xierqa lit-tagħlim tal-kultura u ta' l-istorja Ewropea;

15. kemm-il darba ġibed l-attenzjoni lejn l-importanza partikolari li għandhom il-promozzjoni tar-riċerka, it-taħriġ ta' xjenzati żgħażagħ, l-appoġġ tal-mobbiltà tax-xjenzati u l-appoġġ tal-kooperazzjoni xjentifika fil-livell lokali. L-iżvilupp ta' ambjent xieraq għar-riċerka, l-appoġġ xieraq għall-brevetti u l-ħarsien effettiv tagħhom iwasslu għall-innovazzjoni fis-soċjetà u fl-ekonomija;

16. jenfasizza l-bżonn li jinħolqu standards u drittijiet ta' ħarsien tal-proprjetà intellettwali u li tiġi żviluppata Karta Ewropea għall-ġestjoni tal-proprjetà intellettwali;

17. jenfasizza f'dan ir-rigward l-importanza kbira li għandhom il-Fondi Strutturali b'mod partikolari l-Fondi għall-Iżvilupp Reġjonali sabiex permezz tagħhom l-għarfien xjentifiku jkun jista' jissarraf f'prodotti u politiki innovattivi;

18. jiddispjaċih li din l-inizjattiva ma ġietx ippreżentata qabel. Iż-żmien limitat li fadal għall-preparamenti ser jipperikola s-suċċess li jista' jkollha din l-inizjattiva. Huwa importanti għalhekk li l-Kummissjoni tagħmel kull sforz sabiex tinvolvi l-akbar numru ta' msieħba possibbli f'dan il-proċess;

19. jenfasizza r-rwol speċifiku tal-mezzi tax-xandir awdjoviżivi fl-iżvilupp ta' ambjent kreattiv. F'diversi reġjuni fl-Ewropa, ir-rabta bejn l-iżvilupp tat-talenti, iċ-ċentri eċċellenti tat-taħriġ u s-settur tal-mezzi tax-xandir wassal għall-ħolqien ta' clusters ekonomiċi ta' suċċess. Jeħtieġ li fil-qafas tas-Sena Ewropea tal-Kreattività u l-Innovazzjoni, dawn l-iżviluppi jirċievu r-rikonoxximent li jisthoqqilhom;

20. jikkritika l-fatt li l-proposta tal-Kummissjoni ma tirreferix għall-firxa wiesgħa ta' possibbiltajiet li joffru d-diversi programmi Ewropej favur il-mobbiltà. Il-mobbiltà fl-edukazzjoni u fit-taħriġ u l-iskambji bejn ir-reġjuni ta' l-Ewropa jistgħu jaqdu rwol importanti ħafna sabiex iħeġġu liż-żgħażagħ biex jilliberaw il-potenzjal tagħhom għall-kreattività u l-innovazzjoni;

21. jinnota b'dispjaċir il-fatt li l-proposta ma tinkludi l-ebda approċċ li permezz tiegħu tista' ssehh valutazzjoni tas-suċċess ta' l-inizjattiva u lanqas ma tistabbilixxi l- kundizzjonijiet meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi;

22. jemmen li s-suċċess tas-Sena Ewropea tal-Kreattività u l-Innovazzjoni jiddependi sewwa sew minn kemm il-Kummissjoni ser tkun lesta tissokta l-ħidma kollha meħtieġa f'dan il-qasam u minn kemm id-Direttorati Ġenerali ser jirnexxilhom jużaw l-opportunitajiet kollha li jiltaqgħu magħhom. Din il-ħidma tirrikjedi l-appoġġ sħiħ ta' l-Istati Membri, il-bliet, ir-reġjuni u l-awtoritajiet lokali. Il-KtR jitlob li l-ħidma preparatorja għas-Sena Ewropea tal-Kreattività u l-Innovazzjoni tintegra fiha wkoll l-oqsma ta' politika l-oħra u mhux il-politika ta' l-edukazzjoni biss;

23. jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li l-promozzjoni tal-Kreattività u l-Innovazzjoni hija element importanti ta' ħafna tal-programmi għall-iżvilupp reġjonali u lokali. L-attivitajiet li ser isiru fi ħdan is-Sena Ewropea tal-Kreattività u l-Innovazzjoni m'għandhomx jagħtu l-impressjoni li huwa biss permezz ta' l-attivitajiet tal-Kummissjoni li nistgħu niskopru riżorsi bħal dawn. Huwa proprju f'din is-sena li għandna nenfasizzaw l-approċċi kollha mwettqa mill-awtoritajiet lokali, ir-reġjuni u l-Istati Membri u nappoġġjaw it-tixrid ta' l-eżempji ta' l-aħjar prattika. L-inizjattivi kollha tal-Kummissjoni dejjem għandhom jirrispettaw il-prinċipju tas-sussidjarjetà;

24 jiġbed l-attenzjoni lejn l-esperjenza vasta li għandhom l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili hekk kif turi per eżempju l-azzjoni tagħhom fil-qasam tal-politika lokali u reġjonali u l-parteċipazzjoni tagħhom fl-Open

([1]) CdR 31/2006 fin.

Days tal-KtR. Minn dawn l-esperjenzi nistgħu nisiltu diversi eżempji ta' mezzi differenti ta' żvilupp u appoġġ tal-kreattività u l-innovazzjoni, ilkoll karatteristiċi ta' l-awtoritajiet lokali u r-reġjuni Ewropej tagħna;

25. jinnota l-fatt li għadhom ma ssemmew l-ebda fondi speċifiċi li ser jintużaw għal din is-sena. Fir-rigward tal-fondi għall-attivitajiet ta' din is-sena, il-proposta tal-Kummissjoni tirreferi b'mod espliċitu għall-programm tat-Tagħlim Tul il-Ħajja 2007-2014 u għall-programm Kultura 2007-2013 biss. Madanakollu d-dimensjonijiet tal-kreattività u l-innovazzjoni jmorru lil hinn mill-fruntieri ta' dawn il-programmi. Jeħtieġ li f'dan il-kuntest jiġu indirizzati wkoll oqsma oħra bħax-xjenza, il-kooperazzjoni bejn l-ekonomija u x-xjenza, il-mobbiltà Ewropea, l-iżvilupp taż-żoni rurali u l-politika soċjali. Meta l-kreattività tibda tiġi interpretata wkoll bħala sors għall-iżvilupp tas-soċjetà Ewropea, ma tibqax titħalla fil-konfini ta' l-edukazzjoni u l-kultura. Viżjoni multidixxiplinari tista' twassal għal soluzzjonijiet ġodda u kreattivi;

26. fil-proposta tagħha, il-Kummissjoni tirreferi għal *"iffukar mill-ġdid ta' l-attivitajiet ta' komunikazzjoni fuq it-temi tas-Sena."* Madanakollu l-miżuri previsti fil-proposta ma jfissrux sew kif dan jista' jsir. Il-KtR jisħaq fuq il-fatt li l-koordinazzjoni ta' dawn il-miżuri għandha sseħħ bejn il-livell Komunitarju, nazzjonali, reġjonali u lokali.

27. joffri l-appoġġ u l-kooperazzjoni tiegħu lill-Kummissjoni fit-twettiq tas-Sena Ewropea tal-Kreattività u l-Innovazzjoni. Il-bliet, ir-reġjuni u l-awtoritajiet lokali huma msieħba naturali f'dan il-proġett u huma l-post fejn nibtu numru kbir ta' soluzzjonijiet kreattivi. Il-KtR jistenna li l-Kummissjoni tagħtih sehem sħiħ f'dawn l-attivitajiet u tgħaddilu l-informazzjoni dwar l-azzjonijiet ippjanati kollha sa minn fażi bikrija tal-proċess.

II. **Rakkomandazzjonijiet għal emendi**

Emenda 1

Artikolu 2(1)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
L-għan ġenerali tas-Sena Ewropea tal-Kreattività u l-Innovazzjoni għandu jkun l-appoġġ ta' l-isforzi ta' l-Istati Membri biex jippromwovu l-kreattività, permezz ta' tagħlim tul il-ħajja, bħala l-mutur għall-innovazzjoni u bħala l-fattur ewlieni għall-iżvilupp tal-kompetenzi personali, professjonali, intraprenditorjali u soċjali u l-benessri ta' l-individwi kollha fis-soċjetà	L-għan ġenerali tas-Sena Ewropea tal-Kreattività u l-Innovazzjoni għandu jkun l-appoġġ ta' l-isforzi ta' l-Istati Membri kif ukoll ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jippromwovu l-kreattività, permezz ta' tagħlim tul il-ħajja, bħala l-mutur għall-innovazzjoni u bħala l-fattur ewlieni għall-iżvilupp tal-kompetenzi personali, professjonali, intraprenditorjali u soċjali u l-benessri ta' l-individwi kollha fis-soċjetà.

Raġuni

Huwa veru li huma l-Istati Membri li għandhom ir-rwol ta' interlokuturi tal-Kummissjoni iżda hawnhekk qegħdin nindirizzaw kwistjonijiet kruċjali li jaqgħu taħt il-kompetenzi ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali.

Emenda 2

Artikolu 3(2)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Flimkien ma' l-attivitajiet ko-finanzjati mill-Komunità skond l-Artikolu 6, il-Kummissjoni jew l-Istati Membri jistgħu jidentifikaw attivitajiet oħra li jikkontribwixxu għall-għanijiet tas-sena u jawtorizzaw l-użu ta' l-isem tas-Sena fil-promozzjoni ta' dawk l-attivitajiet sakemm dawn jikkontribwixxu għall-kisba ta' l-għanijiet stipulati fl-Artikolu 2.	Flimkien ma' l-attivitajiet ko-finanzjati mill-Komunità skond l-Artikolu 6, il-Kummissjoni, l-Istati Membri jew l-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jidentifikaw attivitajiet oħra li jikkontribwixxu għall-għanijiet tas-sena u jawtorizzaw l-użu ta' l-isem tas-Sena fil-promozzjoni ta' dawk l-attivitajiet sakemm dawn jikkontribwixxu għall-kisba ta' l-għanijiet stipulati fl-Artikolu 2. Fil-qafas ta' l-objettivi ddikjarati, jeħtieġ li atturi non-governattivi oħra jitheġġu jieħdu sehem fl-attivitajiet tas-Sena Ewropea wkoll.

Raġuni

L-użu ta' l-isem "Sena Ewropea" m'għandux ikun limitat biss għall-Istati Membri. Huwa importanti li s-Sena Ewropea tkun waħda vivaċi bis-saħħa tal-parteċipazzjoni ta' ħafna atturi li jimpenjaw ruħhom f'dan il-qasam.

Emenda 3

Artikolu 5

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda
Il-Kummissjoni għandha ssejjaħ laqgħat tal-koordinaturi nazzjonali biex jikkoordinaw l-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea tal-Kreattività u l-Innovazzjoni f'livell Ewropew u jiskambjaw it-tagħrif dwar l-implimentazzjoni ta' din f'livell nazzjonali.	Il-Kummissjoni għandha ssejjaħ laqgħat tal-koordinaturi nazzjonali biex jikkoordinaw l-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea tal-Kreattività u l-Innovazzjoni f'livell Ewropew u jiskambjaw it-tagħrif dwar l-implimentazzjoni ta' din f'livell nazzjonali. Għal dawn il-laqgħat ser jiġu mistiedna wkoll ir-rappreżentanti tal-Kumitat tar-Reġjuni u tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

Raġuni

Il-parteċipazzjoni tal-KtR u tal-KESE biss tista' tiggarantixxi li l-interessi u l-kontributi ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali qegħdin jiġu kkunsidrati sew u b'mod sistematiku.

Brussell, id-19 ta' Ġunju 2008.

Il-President

tal-Kumitat tar-Reġjuni

Luc VAN DEN BRANDE

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Il-Pakkett ta' riformi tat-telekomunikazzjonijiet"

(2008/C 257/10)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

— jixtieq jassigura li l-qafas regolatorju l-ġdid ma jkollux impatt negattiv fuq l-objettivi tal-politika kulturali u tal-mezzi tax-xandir ta' l-Istati Membri u jikkunsidra l-ħtiġijiet speċifiċi taż-żoni rurali, tar-reġjuni b'densità baxxa ta' popolazzjoni, tar-reġjuni ultraperiferiċi u ż-żoni urbani l-kbar kif ukoll dawk tal-minoranzi kulturali jew etniċi;

— ma jaqbilx mal-miżuri ta' armonizzazzjoni relatati mal-ġestjoni ta' l-ispettru tal-frekwenza tar-radju proposti mill-Kummissjoni Ewropea. L-Istati Membri għandhom jibqgħu responsabbli għal din il-ġestjoni, filwaqt li jassiguraw konsistenza mal-ftehimiet internazzjonali; dan jinvolvi l-garanzija ta' firxa ta' spettru wiesgħa biżżejjed għax-xandara sabiex jiġi assigurat il-kontenut tal-missjoni tagħhom;

— iwarrab is-soluzzjoni ġdida proposta dwar is-separazzjoni funzjonali ta' l-intrapriżi u d-dritt għall-veto tal-Kummissjoni fuq ċerti miżuri ta' korrezzjoni meħuda mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali. Iħeġġeġ lil dawn l-istess awtoritajiet sabiex jikkunsidraw id-differenzi kulturali u lingwistiċi lokali u reġjonali meta janalizzaw u jiddefinixxu s-swieq rilevanti;

— japprezza l-isforzi tal-Kummissjoni għat-titjib tal-protezzjoni tal-konsumaturi u d-drittijiet ta' l-utenti, b'mod partikolari billi l-konsumaturi jiġu pprovduti b'aktar informazzjoni dwar il-prezzijiet u l-kundizzjonijiet tal-forniment, billi tittejjeb il-protezzjoni tad-data u s-sigurtà u billi jiġi ffaċilitat l-aċċess, inkluż għas-servizzi ta' emerġenza; madankollu jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-impatt finanzjarju u ekonomiku ta' dawn il-proposti għall-operaturi ta' servizzi lokali u reġjonali;

— jemmen li l-ħolqien ta' Awtorità tas-Suq Ewropew tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, assoċjata ma' trasferiment sostanzjali tal-poteri ta' kull Stat Membru għall-benefiċċju tal-Kummissjoni Ewropea fil-livell tar-regolazzjoni tas-swieq, ser iwassal għal żbilanċ fid-distribuzzjoni tal-poteri bejn l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u Ewropej; għalhekk huwa favur it-twaqqif ta' Korp ta' Regolaturi Ewropej fit-Telekomunikazzjonijiet, li jdaħħal il-Grupp tar-Regolaturi Ewropej fil-liġi Komunitarja.

Rapporteur: Marc SCHAEFFER (LU/PSE), Membru tal-Kunsill Muniċipali ta' Vianden

Dokumenti ta' referenza

"Direttiva dwar Regolamentazzjoni Aħjar"

Proposta ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2002/21/KE dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi, 2002/19/KE dwar l-aċċess għal, u l-interkonnessjoni ta', networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati, u 2002/20/KE dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi

COM(2007) 697 finali — 2007/0247 (COD)

"Direttiva Ċittadini"

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2002/22/KE dwar servizz universali u d-drittijiet ta' l-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, id-Direttiva 2002/58/KE dwar l-ipproċessar tad-dejta personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 dwar il-kooperazzjoni fil-protezzjoni tal-konsumaturi

COM(2007) 698 finali — 2007/0248 (COD)

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Awtorità tas-suq Ewropew tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi

COM(2007) 699 finali — 2007/0249 (COD)

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Naħsdu l-benefiċċji kollha tad-dividend diġitali Ewropew: Approċċ komuni għall-użu ta' l-ispettru rilaxxat mill-bidla diġitali"

COM(2007) 700 finali

1. RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

1. jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ is-swieq tat-telekomunikazzjoni għall-kompetizzjoni u li tħeġġeġ l-investiment f'netwerks b'veloċità għolja (inklużi t-teknoloġiji kollha fissi, mobbli u bis-satellita), u l-għan tagħha li tassigura l-aħjar ġestjoni possibbli ta' l-ispettru fis-suq intern fil-kuntest tad-diġitalizzazzjoni tas-servizzi awdjoviżivi;

2. irid jassigura li l-qafas regolatorju l-ġdid ma jinkludix miżuri li jista' jkollhom impatt negattiv fuq l-objettivi tal-politiki kulturali u tal-midja ta' l-Istati Membri differenti;

3. irid jassigura wkoll li jiġu kkunsidrati l-interessi tal-minoranzi kulturali jew etniċi kif ukoll il-bżonnijiet reġjonali fit-twaqqif ta' mekkaniżmi regolatorji ġodda (b'mod partikolari fil-livell tal-ġestjoni ta' l-ispettru);

4. jixtieq li l-qafas regolatorju propost jinkludi mekkaniżmi favur l-iżvilupp ta' l-aċċess għall-internet bil-broadband f'żoni rurali jew b'densità baxxa ta' popolazzjoni u fir-reġjuni ultraperiferiċi; madankollu m'għandux jintesa l-fatt li jaf ikun importanti għall-awtoritajiet lokali u reġjonali, b'mod partikolari fiż-żoni urbani l-kbar, li jsiru investimenti fl-iżvilupp ta' l-ICT u l-infrastruttura meħtieġa;

5. japprezza l-isforzi tal-Kummissjoni għat-titjieb tal-protezzjoni tal-konsumaturi, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni tad-data u tas-sigurtà kif ukoll għal aċċess aktar ġust għas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika u għas-servizzi ta' emerġenza għall-gruppi kollha ta' utenti inklużi l-persuni b'diżabilità, iżda madankollu jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-impatt finanzjarju u ekonomiku ta' dawn il-proposti, speċjalment għall-operaturi ta' servizzi reġjonali jew lokali;

6. japprezza l-isforzi tal-Kummissjoni sabiex tiżviluppa s-servizzi pan-Ewropej, dment li dawn is-servizzi jkunu żviluppati b'kunsiderazzjoni tad-differenzi nazzjonali u reġjonali u l-bżonnijiet teknoloġiċi u ekonomiċi tal-partijiet interessati li ekonomikament huma aktar dgħajfa;

7. jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni lejn id-diversità ġeografika tas-swieq nazzjonali, reġjonali u lokali li tista' teħtieġ varjetà u diversità tal-mekkaniżmi u proċeduri regolatorji, per eżempju is-segmentazzjoni ġeografika;

8. jinsab xettiku dwar il-valur miżjud ta' whud mill-miżuri ġodda ppjanati, peress li dawn jolqtu lill-Istati Membri kollha, indipendentement mis-sitwazzjoni speċfika tagħhom u mill-progress miksub fuq livell nazzjonali jew reġjonali. Fil-fatt, fil-kuntest tar-regolament dwar is-swieq tat-telekomunikazzjoni u tal-ġestjoni ta' l-ispettru, l-idea li jiġu trasferiti aktar poteri lejn il-livell Komunitarju tqajjem tħassib serju fi ħdan il-KtR;

9. jemmen li l-proposti tal-Kummissjoni jwittu t-triq għal applikazzjoni aktar koerenti tar-regoli ta' l-UE sabiex jinkiseb suq uniku tal-komunikazzjonijiet elettroniċi.

Direttiva dwar regolamentazzjoni aħjar

10. jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni ([1]) li jitnaqqas b'mod sostanzjali n-numru ta' swieq suxxettibbli għar-regolament *ex-ante*; u minħabba f'hekk, fejn ir-regolazzjoni tibqa' meħtieġa, din tkun iktar effiċjenti u sempliċi kemm għall-operaturi kif ukoll għall-awtoritajiet regolatorji nazzjonali;

11. japprezza l-proposti tal-Kummissjoni għat-twaqqif ta' mekkaniżmi aħjar għall- koordinazzjoni u l-armonizzazzjoni ta' l-oqsfa regolatorji ta' l-Istati Membri differenti, kif ukoll tal-proċess ta' koordinazzjoni, ta' negozjar u ta' konsultazzjoni bejn l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali differenti;

12. huwa ta' l-istess fehma tal-Kummissjoni li ġestjoni effiċjenti ta' l-ispettru tar-radju hija importanti sabiex ikun iffaċilitat l-aċċess għall-operaturi u titħeġġeġ l-innovazzjoni kif ukoll id-diversità kulturali;

13. huwa ta' l-istess fehma tal-Kummissjoni rigward il-bżonn li jiġu assigurati ko-lokalizzazzjoni u qsim tar-riżorsi għall-fornituri tan-netwerks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi sakemm qsim bħal dan ikun teknikament possibbli u sakemm l-ispejjeż ta' operazzjoni bħal din ikunu jistgħu jiġu allokati b'mod ġust;

14. jappoġġja l-fehma tal-Kummissjoni dwar l-importanza ta' l-armonizzazzjoni tan-numerotazzjoni fil-Komunità meta din tippromovi t-tħaddim tas-suq intern jew tappoġġja l-iżvilupp ta' servizzi pan-Ewropej. Madankollu, il-KtR jemmen li l-Istati Membri huma aktar kompetenti sabiex jieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex iwettqu din l-armonizzazzjoni, li tista' ssir fil-qafas eżistenti tal-"Grupp ta' Regolaturi Ewropej";

15. jemmen li l-Istati Membri biss għandu jkollhom il-kompetenza li jiddefinixxu l-allokazzjonijiet ta' l-ispettru għas-servizzi li jiggarantixxu d-diversità kulturali u lingwistika u jassiguraw il-pluraliżmu fil-midja;

16. jemmen li m'hemmx bżonn li tiġi imposta separazzjoni funzjonali bħala miżura addizzjonali favur il-liberalizzazzjoni tas-swieq u huma tal-fehma li kompetizzjoni bbażata fuq l-infrastruttura hija l-aktar effiċjenti u li l-qafas regolatorju eżistenti diġà jippermetti miżuri ta' separazzjoni, inkluża, fost oħrajn, is-separazzjoni funzjonali;

17. jemmen li d-dokument għandu jżomm ir-referenzi kollha għall-proċeduri pprovduti mill-ftehimiet internazzjonali relatati mal-ġestjoni ta' l-ispettru tal-frekwenza tar-radju peress li dawn il-ftehimiet huma diġà fis-seħħ u jikkostitwixxu qafas regolatorju li huwa usa' minn dak ta' l-Unjoni Ewropea.

Direttiva Ċittadini

18. jappoġġja l-isforzi tal-Kummissjoni għat-tisħiħ u t-titjib tal-ħarsien tal-konsumaturi u d-drittijiet ta' l-utenti fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, b'mod partikolari li l-konsumaturi jiġu pprovduti b'aktar informazzjoni dwar il-prezzijiet u l-kundizzjonijiet tal-forniment, u permezz ta' l-iffaċilitar ta' l-aċċess għall-komunikazzjonijiet elettroniċi u l-użu tagħhom, inklużi s-servizzi ta' emerġenza, għall-utenti b'diżabbiltà;

19. japprezza l-proposti li għandhom l-għan li jżidu l-ħarsien tad-data personali u tal-privatezza ta' l-individwi fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, b'mod partikolari permezz tat-tisħiħ tad-dispożizzjonijiet relatati mas-sigurtà u tat-titjib tal-mekkaniżmi ta' infurzar;

20. jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni lejn il-bżonnijiet tal-konsumaturi fir-reġjuni ekonomikament dgħajfa jew rurali, jew f'reġjuni fejn l-aċċess huwa diffiċli f'termini ġeografiċi, fir-reġjuni ultraperiferiċi jew dawk li għandhom densità baxxa ta' popolazzjoni;

21. jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni lejn il-fatt li ċerti miżuri li jassiguraw is-sigurtà tan-netwerks u l-ħarsien tal-konsumaturi jeħtieġu koordinazzjoni u implimentazzjoni fil-livell internazzjonali aktar milli fil-livell Komunitarju;

22. jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni lejn il-fatt li ċerti miżuri proposti f'din id-Direttiva jeħtieġu investimenti konsiderevoli fl-infrastruttura teknika (per eżempju, numru uniku ta' telefon għall-emerġenza, jew l-identifikazzjoni tal-pożizzjoni ta' dak li jċempel), investimenti li huma diffiċilment sostenibbli għall-operaturi ta' servizzi fuq skala żgħira, per eżempju l-operaturi lokali jew reġjonali;

23. japprezza l-isforzi tal-Kummissjoni sabiex tippromovi l-possibbiltà li n-numri tat-telefon jiġu ttrasferiti minn fuq netwerk fiss għal fuq wieħed mobbli;

24. jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni lejn il-bżonnijiet speċifiċi tar-reġjuni rurali li ta' sikwit ikollhom infrastruttura limitata ħafna bbażata fuq l-uniku netwerk ta' l-operatur tradizzjonali u jesprimi x-xewqa tiegħu li jittieħdu miżuri speċifiċi, per eżempju permezz ta' fondi strutturali, favur dan it-tip ta' reġjuni. Jixtieq ukoll jiġbed l-attenzjoni lejn il-limiti strutturali u l-ispejjeż addizzjonali tal-komunikazzjoni elettronika li r-reġjuni ultraperiferiċi jiffaċċjaw b'mod permanenti. Għal din ir-raġuni, għandha tingħata kunsiderazzjoni lil miżuri speċifiċi li jpoġġu liċ-ċittadini ta' dawn iż-żoni fuq l-istess livell tal-bqija ta' l-Ewropa;

25. jemmen li r-regoli ta' "must-carry" għas-servizzi tax-xandir bir-radju jridu jiġu estiżi għas-servizzi addizzjonali kollha u jkunu riveduti b'mod regolari.

([1]) Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni C(2007) 5406, ĠU L 344, 28.12.2007, p. 65

L-Awtorità tas-Suq Ewropew tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi

26. jemmen li t-twaqqif ta' l-Awtorità tas-Suq Ewropew tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, li fil-fatt tkun żjieda ma' l-arranġamenti istituzzjonali attwali dwar ir-regolazzjoni tas-swieq tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, m'hijiex kompatibbli mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità u hemm ir-riskju li żżid livell ieħor ta' kumplessità minflok ma tissemplifika l-proċess li huwa s-suġġett ta' dan il-pakkett ta' proposti;

27. għaldaqstant huwa favur Korp ta' Regolaturi Ewropej fit-Telekomunikazzjoni. Korp bħal dan jista' jaqdi bosta funzjonijiet spjegati fil-proposta għal Awtorità tas-Suq Ewropew tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (EECMA) u jinkludi ħafna mill-elementi li l-abbozz ta' proposta tal-Kummissjoni assenja lill-Awtorità, mingħajr ma jassumi r-rwol ta' aġenzija sabiex b'hekk jiġu evitati xi wħud mill-problemi potenzjali ta' l-EECMA.

II. RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦAL EMENDA

Emenda 1

"Direttiva dwar Regolamentazzjoni Aħjar", Artikolu 1, emendi għad-Direttiva 2002/21/KE (Direttiva Kwadru), punt 2(e) Artikolu 2, żjieda ma' punt s)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
s) "interferenza li tagħmel il-ħsara" tfisser interferenza li tipperikola t-tħaddim ta' servizz tar-radju għat-tbaħħir jew ta' servizzi oħra tas-sigurtà jew li b'xi mod ieħor tiddegrada serjament, tfixkel jew titterrompi b'mod irrepetut servizz tal-komunikazzjoni bir-radju li jkun jopera skond ir-regolamenti tal-Komunità jew nazzjonali li jkunu japplikaw;	s) "interferenza li tagħmel il-ħsara" tfisser interferenza li tipperikola t-tħaddim ta' servizz tar-radju għat-tbaħħir jew ta' servizzi oħra tas-sigurtà jew li b'xi mod ieħor tiddegrada serjament, tfixkel jew titterrompi b'mod irrepetut servizz tal-komunikazzjoni bir-radju li jkun jopera skond ir-regolamenti tal-Komunità jew nazzjonali li jkunu japplikaw rispettivament bi qbil mal-pjanijiet ta' frekwenzi internazzjonali;

Raġuni

Il-ġestjoni ta' l-ispettru tal-frekwenzi hija rregolata b'mod wiesa' minn ftehimiet u pjanijiet ta' frekwenzi internazzjonali stabbiliti mill-Konferenza Ewropea ta' l-Amministrazzjonijiet Postali u tat-Telekomunikazzjonijiet (CEPT) u mill-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjonijiet (UIT). Dan huwa partikolarment importanti għas-servizzi ta' xandir bir-radju (per eżempju GE-06). Għalhekk hemm bżonn li tiġi emendata d-definizzjoni ta' "l-interferenza li tagħmel il-ħsara".

Emenda 2

"Direttiva dwar Regolamentazzjoni Aħjar", Artikolu 1, emendi għad-Direttiva 2002/21/KE (Direttiva Kwadru), punt 8, emenda għall-Artikolu 8

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
(a) Fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu huwa ssostitwit bit-test li ġej: "Sakemm mhuwiex ipprovdut mod ieħor fl-Artikolu 9 dwar il-frekwenzi tar-radju, l-Istati Membri għandhom jagħtu l-ikbar kunsiderazzjoni lill-fatt li huwa mixtieq li r-regolamenti li jsiru jkunu newtrali teknoloġikament u għandhom jiżguraw meta jwettqu l-kompiti regolatorji speċifikati f'din id-Direttiva u fid-Direttivi Speċifiċi, b'mod partikolari dawk maħsuba biex jiżguraw il-kompetizzjoni effettiva, li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jagħmlu l-istess."	(a) Fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu huwa ssostitwit bit-test li ġej: "Sakemm mhuwiex ipprovdut mod ieħor fl-Artikolu 9 dwar il-frekwenzi tar-radju, l-Istati Membri għandhom jagħtu ~~l-ikbar~~ kunsiderazzjoni lill-fatt li huwa mixtieq li r-regolamenti li jsiru jkunu newtrali teknoloġikament u għandhom jiżguraw meta jwettqu l-kompiti regolatorji speċifikati f'din id-Direttiva u fid-Direttivi Speċifiċi, b'mod partikolari dawk maħsuba biex jiżguraw il-kompetizzjoni effettiva, li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jagħmlu l-istess, waqt li fl-istess ħin jassiguraw il-pluraliżmu tal-midja u tal-kulturi."

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
(b) Fil-paragrafu 2, il-punti (a) u (b) huma ssostitwiti bit-test li ġej:	(b) Fil-paragrafu 2, il-punti (a) u (b) huma ssostitwiti bit-test li ġej:
"(a) jiżguraw li l-utenti, inklużi l-utenti b'diżabbiltà, l-utenti anzjani, u l-utenti bi bżonnijiet speċjali jieħdu l-benefiċċju massimu f'termini ta' għażla, prezz, u kwalità;	"(a) jiżguraw li l-utenti, inklużi l-utenti b'diżabbiltà, l-utenti anzjani, u l-utenti bi bżonnijiet speċjali jieħdu l-benefiċċju massimu f'termini ta' għażla, prezz, u kwalità;
(b) jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda distorsjoni jew restrizzjoni fil-kompetizzjoni tas-settur tal-komunikazzjoni elettronika, b'mod partikolari fit-twassil tal-kontenut;"	(b) jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda distorsjoni jew restrizzjoni fil-kompetizzjoni tas-settur tal-komunikazzjoni elettronika, b'mod partikolari fit-twassil tal-kontenut;"
(c) Fil-paragrafu 3, il-punt (d) huwa ssostitwit bit-test li ġej:	(c) Fil-paragrafu 3, il-punt (d) huwa ssostitwit bit-test li ġej:
"(d) jaħdmu mal-Kummissjoni u l-Awtorità sabiex jiżguraw l-iżvilupp ta' prattika regolatorja konsistenti u l-applikazzjoni konsistenti ta' din id-Direttiva u tad-Direttivi Speċifiċi."	"(d) jaħdmu mal-Kummissjoni ~~u l-Awtorità~~ sabiex jiżguraw l-iżvilupp ta' prattika regolatorja konsistenti u l-applikazzjoni konsistenti ta' din id-Direttiva u tad-Direttivi Speċifiċi."
(d) Fil-paragrafu 4, il-punt (e) huwa ssostitwit bit-test li ġej:	(d) Fil-paragrafu 4, il-punt (e) huwa ssostitwit bit-test li ġej:
"(e) jittrattaw il-bżonnijiet ta' gruppi soċjali speċifiċi, b'mod partikolari l-utenti b'diżabilità, l-utenti anzjani u l-utenti bi bżonnijiet soċjali speċifiċi;"	"(e) jittrattaw il-bżonnijiet ta' gruppi soċjali speċifiċi, b'mod partikolari l-utenti b'diżabilità, l-utenti anzjani u l-utenti bi bżonnijiet soċjali speċifiċi kif ukoll il-minoranzi etniċi, soċjali jew kulturali, f'żoni rurali jew f'żoni b'densità baxxa ta' popolazzjoni;"
(…)	(…)

Raġuni

Għandhom jitqiesu wkoll il-pluraliżmu tal-kulturi u tal-midja u l-bżonnijiet tal-minoranzi lingwistiċi, etniċi, soċjali jew reġjonali.

Fir-rigward tat-tħassir tar-referenza għall-awtorità proposta mill-Kummissjoni fil-Proposta tagħha għal Regolament COM(2007) 699 finali 0 2007/0249 (COD), ara emenda 20 hawn taħt.

Emenda 3

"Direttiva dwar Regolamentazzjoni Aħjar", Artikolu 1, emendi għad-Direttiva 2002/21/KE (Direttiva Kwadru), punt 9, verżjoni ġdida ta' l-Artikolu 9

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Artikolu 9	*Artikolu 9*
Il-ġestjoni ta' frekwenzi tar-radju għas-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi	**Il-ġestjoni ta' frekwenzi tar-radju għas-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi**
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-ġestjoni effettiva tal-frekwenzi tar-radju għas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika fit-territorju tagħhom skond l-Artikolu 8. Għandhom jiżguraw li l-allokazzjoni u l-assenjazzjoni tal-frekwenzi tar-radju mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jkunu bbażati fuq kriterji oġġettivi, trasparenti, proporzjonati u mhux diskriminatorji.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-ġestjoni effettiva tal-frekwenzi tar-radju għas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika fit-territorju tagħhom skond l-Artikolu 8. Għandhom jiżguraw li l-allokazzjoni u l-assenjazzjoni tal-frekwenzi tar-radju mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jkunu bbażati fuq kriterji oġġettivi, trasparenti, proporzjonati u mhux diskriminatorji.

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
2. L-Istati Membri għandhom jippromwovu l-armonizzazzjoni ta' l-użu tal-frekwenzi tar-radju mal-Komunità kollha, b'konsistenza mal-ħtieġa li jkun żgurat l-użu effettiv u effiċjenti tiegħu u skond id-Deċiżjoni 676/2002/KE (Deċiżjoni dwar l-Ispettru tar-Radju).	2. L-Istati Membri għandhom jippromwovu l-armonizzazzjoni ta' l-użu tal-frekwenzi tar-radju mal-Komunità kollha, li tista' tikkontribwixxi għall-ksib ta' l-ekonomiji ta' skala u tiffaċilita l-interoperabbiltà tas-servizzi għall-benefiċċju tal-konsumaturi, b'konsistenza mal-ħtieġa li jkun żgurat l-użu effettiv u effiċjenti tiegħu u skond id-Deċiżjoni 676/2002/KE (Deċiżjoni dwar l-Ispettru tar-Radju).
3. Sakemm ma jipprovdux mod ieħor it-tieni subparagrafu jew il-miżuri adottati skond il-paragrafu 9c, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tipi kollha ta' teknoloġija tan-netwerk tar-radju jew ta' l-aċċess għar-radju jkunu jistgħu jintużaw fil-meded ta' frekwenzi tar-radju miftuħa għas-servizzi tal- komunikazzjoni elettronika.	3. Sakemm ma jipprovdux mod ieħor it-tieni subparagrafu jew il-miżuri adottati skond id-deċiżjoni dwar l-ispettru tar-radju (676/2002/UE) ~~il-paragrafu 9c~~, l-Istati Membri jekk huwa possibbli għandhom jiżguraw li t-tipi kollha ta' teknoloġija tan-netwerk tar-radju jew ta' l-aċċess għar-radju jkunu jistgħu jintużaw fil-meded ta' frekwenzi tar-radju miftuħa għas-servizzi tal- komunikazzjoni elettronikabi qbil mal-listi ta' l-attribuzzjonijiet tal-frekwenzi nazzjonali u r-Regolament UIT.
Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal restrizzjonijiet proporzjonati u mhux diskriminatorji fuq it-tipi ta' teknoloġija tan-netwerk tar-radju jew ta' l-aċċess bla wajer, fejn dan ikun iġġustifikat biex:	Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal restrizzjonijiet proporzjonati u mhux diskriminatorji fuq it-tipi ta' teknoloġija tan-netwerk tar-radju jew ta' l-aċċess bla wajer, fejn dan ikun iġġustifikat biex:
(a) tkun evitata l-interferenza li tagħmel il-ħsara,	(a) tkun evitata l-interferenza li tagħmel il-ħsara,
(b) tithares is-saħħa pubblika mill-kampijiet elettromanjetiċi,	(b) tithares is-saħħa pubblika mill-kampijiet elettromanjetiċi,
(c) ikun żgurat li l-użu tal-frekwenzi tar-radju kemm jista' jkun jinqasam meta l-frekwenzi tar-radju jkunu soġġetti għall-awtorizzazzjoni ġenerali, jew	(c) ikun żgurat li matul l-użu tagħhom, ~~tal~~il-frekwenzi tar-radju kemm jista' jkun jinqasam ~~meta l-frekwenzi tar-radju jkunu soġġetti għall-awtorizzazzjoni ġenerali~~, jew
(d) ikun hemm konformità ma' restrizzjoni skond il-paragrafu 4 hawn taħt.	(d) ikun hemm konformità ma' restrizzjoni skond il-paragrafu 4 hawn taħt.
4. Sakemm ma jipprovdux mod ieħor it-tieni subparagrafu jew il-miżuri adottati skond il-paragrafu 9c, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tipi kollha ta' servizzi tal-komunikazzjoni elettronika jistgħu jkunu pprovduti fil-meded tal-frekwenzi tar-radju miftuħa għall-komunikazzjoni elettronika. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal restrizzjonijiet proporzjonati u mhux diskriminatorji fuq it-tipi ta' servizzi tal-komunikazzjoni elettronika li se jkunu pprovduti.	4. Sakemm ma jipprovdux mod ieħor it-tieni subparagrafu jew il-miżuri adottati skond ~~il-paragrafu 9c~~id-deċiżjoni dwar l-ispettru (676/2002/UE), l-Istati Membri, jekk hu possibbli, għandhom jiżguraw li t-tipi kollha ta' teknoloġija tan-netwerk tar-radju jew ta' l-aċċess għar-radju jkunu jistgħu jintużaw fil-meded ta' frekwenzi tar-radju miftuħa għall-komunikazzjoni elettronika, skond il-listi ta' l-allokazzjoni tal-frekwenza nazzjonali u r-regolamenti UIT. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal restrizzjonijiet proporzjonati u mhux diskriminatorji fuq it-tipi ta' servizzi tal-komunikazzjoni elettronika li se jkunu pprovduti.
Restrizzjonijiet li jirrikjedu li servizz ikun provdut f'medda speċifika għandhom ikunu ġġustifikati biex jiżguraw il-ksib ta' għan ta' interess ġenerali f'konformità mal-liġi Komunitarja, pereżempju s-sikurezza tal-ħajja, il-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali, reġjunali jew territorjali, il-prevenzjoni mill-użu ineffiċjenti tal-frekwenzi tar-radju, jew, kif iddefinit fil-leġiżlazzjoni nazzjonali skond il-liġi Komunitarja, il-promozzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika u l-pluraliżmu tal-midja.	Restrizzjonijiet li jirrikjedu li servizz ikun provdut f'medda speċifika għandhom ikunu ġġustifikati biex jiżguraw il-ksib ta' għan ta' interess ġenerali f'konformità mal-liġi Komunitarja, pereżempju s-sikurezza tal-ħajja, il-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali, reġjunali jew territorjali, il-prevenzjoni mill-użu ineffiċjenti tal-frekwenzi tar-radju, jew, kif iddefinit fil-leġiżlazzjoni nazzjonali skond il-liġi Komunitarja, il-promozzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika u l-pluraliżmu tal-midja.
Restrizzjoni li tipprojbixxi l-provvista ta' kull servizz ieħor f'medda speċifika tista' tkun applikata biss meta r-restrizzjoni tkun iġġustifikata mill-ħtieġa li jkunu protetti servizzi tas-sikurezza tal-ħajja.	Restrizzjoni li tipprojbixxi l-provvista ta' kull servizz ieħor f'medda speċifika tista' tkun applikata biss meta r-restrizzjoni tkun iġġustifikata mill-ħtieġa li jkunu protetti servizzi tas-sikurezza tal-ħajja jew il-provvediment ta' servizz ta' interess ġenerali, kif iddefinit mil-leġislazzjoni nazzjonali u skond ir-regolamenti Komunitarji, bħall-promozzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika u l-pluraliżmu fil-midja.

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
5. L-Istati Membri għandhom jirrevedu regolarment il-ħtieġa tar-restrizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 3 u 4.	5. L-Istati Membri għandhom jirrevedu regolarment il-ħtieġa tar-restrizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 3 u 4 u huma biss jistgħu jiddefinixxu l-eċċezzjonijiet kollha għal dawn.
6. Il-paragrafi 3 u 4 għandhom japplikaw għall-allokazzjoni u l-assenjazzjoni tal-frekwenzi tar-radju wara l-31 ta' Diċembru 2009."	6. Il-paragrafi 3 u 4 għandhom japplikaw għall-allokazzjoni u l-assenjazzjoni tal-frekwenzi tar-radju wara ~~l-31 ta' Diċembru 2009~~ d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva fl-Istati Membri."

Raġuni

Il-miżuri u l-proċeduri tal-ġestjoni ta' l-ispettru hekk kif iddefiniti fid-Deċiżjoni dwar l-Ispettri tar-Radju (676/2002/UE) diġà jippermettu ġestjoni realistika u ġusta ta' l-ispettru, li tassigura n-newtralità kemm teknoloġika kif ukoll tas-servizzi.

Il-ftehimiet eżistenti tal-Konferenza Ewropea ta' l-Amministrazzjonijiet Postali u tat-Telekomunikazzjonijiet (CEPT) u ta' l-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjonijiet (UIT) iridu jiġu rrispettati. Dawn il-ftehimiet jippermettu diġà minn issa użu effiċjenti ta' l-ispettru.

Hemm bżonn ta' miżuri sabiex jitħarsu u jiġu promossi s-servizzi li jippermettu l-iżvilupp tad-diversità kulturali u lingwistika kif ukoll il-pluraliżmu tal-midja. Dan ifisser, fost affarijiet oħra, li trid tingħata l-garanzija li s-servizzi tax-xandir bir-radju kif ukoll is-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi offruti fil-livell reġjonali jew lokali jkollhom aċċess għall-ispettru tar-radju.

L-Istati Membri jridu jibqgħu responsabbli għall-ġestjoni ta' l-ispettru fil-livell nazzjonali u dan jinvolvi l-assigurazzjoni li x-xandara jkollhom faxxa ta' spettru wiesgħa biżżejjed għall-kontenut tal-missjonijiet tagħhom.

Emenda 4

"Direttiva dwar Regolamentazzjoni Aħjar", Artikolu 1, emendi għad-Direttiva 2002/21/KE (Direttiva Kwadru), punt 10, żjieda ma' l-Artikolu 9 (a)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Artikolu 9a **Reviżjoni tar-restrizzjonijiet għal drittijiet eżistenti** 1. Għal perjodu ta' ħames snin li jibda mill-[1 ta' Jannar 2010], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-detenturi ta' drittijiet għall-użu ta' frekwenzi tar-radju li jkunu ngħataw qabel dik id-data jistgħu jressqu applikazzjoni lill-awtorità regolatorja nazzjonali kompetenti għal reviżjoni tar-restrizzjonijiet għad-drittijiet tagħhom, skond l-Artikolu 9(3) u (4). Qabel ma tadotta d-deċiżjoni tagħha, l-awtorità regolatorja nazzjonali kompetenti għandha tinnotifika d-detentur tad-drittijiet bir-reviżjoni mill-ġdid tagħha tar-restrizzjonijiet u tindika sa fejn jasal id-dritt ikkonċernat wara r-reviżjoni. Għandha tagħtih skadenza raġonevoli biex jirtira l-applikazzjoni tiegħu. Jekk id-detentur tad-drittijiet jirtira l-applikazzjoni tiegħu, id-dritt għandu jibqa' bla tibdil sa l-iskadenza tiegħu jew sa tmiem il-perjodu ta' 5 snin, skond liema data hija l-aktar kmieni.	L-Artikolu 9a għandu jitħassar

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
2. Fejn id-detentur ta' drittijiet imsemmi fil-paragrafu 1 huwa fornitur ta' servizzi ta' kontenut għax-xandir fuq ir-radju jew fuq it-televiżjoni, u fejn id-dritt għall-użu tal-frekwenzi tar-radju ngħata għall-ksib ta' għan speċifiku ta' interess ġenerali, applikazzjoni għal reviżjoni tista' ssir biss fir-rigward tal-parti tal-frekwenzi tar-radju li hija meħtieġa għall-ksib ta' dak il-għan. Il-parti tal-frekwenzi tar-radju li ma tibqax meħtieġa għall-ksib ta' dak il-għan minħabba l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 9 (3) u (4) għandha tkun soġġetta għal proċedura ġdida ta' assenjazzjoni, skond l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva ta' l-Awtorizzazzjoni.	
3. Wara l-perjodu ta' ħames snin imsemmi fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-Artikolu 9(3) u (4) japplikaw għal kull assenjazzjoni u allokazzjoni ta' frekwenzi tar-radju li fadal, li kienu jeżistu fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.	
4. Fl-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jiggarantixxu l-kompetizzjoni ġusta.	

Raġuni

Dan l-Artikolu mhux kompatibbli mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Id-detenturi tad-drittijiet għas-servizzi esklużivament offruti minn Stat Membru wieħed jew reġjun ta' dan l-Istat m'għandhomx jintlaqtu mid-deċiżjonijiet dwar il-ġestjoni ta' l-ispettru fil-livell Komunitarju.

Emenda 5

"Direttiva dwar Regolamentazzjoni Aħjar", Artikolu 1, emendi għad-Direttiva 2002/21/KE (Direttiva Kwadru), punt 10, żjieda ma' l-Artikolu 9 (b)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Artikolu 9b **It-trasferiment ta' drittijiet individwali għall-użu tal-frekwenzi tar-radju**	L-Artikolu 9b għandu jitħassar
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impriżi jkunu jistgħu jittrasferixxu jew jikru lil impriżi oħra d-drittijiet individwali għall-użu ta' frekwenzi tar-radju fil-meded li jkunu jipprovdu għalihom il-miżuri ta' implimentazzjoni skond il-paragrafu 9c mingħajr il-kunsens minn qabel ta' l-awtorità regolatorja nazzjonali. F'meded oħra, l-Istati Membri jistgħu wkoll jipprovdu biex l-impriżi jittrasferixxu jew jikru d-drittijiet individwali għall-użu ta' frekwenzi tar-radju lil impriżi oħra.	
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-intenzjoni ta' l-impriża li tittrasferixxi d-drittijiet għall-użu ta' frekwenzi tar-radju tkun innotifikata lill-awtorità regolatorja nazzjonali responsabbli għall-assenjazzjoni ta' l-ispettru tar-radju u tkun ippubblikata. Meta l-użu tal-frekwenza tar-radju jkun ġie armonizzat permezz ta' l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni dwar l-Ispettru tar-Radju jew ta' miżuri oħra tal-Komunità, kull trasferiment bħal dan għandu jkun konformi ma' dan l-użu armonizzat.	

Raġuni

Dan l-Artikolu ma jagħti l-ebda valur miżjud reali kkumparat mas-sistema attwali li diġà tipprevedi l-possibbiltà ta' trasferiment jew kiri tad-drittijiet individwali għall-użu ta' l-ispettru tar-radju fuq bażi volontarja.

Emenda 6

"Direttiva dwar Regolamentazzjoni Aħjar", Artikolu 1, emendi għad-Direttiva 2002/21/KE (Direttiva Kwadru), punt 10, żjieda ma' l-Artikolu 9 (c)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Artikolu 9c **Miżuri ta' armonizzazzjoni tal-ġestjoni tal-frekwenzi tar-radju** Sabiex tikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-suq intern, fl-osservanza tal-prinċipji ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni tista' tadotta l-miżuri ta' implimentazzjoni xierqa biex: (a) tkun armonizzata l-identifikazzjoni tal-meded li d-drittijiet għall-użu tagħhom jistgħu jkunu ttrasferiti jew mikrija bejn l-impriżi; (b) ikunu armonizzati l-kundizzjonijiet marbuta ma' dawn id-drittijiet u l-kundizzjonijiet, proċeduri, limiti, restrizzjonijiet, regoli ta' rtirar u tranżizzjoni li jkun japplikaw għal dawn it-trasferimenti jew kirjiet; (c) ikunu armonizzati l-miżuri speċifiċi biex tkun żgurata l-kompetizzjoni ġusta meta jkunu ttrasferiti d-drittijiet individwali; (d) toħloq eċċezzjoni għall-prinċipju tan-newtralità tat-teknoloġija u tas-servizz, kif ukoll tarmonizza l-ambitu u n-natura ta' kwalunkwe eċċezzjoni għal dawn il-prinċipji skond l-Artikolu 9(3) u (4) għajr dawk immirati biex jiżguraw il-promozzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika u l-pluraliżmu tal-midja. Dawn il-miżuri, maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jikkompletawha, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 22(3). F'każijiet ta' urġenza assoluta, il-Kummissjoni tista' tuża l-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 22(4). Fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu, il-Kummissjoni tista' tkun megħjuna mill-Awtorità skond l-Artikolu 10 tar-Regolament Nru […/KE].	L-Artikolu 9c għandu jitħassar

Raġuni

Il-KtR jemmen li huwa importanti ħafna li jiġu involuti l-Konferenza Ewropea ta' l-Amministrazzjonijiet Postali u tat-Telekomunikazzjonijiet (CEPT), l-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjonijiet (UIT) u l-Kumitat tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (ECC) fil-miżuri kollha ta' armonizzazzjoni ta' l-ispettri, kif inhu l-każ bħalissa.

Emenda 7

"Direttiva dwar Regolamentazzjoni Aħjar", Artikolu 1, emendi għad-Direttiva 2002/21/KE (Direttiva Kwadru), punt 11(b), verżjoni ġdida tal-punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
L-Istati Membri għandhom jappoġġjaw l-armonizzazzjoni fl-għoti tan-numri fil-Komunità meta din tippromwovi t-tħaddim tas-suq intern jew tappoġġja l-iżvilupp ta' servizzi pan-Ewropej. Il-Kummissjoni tista' tieħu miżuri ta' implimentazzjoni tekniċi li jkunu xierqa dwar din il-materja, li jistgħu jinkludu li jkunu stabbiliti l-prinċipji ta' tariffi għal numri speċifiċi jew serje ta' numri. Il-miżuri ta' implimentazzjoni jistgħu jagħtu lill-Awtorità responsabbiltajiet speċifiċi fl-applikazzjoni ta' dawk il-miżuri.	L-Istati Membri għandhom jappoġġjaw l-armonizzazzjoni fl-għoti tan-numri fil-Komunità meta din tippromwovi t-tħaddim tas-suq intern jew tappoġġja l-iżvilupp ta' servizzi pan-Ewropej. ~~Il-Kummissjoni tista' tieħu miżuri ta' implimentazzjoni tekniċi li jkunu xierqa dwar din il-materja, li jistgħu jinkludu li jkunu stabbiliti l-prinċipji ta' tariffi għal numri speċifiċi jew serje ta' numri. Il-miżuri ta' implimentazzjoni jistgħu jagħtu lill-Awtorità responsabbiltajiet speċifiċi fl-applikazzjoni ta' dawk il-miżuri.~~
Dawn il-miżuri, maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jikkompletawha, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 22(3). F'każijiet ta' urġenza assoluta, il-Kummissjoni tista' tuża l-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 22(4).	~~Dawn il-miżuri, maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jikkompletawha, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 22(3). F'każijiet ta' urġenza assoluta, il-Kummissjoni tista' tuża l-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 22(4).~~

Raġuni

L-Istati Membri huma l-aktar kompetenti u infurmati sabiex jieħdu l-miżuri tekniċi kollha neċessarji.

Emenda 8

"Direttiva dwar Regolamentazzjoni Aħjar", Artikolu 1, emendi għad-Direttiva 2002/21/KE (Direttiva Kwadru), punt 13, verżjoni ġdida ta' l-Artikolu 12

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Artikolu 12	*Artikolu 12*
Il-ko-lokazzjoni u l-użu komuni tal-faċilitajiet għall-provvedituri tan-netwerks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi	**Il-ko-lokazzjoni u l-użu komuni tal-faċilitajiet għall-provvedituri tan-netwerks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi**
1. Meta l-impriża li tipprovdi n-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika jkollha d-dritt skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali li tinstalla l-faċilitajiet fuq, minn fuq jew taħt proprjetà pubblika jew privata, jew tkun tista' tieħu vantaġġ mill-proċedura għall-esproprjazzjoni jew użu ta' proprjetà, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom ikunu jistgħu jimponu l-użu komuni ta' dawn il-faċilitajiet jew din il-proprjetà, inklużi d-dħul fil-bini, l-arbli, l-antenni, it-tubi, it-toqob ta' l-ispezzjonar u l-kaxxi tat-triq.	1. Meta l-impriża li tipprovdi n-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika jkollha d-dritt skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali li tinstalla l-faċilitajiet fuq, minn fuq jew taħt proprjetà pubblika jew privata, jew tkun tista' tieħu vantaġġ mill-proċedura għall-esproprjazzjoni jew użu ta' proprjetà, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom ikunu jistgħu jimponu l-użu komuni ta' dawn il-faċilitajiet jew din il-proprjetà, inklużi d-dħul fil-bini, l-arbli, l-antenni, it-tubi, it-toqob ta' l-ispezzjonar u l-kaxxi tat-triq, sakemm miżuri bħal dawn jistgħu jitwettqu teknikament.
2. L-Istati Membri jistgħu jitolbu li d-detenturi tad-drittijiet imsemmija fil-paragrafu 1 jużaw flimkien il-faċilitajiet jew il-proprjetà (inkluża l-ko-lokazzjoni fiżika) jew jieħdu l-miżuri biex jiffaċilitaw il-koordinazzjoni tax-xogħlijiet pubbliċi biex ikunu protetti l-ambjent, is-saħħa pubblika, is-sigurtà pubblika jew biex jissodisfaw il-għanijiet ta' l-ippjanar ta' l-ibliet u l-kampanja wara biss perijodu xieraq ta' konsultazzjoni pubblika, li matulu l-partijiet konċernati kollha għandhom jingħataw l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom. Dan l-użu komuni jew dawn l-arranġamenti ta' koordinazzjoni jistgħu jinkludu r-regoli dwar it-tqassim ta' l-ispejjeż ta' l-użu komuni tal-faċilitajiet jew proprjetà.	2. L-Istati Membri jistgħu jitolbu li d-detenturi tad-drittijiet imsemmija fil-paragrafu 1 jużaw flimkien il-faċilitajiet jew il-proprjetà (inkluża l-ko-lokazzjoni fiżika) jew jieħdu l-miżuri biex jiffaċilitaw il-koordinazzjoni tax-xogħlijiet pubbliċi biex ikunu protetti l-ambjent, is-saħħa pubblika, is-sigurtà pubblika jew biex jissodisfaw il-għanijiet ta' l-ippjanar ta' l-ibliet u l-kampanja wara biss perijodu xieraq ta' konsultazzjoni pubblika, li matulu l-partijiet konċernati kollha għandhom jingħataw l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom. Dan l-użu komuni jew dawn l-arranġamenti ta' koordinazzjoni jistgħu jinkludu r-regoli dwar it-tqassim ta' l-ispejjeż ta' l-użu komuni tal-faċilitajiet jew proprjetà.

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
3. Il-miżuri li jittieħdu minn awtorità regolatorja nazzjonali skond il-paragrafu 1 għandhom ikunu oġġettivi, trasparenti u proporzjonati.'	3. Il-miżuri li jittieħdu minn awtorità regolatorja nazzjonali skond il-paragrafu 1 għandhom ikunu oġġettivi, trasparenti u proporzjonati u għandhom jippermettu qsim ta' l-ispejjeż b'mod ġust.'

Raġuni

L-ispejjeż ta' miżuri bħal dawn għandhom jinqasmu b'mod ġust. Barra minn hekk, irid jiġi assigurat li dawn il-miżuri jistgħu jitwettqu teknikament u joffru vantaġġ reali għall-konsumaturi. Per eżempju, il-qsim ta' kejbil tat-teledistribuzzjoni bejn utenti differenti jnaqqas b'mod konsiderevoli l-varjetà tas-servizzi disponibbli lill-konsumaturi.

Emenda 9

"Direttiva dwar Regolamentazzjoni Aħjar", Artikolu 1, emendi għad-Direttiva 2002/21/KE (Direttiva Kwadru), punt 16(c), Artikolu 15, verżjoni ġdida tal-punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
3. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, wara li jagħtu l-ikbar kunsiderazzjoni lir-Rakkomandazzjoni u lil-Linji Gwida, għandhom jiddefinixxu s-swieq rilevanti li jaqblu maċ-ċirkostanzi nazzjonali, b'mod partikolari s-swieq ġeografiċi rilevanti ġewwa t-territorju, skond il-prinċipji tal-liġi tal-kompetizzjoni. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom isegwu l-proċeduri msemmija fl-Artikoli 6 u 7 qabel ma jiddefinixxu s-swieq li huma diversi minn dawk identifikati fir-Rakkomandazzjoni.	3. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, wara li jagħtu l-ikbar kunsiderazzjoni lir-Rakkomandazzjoni u lil-Linji Gwida, għandhom jiddefinixxu s-swieq rilevanti li jaqblu maċ-ċirkostanzi nazzjonali jew reġjonali, b'mod partikolari s-swieq ġeografiċi rilevanti ġewwa t-territorju, skond il-prinċipji tal-liġi tal-kompetizzjoni. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom isegwu l-proċeduri msemmija fl-Artikoli 6 u 7 qabel ma jiddefinixxu s-swieq li huma diversi minn dawk identifikati fir-Rakkomandazzjoni.

Raġuni

Iridu jiġu wkoll previsti differenzi reġjonali aktar milli nazzjonali.

Emenda 10

"Direttiva dwar Regolamentazzjoni Aħjar", Artikolu 1, emendi għad-Direttiva 2002/21/KE (Direttiva Kwadru), punt 17(a), Artikolu 16, verżjoni ġdida tal-punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
1. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom iwettqu analiżi tas-swieq rilevanti li jinsabu elenkati fir-Rakkomandazzjoni, wara li jagħtu l-ikbar kunsiderazzjoni lil-Linji Gwida.L-Istati Membri għandhom jiżguraw li din l-analiżi titwettaq, meta jkun xieraq, b'kollaborazzjoni ma' l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni.	1. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom iwettqu analiżi tas-swieq rilevanti li jinsabu elenkati fir-Rakkomandazzjoni, wara li jagħtu l-ikbar kunsiderazzjoni lil-Linji Gwida.L-Istati Membri għandhom jiżguraw li din l-analiżi titwettaq, meta jkun xieraq, b'kollaborazzjoni ma' l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni. Studji bħal dawn iridu jqisu d-differenzi kulturali jew lingwistiċi, reġjonali jew lokali.

Raġuni

Iridu jkunu possibbli u previsti studji lokali u reġjonali.

Emenda 11

"Direttiva dwar Regolamentazzjoni Aħjar", Artikolu 1, emendi għad-Direttiva 2002/21/KE (Direttiva Kwadru), punt 20, verżjoni ġdida ta' l-Artikolu 19

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Artikolu 19 **Proċeduri ta' armonizzazzjoni** 1. Bla ħsara għall-Artikolu 9 ta' din id-Direttiva u ta' l-Artikoli 6 u 8 tad-Direttiva 2002/20/KE (Direttiva dwar l-Awtorizzazzjoni), meta l-Kummissjoni ssib li d-diverġenzi fl-implimentazzjoni mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-kompiti regolatorji speċifikati fid-Direttivi Speċifiċi jistgħu joħolqu barriera għas-suq intern, il-Kummissjoni tista', wara li tagħti l-ikbar kunsiderazzjoni lill-opinjoni ta' l-Awtorità, jekk ikun hemm, toħroġ Rakkomandazzjoni jew Deċiżjoni dwar l-applikazzjoni armonizzata tad-dispożizzjonijiet f'din id-Direttiva u fid-Direttivi Speċifiċi sabiex ikomplu jintlaħqu l-għanijiet stipulati fl-Artikolu 8. (…)	Il-verżjoni l-ġdida ta' l-Artikolu 19 għandha titħassar.

Raġuni

Dan għandu jitħassar kompletament jew għall-inqas jiġi rivedut sostanzjalment, peress li l-KtR huwa tal-fehma li l-Awtorità msemmija diversi drabi f'dan il-punt hija kontra l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

Emenda 12

"Direttiva dwar Regolamentazzjoni Aħjar", Artikolu 2, emendi għad-Direttiva 2002/19/KE (Direttiva ta' l-Aċċess), punt 9, żjieda ma' l-Artikolu 13 (a)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Artikolu 13a **Separazzjoni funzjonali** 1. Awtorità regolatorja nazzjonali tista', skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 8(3), timponi obbligu fuq impriżi integrati vertikalment li jqiegħdu l-attivitajiet relatati mal-provvista fi kwantità kbira ta' prodotti għall-aċċess għall-bejgħ mill-ġdid (wholesale), għand unità ta' negozju li topera b'mod indipendenti. (…)	L-Artikolu 13a għandu jitħassar

Raġuni

Il-KtR huwa ta' l-opinjoni li l-aktar kompetizzjoni effettiva hija dik ibbażata fuq l-infrastruttura u s-suq. Is-separazzjoni funzjonali għalhekk għandha tkun imposta biss bħala miżura aħħarija fil-każ fejn il-miżuri jew il-ftehimiet kummerċjali kollha ma jkollhomx effett. Il-qafas regolatorju attwali diġà jippermetti lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali li jimponu dan it-tip ta' miżura.

Emenda 13

"Direttiva dwar Regolamentazzjoni Aħjar", Artikolu 3, emendi għad-Direttiva 2002/20/KE (Direttiva ta' Awtorizzazzjoni), punt 3, verżjoni ġdida ta' l-Artikolu 5

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Artikolu 5	*Artikolu 5*
Id-drittijiet għall-użu tal-frekwenzi tar-radju u tan-numri	**Id-drittijiet għall-użu tal-frekwenzi tar-radju u tan-numri**
1. L-Istati Membri m'għandhomx jagħmlu l-użu tal-frekwenzi tar-radju soġġett għall-għoti tad-drittijiet individwali għall-użu iżda għandhom jinkludu l-kundizzjonijiet għall-użu ta' dawn il-frekwenzi tar-radju fl-awtorizzazzjoni ġenerali, sakemm ma jkunx iġġustifikat li jingħataw id-drittijiet individwali sabiex:	1. L-Istati Membri m'għandhomx jagħmlu l-użu tal-frekwenzi tar-radju soġġett għall-għoti tad-drittijiet individwali għall-użu iżda għandhom jinkludu l-kundizzjonijiet għall-użu ta' dawn il-frekwenzi tar-radju fl-awtorizzazzjoni ġenerali, sakemm ma jkunx iġġustifikat li jingħataw id-drittijiet individwali sabiex:
(a) ikun evitat riskju serju ta' interferenza li tagħmel il-ħsara; jew	(a) ikun evitat riskju serju ta' interferenza li tagħmel il-ħsara; jew
(b) jintlaħqu għanijiet oħra ta' interess ġenerali.	(b) jintlaħqu għanijiet oħra ta' interess ġenerali.
2. Meta jkun meħtieġ li jingħataw id-drittijiet individwali għall-użu tal-frekwenzi tar-radju u tan-numri, l-Istati Membri għandhom jagħtu dawn id-drittijiet, meta jintalbu, lil kull impriża li tipprovdi jew tuża n-netwerks jew is-servizzi skond l-awtorizzazzjoni ġenerali, soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 6, 6a, 7 u 11 (1)(c) ta' din id-Direttiva u għal kull regola li tiżgura l-użu effiċjenti ta' dawk ir-riżorsi skond id-Direttiva 2002/21/KE (Direttiva ta' Qafas).	2. Meta jkun meħtieġ li jingħataw id-drittijiet individwali għall-użu tal-frekwenzi tar-radju u tan-numri, l-Istati Membri għandhom jagħtu dawn id-drittijiet, meta jintalbu, lil kull impriża li tipprovdi jew tuża n-netwerks jew is-servizzi skond l-awtorizzazzjoni ġenerali, soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 6, ~~6a,~~ 7 u 11 (1)(c) ta' din id-Direttiva u għal kull regola li tiżgura l-użu effiċjenti ta' dawk ir-riżorsi skond id-Direttiva 2002/21/KE (Direttiva ta' Qafas).
Mingħajr ħsara għal kriterji speċifiċi ddefiniti bil-quddiem mill-Istati Membri għall-għoti ta' drittijiet għall-użu ta' frekwenzi tar-radju lil provvedituri ta' servizzi ta' kontenut għax-xandir fuq ir-radju jew it-televiżjoni bil-għan li jintlaħqu għanijiet ta' interess ġenerali skond il-liġi Komunitarja, tali drittijiet ta' użu għandhom jingħataw permezz ta' proċeduri oġġettivi, trasparenti, proporzjonali u mhux diskriminatorji, u, fil-każ tal-frekwenzi tar-radju, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2002/21/KE (Direttiva ta' Qafas). Il-proċeduri għandhom ukoll ikunu miftuħa, għajr għal każijiet fejn l-għoti tad-drittijiet individwali għall-użu tal-frekwenzi tar-radju lil provveduturi ta' servizzi ta' kontenut għax-xandir fuq ir-radju jew it-televiżjoni jista' jintwera li huwa essenzjali biex jissodisfa obbligu partikolari li l-Istat Membru jkun iddefinixxa minn qabel bħala meħtieġ biex jinkiseb interess ġenerali skond il-liġi Komunitarja.	Mingħajr ħsara għal kriterji speċifiċi ddefiniti ~~bil-quddiem~~ mill-Istati Membri għall-għoti ta' drittijiet għall-użu ta' frekwenzi tar-radju lil provvedituri ta' servizzi ta' kontenut għax-xandir fuq ir-radju jew it-televiżjoni bil-għan li jintlaħqu għanijiet ta' interess ġenerali skond il-liġi Komunitarja, tali drittijiet ta' użu għandhom jingħataw permezz ta' proċeduri oġġettivi, trasparenti, proporzjonali u mhux diskriminatorji, u, fil-każ tal-frekwenzi tar-radju~~, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2002/21/KE (Direttiva ta' Qafas). Il-proċeduri għandhom ukoll ikunu miftuħa, għajr għal każijiet fejn l-għoti tad-drittijiet individwali għall-użu tal-frekwenzi tar-radju lil provveduturi ta' servizzi ta' kontenut għax-xandir fuq ir-radju jew it-televiżjoni jista' jintwera li huwa essenzjali biex jissodisfa obbligu partikolari li l-Istat Membru jkun iddefinixxa minn qabel bħala meħtieġ biex jinkiseb interess ġenerali skond il-liġi Komunitarja.~~
Meta jagħtu d-drittijiet għall-użu, l-Istati Membri għandhom jispeċifikaw jekk dawk id-drittijiet jistgħux ikunu ttrasferiti mid-detentur tad-drittijiet, u taħt liema kundizzjonijiet. Fil-każ tal-frekwenzi tar-radju, dawn id-dispożizzjonijiet għandhom ikunu skond l-Artikolu 9b tad-Direttiva 2002/21/KE (Direttiva ta' Qafas).	Meta jagħtu d-drittijiet għall-użu, l-Istati Membri għandhom jispeċifikaw jekk dawk id-drittijiet jistgħux ikunu ttrasferiti ~~mid-detentur tad-drittijiet~~, u taħt liema kundizzjonijiet. Fil-każ tal-frekwenzi tar-radju, dawn id-dispożizzjonijiet għandhom ikunu skond l-Artikolu 9~~b~~ tad-Direttiva 2002/21/KE (Direttiva ta' Qafas).

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Fejn Stati Membri jagħtu drittijiet ta' użu għal perjodu ta' żmien limitat, it-tul tal-validità tagħhom għandu jkun xieraq għas-servizz ikkonċernat fid-dawl ta' l-għan iddefinit minn qabel.	Fejn Stati Membri jagħtu drittijiet ta' użu għal perjodu ta' żmien limitat, it-tul tal-validità tagħhom għandu jkun xieraq għas-servizz ikkonċernat ~~fid-dawl ta' l-għan iddefinit minn qabel~~.
Kull dritt individwali għall-użu tal-frekwenzi tar-radju li jingħata għal għaxar snin jew iktar, u li ma jistax ikun ittrasferit jew mikri bejn l-impriżi skond l-Artikolu 9 tad-Direttiva ta' Qafas, għandu, kull ħames snin u l-ewwel darba ħames snin wara l-għoti tiegħu, ikun soġġett għal reviżjoni fid-dawl tal-kriterji tal-paragrafu 1. Jekk il-kriterji biex jingħataw id-drittijiet individwali għall-użu ma jkunux japplikaw iżjed, id-dritt individwali għall-użu għandu jinbidel f'awtorizzazzjoni ġenerali għall-użu tal-frekwenzi tar-radju, soġġett għall-avviż minn qabel ta' mhux iktar minn ħames snin mill-għeluq ta' l-eżami mill-ġdid, jew għandu jkun jista' jiġi ttrasferit jew mikri bla tfixkil bejn l-impriżi.	~~Kull dritt individwali għall-użu tal-frekwenzi tar-radju li jingħata għal għaxar snin jew iktar, u li ma jistax ikun ittrasferit jew mikri bejn l-impriżi skond l-Artikolu 9 tad-Direttiva ta' Qafas, għandu, kull ħames snin u l-ewwel darba ħames snin wara l-għoti tiegħu, ikun soġġett għal reviżjoni fid-dawl tal-kriterji tal-paragrafu 1. Jekk il-kriterji biex jingħataw id-drittijiet individwali għall-użu ma jkunux japplikaw iżjed, id-dritt individwali għall-użu għandu jinbidel f'awtorizzazzjoni ġenerali għall-użu tal-frekwenzi tar-radju, soġġett għall-avviż minn qabel ta' mhux iktar minn ħames snin mill-għeluq ta' l-eżami mill-ġdid, jew għandu jkun jista' jiġi ttrasferit jew mikri bla tfixkil bejn l-impriżi.~~
3. Id-deċiżjonijiet dwar id-drittijiet għall-użu għandhom jittieħdu, jkunu kkomunikati u ppubblikati malajr kemm jista' jkun wara li tkun waslet l-applikazzjoni kompluta ta' l-awtorità regolatorja nazzjonali, fi żmien tliet ġimgħat fil-każ tan-numri li kienu allokati għal skopijiet speċifiċi ġewwa l-pjan nazzjonali għall-għoti tan-numri u fi żmien sitt ġimgħat fil-każ tal-frekwenzi tar-radju li kienu allokati għall-komunikazzjoni elettronika ġewwa l-pjan nazzjonali għall-frekwenzi. Il-limitu ta' żmien ta' l-aħħar għandu jkun bla ħsara għal kull ftehim internazzjonali li jkun japplika u li jkun relatat ma' l-użu tal-frekwenzi tar-radju jew ta' pożizzjonijiet orbitali.	3. Id-deċiżjonijiet dwar id-drittijiet għall-użu għandhom jittieħdu, jkunu kkomunikati u ppubblikati malajr kemm jista' jkun wara li tkun waslet l-applikazzjoni kompluta ta' l-awtorità regolatorja nazzjonali, fi żmien tliet ġimgħat fil-każ tan-numri li kienu allokati għal skopijiet speċifiċi ġewwa l-pjan nazzjonali għall-għoti tan-numri u fi żmien sitt ġimgħat fil-każ tal-frekwenzi tar-radju li kienu allokati ~~għall-komunikazzjoni elettronika~~ ġewwa l-pjan nazzjonali għall-frekwenzi. Il-limitu ta' żmien ta' l-aħħar għandu jkun bla ħsara għal kull ftehim internazzjonali li jkun japplika u li jkun relatat ma' l-użu tal-frekwenzi tar-radju jew ta' pożizzjonijiet orbitali.
4. Fejn ikun ġie deċiż, wara li kienu kkonsultati l-partijiet konċernati skond l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2002/21/KE (Direttiva ta' Qafas), li d-drittijiet għall-użu tan-numri ta' valur ekonomiku eċċezzjonali jridu jingħataw permezz ta' proċeduri ta' għażla li jkunu kompetittivi u komparattivi, l-Istati Membri jistgħu jestendu l-perijodu massimu ta' tliet ġimgħat b'mhux iktar minn tliet ġimgħat oħra. Fir-rigward tal-proċeduri ta' għażla li jkunu kompetittivi u komparattivi għall- ispettru tar-radju, għandu japplika l-Artikolu 7.	4. Fejn ikun ġie deċiż, wara li kienu kkonsultati l-partijiet konċernati skond l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2002/21/KE (Direttiva ta' Qafas), li d-drittijiet għall-użu tan-numri ta' valur ekonomiku eċċezzjonali jridu jingħataw permezz ta' proċeduri ta' għażla li jkunu kompetittivi u komparattivi, l-Istati Membri jistgħu jestendu l-perijodu massimu ta' tliet ġimgħat b'mhux iktar minn tliet ġimgħat oħra. Fir-rigward tal-proċeduri ta' għażla li jkunu kompetittivi u komparattivi għall- ispettru tar-radju, għandu japplika l-Artikolu 7.
Rigward proċeduri ta' selezzjoni kompetittiva jew komparattiva għall-frekwenzi tar-radju, għandu japplika l-Artikolu 7.	Rigward proċeduri ta' selezzjoni kompetittiva jew komparattiva għall-frekwenzi tar-radju, għandu japplika l-Artikolu 7.
5. L-Istati Membri ma għandhom jillimitaw l-għadd ta' drittijiet ta' użu li jingħataw, għajr fejn dan ikun meħtieġ biex jiġi żgurat l-użu effiċjenti tal-frekwenzi tar-radju skond l-Artikolu 7.	5. L-Istati Membri ma għandhom jillimitaw l-għadd ta' drittijiet ta' użu li jingħataw, għajr fejn dan ikun meħtieġ biex jiġi żgurat l-użu effiċjenti tal-frekwenzi tar-radju skond l-Artikolu 7.
6. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jiżguraw li l-frekwenzi tar-radju jintużaw b'mod effiċjenti u effettiv skond l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 2002/21/KE (Direttiva ta' Qafas). Huma għandhom jiżguraw ukoll li l-kompetizzjoni ma tisfax imgħawġa mill-ebda trasferiment jew akkumulazzjoni ta' drittijiet għall-użu tal-frekwenzi tar-radju. Għal dan il-għan, l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri xierqa, per eżempju jnaqqsu, jirtiraw jew jisforzaw il-bejgħ tad-dritt għall-użu tal-frekwenzi tar-radju.	~~6. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jiżguraw li l-frekwenzi tar-radju jintużaw b'mod effiċjenti u effettiv skond l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 2002/21/KE (Direttiva ta' Qafas). Huma għandhom jiżguraw ukoll li l-kompetizzjoni ma tisfax imgħawġa mill-ebda trasferiment jew akkumulazzjoni ta' drittijiet għall-użu tal-frekwenzi tar-radju. Għal dan il-għan, l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri xierqa, per eżempju jnaqqsu, jirtiraw jew jisforzaw il-bejgħ tad-dritt għall-użu tal-frekwenzi tar-radju.~~

Raġuni

Is-sistema attwali, li tiddefinixxi regoli b'awtorizzazzjonijiet ġenerali kif ukoll obbligi marbutin mal-liċenzji individwali, tidher li qed taħdem tajjeb. Il-proposti l-ġodda jidhru relattivament kumplessi, jew saħansitra konfużi.

Emenda 14

"Direttiva dwar Regolamentazzjoni Aħjar", Artikolu 3, emendi għad-Direttiva 2002/20/KE (Direttiva ta' Awtorizzazzjoni), punt 5, żjieda ma' l-Artikolu 6 (b)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Artikolu 6b	*Artikolu 6b*
Il-proċedura komuni ta' l-għażla għall-ħruġ ta' drittijiet	**Il-proċedura komuni ta' l-għażla għall-ħruġ ta' drittijiet**
1. Il-miżura teknika ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 6a(1)(f) tista' tipprovdi biex l-Awtorità tagħmel proposti għall-għażla ta' impriża jew impriżi li jistgħu jinħarġulhom drittijiet individwali għall-użu ta' frekwenzi tar-radju jew numri, skond l-Artikolu 12 tar-Regolament [..].	1. Mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi ta' l-Istati Membri dwar il-promozzjoni tal-politika kulturali u tal-midja, tad-diversitajiet kulturali u lingwistiċi, kif ukoll il-pluralità tal-midja, iIl-miżura teknika ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 6a(1)(f) tista' tipprovdi biex l-Awtoritàil-Korp tar-Regolaturi Ewropej fit-Telekomunikazzjoni jagħmlutagħmel proposti għall-għażla ta' impriża jew impriżi li jipprovdu servizzi pan-Ewropej jew servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi li jistgħu jinħarġulhom drittijiet individwali għall-użu ta' frekwenzi tar-radju jew numri, skond l-Artikolu 12 tar-Regolament [..].
F'dawn il-każijiet, il-miżura għandha tispeċifika l-perjodu li fih l-Awtorità għandha tlesti s-selezzjoni, kif ukoll il-proċedura, ir-regoli u l-kundizzjonijiet li japplikaw għall-għażla, u d-dettalji ta' kull ħlas u tariffa li jridu jkunu imposti fuq id-detenturi tad-drittijiet għall-użu tal-frekwenzi tar-radju u/jew tan-numri, sabiex ikun żgurat l-aqwa użu tal-frekwenzi tar-radju jew tar-riżorsi ta' l-għoti tan-numri. Il-proċedura ta' l-għażla għandha tkun miftuħa, trasparenti, oġġettiva u mhux diskriminatorja.	F'dawn il-każijiet, il-miżura għandha tispeċifika l-perjodu li fih l-Awtorità il-Korp tar-Regolaturi Ewropej fit-Telekomunikazzjoni għandha tlesti għandu jlesti s-selezzjoni, kif ukoll il-proċedura, ir-regoli u l-kundizzjonijiet li japplikaw għall-għażla, u d-dettalji ta' kull ħlas u tariffa li jridu jkunu imposti fuq id-detenturi tad-drittijiet għall-użu tal-frekwenzi tar-radju u/jew tan-numri, sabiex ikun żgurat l-aqwa użu tal-frekwenzi tar-radju jew tar-riżorsi ta' l-għoti tan-numri. Il-proċedura ta' l-għażla għandha tkun miftuħa, trasparenti, oġġettiva u mhux diskriminatorja.
2. Wara li tagħti l-ikbar kunsiderazzjoni lill-opinjoni ta' l-Awtorità, il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżura biex tagħżel l-impriża jew l-impriżi li lilha jew lilhom hija għandha toħroġ id-drittijiet għall-użu tal-frekwenzi tar-radju jew tan-numri. Il-miżura għandha tispeċifika ż-żmien li fih dawn id-drittijiet għall-użu għandhom jinħarġu mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali. Meta tagħmel dan, il-Kummissjoni għandha taġixxi skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 14a(2).	2. Wara li tagħti l-ikbar kunsiderazzjoni lill-opinjoni ta' l-Awtorità, IWara li tikkunsidra l-opinjoni tal-Korp tar-Regolaturi Ewropej fit-Telekomunikazzjoni, Ilil-Kummissjoni għandha tadotta l-miżura biex tagħżel l-impriża jew l-impriżi li jipprovdu servizzi pan-Ewropej jew servizzi ta' komunikazzjoni elettronika li lilha jew lilhom hija għandha toħroġ id-drittijiet għall-użu tal-frekwenzi tar-radju jew tan-numri. Il-miżura għandha tispeċifika ż-żmien li fih dawn id-drittijiet għall-użu għandhom jinħarġu mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali. Meta tagħmel dan, il-Kummissjoni għandha taġixxi skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 14a (2).

Raġuni

Huwa importanti li l-Istati Membri jibqgħu l-unika awtorità kompetenti fir-rigward tal-politika kulturali u tal-politika tal-midja u b'mod partikolari fir-rigward tad-definizzjoni ta' l-ispettru tal-frekwenza allokat għas-servizzi tax-xandir bir-radju kif ukoll il-liċenzji maħruġa lill-operaturi ta' servizzi bħal dawn.

Fir-rigward tat-tħassir tar-referenza għall-awtorità proposta mill-Kummissjoni fil-Proposta tagħha għal Regolament COM(2007) 699 finali 0 2007/0249 (COD), ara emenda 20 hawn taħt.

Emenda 15

"Direttiva dwar Regolamentazzjoni Aħjar", Artikolu 3, emendi għad-Direttiva 2002/20/KE (Direttiva ta' Awtorizzazzjoni), punt 7, tħassir ta' l-Artikolu 8

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
(7) L-Artikolu 8 jithassar.	~~(7) L-Artikolu 8 jithassar.~~

Raġuni

L-Artikolu 8 ta' din id-Direttiva li jirreferi għall-ftehimiet internazzjonali attwalment fis-seħħ m'għandux jitħassar iżda għandu jibqa' kif inhu.

Emenda 16

"Direttiva dwar Regolamentazzjoni Aħjar", Anness II, Żjieda ma' l-Anness II għad-Direttiva 2002/20/KE (Direttiva ta' Awtorizzazzjoni)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Il-kundizzjonijiet li jistgħu jkunu armonizzati skond il-punt (d) ta' l-Artiklu 6a, il-paragrafu 1 (1) Il-kundizzjonijiet marbuta mad-drittijiet għall-użu tal-frekwenzi tar-radju: (a) it-tul ta' żmien tal-validità tad-drittijiet għall-użu tal-frekwenzi tar-radju; (b) l-ambitu territorjali tad-drittijiet; (c) il-possibbiltà li d-dritt ikun ittrasferit lil utenti oħra tal-frekwenzi tar-radju, kif ukoll il-kundizzjonijiet u l-proċeduri relatati ma' dan; (d) il-metodu biex jiġu ddeterminati t-tariffi li għandhom jithallsu għad-dritt għall-użu tal-frekwenzi tar-radju; (e) in-numru ta' drittijiet għall-użu li jridu jingħataw lil kull impriża; (f) il-kundizzjonijiet elenkati fil-Parti B ta' l-Anness I. (…)	L-Anness II għandu jithassar

Raġuni

Dan l-Anness jillimita b'mod konsiderevoli l-poteri ta' l-Istati Membri fir-rigward tal-ġestjoni ta' l-ispettru u jinjora l-qafas legali eżistenti fil-livell internazzjonali (l-Unjoni Internazzjoni tat-Telekomunikazzjonijiet, UIT) li huwa attwalment fis-seħħ.

Emenda 17

"Direttiva Ċittadini", Artikolu 1, emendi għad-Direttiva 2002/22/KE (Direttiva dwar servizz universali) punt 7, Artikolu 9, verżjoni ġdida tal-punti 2 u 3

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
2. L-Istati Membri jistgħu, fid-dawl tal-kundizzjonijiet nazzjonali, jeżiġu li l-impriżi nominati jipprovdu għażliet jew pakketti ta' tariffi lill-konsumaturi li jitbiegħdu minn dawk ipprovduti taħt kundizzjonijiet kummerċjali normali, b'mod partikolari biex jiġi żgurat li dawk bi dħul baxx jew bi bżonnijiet soċjali speċjali ma jkunux imċaħħda mill-użu ta' u mill-aċċess għan-netwerk imsemmi fl-Artikolu 4(1), jew għas-servizzi identifikati fl-Artikoli 4(3), 5. 6 u 7 li jaqgħu taħt l-obbligi ta' servizz universali u pprovduti minn impriżi nominati.	2. L-Istati Membri jistgħu, fid-dawl tal-kundizzjonijiet nazzjonali, reġjonali jew lokali, jeżiġu li l-impriżi nominati jipprovdu għażliet jew pakketti ta' tariffi lill-konsumaturi li jitbiegħdu minn dawk ipprovduti taħt kundizzjonijiet kummerċjali normali, b'mod partikolari biex jiġi żgurat li dawk bi dħul baxx jew bi bżonnijiet soċjali speċjali ma jkunux imċaħħda mill-użu ta' u mill-aċċess għan-netwerk imsemmi fl-Artikolu 4(1), jew għas-servizzi identifikati fl-Artikoli 4(3), 5. 6 u 7 li jaqgħu taħt l-obbligi ta' servizz universali u pprovduti minn impriżi nominati.
3. L-Istati Membri jistgħu, barra minn kwalunkwe dispożizzjoni biex l-impriżi notifikati jipprovdu għażliet ta' tariffi speċjali jew biex jikkonformaw mal-limiti massimi tal-prezzijiet jew medjar ġeografiku jew skemi simili oħrajn, jiżguraw li jiġi pprovdut sostenn għall-konsumaturi identifikati bħala li għandhom dħul baxx, diżabbiltà jew bżonnijiet soċjali speċjali.	3. L-Istati Membri jistgħu, barra minn kwalunkwe dispożizzjoni biex l-impriżi notifikati jipprovdu għażliet ta' tariffi speċjali jew biex jikkonformaw mal-limiti massimi tal-prezzijiet jew medjar ġeografiku jew skemi simili oħrajn, jiżguraw li jiġi pprovdut sostenn għall-konsumaturi identifikati bħala li għandhom dħul baxx, diżabbiltà jew bżonnijiet soċjali speċjali rispettivament f'reġjuni ġeografiċi fejn l-aċċess huwa diffiċli.

Raġuni

Il-KtR jixtieq jiġbed l-attenzjoni lejn il-bżonnijiet tal-konsumaturi f'reġjuni b'densità baxxa ta' popolazzjoni jew f'reġjuni rurali.

Emenda 18

"Direttiva Ċittadini", Artikolu 1, emendi għad-Direttiva 2002/22/KE (Direttiva dwar servizz universali) punt 16, verżjoni ġdida ta' l-Artikolu 26

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Artikolu 26	*Artikolu 26*
Servizzi ta' emerġenza u n-numru uniku Ewropew għal sejħiet ta' emerġenza	**Servizzi ta' emerġenza u n-numru uniku Ewropew għal sejħiet ta' emerġenza**
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, b'żieda ma' kull numri oħra nazzjonali għal sejħiet ta' emerġenza speċifikati mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, l-utenti finali kollha tas-servizzi msemmija fil-paragrafu 2, inklużi l-utenti ta' telefowns pubbliċi bi ħlas, ikunu jistgħu jċemplu lis-servizzi ta' emerġenza mingħajr ħlas u mingħajr ma jkollhom għalfejn jużaw kwalunkwe mezz ta' ħlas, billi jużaw in-numru uniku Ewropew ta' sejħiet ta' emerġenza, in-numru "112".	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, b'żieda ma' kull numri oħra nazzjonali għal sejħiet ta' emerġenza speċifikati mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, l-utenti finali kollha tas-servizzi msemmija fil-paragrafu 2, inklużi l-utenti ta' telefowns pubbliċi bi ħlas, ikunu jistgħu jċemplu lis-servizzi ta' emerġenza mingħajr ħlas u mingħajr ma jkollhom għalfejn jużaw kwalunkwe mezz ta' ħlas, billi jużaw in-numru uniku Ewropew ta' sejħiet ta' emerġenza, in-numru "112".
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impriżi li jipprovdu servizz li joriġina sejħiet nazzjonali u/jew internazzjonali permezz ta' numru jew numri fi pjan ta' numerazzjoni telefonika nazzjonali jew internazzjonali, jipprovdu aċċess għal servizzi ta' emerġenza.	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impriżi nazzjonali jew pan-Ewropej li jipprovdu servizz li joriġina sejħiet nazzjonali u/jew internazzjonali permezz ta' numru jew numri fi pjan ta' numerazzjoni telefonika nazzjonali jew internazzjonali, jipprovdu aċċess għal servizzi ta' emerġenza.
(…)	(…)

Raġuni

Dan il-punt jimponi numru ta' obbligi tekniċi importanti u minħabba f'hekk investimenti konsiderevoli li l-operaturi lokali jew reġjonali ma jkunux jifilħu għalihom.

Emenda 19

"Direttiva Ċittadini", Artikolu 1, emendi għad-Direttiva 2002/22/KE (Direttiva dwar servizz universali) punt 19, Artikolu 31, verżjoni ġdida tal-punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
1. L-Istati Membri jistgħu jimponu "obbliġi ta' ridiffużjoni" raġonevoli għat-trażmissjoni ta' kanali u servizzi speċifiċi tax-xandir bir-radju u t-televiżjoni u servizzi ta' aċċessibbiltà, fuq impriżi taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom li jipprovdu netwerks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi użati għad-distribuzzjoni ta' xandir bir-radju jew bit-televiżjoni lill-pubbliku fejn numru kbir ta' utenti finali ta' dawn in-netwerks jużawhom bħala l-mezzi prinċipali biex jirċievu xandir bir-radju u t-televizjoni. Dawn l-obbligi għandhom jiġu imposti biss meta jkunu meħtieġa biex jilħqu għanijiet ta' interess ġenerali definiti b'mod ċar u speċifiku minn kull Stat Membru fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu u għandhom ikunu proporzjonati u trasparenti.	1. L-Istati Membri jistgħu jimponu "obbliġi ta' ridiffużjoni" ("must carry") raġonevoli għat-trażmissjoni ta' kanali <u>tar-radju</u> u servizzi <u>tal-mezzi tax-xandir awdjoviżivi</u> ~~speċifiċi tax-xandir bir-radju u t-televiżjoni u~~ <u>kif ukoll</u> servizzi <u>komplementari u</u> ta' aċċessibbiltà, fuq impriżi taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom li jipprovdu netwerks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi użati għad-distribuzzjoni ta' xandir bir-radju jew bit-televiżjoni lill-pubbliku fejn numru kbir ta' utenti finali ta' dawn in-netwerks jużawhom bħala l-mezzi prinċipali biex jirċievu xandir bir-radju u t-televizjoni. ~~Dawn l-obbligi għandhom jiġu imposti biss meta jkunu meħtieġa biex jilħqu għanijiet ta' interess ġenerali definiti b'mod ċar u speċifiku minn kull Stat Membru fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu u għandhom ikunu proporzjonati u trasparenti.~~
L-obbligi msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu eżaminati mill-Istati Membri mhux aktar tard minn sena wara [il-limitu ta' żmien għall-implimentazzjoni ta' l-att li jemenda], ħlief meta l-Istat Membru jkun implimenta dan l-eżaminar fis-sentejn preċedenti.	~~L-obbligi msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu eżaminati mill-Istati Membri mhux aktar tard minn sena wara [il-limitu ta' żmien għall-implimentazzjoni ta' l-att li jemenda], ħlief meta l-Istat Membru jkun implimenta dan l-eżaminar fis-sentejn preċedenti.~~
L-Istati Membri għandhom jeżaminaw l-"obbligi ta' ridiffużjoni" mill-inqas kull tliet snin.	L-Istati Membri għandhom jeżaminaw l-"obbligi ta' ridiffużjoni"~~mill-inqas kull tliet snin~~<u>regolarment</u>.

Raġuni

Ir-regoli ta' "must-carry" għandhom jiġu estiżi għal servizzi addizzjonali marbutin mas-servizzi tax-xandir bir-radju, per eżempju l-gwidi tal-programmi, is-servizzi Radio Data System u l-informazzjoni dwar it-traffiku fit-toroq.

Emenda 20

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Awtorità tas-Suq Ewropew tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
COM(2007) 699 finali — 2007/0249 (COD)	Il-KtR huwa favur Korp ta' Regolaturi Ewropej fit-Telekomunikazzjoni. Il-KtR jitlob lill-KE twaqqaf dan il-Korp ta' Regolaturi Ewropej fit-Telekomunikazzjoni billi tittrasforma l-proposta għal Awtorità tas-Suq Ewropew tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi. Il-Kummissjoni għandha tqis: Il-KtR jitlob li dan il-korp ikollu l-valur miżjud li jikkontribwixxi għall-effikaċja tas-sistema regolatorja billi, bil-kontra ta' dak li qiegħed isir bħalissa għall-Grupp ta' Regolaturi Ewropej, il-Kummissjoni jkollha l-obbligu speċifiku tal-konsultazzjoni u tqis bir-reqqa l-fehmiet tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tat-Telekomunikazzjoni. Il-Korp ta' Regolaturi Ewropej fit-Telekomunikazzjoni jkompli jkun magħmul minn rappreżentanti ta' kull waħda mill-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali ta' l-Istati Membri (bħalma jsir fil-Grupp ta' Regolaturi Ewropej illum) u l-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali mill-pajjiżi barra l-UE jkollhom status ta' osservaturi (bħalma jsir fil-Grupp ta' Regolaturi Ewropej illum).

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	Il-Korp ta' Regolaturi Ewropej fit-Telekomunikazzjoni jkun kompletament responsabbli u trasparenti għall-istituzzjonijiet rilevanti ta' l-UE. Il-president tal-Bord tal-Gvernaturi u d-direttur eżekuttiv jista' jiġi indirizzat mill-Parlament u l-kumitati rilevanti tiegħu. Sabiex tiġi garantita t-trasparenza, il-membri kollha tal-Bord tal-Gvernaturi u d-Direttur Eżekuttiv ikollhom iressqu dikjarazzjoni ta' interess darba fissena.

Raġuni

It-test tal-Kummissjoni għandu l-għan li jissostitwixxi l-Grupp ta' Regolaturi Ewropej (GRE) attwali b'awtorità ġdida, ikkwalifikata bħala "Awtorità" mill-Kummissjoni Ewropea, u li ser ikollha natura legali. Il-missjoni ta' dan il-korp ser tikkonsisti, b'mod partikolari, mill-għajnuna lill-Kummissjoni u lir-regolaturi nazzjonali fit-twettiq tal-missjoni tagħhom permezz tal-fehmiet ta' esperti u l-istabbiliment ta' linji gwida, prinċipalment fil-qafas tad-definizzjoni u ta' l-analiżi tas-swieq nazzjonali u permezz ta' l-identifikazzjoni tas-soluzjonijiet *ex ante* li għandhom jittieħdu. Din l-awtorità ser ikollha wkoll rwol importanti ta' appoġġ lill-Kummissjoni permezz tat-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-politika ta' ġestjoni ta' l-ispettru fi ħdan l-UE. Id-deċiżjonijiet fi ħdan din l-awtorità ser jittieħdu b'maġġoranza sempliċi. Din ir-riforma istituzzjonali ser tmur pari passu mat-trasferiment sostanzjali tal-kompetenzi ta' kull Stat Membru lill-Kummissjoni Ewropea fl-ambitu tar-regolazzjoni tas-swieq, u ser twassal għal żbilanċ ċar fid-distribuzzjoni tal-poteri bejn l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u Ewropej. Dan il-mudell għalhekk għandu l-għan li jilleġittimizza l-idea ta' "regolatur Ewropew uniku" fil-qasam tat-telekomunikazzjonijiet, fuq l-eżempju tal-Federal Communications Commission (FCC) fl-Istati Uniti.

It-twaqqif ta' Korp ta' Regolaturi Ewropej fit-Telekomunikazzjoni, ibbażat fuq l-Artikolu 95 tat-Trattat KE, ser idaħħal lill-Grupp tar-Regolaturi Ewropej (GRE) attwali fil-liġi Ewropea billi jikkostitwixxi formalment korp konsultattiv li jingħata l-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet tiegħu b'mod espliċitu permezz ta' Regolament. Dan għandu jipprovdi lill-Korp ta' Regolaturi Ewropej fit-Telekomunikazzjoni bi grad ta' effiċjenza u leġittimità ogħla minn dak li għandu l-GRE llum. Il-pożizzjoni tiegħu tissaħħaħ minħabba li l-funzjonijiet u l-obbligi tiegħu jkunu stabbiliti b'mod ċar f'Regolament, filwaqt li fl-istess ħin ikun jista' jżomm il-benefiċċji marbutin mar-rwol tiegħu ta' netwerk effettiva ta' kooperazzjoni ta' l-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali. Fil-passat diġà twaqqfu jew ġew rikonoxxuti korpi konsultattivi permezz ta' Regolament. Per eżempju, ir-Regolament (KE) 1/2003 waqqaf il-kumitat konsultattiv ta' l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni u reċentement il-PE ta l-ewwel qari lil Regolament li jirrikonoxxi korp ta' koordinazzjoni għall-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni [COD 2007/0029]. Il-Korp ta' Regolaturi Ewropej fit-Telekomunikazzjoni għandu rwol ta' konsulent espert u indipedenti tal-Kummissjoni u jibqa' awtonomu mill-gvernijiet differenti Ewropej. Sabiex tiġi garantita l-indipendenza tiegħu, ir-Regolament għandu jassigura li l-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali jirċievu biżżejjed fondi mill-Istati Membri mingħajr ma jkunu soġġetti għal restrizzjonijiet politiċi.

Hemm bżonn ukoll li jiġu emendati d-"Direttiva dwar Regolamentazzjoni Aħjar" (COM(2007) 697 finali — 2007/0247 (COD)) u d-"Direttiva Ċittadini" (COM(2007) 698 finali — 2007/0248 (COD)) b'tali mod li kull referenza għal din l-awtorità proposta mill-Kummissjoni tinbidel f'referenzi għal Korp ta' Regolaturi Ewropej fit-Telekomunikazzjoni.

Brussell, id-19 ta' Ġunju 2008.

Il-President

tal-Kumitat tar-Reġjuni

Luc VAN DEN BRANDE

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Il-Pjan ta' azzjoni dwar it-tagħlim lill-adulti — It-tagħlim dejjem żmienu"

(2008/C 257/11)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

— ifakkar li f'ħafna Stati Membri, il-livell lokali u reġjonali huwa responsabbli għat-tagħlim ta' l-adulti u huwa fil-livell lokali u reġjonali li jittieħdu u jitwettqu d-deċiżjonijiet dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ. Għalhekk l-azzjonijiet proposti fil-Pjan ta' Azzjoni għandhom, fejn hu possibbli, jitwettqu wkoll fil-livell lokali u reġjonali;

— jinnota li t-tagħlim ta' l-adulti, b'mod partikolari, jikkontribwixxi sabiex persuna tkun tista' tiġi impjegata, tiċċaqlaq, tkun soċjalment inkluża u tiżviluppa l-personalità tagħha permezz tal-promozzjoni tal-ksib ta' kompetenzi ewlenin għal kulħadd;

— jirrikonoxxi li l-benefiċċji, l-affermazzjoni u l-ħelsien tal-potenzjal personali tat-tagħlim ta' l-adulti għandu effett importanti ta' "valur miżjud" fuq ħafna aspetti oħra fil-ħajja soċjali, vokazzjonali, ċivika, kulturali u ekonomika tal-parteċipanti. Programmi tat-tagħlim ta' l-adulti, ibbażati fuq prinċipji u proċessi ta' sħubija huma sors importanti ta' żieda fil-poter individwali u tal-komunità;

— jappoġġja u hu lest li jikkontribwixxi b'mod attiv sabiex jiżgura li r-riżorsi finanzjarji, umani, amministrattivi u oħrajn jiġu pprovduti sabiex iseħħ l-ideal ta' parteċipazzjoni akbar u aktar fil-fond taċ-ċittadini Ewropej fit-tagħlim ta' l-adulti;

— jixtieq jiżgura li dawk li joffru s-servizz u l-partijiet interessati fil-livell lokali u reġjonali jipparteċipaw bħala msieħba fl-istadji kollha, b'mod partikolari, fl-iżvilupp tal-politiki, l-istrutturi ta' gvernanza u s-sistemi ta' twassil;

— jiddispjaċih li għalkemm il-Kummissjoni Ewropea tappella sabiex jiġu żgurati livelli adegwati ta' investiment fil- u monitoraġġ aħjar tas-settur tat-tagħlim ta' l-adulti, kemm is-settur pubbliku kif ukoll dak privat bħalissa jipprovdu fondi inadegwati għal dan il-qasam.

Rapporteur: Mary SHIELDS (IE/UEN-AE), Membru tal-Kunsill tal-Belt ta’ Cork

Dokument ta’ referenza

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni :Pjan ta’ Azzjoni dwar it-Tagħlim lill-Adulti — It-tagħlim dejjem żmienu

COM(2007) 558 finali

RAKKOMANDAZZJONIJIET TA’ POLITIKA

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

KUMMENTI ĠENERALI

1. jilqa’ l-kunċett u l-proċess wiesa’ ta’ tagħlim ta’ l-adulti fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar “Pjan ta’ Azzjoni dwar It-tagħlim lill-Adulti — It-tagħlim dejjem żmienu” u jaqbel mal-fatt li jikkonċentra prinċipalment fuq “il-persuna adulta li titgħallem” fid-dokument;

2. ifakkar li l-edukazzjoni u t-taħriġ huma fatturi ta’ importanza kritika għat-tkabbir u l-iżvilupp fil-livell lokali u reġjonali u sabiex jintlaħqu l-objettivi ta’ l-istrateġija ta’ Lisbona. It-tagħlim ta’ l-adulti, b’mod partikolari, jikkontribwixxi sabiex persuna tkun tista’ tiġi impjegata, tiċċaqlaq, tkun soċjalment inkluża u tiżviluppa l-personalità tagħha permezz tal-promozzjoni tal-ksib ta’ kompetenzi ewlenin għal kulħadd;

3. It-tagħlim għall-adulti hu ta’ importanza ewlenija għall-futur ta’ l-Ewropa. Il-flessigurtà turi li l-kultura tradizzjonali ta’ “impjieg għal għomrok” spiċċat. B’żieda ma’ dan, it-teknoloġija qed tinbidel b’mod aktar mgħaġġel, u dan jitlob “edukazzjoni mill-ġdid” kontinwa, f’kull età, sabiex jinżamm il-pass mal-ħtiġijiet għall-ħiliet, u b’hekk jiżdied ukoll l-għomor tal-ħajja. F’dan l-ambjent tal-ġejjieni, it-tagħlim ta’ l-adulti hu essenzjali, kemm għat-titjib personali kif ukoll għas-suċċess ekonomiku u l-koeżjoni soċjali ta’ l-Ewropa;

4. jirreferi għall-kompiti ewlenin tat-tagħlim ta’ l-adulti, hekk kif ġew stabbiliti mill-OECD, jiġifieri t-titjib tal-kompetenzi, il-promozzjoni tat-twettiq personali u t-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali kif ukoll l-estensjoni ta’ l-azzjoni soċjali (ir-relazzjonijiet soċjali);

5. jaqbel dwar il-benefiċċji ewlenin tat-tagħlim ta’ l-adulti għaċ-ċittadini Ewropej; l-iżvilupp tal-komunità; il-prosperità ekonomika u l-kompetittività; il-promozzjoni ta’ l-inklużjoni soċjali; it-tisħiħ tal-poter tal-persuna; u l-promozzjoni ta’ l-integrazzjoni soċjo-ċivika bħala fażi integrali fi triq ta’ żvilupp tul il-ħajja u jilqa’ l-identifikazzjoni ta’ tliet elementi ewlenin bħala elementi vitali għal settur tat-tagħlim ta’ l-adulti li jkun effettiv u effiċjenti: Politiki, Gvernanza u Sistemi ta’ twassil;

6. jaqbel li t-tagħlim ta’ l-adulti għandu jagħmel parti mill-qafas tat-tagħlim tul il-ħajja, sabiex il-politiki ppjanati f’dan il-qasam ikunu konformi ma’ l-istrateġiji mfassla għat-tagħlim tul il-ħajja;

7. jappoġġja l-identifikazzjoni tal-ħames oqsma prinċipali li għandhom jiffukaw fuqhom il-miżuri inklużi fil-pjan ta’ azzjoni propost u l-iskeda għall-implimentazzjoni tagħhom;

8. jikkunsidra li l-Pjan ta’ Azzjoni propost għandu l-potenzjal li jintegra u jeleva t-tagħlim ta’ l-adulti għall-gruppi fil-mira, l-implikazzjonijiet finanzjarji u tar-riżorsi, ir-riċerka u l-iżvilupp professjonali, u l-ġestjoni tad-diversità tat-tradizzjonijiet Ewropej tat-tagħlim;

9. jaqbel li l-integrazzjoni olistika ta’ dawn l-aspetti (f’Punt 4) u r-rabta mal-Pjan ta’ Azzjoni jpoġġi t-tagħlim ta’ l-adulti fl-Ewropa fil-pożizzjoni pożittiva ta’ fażi ta’ żvilupp espansiva li hi proattiva, riflessiva, mmexxija minn dawk li qed jitgħallmu u ispirata mill-politiki;

10. ifakkar li f’ħafna Stati Membri, il-livell lokali u reġjonali huwa responsabbli għat-tagħlim ta’ l-adulti u huwa fil-livell lokali u reġjonali li jittieħdu u jitwettqu d-deċiżjonijiet dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ. Għalhekk l-azzjonijiet proposti fil-Pjan ta’ Azzjoni għandhom, fejn hu possibbli, jitwettqu wkoll fil-livell lokali u reġjonali;

11. jinnota b’approvazzjoni l-użu sostnut tal-kunċett ta’ “tagħlim ta’ l-adulti” fit-test. Il-kunċett wiesa’ u komprensiv ta’ “edukazzjoni ta’ l-adulti” fih innifsu jindika l-valur li persuna tieħu f’idha l-proċess tat-tagħlim; l-ammont kbir ta’ okkażjonijiet ta’ tagħlim formali u mhux formali fil-ħajja taċ-ċittadini; jenfasizza l-benefiċċji għall-iżvilupp meta persuna tinteraġixxi b’mod pożittiv mal-bidliet fl-ambjent u r-realtajiet Ewropej; u tiġġestixxi b’mod effettiv d-destini differenti tagħna;

12. jikkonsidra li l-iżvilupp ta’ tagħlim ta’ l-adulti ddiversifikat ikun aktar effettiv u effiċjenti meta dawk li jkunu qed jitgħallmu nħarsu lejhom bħala nies li qed jiksbu/jittrażmettu/joħolqu “l-għarfien” u jirrikonoxxi li l-Pjan ta’ Azzjoni propost ifittex li jidentifika l-komponenti ta’ dan il-kunċett b’mod koerenti;

13. jemmen li t-tagħlim ta’ l-adulti jinkludi ta’ lanqas konċettwalizzazzjoni wiesgħa ta’ elementi relatati ma’ xulxin: ħiliet ta’ għarfien u attitudnijiet, perċezzjonijiet, fehmiet, eċċ. L-adulti għandhom ħafna esperjenzi tal-ħajja li huma varjati, it-tagħlim tagħhom jissaħħaħ meta huma jipparteċipaw, juru li huma responsabbli tal-proċess tat-tagħlim, u jħossu li huma aċċettati,

impenjati u appoġġjati f'ambjenti tat-tagħlim fejn hemm "ir-rispett reċiproku". Ir-relazzjonijiet soċjali bejn il-parteċipanti kollha (min qed jitgħallem, l-għalliema, il-moderaturi, l-amministraturi eċċ.) għandhom rwol sinifikanti ħafna fil-kapaċità personali sabiex l-impenji tat-tagħlim ta' l-adulti jkunu effettivi.

14. jirrikonoxxi li l-benefiċċji, l-affermazzjoni u l-ħelsien tal-potenzjal personali tat-tagħlim ta' l-adulti għandu effett importanti ta' "valur miżjud" fuq ħafna aspetti oħra fil-ħajja soċjali, vokazzjonali, ċivika, kulturali u ekonomika tal-parteċipanti, kif ukoll fit-tisħiħ ta' l-aspetti transġenerazzjonali u interġenerazzjonali tiegħu. Programmi tat-tagħlim għall-adulti, ibbażati fuq prinċipji u proċessi ta' sħubija huma sors importanti ta' żieda fil-poter individwali u tal-komunità;

15. ifakkar fl-importanza li l-KtR jagħti li ċ-ċittadini kollha Ewropej jiksbu l-kompetenzi ewlenin, speċjalment fir-rigward tal-kapaċità tagħhom li jgħixu stil ta' ħajja indipendenti u jiksbu fiduċja fihom infushom. Għall-iżvilupp ta' kompetenzi ta' dan it-tip, il-kompetenzi ewlenin ta' l-UE joffru qafas ta' referenza eċċellenti, inkluż għall-iżvilupp fil-livell reġjonali u lokali. L-adulti jridu jkunu jistgħu jaġġornaw il-kompetenzi ewlenin tagħhom matul ħajjithom u hemm bżonn li gruppi mmirati jingħataw attenzjoni speċjali għaliex ikunu ġew identifikati bħala gruppi ta' prijorità fil-kuntest nazzjonali, reġjonali jew lokali. Inizjattivi fil-livell lokali u reġjonali sabiex jinformaw, jinvolvu u jimmotivaw dawn il-gruppi ser jikkontribwixxu ħafna f'dan il-kuntest, bl-għan li tiġi pprovduta firxa ta' tagħlim li tissodisfa l-ħtiġijiet tal-persuni fiż-żona kkonċernata;

16. jappoġġja l-firxa u l-profondità ta' l-attivitajiet ta' tagħlim ta' l-adulti (formali/mhux fomali) fil-pjan ta' Azzjoni propost, il-firxa tad-dimensjoni tat-tagħlim u l-approċċi formattivi għall-valutazzjoni tat-tagħlim li jirriflettu l-idea u l-proċess ta' Multipliċità ta' Intelliġenzi;

17. jappoġġja u hu lest li jikkontribwixxi b'mod attiv sabiex jiżgura li r-riżorsi finanzjarji, umani, amministrattivi u oħrajn jiġu pprovduti sabiex iseħħ l-ideal ta' parteċipazzjoni akbar u aktar fil-fond taċ-ċittadini Ewropej fit-tagħlim ta' l-adulti;

Sħubijiet fit-tagħlim

18. jinnota li meta jkun organizzat tajjeb, it-tagħlim ta' l-adulti jista' jkun ta' kontribut attiv għall-integrazzjoni. Hu mezz ta' integrazzjoni ta' l-immigranti fil-pajjiż il-ġdid tagħhom u joffri opportunità ta' tagħlim ta' kulturi u lingwi ġodda lill-popolazzjoni residenti;

19. jilqa' l-fatt li tul il-komunikazzjoni kollha hemm referenza għall-importanza ta' "sħubijiet" bħala prinċipju ta' animazzjoni u aspett tal-proċess ta' impenn(ji) soċjo-personali fit-tagħlim ta' l-adulti. Is-sħubijiet fit-tagħlim huma proċessi simbjotiċi u dan diġà huwa rifless f'firxa wiesgħa ta' risposti edukattivi għat-tagħlim ta' l-adulti fl-Ewropa kollha;

20. jenfasizza li approċċ ta' sħubija fit-tagħlim:

— għandu valur qawwi fuq il-motivazzjoni ta' l-individwi li jitgħalmu u l-gruppi ta' studju;

— jipprovdi bażi soda għall-parità fl-istima ta' l-bejn il-partijiet interessati kollha;

— isawwar komunikazzjoni li timxi fiż-żewġ direzzjonijiet u rispett reċiproku;

— jikkontribwixxi lejn il-professjonalizzazzjoni tal-proċess tat-tagħlim ta' l-adulti; u

— huwa fattur kruċjali fil-promozzjoni ta' livelli ta' parteċipazzjoni li huma ogħla u aktar fil-fond għal firxa ta' persuni u gruppi "esklużi";

21. jappoġġja l-kontribut, li huwa ta' valur kbir, tas-sħubijiet fit-tagħlim lejn il-futur tat-tagħlim ta' l-adulti fl-Ewropa u jissuġġerixxi lill-Kummissjoni li l-ippjanar ta' l-azzjoni jkun ibbażat fuq l-identifikazzjoni ta' approċċi u miri xierqa; l-indikazzjoni ta' prattiki tajbin f'aspetti ta' l-isħubijiet mit-tagħlim ta' l-adulti kollu li jeżisti fl-Ewropa; l-integrazzjoni ta' dawn ir-riżultati fil-materjal didattiku; u li b'mod konġunt tfassal u tiżviluppa proċeduri għal valutazzjonijiet xierqa kwantitattivi u kwalitattivi;

22. jikkunsidra li dan il-"proċess kumulattiv" ta' tisħiħ tal-poter jista' jidher bħala aspett li jibqa' fit-tagħlim ta' l-adulti Ewropew. Dan hu konsistenti ma' l-għanijiet bażilari ta' l-UE u japprova r-rwol u l-kontribut tal-partijiet interessati fil-livelli lokali u reġjonali fi proċess integrat;

Parteċipazzjoni/Nuqqas ta' Parteċipazzjoni fit-Tagħlim ta' l-Adulti

23. jilqa' l-importanza li tingħata fil-komunikazzjoni sabiex titwessa' u tiġi approfondita l-parteċipazzjoni fi spettru ta' "okkażjonijiet" ta' tagħlim tul il-ħajja miċ-ċittadini Ewropej kollha, u b'mod partikolari minn persuni u gruppi b'parteċipazzjoni baxxa jew ineżistenti jew li huma esklużi, bħalma huma persuni b'livell baxx ta' ħiliet fil-qari u fil-kitba, nies ta' età aktar avvanzata, gruppi soċjalment esklużi, persuni b'diżabbiltà, persuni li jkunu telqu mill-iskola kmieni, ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet, ħaddiema aktar anzjani, ħaddiema migranti eċċ.

24. f'dan ir-rigward jirrikonoxxi li l-esklużjoni minn, u n-nuqqas ta' parteċipazzjoni fil-proċess tat-tagħlim huwa pass importanti lejn marġinalizzazzjoni fil-futur, li spiss huwa segwit minn xejriet ta' "esklużjoni" mill-impjiegi u mill-ħajja soċjo-ċivika u kulturali;

25. jappoġġja l-argument li approċċ integrat huwa meħtieġ sabiex jindirizza xejriet ta' nuqqas ta' preżenza ta' firxa wiesgħa ta' individwi u gruppi u sabiex jistabbilixxi kultura ta' tagħlim fuq bażi kontinwa għaċ-ċittadini kollha;

26. barra minn hekk, jikkunsidra, li din m'hijiex sfida faċli, irħisa jew ta' malajr u l-aħjar li wieħed iħares lejha bħala forma ta' investiment u impenn personali u soċjo-edukattiv li jeħtieġ li jkun imwaħħal fis-sod mal-livelli personali, professjonali, lokali, reġjonali u nazzjonali;

27. jixtieq jiżgura li dawk li joffru s-servizz u l-partijiet interessati fil-livell lokali u reġjonali jipparteċipaw bħala msieħba fl-istadji kollha, b'mod partikolari, fl-iżvilupp tal-politiki, l-istrutturi ta' gvernanza u s-sistemi ta' twassil, peress li r-responsabbiltà għat-twassil tas-sistemi ta' l-edukazzjoni ta' l-adulti tinsab fil-livelli reġjonali u lokali f'ħafna Stati Membri u l-impenn lokali/reġjonali lejn l-iżvilupp ta' ħiliet fuq il-post tax-xogħol, l-integrazzjoni tal-komunità, il-ħiliet ċiviċi, l-integrazzjoni kulturali u l-adattament għall-bidliet fiċ-ċirkustanzi soċjo-personali jidher biċ-ċar;

28. iħeġġeġ lill-imsieħba soċjali sabiex jiżguraw li fil-ftehimiet kollettivi jitqiesu l-ħtiġijiet ta' tagħlim ta' l-adulti (id-dritt għat-tagħlim);

29. jinnota li l-ugwaljanza bejn is-sessi għandha titqies ukoll meta jiġi żviluppat it-tagħlim ta' l-adulti. Filwaqt li hemm reġjuni fejn l-attenzjoni trid tkun iffukata fuq in-nisa', hemm ħafna pajjiżi fejn hi l-parteċipazzjoni ta' l-irġiel li hi aktar baxxa, speċjalment fil-programmi ta' l-Iżvilupp komunitarju;

Settur Effiċjenti ta' Tagħlim ta' l-Adulti — Politika

30. jappoġġja l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea li hemm bżonn essenzjali li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jimpenjaw ruħhom f'interventi pożittivi u simbjotiċi ta' tagħlim ta' l-adulti flimkien ma' partijiet oħra interessati, sabiex jipprovdu opportunitajiet ta' tagħlim ma' u għal individwi u gruppi f'riskju;

31. jenfasizza li t-tagħlim ta' l-adulti huwa strument importanti biex wieħed jgħaqqad flimkien diversi oqsma ta' politika fil-livell lokali u reġjonali, bħal per eżempju l-oqsma ta' l-edukazzjoni, l-aspetti soċjali, is-suq tax-xogħol, it-tkabbir u kwistjonijiet ta' integrazzjoni;

32. jaqbel li tagħlim ibbażat fil-post tax-xogħol jipprovdi kuntest li hu pożittiv ħafna, li hu diġà lest għal dat-tip ta' interventi u għandu l-potenzjal li jkabbar il-ħiliet personali-organizzattivi, jiżviluppa l-ħiliet, irawwem it-tkabbir ta' "l-organizzazzjonijiet li jitgħallmu" u joħloq klima ta' tagħlim kontinwu u li twassal għal strateġiji ta' żvilupp u implimentazzjoni effettivi f'livelli differenti biex tiġi indirizzata l-bidla f'livelli differenti;

33. iqis ukoll li l-post tax-xogħol jipprovdi forum rikk fejn il-parteċipanti potenzjali fit-tagħlim ta' l-adulti huma diġà fuq il-post u l-azzjonijiet meħtieġa sabiex jinkoraġġixu l-parteċipazzjoni fit-tagħlim fuq il-post tax-xogħol jiġu influwenzati minn firxa wiesgħa ta' varjabbli ([1]);

Settur Effiċjenti tat-Tagħlim ta' l-Adulti — Riċerka

34. jaqbel ma' l-istqarrija tal-proċess konsultattiv tal-Pjan ta' Azzjoni meta "mqabbel ma' oqsma oħra tat-tagħlim, il-kontribut u l-benefiċċji tas-settur tat-tagħlim lill-adulti mhumiex riċerkati, diskussi jew ippubblikati tajjeb" u jikkunsidra li proċess ta' riċerka integrat u iffukat jista' jiggwida t-twettieq tal-ħames messaġġi ewlenin fil-komunikazzjoni tat-tagħlim ta' l-adulti;

35. jilqa' l-benefiċċji li riċerka ta' kwalità u ffukata tagħti għat-twettiq ta' l-objettivi tal-Pjan ta' Azzjoni, peress li jħoss li ħolqa ta' osservazzjonjiet ta' tagħlim, intuwiti, u materjali għall-partijiet interessati kollha ssaħħaħ il-bażi sabiex it-tagħlim ta' l-adulti jitwassal b'mod effettiv u effiċjenti;

36. iqis ukoll li riċerka Ewropea li tkun aħjar fil-qasam tal-"parteċipanti" titbiegħed mid-dipendenza fuq data komparattiva u analiżi ta' sistemi oħra, speċjalment ta' l-Istati Uniti, sabiex tiggwida risposti xierqa għall-kwistjoni ta' parteċipazzjoni fl-Unjoni Ewropea;

37. jipproponi li sabiex elementi varji tal-Pjan ta' Azzjoni jiġu ggwidati, ir-riċerka li ġejja ssir fi proċess ta' ħolqa ta' osservazzjonijiet dwar kwistjonijiet bħalma huma: l-identifikazzjoni tar-rwol ta' fatturi li possibbilment jinfluenzaw il-parteċipazzjoni jew in-nuqqas tagħha fit-tagħlim ta' l-adulti fl-Ewropa. dan jinkludi fatturi ta' kuntest ġenerali u sfond soċjali, fatturi relatati ta' mġieba u sitwazzjonijiet u attitudnijiet u dispożizzjonijiet personali relatati; l-orjentamenti motivazzjonali ta' dawk li qed jitgħallmu fl-Ewropa, l-istili tagħhom ta' tagħlim u l-attitudnijiet tagħhom lejn it-tagħlim ta' l-adulti, ir-ritorn fuq l-investiment (finanzjarju, personali, komunitarju, reġjonali, vokazzjonali, eċċ) ta' l-impenn fit-tagħlim ta' l-adulti u l-perċezzjonijiet, l-attitudnijiet u l-intuwiti tal-gruppi b'parteċipazzjoni baxxa mmirati fl-Ewropa; il-profil ta' l-għalliema involuti fil-proċessi marbuta mat-tagħlim ta' l-adulti u t-taħriġ inizjali u supplimentari tagħhom;

Settur Effiċjenti tat-Tagħlim ta' l-Adulti — Gvernanza

38. jinnota li l-proċess ta' konsultazzjoni marbut mal-komunikazzjoni identifika li l-importanza ta' gvernanza tajba fit-tagħlim ta' l-adulti hija kkaratterizzata, *inter alia*, bl-attenzjoni fuq il-persuna adulta li qed titgħallem; approċċ innovattiv għat-tagħlim; analiżi effettiva tal-ħtiġijiet tat-tagħlim: ippjanar lokali u

([1]) Il-varjabbli jinkludu: (i) esperjenzi/perċezzjonijiet preċedenti tal-gruppi mmirati; (ii) 'l-orjentamenti motivazzjonali' u 'l-istili ta' tagħlim' tal-parteċipanti (iii) il-livell u n-natura ta' shubija fil-fora ta' tagħlim; (iv) il-firxa u l-kwalità tas-sistemi ta' appoġġ, gwida u tagħlim bejn il-pari għall-adulti; (v) il-validazzjoni u r-rikonoxximent tat-tagħlim formali u non-formali fuq il-post tax-xogħol; (vi) ir-relazzjoni tat-tagħlim ta' l-adulti mal-ħtiġijiet soċjo-personali tal-parteċipanti, u (vii) l-użu ta' firxa wiesgħa ta' approċċi lejn it-tagħlim li huma innovattivi, speċjalment aspetti bħalma huma l-monitoraġġ u l-appoġġ bejn il-pari, ambjent tat-tagħlim li huwa psiko-soċjalment pożittiv eċċ.

reġjonali; u l-ħtieġa għal approċċ ippjanat u sistematiku fil-livelli kollha u fil-komponenti kollha ta' tagħlim għall-adulti, formali u mhux formali;

39. jilqa' ċ-ċentralità li tingħata lill-adulti li jitgħalmu fis-sezzjoni dwar il-gvernanza u jinnota b'approvazzjoni l-valur li jingħata lill-kontribuzzjonijiet lokali u reġjonali f'qafas ta' sħubija ta' tagħlim ta' l-adulti;

Settur Effiċjenti tat-Tagħlim ta' l-Adulti — Twassil

40. jaqbel li l-isfida għat-tagħlim ta' l-adulti f'Ewropa li espandiet għal 27 Stat Membru hija li "twassal is-servizz" li jista', fl-istess ħin, jinkorpora l-motivazzjonijiet, l-interessi u l-bidla fil-bżonnijiet ta' l-adulti li qed jitgħallmu u l-ħtiġijiet li qed jinbidlu tas-suq tax-xogħol; ir-rekwiżiti tas-soċjetà; u li wieħed jipprova jirranġa u jegħleb, b'miżuri interkonnessi l-ostakoli multidimensjonali għall-parteċipazzjoni;

41. jinnota li netwerking effettiv ma' l-iskejjel sekondarji mhux biss jipprovdi għal tagħlim kost-effettiv iżda hu importanti wkoll biex iż-żgħażagħ jiffamiljarizzaw ruħhom mat-tagħlim ta' l-adulti. B'hekk, iż-żgħażagħ sa minn età żgħira jindunaw biċ-ċentri ta' edukazzjoni għall-adulti, u meta jasal il-waqt, huma jkunu jistgħu jużaw ċentri bħal dawn b'mod effettiv biex jaqdu ħtiġijiethom;

42. jemmen li jekk jinġabru flimkien ir-riżorsi maħsuba għall-edukazzjoni u t-taħriġ taż-żgħażagħ u l-adulti, hu possibbli li wieħed iwieġeb b'manjiera komprensiva u flessibbli għall-bidla fil-ħtiġijiet tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol, għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' tagħlim għall-adulti u għat-talba għal għalliema kwalifikati u biex titjieb il-kost-effettività tas-sistema edukattiva;

43. jilqa' s-sensiela ta' miżuri li ġew indikati fil-proċess ta' konsultazzjoni marbuta mal-parteċipazzjoni fit-tagħlim ta' l-adulti, peress li jirriflettu prattiki tajbin fil-livell internazzjonali u jissuġġerixxi:

— inizjattiva fil-Community-Workplace Adult Basic Skills (CWABS), sabiex jiġu użati aħjar il-kuntesti tal-komunità u tal-post tax-xogħol għat-tagħlim ta' l-adulti;

— appoġġ għal netwerk Ewropew għal dawk li jipprovdu t-tagħlim ta' l-adulti fil-lokalitajiet u fir-reġjuni u animaturi/konsulenti;

— aċċess usa' għall-kwalifiki ta'edukazzjoni ogħla, billi tiġi ffaċilitata l-kwalifika "ta' livell wieħed ogħla" b'miżuri innovattivi li jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni kontinwa ta' min qiegħed jipparteċipa f'kors full time jew għall-parti mill-ħin;

44. jiddispjaċih li għalkemm il-Kummissjoni Ewropea tappella sabiex jiġu żgurati livelli adegwati ta' investiment fil- u monitoraġġ aħjar tas-settur tat-tagħlim ta' l-adulti, kemm is-settur pubbliku kif ukoll dak privat bħalissa jipprovdu fondi inadegwati għal dan il-qasam;

45. jappella li jingħataw aktar fondi lill-programmi eżistenti u futuri sabiex iżommu l-impatt potenzjali tagħhom fis-settur tat-tagħlim ta' l-adulti;

PJAN TA' AZZJONI

Analizza l-effetti tar-riformi fis-setturi kollha ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ fl-Istati Membri fuq it-tagħlim ta' l-adulti.

46. jinnota r-rabta mill-qrib bejn it-tagħlim ta' l-adulti u setturi oħra (żviluppati tajjeb) tal-proċess edukattiv u l-fatt li l-parteċipazzjoni f'okkażjoni ta' tagħlim ta' l-adulti, formali jew mhux formali, twitti t-triq għal titjib persunali u konsegwentement jipprovdi valur miżjud għas-soċjetà;

47. jilqa' l-iżvilupp ta' Oqfsa ta' Kwalifiki Nazzjonali u l-inklużjoni tas-settur tat-tagħlim ta' l-adulti fil-kurrent prinċipali u jemmen li analiżi ffokata ta' dawn ix-xejriet fil-Pjan ta' Azzjoni ser iġibu koerenza u aktar prestiġju lit-tagħlim ta' l-adulti fl-Ewropa;

Titjib fil-kwalità tas-settur tat-tagħlim ta' l-adulti

48. jaċċetta l-importanza tal-professjonalizzazzjoni tal-persunal tat-tagħlim ta' l-adulti, inkluż il-provviżjoni ta' taħriġ speċifiku kontinwu dwar l-edukazzjoni ta' l-adulti. Dan il-persunal qiegħed fuq quddiem fil-punt ta' kuntatt u tagħlim għal ħafna adulti li qed jitgħallmu u l-kwalità tat-tagħlim, is-servizzi u l-metodoloġiji tat-tagħlim tagħhom huwa vitali sabiex ir-rettorika tal-politika Ewropea ta' parteċipazzjoni aktar wiesgħa u approfondita fit-tagħlim ta' l-adulti tinbidel b'mod effettiv f'realtà ta' tkabbir f'dan il-qasam;

49. jemmen li l-għarfien tal-post tax-xogħol mill-għalliema għandu jkun żgurat permezz ta' interazzjoni u kooperazzjoni flessibbli mad-dinja tax-xogħol;

50. jistenna b'interess l-identifikazzjoni ta' prattiki tajbin fl-istudju li ser joħroġ *Adult learning professions in Europe* (Il-professjonijiet tat-tagħlim ta' l-adulti fl-Ewropa) li ser iservi ta' bażi koerenti għall-iżvilupp "professjonali". Jilqa' n-natura inklussiva tal-lista ta' partijiet interessati u kontributuri fit-tagħlim ta' l-adulti.

Żieda fil-possibbilitajiet ta' l-adulti li jimxu pass 'il quddiem u li jiksbu għallinqas kwalifika waħda f'livell ogħla

51. jemmen li din il-miżura ta' "pass 'il quddiem" jista' jkollha effett pożittiv ħafna fuq il-motivazzjoni ta' l-adulti u l-kontinwazzjoni tal-parteċipazzjoni ta' dawk li jitgħallmu fi proċess li jtul il-ħajja. Jindirizza, *inter alia*, ix-xejriet demografiċi li qed jinbidlu fl-Ewropa, u b'mod attiv jisma' "l-vuċi ta' dawk li qed jitgħallmu nfushom" u joffri informazzjoni dwar it-tagħlim ta' l-adulti, servizzi ta' gwida u riżorsi ta' kwalità. Element importanti għal ħafna adulti li qed jitgħalmu huwa s-sens ta' affermazzjoni li jħossu u s-sens pożittiv assoċjat mas-"suċċess" fit-tagħlim (formali u mhux formali);

52. jemmen li l-Pjan ta' Azzjoni jista' jagħti kontribut pożittiv għall-produzzjoni ta' proġetti ta' prattika tajba sabiex jintlaħqu l-gruppi mmirati; u jagħti valur akbar lir-riżultati minn proġetti bħall-Grundtvig, u jipproponi użu aħjar tal-mezzi tax-xandir fil-promozzjoni tad-disponibbiltà u s-sostenibbiltà tal-programmi edukattivi għall-adulti, speċjalment fost dawk il-gruppi li huma diffiċli biex jintlaħqu;

It-tħaffif tal-proċess ta' l-evalwazzjoni u r-rikonoxximent ta' tagħlim formali u mhux formali tal-gruppi żvantaġġati

53. jenfasizza li t-twessiegħ tat-tagħlim ta' l-adulti fih innifsu, b'mod li hu inklussiv u li jippermetti l-iżvilupp, jirrikonoxxi u japprova l-firxa wiesgħa ta' kapaċitajiet, "intelliġenzi", ħiliet, kompetenzi soċjo-personali, esperjenzi eċċ taċ-ċittadini kollha Ewropej. Dawn huma l-kontribuzzjonijiet rikki li l-adulti li jkunu qed jitgħallmu jikkontribwixxu għat-tagħlim. Huwa importanti li jiġu organizzati opportunitajiet għat-tagħlim tul il-ħajja kollha b'tali mod li jiġi assigurat li kulfejn huwa possibbli għarfien, ħiliet u attitudnijiet ġodda jistgħu jiġu applikati minn dawk li qed jitgħallmu għall-ambjent tagħhom u mfassla speċifikament skond il-bżonnijiet ta' l-individwu;

54. jilqa' l-proposti tal-Pjan ta' Azzjoni bħall-identifikazzjoni ta' prattiki tajbin fl-għarfien u l-validazzjoni tat-tagħlim formali u mhux formali, jenfasizza t-tagħlim bejn il-pari, u l-ko-produzzjoni ta' materjal didattiku ġeneriku, peress li dan ir-rikonoxximent u din il-leġittimizzazzjoni għandhom valur motivazzjonali pożittiv għas-settur, speċjalment għall-adulti nfushom li qed jitgħallmu; għaldaqstant, għandha ssir validazzjoni fil-livell lokali u reġjonali, bl-involviment tad-diversi setturi ta' l-impjieg kemm fl-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet kif ukoll tal-validazzjoni;

55. jirrikonoxxi li l-għarfien inklussiv tat-tagħlim preċedenti għandu jkun ta' valur partikolari fit-twessiegħ u l-approfondiment tal-parteċipazzjoni ta' *persuni Ewropej ta' età aktar avvanzata*. Id-data tar-riċerka turi li nies ta' età aktar avvanzata m'humiex viżibbli bħala faxxa fis-sistemi tat-tagħlim Ewropej u x-xejriet demografiċi jindikaw b'mod ċar l-urġenza li wieħed jittratta ma' dan il-grupp b'mod li hu mmirat u ffokat;

56. jemmen li l-parteċipazzjoni baxxa jew ineżistenti ta' din il-faxxa għandha konsegwenzi importanti ħafna għall-grupp innifsu, kif ukoll għal konsiderazzjonijiet ta' saħħa, soċjo-ċiviċi, ekonomiċi, kulturali, ta' bejn il-ġenerazzjonijiet, u ta' koeżjoni Ewropea. Prinċipji u prattiki tajbin fil-*Ġerontoloġija Edukattiva* iridu jfittxu li jibnu sħubijiet effettivi ta' tagħlim ta' l-adulti ma' dan il-grupp, filwaqt li jirrikonoxxu u jivvalidaw il-bżonnijiet tiegħu għat-tagħlim, l-aspirazzjonijiet, il-ksib, l-esperjenzi, il-motivazzjonijiet, l-istili ta' tagħlim, l-aspettattivi, eċċ u jisfidaw l-ideat foloz u l-istereotipi dwar it-tagħlim min-nies ta' età aktar avvanzata;

57. jappella sabiex b'mod konġunt jitwasslu opportunitajiet ta' tagħlim ta' kwalità li huma ffinanzjati adegwatament u li jikkunsidraw il-karatteristiċi konoxxitivi, fiżiċi, motivazzjonali, ta' dispożizzjonijiet u attitudnijiet lejn it-tagħlim, eċċ. ta' dan il-grupp li l-importanza tiegħu qiegħda tikber fit-tagħlim ta' l-adulti fl-Ewropa;

58. huwa favur li iktar nies jingħataw ċans għall-benefiċċju *mill-użu u l-influwenza tat-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT)* fil-qasam tat-tagħlim ta' l-adulti;

59. jenfasizza li hemm ammont sostanzjali ta' evidenza li l-espansjoni mgħaġġla tat-tagħlim elettroniku fl-Ewropa jirriskja li jiġġenera forom ġodda ta' inugwaljanzi soċjali, jiġifieri l-esklużjoni diġitali. Ir-riċerka tissuġġerixxi li filwaqt li l-persuni b'aċċess għall-internet u l-użu sostenut tiegħu għat-tagħlim qed jiżdiedu b'mod ġenerali fis-soċjetà Ewropea, in-numru għadu relattivament baxx fost il-gruppi varji li huma f'riskju;

60. It-terminu "firda diġitali" tindika differenzi kbar u żbilanċ sostanzjali fl-aċċess inugwali għal u l-użu ta' l-ICT bejn il-ġenerazzjonijiet, f'livell ġeografiku u soċjo-ekonomiku, u bejn is-sessi. "Metodi mħallta", il-kwalità ta' l-esperjenzi ta' tagħlim elettroniku, l-ostakoli għall-parteċipazzjoni fit-tagħlim elettroniku eċċ huma kollha aspetti importanti ta' tagħlim ta' l-adulti fl-Ewropa li huwa effiċjenti u effettiv. Il-kwistjoni ewlenija hi li jittieħed vantaġġ mill-opportunitajiet pprovduti mit-teknoloġiji l-ġodda u l-użu ta' faċilitajiet ta' tagħlim lokali u reġjonali u jiġi żgurat li aktar nies igawdu minnhom;

It-titjib tal-monitoraġġ fis-settur tat-tagħlim ta' l-adulti

61. jaċċetta li n-nuqqas ta' possibbiltà li wieħed juri l-benefiċċji tat-tagħlim ta' l-adulti huwa difett importanti f'dan il-qasam u għandu implikazzjonijiet importanti fil-livell personali, soċjali, ekonomiku, ta' politika, ta' riżorsi u strutturali;

62. jikkunsidra li m'huwiex proċess ta' "kaxxa sewda" ta' dħul u ħruġ ta' data u riżultati kwantitattivi iżda aktar impenn kwalitattiv immexxi mir-riċerka u mill-komunikazzjoni li jista' jgħolli l-livell tal-prestiġju u l-valur tat-tagħlim ta' l-adulti fih innifsu fil-mentalitajiet u l-attivitajiet personali, lokali, reġjonali u nazzjonali. It-tfittxija ta' fehmiet komuni, "l-ewwel prinċipji", eċċ. ser jgħinu f'dan il-qasam u l-azzjonijiet indikati fil-komunikazzjoni f'dan ir-rigward huma milqugħa.

Brussell, id-19 ta' Ġunju 2008.

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni
Luc VAN DEN BRANDE

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Il-Clusters u l-Politika tal-Clusters"

(2008/C 257/12)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI JAGĦTI DAWN IR-RAKKOMANDAZZJONIJIET:

— jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex tfassal programm qafas biex tiffaċilità l-kooperazzjoni u n-networking bejn l-amministrazzjonijiet kollha involuti, u biex tħejji linji gwida għall-ħolqien tal-clusters u r-rabta bejniethom– anki dik transkonfinali. Il-kooperazzjoni bejn il-clusters titqies bħala mezz promettenti biex tissaħħaħ il-kapaċità innovattiva ta' l-Ewropa u biex tinġibed l-attenzjoni globali ta' l-investituri u l-innovaturi, u huwa għalhekk li l-kooperazzjoni transkonfinali bejn organizzazzjonijiet fi clusters ma tridx tiġi ristretta biss għall-Ewropa, imma ghandha tkun globali, bil-ħsieb li jinkiseb l-għan finali ta' "clusters ta' livell dinji";

— jidhirlu li għandu jkun hemm qafas strateġiku ġenerali li jiġbor flimkien l-approċċi tal-parteċipanti interessati differenti: l-amministrazzjonijiet pubbliċi, l-universitajiet, iċ-ċentri ta' riċerka u n-negozji, sabiex jiġu implimentati b'mod koordinat it-tliet proċessi msemmija aktar 'il quddiem:

  — sabiex ikun possibbli li jinħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa biex jitħeġġeġ il-ħolqien u l-iżvilupp tal-clusters;

  — sabiex titħeġġeġ l-implimentazzjoni ta' inizjattivi proposti mill-clusters;

  — sabiex jgħaqqad clusters kemm nazzjonali u transkonfinali, sabiex jikkoperaw u jaqsmu l-esperjenzi;

— f'dan il-kuntest, jipproponi li l-ewwel pass biex jiġi żviluppat qafas strateġiku għandu jkun li jinħoloq Grupp Espert ta' Livell Għoli li jistudja l-kwistjoni u jfassal linji gwida għall-inklużjoni u l-armonizzazzjoni ta' kriterji għall-Kunsill u l-Kummissjoni.

Rapporteur: Antonio GONZÁLEZ TEROL (ES/PPE), Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Ewropej, Komunità Ewropea ta' Madrid

RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

filwaqt li l-Kunsill tal-Kompetittività, li ltaqa' fl-4 ta' Diċembru 2006, identifika l-clusters bħala waħda mid-disa' prijoritajiet għal azzjoni ta' innovazzjoni fil-livell Ewropew;

filwaqt li l-Presidenza Slovena talbet lill-Kumitat tar-Reġjuni biex sa l-aħħar ta' Ġunju jfassal opinjoni, sabiex jiġu kkunsidrati l-opinjonijiet tiegħu fil-Komunikazzjoni dwar il-politika tal-clusters li qed tiġi abbozzata mill-Kummissjoni Ewropea (Lulju 2008);

wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew li nżammu fi Brussell fit-13 u l-14 ta' Marzu 2008, li stqarrew li "l-isforzi sabiex jittejbu l–kundizzjonijiet ta' qafas għall-innovazzjoni għandhom ikunu koordinati aħjar, anki permezz ta' rabtiet imtejbin ma' l-industrija tax-xjenza u clusters ta' innovazzjoni ta' klassi dinjija u l-iżvilupp ta' clusters u netwerks reġjonali", u talbu għall-"faċilitazzjoni ta' iktar parteċipazzjoni minn SMEs innovattivi fi clusters u fl-akkwist pubbliku";

Kummenti Ġenerali

1. jitlob il-Presidenza Franċiża li jmiss tkompli tħeġġeġ rapporti, studji u dibattiti politiċi dwar il-clusters, u biex tesplora inizjattivi ġodda li jistgħu jiġu żviluppati bħala parti mill-istrateġija dwar il-politika tal-clusters li qed titfassal mill-Kummissjoni;

2. jagħraf li l-kelma "cluster" tirreferi għal konċentrazzjoni ġeografika ta' kumpaniji speċjalizzati f'settur uniku, li huma marbuta ma' fornituri speċifiċi u intrapriżi oħrajn f'industriji relatati, u li jikkompetu iżda jikkoperaw ukoll ma' xulxin. Dan is-settur jiġbor fih numru kbir ta' industriji, skambju bejn taħlita ta' dixxiplini u attivitajiet. Il-Clusters jkunu ġew żviluppati kompletament meta jkunu kapaċi jisfruttaw l-interdipendenza tagħhom biex jintefgħu fuq negozji kumplimentari, u b'hekk jiġġeneraw sinerġiji li jwasslu għat-tkabbir tas-settur kollu, li minnu jibbenefikaw il-membri kollha tal-cluster. Il-kelma "koopetizzjoni" tintuża biex tiddefinixxi l-istrateġija intraprenditorjali, partikulari għall-clusters, li tgħaqqad il-kompetizzjoni u l-kooperazzjoni, u tkabbar kemm il-kompetittività kemm jista' jkun. Irid ikun hemm fiduċja reċiproka bejn il-membri tal-cluster, u jridu jaqsmu objettivi u prijoritajiet komuni sabiex jiksbu koordinazzjoni sħiħa f'kuntest ta' ħafna livelli;

3. jirrikonoxxi d-dgħjufija ta' l-UE fit-trasformazzjoni ta' ideat fi prodotti u servizzi ġodda, u jirrikonoxxi li jridu jiġu adottati politiki pubbliċi ġodda sabiex jiġi ffaċilitat in-netwerking bejn l-atturi soċjali differenti involuti fil-ħolqien, it-trasmissjoni u l-applikazzjoni ta' l-għerf. B'mod konkret, iridu jiġu żviluppati rabtiet ġodda bejn amministrazzjonijiet pubbliċi, universitajiet, ċentri ta' riċerka u intrapriżi;

4. jidhirlu li l-investiment fir-Riċerka u l-Iżvilupp hu meħtieġ iżda s'issa ma kienx biżżejjed. Sabiex titħeġġeġ l-innovazzjoni fl-Ewropa, hu importanti li ningħaqdu u nindirizzaw l-investiment fir-riċerka lejn oqsma strateġiċi speċifikament;

5. jenfasizza li sempliċiment billi l-intrapriżi jiġu kkonċentrati b'mod ġeografiku ma jwassalx bil-fors għal clusters — jew ekonomiji netwerk, sinerġiji jew kompetittività mtejba. Trid tintlaħaq massa kritika jew kwantità suffiċjenti ta' produzzjoni, li taħtha ma jistax jingħad li jeżistu l-clusters. Iridu jitqiesu ukoll l-aspetti kwantitattivi u l-kundizzjonijiet esterni, partikolarment il-fiduċja reċiproka u relazzjoni b'saħħitha bejn l-intrapriżi, sabiex tkun tista' tittieħed azzjoni konġunta ta' suċċess fuq bażi sostenibbli;

6. huwa tal-fehma li m'hemmx biżżejjed data statistika biex jitkejlu dawn iż-żewġ aspetti, u jissuġġerixxi li l-Osservatorju Ewropew tal-Cluster jagħmel studju dwar il-kondizzjonijiet meħtieġa biex jitqiesu dawn l-aspetti, li jiddeterminaw l-eżistenza ta' cluster; joffri appoġġ, fuq il-bażi ta' l-esperjenza tiegħu u l-prossimità lejn ir-reġjuni;

7. jaqbel li l-clusters huma mexxejja importanti ta' l-innovazzjoni, jikkontribwixxu għall kompetittività u l-iżvilupp sostenibbli ta' l-industrija u s-servizzi, u jmexxu 'l quddiem l-iżvilupp ekonomiku tar-reġjuni billi joħolqu l-ġid u l-impjiegi, u b'hekk jikkontribwixxu għall-koeżjoni territorjali, wieħed mill-objettivi dikjarati ta' l-UE fit-Trattat ta' Lisbona;

8. jaħseb li f'ħafna każijiet, l-awtoritajiet pubbliċi u l-korpi privati għandhom ikunu involuti fit-tħeġġiġ tal-ħolqien ta' clusters u fl-għotja t'għajnuna sabiex jibqgħu fuq quddiem nett fis-setturi tagħhom;

9. is-settur pubbliku jista' wkoll jaqdi rwol sinifikanti biex jiġu indirizzati l-isfidi li jiffaċjaw l-inizjattivi tal-clusters permezz ta':

— assistenza biex jiġi stabbilit l-objettiv u l-monitoraġġ tar-rendiment;

— l-iffaċilitar tal-proċess ta' inizjattiva tal-clusters biż-żmien, waqt li jkun qed jiżviluppa u jimmatura (kif imniżżel fil-punt ta' hawn taħt);

— l-integrazzjoni ta' l-inizjattiva tal-cluster f'aġenda politika usa'.

10. jemmen ukoll li għandu jkun ir-rwol tas-settur pubbliku li joħloq ambjent fejn il-clusters jistgħu joktru, per eżempju billi:

— jiżgura li jkun hemm kapital uman b'ħiliet tajbin ħafna;

— jissemplifika l-proċeduri amministrattivi għall-ħolqien u l-iżvilupp tal-clusters;

— iħeġġeġ l-ħolqien ta' ċentri ta' informazzjoni u ċentri għas-servizzi integrati;

— jappoġġja l-kooperazzjoni bejn il-korpi edukattivi u l-clusters, b'mod partikulari bil-ħolqien ta' ċentri konġunti ta' taħriġ speċjalizzat. Ikun utli kieku kull Stat Membru jkollu għall-inqas ċentru wieħed għal studju u taħriġ speċjalizzat tal-clusters;

— jiżgura d-disponibbiltà ta' strumenti finanzjarji adegwati li jilqgħu l-ħtiġijiet tal-cluster, u jiżgura relazzjonijiet tajbin bejn l-intraprendituri, iċ-ċentri ta' innovazzjoni, l-investituri u s-sorsi ta' ffinanzjar;

— jiffaċilità l-kanali ta' koordinazzjoni kemm ġol-cluster kif ukoll ma' clusters oħrajn, u r-relazzjonijiet bejn il-clusters u l-amministrazzjonijiet pubbliċi;

— iħeġġeġ l-iżvilupp ta' opportunitajiet esterni għall-clusters, jippromovi l-attività internazzjonali tagħhom u jinkoraġixxi l-ħolqien ta' netwerks transkonfinali. Politika pubblika tajba tista' tgħin il-ħolqien ta' immaġini li tiddefinixxi r-reġjun — u l-cluster- sabiex iżżid l-opportunitajiet għal tkabbir estern;

— jippromovi r-Riċerka u l-Iżvilupp u l-innovazzjoni fl-isfera ta' influwenza tiegħu, u jagħti attenzjoni partikulari għall-fatturi ewlenin għat-tnedija u l-iżvilupp ta' inizjattivi innovattivi li, b'żieda ma' dan, ikunu jista' jgħinu biex ikunu ta' lieva għas-settur privat;

— jappoġġja u jżid l-inizjattivi privati, filwaqt li jżomm f'moħħu li t-tliet livelli ta'ammministrazzjoni — dik Komunitarja, nazzjonali u reġjonali –jridu jkunu marbuta ma' xulxin, bir-reġjuni jilgħabu rwol ewlieni fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni ta' politiki ta' appoġġ għall-clusters.

Madankollu, jenfassizza li l-awtoritajiet pubbliċi jridu jevitaw żewġ żbalji importanti:

— għandhom jevitaw li joħolqu clusters mix-xejn fejn dawn ma jeżistux: il-clusters għandhom it-tendenza li jinħolqu b'mod naturali, u jekk jinħolqu b'mod artifiċjali x'aktarx li jintemmu f'falliment;

— għall-istess raġunijiet, għandhom jevitaw li jestendu l-ħajja tal-clusters b'mod artifiċjali meta is-swieq u t-teknoloġiji jkunu ħadulhom posthom;

11. jikkunsidra li sabiex jikkompetu fis-suq globali, il-clusters iridu jibnu netwerk b'saħħtu li jgħaqqad in-negozji, l-universitajiet u l-awtoritajiet pubbliċi, u proċess kontinwu ta' innovazzjoni li jħallihom ikomplu joħolqu sinerġiji ġodda. Dan hu l-uniku mezz biex tiġi żgurata l-vijabbiltà futura tal-clusters. Tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu li għalkemm l-eċċellenza hija karatteristika tal-clusters, mhux il-clusters kollha jistgħu jilħqu l-istess livell ta' żvillup jew skop internazzjonali. L-eċċellenza f'dan il-kuntest tinħoloq gradwalment, wara tul ta' żmien, permezz ta' riżorsi finanzjarji speċifiċi, gvernanza tajba u strutturata, riformi indirizzati lejn is-suq, li jippermettu l-fattur neċessarju tal-mobbiltà (kapital riskjuż u riċerkaturi);

12. jikkunsidra li meta ffaċjat bil-globalizzazzjoni attwali tas-swieq, hu essenzjali li jinħolqu "katini ta' valur globali" (GVC) permezz ta' clusters sabiex itejbu l-koordinazzjoni bejn l-intrapriżi u l-kompetittività globali. Għalkemm l-innovazzjoni hija karatteristika bażika tal-clusters kollha, mhux kollha joperaw fis-setturi high-tech: uħud huma medium- jew low-tech;

13. jinnota li l-clusters huma partikolarment utli għall-SMEs, għaliex jipprovdu kuntest li jħeġġeġ rabtiet ma' l-universitajiet u n-negozji l-kbar, u jippermettilhom jaċċedu netwerks internazzjonali ta' kummerċ;

14. madankollu jwissi li xi pajjiżi u reġjuni huma ffukati żżejjed fuq l-SMEs, u ma jagħtux każ il-fatt li jekk ma jkunx hemm biżżejjed kumpaniji kbar preżenti, l-impatt ekonomiku tal-clusters jista' jkun limitat;

Kontribuzzjoni għall-Aġenda ta' Lisbona

15. fil-preżent jaħseb li l-moviment liberu tal-fatturi ta' produzzjoni u l-ispejjeż għoljin fl-ekonomiji żviluppati jinkoraġġixxu r-rilokazzjoni, li trid tkun iffaċċjata billi s-sistemi ta' produzzjoni jiġu ndirizzati lejn attivitajiet b'aktar valur miżjud, l-iktar attivitajiet li jeħtieġu riċerka u żvilupp intensivi u innovazzjoni;

16. jikkunsidra li l-**Aġenda ta' Lisbona** kienet tweġiba għall-isfidi l-ġodda tal-globalizzazzjoni, bil-għanijiet li ttejjeb il-kapital uman fl-UE, tagħti aktar konsistenza lill-politiki ta' innovazzjoni, toħloq qafas leġislattiv biex tinkoraġixxi dan, tippromovi l-ħolqien u t-tkabbir ta' intrapriżi innovattivi u ttejjeb l-interfaces fis-sistema ta' l-innovazzjoni. Il-kisba ta' dawn l-għanijiet ser jgħinna nimxu lejn soċjetà miftuħa għall-innovazzjoni u l-għerf u, għalhekk, kompetittiva — jekk mhux f'dawk li huma spejjeż allura f'dak li għandu x'jaqsam ma' valur miżjud;

17. jenfasizza li, sabiex ir-reġjuni jkunu aktar kompetittivi, hu importanti li jissaħħu dawk is-setturi li għandhom kapital intensiv, li huma innovattivi, b'riżorsi umani ferm speċjalizzati;

18. jinnota li hemm nuqqas ta' nfiq privat fuq r-riċerka u l-iżvilupp fl-Ewropa; iżda jidhirlu li m'hemmx raġuni li jiżdied l-infiq pubbliku fir-riċerka u l-iżvilupp jekk l-intrapriżi nfushom ma jaddottawx dawn il-miri u jmexxu 'l quddiem l-inizjattivi meħtieġa. Madankollu, huwa importanti li l-infiq pubbliku nazzjonali fuq ir-riċerka u l-iżvilupp ikun f'livell għoli biżżejjed biex ikun effettiv. Dan hu l-uniku mezz biex, permezz tar-riċerka u l-innovazzjoni, dan l-infiq ikun indirizzat lejn is-suq. L-infiq pubbliku fir-riċerka u l-iżvilupp għandu jkun ta' lieva għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni privata sabiex ikabbru b'mod sostanzjali l-persentaġġ tal-PGD ddedikat lilha mir-reġjuni Ewropej. Hemm erba' oqsma ewlenin ta' azzjoni biex dan jinkiseb:

— jitheġġeġ l-**iżvilupp tal-clusters** jew konglomerati ta' negozji u istituzzjonijiet pubbliċi madwar attivitajiet ferm innovattivi;

— tingħata spinta lill-ħolqien ta' postijiet xierqa għal dawn l-attivitajiet, fejn l-għerf (universitajiet) u n-negozji (intrapriżi) jimxu flimkien: **parks** tax-xjenza u t-teknoloġija;

— jinħolqu strumenti, finanzjarji u oħrajn, li jappoġġjaw **il-ħolqien ta' negozji innovattivi ġodda**;

— jitheġġeġ in-netwerking bejn ċentri differenti ta' l-għerf u tar-riċerka u żvilupp u ta' l-innovazzjoni, jiġu promossi forums għall-iskambju ta' l-għerf, u tingħata spinta lill-ħolqien ta' netwerks ta' reġjuni li jisbqu fl-innovazzjoni;

L-iżvilupp tad-dimensjoni Komunitarja

19. jilqa' l-iżviluppi promossi mill-Kummissjoni Ewropea permezz ta' numru ta' programmi u netwerks li wasslu għal progress veru fit-tfassil u t-twaqqif ta' clusters, li ppermettew skambju ta' esperjenzi;

20. ma jiddubitax l-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea għall-iżvilupp ta' clusters ġodda u mtejba fl-livell nazzjonali jew reġjonali; madankollu jaħseb li tinħtieġ informazzjoni dwar l-identifikazzjoni u l-iżvilupp ta' prattiki tajba, u għal ċentri biex jagħrfu dawk l-għodda li jistgħu jintużaw jew jiġu kkonsultati sistematikament, u li għandhom ikunu mill-ewwel disponibbli għall-operaturi; Jinnota li f'dan ir-rigward li l-Kumitat bħalissa nieda studju dwar "Il-Clusters u l-politika tal-Clustering: gwida għal min ifassal il-politika Lokali u Reġjonali";

21. madankollu, jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex tfassal programm qafas biex tiffaċilità l-kooperazzjoni u n-netwerking bejn l-amministrazzjonijiet kollha involuti, u biex thejji linji gwida għall-ħolqien u l-irbit flimkien tal-clusters — inkluż lil hinn mill-konfini tagħhom. Il-kooperazzjoni bejn il-clusters titqies bħala mezz effikaċi biex tissaħħaħ l-kapaċità innovattiva ta' l-Ewropa u biex tinġibed l-attenzjoni globali minn investituri u innovaturi, u huwa għalhekk li l-kooperazzjoni transkonfinali bejn organizzazzjonijiet fi clusters ma tridx tiġi ristretta biss għall-Ewropa, imma għandha tkun globali, bil-ħsieb li jinkiseb l-għan finali ta' "clusters ta' livell dinji";

22. jikkunsidra li l-kooperazzjoni bejn il-clusters hi ta' interess vitali għall-SMEs: prinċipalment din tiffaċilità l-informazzjoni, l-iskambji tekniċi u l-possibbiltà ta' skambju tar-riżorsi tar-riċerka ta' l-infrastruttura u l-produzzjoni;

23. jinnota li hemm diskrepanza bejn ir-rieda ta' ħafna clusters li jiżviluppaw in-negozji tagħhom fir-reġjuni jew fil-pajjiżi tagħhom, u l-opportunitajiet kbar offruti bl-iskambju ta' informazzjoni u ta' l-aħjar prattiki ma' clusters ġirien minn Stati oħra;

24. iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tneħħi l-ostakoli kollha għall-kummerċ u l-investiment fl-Ewropa. It-twettiq sħiħ tas-suq intern hu mezz ewlieni kif jinfetħu s-swieq għall-kompetizzjoni;

25. jinnota li l-ostakoli għall-kummerċ, flimkien ma' leġislazzjoni diffferenzjata, protezzjoni soċjali, sistemi amministrattivi u fiskali, jistgħu jkunu ta' xkiel sinifikanti għall-kooperazzjoni transkonfinali. Fl-aħħarnett, l-ostakoli lingwistiċi jfissru ukoll li l-clusters ġeneralment jirnexxielhom jimmaniġjaw u jwettqu l-attivitajiet tagħhom ġewwa l-fruntieri ta' pajjiżhom stess, u b'hekk jillimitaw ir-rabtiet internazzjonali tagħhom;

Rakkomandazzjonijiet tal-KtR

26. jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea tirranġa n-natura frammentarja tal-miżuri ddedikati għall-promozzjoni tal-cluster fl-UE u jikkunsidra li dawn għandhom jinġabru taħt linja waħda ta' azzjoni speċifika biex jiġu promossi l-clusters u jingħata appoġġ lill-kooperazzjoni bejn il-clusters;

27. Meta jitqies ir-rwol dejjem akbar li l-Kummissjoni qed tafda f'idejn l-awtoritajiet reġjonali fil-promozzjoni, il-koordinament u l-valorizzar ta' l-inizjattivi ta' clustering (COM/2007/0474 finali — Reġjuni Ewropej Kompetittivi Permezz tar-Riċerka u l-Innovazzjoni) il-KtR jemmen li għandha tkun il-Kummissjoni nnifisha li tagħti garanzija lir-Reġjuni li l-inizzjattivi li hi tmexxi b'mod dirett f'dik li hi riċerka u innovazzjoni jingħataw aktar viżibbiltà (prinċipalment is-Seba' Programm ta' Qafas u Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP)). Dan ifisser kemm interazzjoni xierqa fil-fażi ta' impostazzjoni tal-programmi annwali kif ukoll viżibbiltà akbar u f'waqtha għall-inizjattivi ffinanzjati. Għandha tingħata wkoll attenzjoni partikulari sabiex tiġi żgurata interazzjoni tajba ma' l-aġenziji awtonomi maħluqa mill-Kummissjoni fil-qasam tar-Riċerka u l-Innovazzjoni flimkien mal-JTI (Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti).

28. jitlob għall-adozzjoni u l-armonizzazzjoni ta’ kriterji biex il-clusters jingħataw spinta fil-livell Ewropew, li l-KtR jemmen li tkun żieda ewlenija għall-politiki ta’ kooperazzjoni eżistenti fil-livelli kollha, sabiex jinħoloq **approċċ uniku strutturat** aktar milli approċċ parzjali meħud mill-inizjattivi differenti ta’ cluster Ewropej li attwalment jeżistu f'numru ta’ oqsma differenti (ir-riċerka u l-iżvilupp, il-politika ta’ kooperazzjoni interreġjonali, is-segwitu tat-teknoloġija/kompetizzjoni, l-appoġġ għall-iffinanzjar ta’ proġetti, eċċ.);



29. jenfassiza li l-miżuri kollha mħeġġa minn dan l-approċċ li jiġbor kollox għandhom jiffukaw fuq it-tkabbir u l-kompetittività, u fuq oqsma prijoritarji ta’ azzjoni li jridu jmorru lil hinn minn sempliċi skambju ta’ esperjenzi u informazzjoni biex jinkludu proġetti u inizjattivi konġunti, skambji bejn il-proġetti ta’ persunal u benefiċjarji, l-iżvilupp ta’ netwerks Komunitarji u istituzzjonijiet, eċċ.;

Għal dan il-għan,jipproponi:

1. L-IMPLIMENTAZZJONI TA’ **QAFAS STRATEĠIKU KOMUNI** GĦALL-CLUSTERS

jikkunsidra li għandu jkun hemm **qafas strateġiku ġenerali** li jiġbor flimkien l-approċċi tal-parteċipanti interessati differenti: l-amministrazzjonijiet pubbliċi, l-universitajiet, iċ-ċentri ta’ riċerka u n-negozji, sabiex jiġu implimentati b'mod koordinat it-tliet proċessi msemmija aktar ’il quddiem:

— sabiex ikun possibbli li jinħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa biex jitħeġġeġ il-ħolqien u l-iżvilupp tal-clusters;

— sabiex titħeġġeġ l-implimentazzjoni ta’ inizjattivi proposti mill-clusters;

— sabiex jgħaqqad clusters kemm nazzjonali u lil hinn mill-fruntieri, sabiex jikkoperaw u jaqsmu l-esperjenzi;

f'dan il-kuntest, jipproponi li l-ewwel pass biex jiġi żviluppat qafas strateġiku għandu jkun li jinħoloq Grupp Espert ta’ Livell Għoli li jistudja l-kwistjoni u jfassal linji gwida għall-inklużjoni u l-armonizzazzjoni ta’ kriterji għall-Kunsill u l-Kummissjoni. Il-grupp għandu jkun kompletament indipendenti u ppresedut minn xi ħadd b'fama Ewropea fil-qasam. Għandu jinkludi rappreżentanti tal-korpi u l-oqsma kollha involuti: politiki, amministrazzjonijiet (b'mod partikulari dawk reġjonali), negozji b'esperjenza fil-ġestjoni tal-clusters, universitajiet, korpi finanzjarji u korpi oħrajn li jistgħu joffru fondi (netwerks ta’ business angels, fondi għal kapital riskjuż, eċċ.).

jemmen li dan il-qafas strateġiku jkun jibbenefika minn inizjattivi ta’ clusters differenti li diġà jeżistu f'oqsma speċifiċi, u jqarribhom lejn xulxin, u b'hekk joħloq linji ta’ azzjoni li jiffaċilitaw il-proċessi involuti fl-iżvilupp tal-clusters:

FAŻI TA’ INKUBAZZJONI

— il-ħolqien ta’ kundizzjonijiet ambjentali meħtieġa għall-iżvilupp;

— il-forniment ta’ għajnuna finanzjarja li li tagħmilha aktar faċli li tinħoloq konnessjoni bejn intrapriżi żgħar u kbar fl-istess żona u tisfrutta sinerġiji potenzjali;

— l-involviment ta’ intrapriżi “mexxejja”;

— ir-relazzjonijiet maċ-ċentri ta’ riċerka fis-settur;

FAŻI TAT-TLUQ

— l-iżvilupp ta' relazzjonijiet ta' fiduċja;

— l-irbit flimkien ta' negozji minn clusters differenti sabiex jinħolqu meta-clusters transkonfinali;

— il-ħolqien ta' struttura organizzattiva proprja u immaġni li tiddefinixxi l-marka;

— l-iżvilupp ta' aġenda ta' kooperazzjoni strateġika;

FAŻI TA' TKABBIR

— il-ħolqien u l-iżvilupp ta' proġetti proprji;

— l-inklużjoni ta' clusters fil-pjattaformi teknoloġiċi Ewropej;

— alleanzi bejn il-clusters, pjattaforma ta' kooperazzjoni interreġjonali;

— disseminazzjoni ta' riżultati ta' kooperazzjoni bejn il-clusters, li jiżguraw li r-riżultati tal-proġett jaslu f'reġjuni oħra;

— prodotti ġodda bħala riżultat ta' inizjattivi konġunti;

FAŻI TA' MATURITÀ

— brevetti u innovazzjonijiet proprji;

— jitfaċċaw sub-clusters kummerċjali;

— sħubijiet strateġiċi għall-iżvilupp ekonomiku;

— l-attrazzjoni ta' investiment ġdid għar-reġjun;

2. **INIZJATTIVI TA' PROMOZZJONI** TAL-ĦOLQIEN TA' QAFAS STRATEĠIKU LI JAGĦTI KREDIBBILTÀ LILL-PROĊESS

Jirrikonoxxi li l-**kooperazzjoni bejn l-intrapriżi** fi clusters għandha titħeġġeġ biex b'hekk jitħeġġeġ il-ħolqien ta' netwerk ta' l-ewwel livell ta' netwerks tal-clusters li jippermettilhom jaqsmu s-servizzi u l-aħjar prattiki fil-livell Ewropew u globali,, pereżempju permezz ta':

— żvilupp u twettiq ta' għodod ta' kooperazzjoni sabiex jinqasam l-għarfien miksub mill-clusters reġjonali;

— il-promozzjoni ta' avvenimenti/laqgħat/match-days flimkien ma' l-atturi differenti, b'mod partikulari l-intrapriżi, fi clusters differenti;

— l-abbozzar ta' rapport ta' attività annwali konġunt għall-clusters kollha Ewropej;

— il-promozzjoni ta' l-iżvilupp ta' servizzi komuni fl-oqsma tat-taħriġ, l-informazzjoni, eċċ.;

jenfasizza li huwa strumentali li l-amministrazzjonijiet pubbliċi jheġġu **proġetti ta' talba bikrija** billi:

— jintrabtu flimkien l-osservatorji u l-korpi ta' segwitu tat-teknoloġija f'reġjuni differenti bil-ħolqien ta' sistema Ewropea li ssegwi r-riċerka u l-innovazzjoni industrijali, u t-titjib ta' informazzjoni dwar il-kapital intellettwali, sabiex jiġu antiċipati s-soluzzjonijiet possibbli min-naħa tal-provvista u tat-teknoloġiji ta' valur miżjud;

— titħeġġeġ il-kooperazzjoni mal-pjattaformi Ewropej tat-teknoloġija;

— jiġu implimentati proġetti konġunti pubbliċi bejn ħafna reġjuni (speċifiki u proċessi ta' akkwist komuni);

— jiġu promossi regolamenti komuni f'oqsma differenti biex jitħeġġeġ jew jiġi antiċipat l-iżvilupp ta' teknoloġiji innovattivi;

isostni li hu essenzjali li tinġabar l-informazzjoni eżistenti fi **Pjattaforma unika ta' Informazzjoni Ewropea dwar il-Clusters (INFOCLUSTER)** u jiġu nklużi elementi li huma utli għall-intrapriżi u fil-preżent huma koperti parzjalment biss; f'dan il-kuntest, iqis li l-aktar korp xieraq biex jaqdi r-rwol ta' pjattaforma ta' informazzjoni jkun l-Osservatorju Ewropew tal-Clusters:

— sistema ta' informazzjoni reġjonali li tniżżel il-firxa attwali ta' l-infrastrutturi u ċ-ċentri ta' riċerka, l-attività ta' l-intrapriżi fir-Riċerka u l-Iżvilupp u l-innovazzjoni, l-universitajiet u l-korpi l-oħrajn, l-oqsma ta' riċerka promossi, il-kuntatti tekniċi u l-politiċi ewlenin, eċċ. Dan ir-riżors jiffaċilità in-netwerking bejn iċ-ċentri ta' l-għerf u l-clusters. Tista' titmexxa mill-Kummissjoni Ewropea b'kooperazzjon mal-KtR, li jista' jipprovdi l-kuntatti mar-reġjuni u l-clusters eżistenti f'livell reġjonali;

— barometru dinamiku tal-kompetizzjoni Ewropea fejn kull cluster jista' jitqabbel ma' oħrajn simili, u jsib il-pożizzjoni tiegħu fir-rigward tal-kompetizzjoni;

— mappa tal-politika tal-clusters li turi l-politiki nazzjonali u reġjonali f'kull żona ġeografika, fl-oqsma kollha (l-iffinianzjar tar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjojni, strumenti ta' appoġġ finanzjarju, programmi ta' taħriġ u ta' skambju, eċċ) għall-iskambju ta' l-informazzjoni;

— rapporti differenti dwar l-aħjar prattiki għall-iskambju ta' l-għerf applikati mill-intrapriżi jew mill-clusters;

jaħseb li huwa neċessarju li tiġi promossa l-**kooperazzjoni bejn strumenti finanzjarji għall-innovazzjoni** (kapital/dejn/għajnuna diretta) fir-reġjuni jew il-pajjiżi, sabiex jiġi ffaċilitat l-investiment fi proġetti kbar li jinvolvu ħafna reġjuni minn pajjiżi differenti Ewropej permezz tal-clusters, li jistgħu jibbenefikaw minn aktar effett ta' lieva minn fondi Ewropej bħall-EIB u l-EIF;

jemmen li hu possibbli li l-clusters **jaqsmu riżorsi u servizzi** sabiex ikollhom aċċess konġunt għal servizzi ta’ kwalità ogħla:

— skambju speċjalizzat ta’ impjiegi u programmi għall-skambji ta’ riċerkaturi u taħriġ fis-settur privat;

— mobbiltà ta’ intrapriżi li jaqsmu l-faċilitajiet u s-servizzi ta’ inkubatur;

— skambju ta’ ħiliet tekniċi, strutturi ta’ riċerka u faċilitajiet ta’ produzzjoni sabiex jinkisbu l-ekonomiji ta’ skala u skop;

— sistema Ewropea ta’ segwitu ta’ riċerka, innovazzjoni industrijali u informazzjoni aħjar dwar il-kapital intellettwali;

3. **MIŻURI TA’ REVIŻJONI** *EX-ANTE*, *EX-DURANTE* U *EX-POST* BIEX ISERVU TA’ GWIDA GĦAL INIZJATTIVI FUTURI

jikkunsidra li r-reviżjoni hi mezz ta’ riċerka li tista’ tuża tekniċi speċifiċi u twieġeb mistoqsijiet bħal: Inqdew il-ħtiġijiet tal-clusters? Tfasslet u ġiet implimentata tajjeb politika adegwata? Ser ikollha l-effett mixtieq? L-objettivi mhux milħuqa jistgħu jerġgħu jiġu eżaminati mill-ġdid? Tista’ tiżdied l-effettività tal-politika?

iqis ir-reviżjoni bħala għodda li għandha tintuża matul il-proċess kollu ta’ implimentazzjoni u li, fost benefiċċji oħra, għandha tkabbar il-kredibbiltà tal-politika tal-clusters.

Brussell, id-19 ta’ Ġunju 2008.

Il-President

tal-Kumitat tar-Reġjuni

Luc VAN DEN BRANDE

NOTA LILL-QARREJ

L-istituzzjonijiet iddeċidew li ma jikkwotawx aktar fit-testi tagħhom l-aħħar emenda ta' l-atti kkwotati.

Sakemm mhux indikat mod ieħor, l-atti mmsemija fit-testi ppubblikati hawn jirreferu għall-atti li bħalissa huma fis-seħħ.